IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2017
COM(2016) 864 final

2016/0380 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku

(riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 410}
{SWD(2016) 411}
{SWD(2016) 412}
{SWD(2016) 413}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Kuntest tal-Politika

Iċ-ċittadini Ewropej jonfqu parti sinifikanti tad-dħul tagħhom fuq l-enerġija, u l-enerġija hija fattur produttiv importanti fl-industrija Ewropea. Fl-istess ħin, is-settur tal-enerġija jaqdi rwol ewlieni fl-obbligu li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni b'mill-inqas 40 % sal-2030, b'sehem mistenni ta' enerġija rinnovabbli ta' 50 % sal-2030.

Il-proposti għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku, ir-Regolament dwar is-suq tal-elettriku u r-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija huma parti mill-pakkett usa' ta' inizjattivi tal-Kummissjoni ("Enerġija nadifa għall-Ewropej kollha"). Il-Pakkett hu magħmul mill-proposti ewlenin tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija, kif previst fil-Pjan Direzzjonali tal-Unjoni tal-Enerġija[1]. Jinkludi kemm proposti leġiżlattivi kif ukoll inizjattivi mhux leġiżlattivi għall-ħolqien ta' qafas ta' abilitazzjoni li jwassal u li joħloq benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini, kif ukoll impjiegi, tkabbir u investimenti, filwaqt li jikkontribwixxi għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Għalhekk, il-prijoritajiet ewlenin għall-pakkett huma qabel kollox l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-pożizzjoni ta' tmexxija globali tal-UE fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, u trattament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija.

Kemm il-Kunsill Ewropew[2] kif ukoll il-Parlament Ewropew[3] enfasizzaw ripetutament li suq tal-enerġija integrat li jaħdem sew huwa l-aqwa għodda biex jiġu garantiti prezzijiet tal-enerġija affordabbli u provvisti tal-enerġija sikuri, u biex ikunu jistgħu jseħħu l-integrazzjoni u l-iżvilupp ta' volumi akbar ta' elettriku prodotti minn sorsi rinnovabbli b'mod kosteffikaċi. Prezzijiet kompetittivi huma essenzjali għall-ksib tat-tkabbir u tal-benesseri tal-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant jinsabu fil-qalba tal-politika tal-UE dwar l-enerġija. Id-disinn attwali tas-suq tal-elettriku huwa bbażat fuq ir-regoli tat-"Tielet Pakkett dwar l-Enerġija[4]", li ġie adottat fl-2009. Dawn ir-regoli ġew sussegwentement ikkomplementati

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Bank Ewropew għall-Investiment: Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem COM/2015/080 final.

[2] Ir-Riżultati tat-3429 Laqgħa tal-Kunsill, Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija, is-26 ta' Novembru 2015 14632/15, Ir-Riżultati tat-3472 Laqgħa tal-Kunsill, Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija, is-6 ta' Ġunju 2016 9736/16.

[3] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2016 dwar Lejn Disinn Ġdid tas-Suq tal-Enerġija (P8_T A(2016) 0333).

[4] Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE, ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55-93 (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar l-Elettriku"); Ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003, ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15-35 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar l-Elettriku"); Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija. ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1-14 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar l-ACER"),

b'leġiżlazzjoni kontra l-abbużi tas-suq[5] u b'leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni dwar il-kummerċ tal-elettriku u r-regoli dwar l-operat tal-grilja[6]. Is-suq intern tal-enerġija tal-UE huwa mibni fuq prinċipji stabbiliti sew, bħad-dritt ta' aċċess ta' partijiet terzi għal grilji elettriċi, għażla ħielsa ta' fornituri għall-konsumaturi, regoli sodi rigward id-diżaggregazzjoni, it-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ transkonfinali, sorveljanza tas-swieq minn regolaturi indipendenti tal-enerġija u kooperazzjoni fl-UE kollha bejn ir-regolaturi u l-operaturi tal-grilji fi ħdan l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u n-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni (ENTSO).

It-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija ġab miegħu progress tanġibbli għall-konsumaturi. Wassal għal likwidità akbar fis-swieq Ewropej tal-elettriku u żied il-kummerċ transkonfinali b'mod sinifikanti. Il-konsumaturi f'ħafna Stati Membri issa jistgħu jgawdu minn għażla akbar. Iż-żieda fil-kompetizzjoni, b'mod partikolari fis-swieq tal-operaturi, għenet biex il-prezzijiet stabbiliti mill-operaturi jinżammu taħt kontroll. Drittijiet ġodda tal-konsumaturi li ġew stabbiliti bit-tielet pakkett dwar l-enerġija tejbu b'mod evidenti l-pożizzjoni tal-konsumaturi fis-swieq tal-enerġija.

Żviluppi ġodda wasslu għal bidliet fundamentali fis-swieq Ewropej tal-elettriku. Is-sehem tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES-E) żdied b'mod qawwi. Din il-bidla lejn l-RES-E mistennija tkompli, billi hija kundizzjoni ewlenija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. In-natura fiżika tal-RES-E, li hija aktar varjabbli, inqas prevedibbli u deċentralizzata meta mqabbla mal-ġenerazzjoni tradizzjonali, teħtieġ adattament tar-regoli tas-suq u tal-operat tal-grilja għan-natura aktar flessibbli tas-suq. B'mod parallel, l-interventi tal-istat, li ta' spiss jiġu mfassla b'mod mhux ikkoordinat, wasslu għal distorsjonijiet fis-swieq tal-operaturi tal-elettriku, b'konsegwenzi negattivi fuq l-investimenti u l-kummerċ transkonfinali[7]. Qed isiru wkoll bidliet sinifikanti mil-lat teknoloġiku. Il-kummerċ fl-elettriku jsir kważi fl-Ewropa kollha, permezz tal-hekk imsejjaħ "akkoppjament tas-swieq", li huwa organizzat b'mod konġunt

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1-16; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar ir-rappurtar tad-dejta li jimplimenta l-Artikolu 8(2) u 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 363, 18.12.2014, p. 121-142.

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1-16; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 dwar is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni ta' data fis-swieq tal-elettriku u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 163, 15.6.2013, p. 1-12; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni, ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24-72; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja, ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1-68; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk dwar il-Konnessjoni tad-Domanda, ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10-54; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1447 tas-26 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni mal-grilja ta' sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli u ta' moduli ta' parks tal-enerġija konnessi b'kurrent dirett, ĠU L 241, 8.9.2016, p. 1-65; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità, ĠU L 259, 27.9.2016, p. 42-68; Linji Gwida oħra u kodiċijiet tan-netwerk oħra ngħataw l-approvazzjoni tal-Istati Membri u qed jistennew li jiġu adottati.

[7] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Inwasslu s-suq intern tal-elettriku u niġbdu l-akbar profitt mill-intervent pubbliku", C(2013) 7243 final tal-5.11.2013.

mill-operaturi tas-swieq spot tal-kambju tal-enerġija u mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni. Id-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp rapidu ta' soluzzjonijiet ta' metraġġ u ta' kummerċ ibbażati fuq l-internet jippermettu lill-industrija, lin-negozji u saħansitra lill-unitajiet domestiċi jiġġeneraw u jaħżnu l-elettriku, kif ukoll jieħdu sehem fis-swieq tal-elettriku permezz tal-hekk imsejħa soluzzjonijiet ta' "rispons fin-naħa tad-domanda". Fl-għaxar snin li ġejjin, is-suq tal-elettriku se jkun ikkaratterizzat minn produzzjoni tal-elettriku aktar varjabbli u deċentralizzata, minn interdipendenza akbar bejn l-Istati Membri u minn opportunitajiet teknoloġiċi ġodda li permezz tagħhom il-konsumaturi jistgħu jiffrankaw fuq il-kontijiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fis-swieq tal-elettriku permezz tar-rispons fin-naħa tad-domanda, l-awtokonsum jew il-ħżin.

B'hekk, l-inizjattiva preżenti għad-disinn tas-suq tal-elettriku attwali għandha l-għan li tadatta r-regoli attwali tas-suq għal realtajiet ġodda tas-suq, billi tippermetti li l-elettriku jiċċaqlaq b'mod liberu lejn kull fejn u kull meta jkun meħtieġ l-aktar permezz ta' sinjali ta' prezzijiet mhux imxekkla, filwaqt li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi, taħsad l-aqwa benefiċċji għas-soċjetà mill-kompetizzjoni transkonfinali u tipprovdi s-sinjali u l-inċentivi t-tajbin biex tixpruna l-investimenti meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tagħna tal-enerġija. Din se tagħti wkoll prijorità lil soluzzjonijiet ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u se tikkontribwixxi lejn l-għan li l-UE ssir mexxejja dinjija fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, biex b'hekk issir kontribuzzjoni lejn il-mira tal-Unjoni li jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir u li jiġi attirat l-investimenti.

L-adattament tar-regoli tas-suq

Ir-regoli eżistenti tas-suq huma bbażati fuq it-teknoloġiji predominanti tal-ġenerazzjoni ta' dawn l-aħħar għaxar snin, jiġifieri impjanti tal-enerġija fuq skala kbira u ċentralizzati bbażati fuq il-karburanti fossili b'parteċipazzjoni limitata min-naħa tal-konsumaturi. Billi RES-E varjabbli se jkollhom rwol dejjem akbar fit-taħlita tas-sorsi tal-ġenerazzjoni fil-futur, u billi l-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, jeħtieġ li r-regoli jiġu adattati. Swieq tal-elettriku tul perjodu qasir li jippermettu l-kummerċ ta' RES-E bejn il-fruntieri huma essenzjali għall-integrazzjoni b'suċċess ta' RES-E fis-suq. Dan huwa minħabba li l-biċċa l-kbira tal-ġenerazzjoni minn sorsi rinnovabbli tista' tiġi prevista b'mod preċiż biss ftit qabel il-produzzjoni proprja (minħabba inċertezzi relatati mat-temp). Il-ħolqien ta' swieq li jippermettu l-parteċipazzjoni fl-aħħar mument qabel il-kunsinna proprja (l-hekk imsejħa swieq "ta' dakinhar" jew "tal-ibbilanċjar") huwa pass kruċjali li permezz tiegħu il-produtturi ta' RES-E jistgħu jbigħu l-enerġija tagħhom f'kundizzjonijiet ġusti, u se jżid ukoll l-likwidità fis-suq. Swieq tal-elettriku tul perjodu qasir se jipprovdu opportunitajiet ġodda ta' negozju biex il-parteċipanti jkunu jistgħu joffru soluzzjonijiet enerġetiċi ta' "riżerva" fi żminijiet ta' domanda għolja u meta l-ġenerazzjoni rinnovabbli tkun skarsa. Dan jinkludi l-possibbiltà li l-konsumaturi jaqilbu d-domanda ("rispons fin-naħa tad-domanda"), l-operaturi tal-ħżin jew il-ġeneraturi flessibbli tagħhom. Minkejja li l-indirizzar tal-varjabbiltà f'reġjuni żgħar jista' jinvolvi spejjeż kbar, l-aggregazzjoni ta' produzzjoni varjabbli fuq żoni akbar tista' tgħin lill-konsumaturi jiffrankaw ammonti sinifikanti ta' flus. Madankollu, swieq tal-elettriku integrati tul perjodu qasir għadhom nieqsa.

In-nuqqasijiet tal-arranġamenti attwali tas-suq inaqqsu l-attrattività tas-settur tal-enerġija għal investimenti ġodda. Sistema tal-enerġija interkonnessa b'mod adegwat u bbażata fuq is-suq fejn il-prezzijiet isegwu s-sinjali tas-suq tistimola l-investimenti meħtieġa fil-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni b'mod effettiv u tiżgura li dawn isiru fejn huma l-aktar meħtieġa mis-suq, biex b'hekk jonqos il-bżonn għal investimenti ppjanati mill-istat.

Ir-regoli tas-suq nazzjonali (eż. limiti massimi fuq il-prezzijiet) u l-interventi mill-Istat bħalissa jipprojbixxu l-prezzijiet milli jirriflettu perjodi meta l-elettriku huwa skars. Barra minn hekk, jekk ma jiġux konfigurati sew u minflok isegwu l-fruntieri politiċi, iż-żoni tal-prezzijiet mhux dejjem jirriflettu l-iskarsezza reali. Id-disinn ġdid tas-suq għandu l-għan li jtejjeb is-sinjali tal-prezzijiet bl-għan li l-investimenti jingħataw spinta fl-oqsma fejn huma l-aktar meħtieġa, filwaqt li jirrifletti l-limitazzjonijiet tal-grilja u ċ-ċentri tad-domanda, aktar milli l-fruntieri nazzjonali. Is-sinjali tal-prezzijiet għandhom jippermettu wkoll li jkun hemm remunerazzjoni xierqa ta' riżorsi flessibbli (inklużi r-rispons fin-naħa tad-domanda u l-ħżin), billi dawn ir-riżorsi jiddependu fuq benefiċċji għal perijodi iqsar ta' żmien (eż. impjanti moderni tal-gass li jintużaw biss għall-ħinijiet l-aktar intensivi jew it-tnaqqis tad-domanda industrijali f'ħinijiet ta' domanda massima jew meta s-sistema tkun taħt stress). Sinjali tal-prezzijiet effettivi jiżguraw ukoll il-konsenja effiċjenti ta' assi ta' ġenerazzjoni eżistenti. Għaldaqstant huwa kruċjali li jsir rieżami ta' kwalunkwe regoli eżistenti li jfixklu l-formazzjoni tal-prezzijiet (bħal pereżempju regoli li jagħtu prijorità lill-konsenja ta' ċerti installazzjonijiet) sabiex il-potenzjal ta' flessibbiltà li taf toffri n-naħa tad-domanda jintlaħaq u jiġi attivat b'mod sħiħ.

Inqiegħdu lill-konsumaturi fil-qalba tas-suq tal-enerġija

L-integrazzjoni sħiħa tal-konsumaturi industrijali, kummerċjali u residenzjali fis-sistema tal-enerġija tista' tevita spejjeż sinifikanti għal ġenerazzjoni ta' "riżerva"; spejjeż li kieku jispiċċaw iħallsu l-konsumaturi. Tippermetti wkoll lill-konsumaturi jibbenefikaw minn fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet, u li jagħmlu l-flus billi jipparteċipaw fis-suq. Għalhekk, l-attivazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-konsumaturi hija prerekwiżit għall-ġestjoni b'suċċess u b'mod kosteffikaċi tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

It-twettiq ta' patt ġdid għall-konsumaturi tal-enerġija huwa impenn ewlieni tal-Unjoni tal-Enerġija. Madankollu, ir-regoli attwali tas-suq ħafna drabi ma jippermettux li l-konsumaturi jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet ġodda. Għalkemm il-konsumaturi jistgħu jiġġeneraw u jaħżnu l-elettriku kif ukoll jimmaniġġjaw il-konsum tagħhom tal-enerġija b'mod aktar faċli minn qatt qabel, id-disinn attwali tas-suq tal-konsumaturi jipprekludihom milli jibbenefikaw b'mod sħiħ minn opportunitajiet ta' dan it-tip.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-konsumaturi għandhom ftit jew l-ebda inċentiv biex jibdlu l-konsum tagħhom bħala reazzjoni għal ċaqliq fil-prezzijiet fis-swieq, minħabba li s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali ma jiġux mgħoddija lill-konsumaturi finali. Il-pakkett tad-disinn tas-suq huwa opportunità biex jinkisbu riżultati b'rabta ma' dan l-impenn. Sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali aktar trasparenti se jistimolaw il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, jew individwalment jew permezz ta' aggregazzjoni, u jgħammru s-sistema tal-elettriku bi flessibbiltà akbar, biex b'hekk jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Apparti li joffru potenzjal kbir ta' ffrankar tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi, l-iżviluppi teknoloġiċi jfissru li t-tagħmir u s-sistemi, bħal tagħmir elettroniku intelliġenti, vetturi elettriċi, it-tisħin elettriku, l-arja kundizzjonata u pompi tas-sħana f'binjiet b'iżolament u t-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jistgħu jsegwu l-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet b'mod awtomatiku u, fuq skala kbira, joffru kontribut sinifikanti u flessibbli lill-grilja elettrika. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet ġodda f'livell finanzjarju, dawn għandu jkollhom aċċess għal sistemi intelliġenti adatti għall-iskop tagħhom, kif ukoll kuntratti ta' provvista tal-elettriku bi prezzijiet dinamiċi marbuta mas-suq spot. Apparti l-aġġustament, min-naħa tal-konsumaturi, tal-konsum tagħhom biex jaqbel mas-sinjali tal-prezzijiet, qed jinħolqu servizzi oħra tad-domanda li bis-saħħa tagħhom atturi ġodda fis-suq qed joffru li jimmaniġġjaw il-konsum tal-elettriku ta' għadd ta' konsumaturi billi jħallsuhom kumpens għall-flessibbiltà tagħhom. Għalkemm dawn is-servizzi diġà qed jiġu mħeġġa bħala parti mill-implimentazzjpni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, l-evidenza tindika

li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux effettivi fit-tneħħija tal-ostakli tas-suq primarju li jipprojbixxu lil dawk il-fornituri ta' servizzi milli jidħlu fis-suq. Jeħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu rfinati sabiex jiġi mħeġġa aktar servizzi ġodda ta' dan it-tip.

F'bosta Stati Membri, il-prezzijiet tal-elettriku ma jsegwux id-domanda u l-provvista, iżda huma rregolati mill-awtoritajiet pubbliċi. Ir-regolazzjoni tal-prezzijiet tista' tillimita l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva, u tiskoraġġixxi l-investimenti u l-introduzzjoni ta' atturi ġodda fis-suq. Għalhekk, fil-Qafas Strateġiku tagħha għal Unjoni tal-Enerġija[8], il-Kummissjoni impenjat ruħha li b'mod gradwali telimina l-prezzijiet regolati li huma aktar baxxi mill-kost u li tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu pjan direzzjonali għall-eliminazzjoni b'mod gradwali tal-prezzijiet regolati kollha. Id-disinn ġdid tas-suq għandu l-għan li jiżgura li l-prezzijiet tal-provvista jkunu nieqsa minn kwalunkwe intervent pubbliku, u dan biss f'każijiet ta' eċċezzjoni ġustifikati b'mod dovut.

Spejjeż tat-teknoloġija li qed jonqsu b'rata mgħaġġla jfissru li dejjem iktar u iktar konsumaturi jistgħu jnaqqsu l-kontijiet tagħhom tal-elettriku billi jagħmlu użu minn teknoloġiji bħal pannelli solari fotovoltajċi installati fuq il-bejt u batteriji. Madankollu, l-awtoġenerazzjoni għadha mxekkla minn nuqqas ta' regoli komuni għall-"prosumaturi". Dawn l-ostakli jistgħu jiġu eliminati permezz ta' regoli xierqa, eż. billi jiġu garantiti drittijiet tal-konsumaturi biex dawn ikunu jistgħu jiġġeneraw l-enerġija għall-konsum tagħhom stess u jbigħu l-enerġija żejda biex tintuża fil-grilja, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-benefiċċji għas-sistema kollha kemm hi (eż. parteċipazzjoni xierqa fil-kostijiet tal-grilja).

Il-komunitajiet lokali jistgħu jkunu mezz effiċjenti ta' ġestjoni tal-enerġija fil-livell komunitarju billi jikkonsmaw l-elettriku li jiġġeneraw jew direttament għall-enerġija jew għat-tisħin u t-tkessiħ (distrettwali), bi jew mingħajr konnessjoni mas-sistemi ta' distribuzzjoni. Biex jiġi żgurat li inizjattivi ta' dan it-tip ikunu jistgħu jiżviluppaw mingħajr xkiel, id-disinn ġdid tas-suq jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu oqfsa legali xierqa sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom.

Illum, aktar minn 90 % tas-sorsi ta' elettriku rinnovabbli varjabbli huma konnessi ma' grilji ta' distribuzzjoni. Fil-fatt, l-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni lokali kkontribwixxiet għal żieda sinifikanti fit-tariffi tan-netwerk għall-konsumaturi domestiċi. Barra minn hekk, it-taxxi u l-imposti għall-finanzjament ta' estensjonijiet tal-grilja u l-investimenti f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli żdiedu b'mod drastiku. Id-disinn ġdid tas-suq u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli jippreżentaw opportunità biex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati, billi jistgħu jaffettwaw ċerti konsumaturi domestiċi b'mod sproporzjonat.

Li l-Operaturi tas-Sistemi ta' Distribuzzjoni (DSOs) jitħallew jiġġestixxu wħud mill-isfidi assoċjati mal-ġenerazzjoni varjabbli f'livell aktar lokali (eż. billi jiġġestixxu riżorsi lokali ta' flessibbiltà) jista' jnaqqas l-ispejjeż tan-netwerk b'mod sinifikanti. Madankollu, peress li ħafna mid-DSOs huma parti minn impriżi integrati vertikalment li huma attivi wkoll fin-negozju tal-provvista, jeħtieġ li jkun hemm salvagwardji regolatorji sabiex in-newtralità tad-DSOs tiġi garantita fil-funzjonijiet il-ġodda tagħhom, eż. f'termini ta' ġestjoni tad-dejta u meta tintuża l-flessibbiltà biex jiġu ġestiti konġestjonijiet lokali.

L-informazzjoni wkoll isservi ta' xprun ewlieni għall-kompetizzjoni u għall-involviment tal-konsumaturi. Konsultazzjonijiet u studji li saru qabel mill-Kummissjoni wrew li l-konsumaturi jilmentaw dwar nuqqas ta' trasparenza fis-swieq tal-elettriku, li tnaqqas il-kapaċità tagħhom li jibbenefikaw mill-kompetizzjoni u li jipparteċipaw fis-swieq b'mod attiv.

[8] Ara l-Komunikazzjoni "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem", COM/2015/080.

Il-konsumaturi ma jħossuhomx infurmati biżżejjed dwar fornituri alternattivi u dwar id-disponibbiltà ta' servizzi ġodda tal-enerġija u jilmentaw dwar il-kumplessità tal-offerti u tal-proċeduri biex wieħed jaqleb minn fornitur għall-ieħor. Ir-riforma se tiżgura wkoll il-protezzjoni tad-dejta, billi użu akbar ta' teknoloġiji ġodda (b'mod partikolari sistemi ta' kejl intelliġenti) se jiġġeneraw firxa ta' dejta dwar l-enerġija b'valur kummerċjali għoli.

Biex il-konsumaturi jitqiegħdu fil-qalba tas-suq tal-enerġija, għandha titqies il-kunsiderazzjoni essenzjali fid-disinn ġdid tas-suq li tittratta kif jista' jiġi żgurat li l-aktar persuni vulnerabbli fis-soċjetà jkunu protetti u li l-għadd totali ta' djar b'faqar enerġetiku ma jkomplix jiżdied. Il-livelli tal-faqar enerġetiku qed jiżdiedu, u dan, flimkien ma' nuqqas ta' ċarezza dwar l-aktar modi xierqa biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi u l-faqar enerġetiku, wassal biex il-proposta tad-disinn ġdid tas-suq jeħtieġ li l-Istati Membri jkejlu b'mod dovut u jimmonitorjaw b'mod regolari l-faqar enerġetiku abbażi ta' prinċipji definiti fil-livell tal-UE. Id-Direttivi riveduti dwar l-Effiċjenza fl-użu tal-enerġija u dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija jistipulaw miżuri ulterjuri għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku.

Is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku

Is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku hija indispensabbli fis-soċjetajiet moderni, li jiddependu bil-qawwi fuq l-elettriku u fuq sistemi bbażati fuq l-internet. Għalhekk, jenħtieġ li s-sistema Ewropea tal-elettriku tiġi evalwata sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità tagħha li toffri biżżejjed ġenerazzjoni u flessibbiltà biex tiġi żgurata provvista affidabbli tal-elettriku f'kull ħin (adegwatezza tar-riżorsi). L-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista mhijiex biss obbligu nazzjonali, iżda wkoll pilastru ewlieni tal-politika Ewropea dwar l-Enerġija[9]. Dan minħabba li f'netwerk interkonness u sinkronizzat bis-sħiħ bi swieq li joperaw sew, is-sigurtà tal-provvista tista' tiġi organizzata b'mod ħafna aktar effiċjenti u kompetittiv milli fuq bażi purament nazzjonali. L-istabbiltà tal-grilja fi Stati Membri individwali ta' spiss tiddependi ħafna fuq il-flussi tal-elettriku minn pajjiżi ġirien u għalhekk il-problemi possibbli relatati mas-sigurtà tal-provvista normalment ikollhom impatt reġjonali. Għal din ir-raġuni, ta' spiss l-aktar rimedji effiċjenti kontra d-defiċits nazzjonali ta' ġenerazzjoni huma soluzzjonijiet reġjonali, u dan jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw minn ġenerazzjoni żejda f'pajjiżi oħra. Għalhekk għandha tiġi introdotta valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza li ssegwi metodoloġija li jkun sar qbil konġunt dwarha, sabiex tinkiseb stampa realistika tal-ħtiġijiet possibbli ta' ġenerazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku u flussi potenzjali minn pajjiżi oħra. Jekk il-valutazzjoni koordinata tal-adegwatezza turi li l-mekkaniżmi ta' kapaċità huma meħtieġa f'ċerti pajjiżi jew reġjuni, dawn il-mekkaniżmi għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jnaqqsu kemm jista' jkun id-distorsjonijiet fis-suq intern. Għalhekk għandhom jiġu definiti kriterji ċari u trasparenti biex jitnaqqsu kemm jista' jkun id-distorsjonijiet fil-kummerċ transkonfinali, biex jiġi massimizzat l-użu tar-rispons fin-naħa tad-domanda u biex jitnaqqsu l-impatti li jaffettwaw id-dekarbonizzazzjoni, sabiex jiġi evitat ir-riskju li mekkaniżmi ta' kapaċità nazzjonali frammentati joħolqu ostakli ġodda għas-suq u jfixklu l-kompetizzjoni[10].

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali

L-interkonnessjoni mill-qrib tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-grilja komuni trans-Ewropea hija unika fid-dinja u hija ta' benefiċċju kbir fl-indirizzar tat-tranżizzjoni tal-enerġija b'mod effiċjenti. Mingħajr il-kapaċità li jkun hemm dipendenza fuq riżorsi ta' ġenerazzjoni

[9] Ara l-Artikolu 194(1)(b) tat-TFUE.

[10] F'dan il-kuntest ara wkoll il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istat ta' tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku, li jkopri r-riskji tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija relatati mal-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku.

jew ta' domanda minn Stati Membri oħra, l-ispejjeż tat-tranżizzjoni tal-enerġija għall-konsumaturi mistennija jiżdiedu b'mod sinifikanti. Illum, l-operat tas-sistema bejn il-fruntieri huwa ħafna aktar interkonness milli kien fil-passat. Dan huwa minħabba ż-żieda fil-ġenerazzjoni varjabbli u distribwita, flimkien ma' integrazzjoni akbar tas-suq, b'mod speċjali f'intervalli iqsar ta' żmien tas-suq. Dan ifisser ukoll li azzjonijiet nazzjonali implimentati minn regolaturi jew minn operaturi tal-grilja jista' jkollhom effett immedjat fuq Stati Membri oħra tal-UE. L-esperjenza wriet li deċiżjonijiet nazzjonali mhux koordinati jistgħu jwasslu għal kostijiet sinifikanti għall-konsumaturi Ewropej.

Il-fatt li wħud mill-interkonnetturi jintużaw bissgħal 25 % tal-kapaċità tagħhom, ħafna drabi minħabba limitazzjonijiet nazzjonali mhux ikkoordinati, u li l-Istati Membri ma setgħux jaqblu fuq meded xierqa tal-prezzijiet juri li hemm bżonn ta' aktar koordinazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) u r-regolaturi. Eżempji li sfaw f'suċċess ta' kooperazzjoni volontarja u obbligatorja bejn it-TSOs, ir-regolaturi u l-gvernijiet urew li l-kooperazzjoni reġjonali tista' ttejjeb il-funzjonament tas-suq u tnaqqas l-ispejjeż b'mod sinifikanti. F'ċerti oqsma, eż. għall-mekkaniżmu pan-Ewropew ta' "akkoppjament tas-swieq", il-kooperazzjoni bejn it-TSOs diġà saret obbligatorja, filwaqt li s-sistema ta' votazzjoni b'maġġoranza dwar ċerti kwistjonijiet irnexxiet f'oqsma fejn il-kooperazzjoni volontarja (kull TSO kellu dritt ta' veto) ma wasslitx għal riżultati effiċjenti għal problemi reġjonali. Dan l-eżempju ta' suċċess għandu jiġi segwit, u l-kooperazzjoni obbligatorju għandha tiġi estiża għal oqsma oħra fil-qafas regolatorju. Għal dan l-għan, it-TSOs jistgħu jiddeċiedu f'"Ċentri Operattivi Reġjonali" (ROCs) rigward kwistjonijiet li bħala parti minnhom azzjonijiet nazzjonali frammentati u mhux koordinati jistgħu jaffettwaw lis-suq u lill-konsumaturi b'mod negattiv (eż. fl-oqsma tal-operat tas-sistema, tal-kalkolu tal-kapaċità għall-interkonnetturi, tas-sigurtà tal-provvista u tat-tħejjija għar-riskji).

L-adattament tas-sorveljanza regolatorja għas-swieq reġjonali

Jidher xieraq ukoll li s-sorveljanza regolatorja tiġi adattata għar-realtajiet ġodda tas-suq. Bħalissa d-deċiżjonijiet regolatorji ewlenin kollha jittieħdu mir-regolaturi nazzjonali, anki f'każijiet meta jkun hemm bżonn ta' soluzzjoni reġjonali komuni. Filwaqt li l-ACER irnexxielha tipprovdi forum għall-koordinazzjoni tar-regolaturi nazzjonali b'interessi diverġenti, bħalissa r-rwol prinċipali tagħha huwa limitat għall-koordinazzjoni, il-konsulenza u l-monitoraġġ. Filwaqt li l-atturi tas-suq qegħdin jikkooperaw dejjem iktar minn bejn il-fruntieri u jiddeċiedu dwar ċerti kwistjonijiet li jikkonċernaw l-operat tal-grilja u l-kummerċ tal-elettriku b'maġġoranza kwalifikata fil-livell reġjonali jew saħansitra fil-livell tal-Unjoni[11], ma hemm l-ebda proċedura ekwivalenti għal dawn il-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet reġjonali fil-livell regolatorju. Għalhekk, is-sorveljanza regolatorja għadha frammentata, u dan iwassal għal riskju ta' deċiżjonijiet diverġenti u għal dewmien bla bżonn. It-tisħiħ tas-setgħat tal-ACER fil-kuntest ta' dawn il-kwistjonijiet transkonfinali li jeħtieġu deċiżjoni reġjonali koordinata kieku jikkontribwixxi lejn proċess aktar mgħaġġel u effettiv ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfinali. Ir-regolaturi nazzjonali, li jiddeċiedu fi ħdan l-ACER rigward dawk il-kwistjonijiet permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza, jibqgħu involuti b'mod sħiħ fil-proċess.

Jidher xieraq ukoll li r-rwol tal-ENTSO-E jiġi definit aħjar, sabiex jissaħħaħ ir-rwol tiegħu ta' koordinazzjoni u sabiex il-proċess tiegħu ta' teħid ta' deċiżjonijiet isir aktar trasparenti.

[11] Ara pereżempju l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni, ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24-72.

Kjarifiki dwar it-test

Fl-aħħar nett, ir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Elettriku, tar-Regolament dwar l-Aġenzija u tad-Direttiva dwar l-Elettriku se jintużaw biex jiġu pprovduti kjarifiki editorjali dwar uħud mir-regoli eżistenti u biex xi wħud minnhom jiġu strutturati mill-ġdid bl-għan li r-regoli ta' natura teknika ħafna tat-tliet atti jkunu jistgħu jiġu mifhuma aħjar, mingħajr ma jsiru alterazzjonijiet fis-sustanza tad-dispożizzjonijiet.

- **Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet u proposti oħrajn fil-qasam ta' politika**

L-inizjattiva tad-disinn tas-suq tal-elettriku hija marbuta mill-qrib ma' proposti leġiżlattivi oħra dwar l-enerġija u l-klima li tressqu b'mod parallel. Fost oħrajn, dawn jinkludu inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-Ewropa, pakkett tal-enerġija rinnovabbli u l-inizjattiva ġenerali li tindirizza l-governanza u l-mekkaniżmi ta' rappurtar għall-Unjoni tal-Enerġija. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan komuni li jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb l-għan ta' Unjoni tal-Enerġija kompetittiva, sigura u sostenibbli. L-inizjattivi, li jikkonsistu minn diversi għodod leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, qed jitqassmu f'pakketti sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' koerenza bejn il-proposti ta' politika li, għalkemm huma differenti, huma marbutin ma' xulxin mill-qrib.

B'hekk, għalkemm il-proposta attwali hija bbażata fuq l-aġġornament tar-regoli tas-suq bl-għan li t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ssir b'mod ekonomikament vantaġġuż, dawn id-dispożizzjonijiet jaħdmu id f'id mal-qafas usa' ta' politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. Dawn il-links jiġu spjegati b'mod aktar dettaljat fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni[12].

Il-proposta hija marbuta mill-qrib mal-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, u tistabbilixxi qafas għall-ksib tal-mira dwar l-enerġija rinnovabbli sal-2030. Tinkludi wkoll prinċipji relatati ma' skemi ta' appoġġ għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li jagħmluhom aktar kosteffikaċi u aktar orjentati lejn is-suq, filwaqt li jagħtuhom ambitu aktar reġjonali f'każijiet fejn l-Istati Membri jagħżlu li jżommu l-iskemi ta' appoġġ. Il-miżuri mmirati lejn l-integrazzjoni ta' tipi differenti ta' enerġija rinnovabbli fis-suq, bħal pereżempju dispożizzjonijiet dwar il-konsenja, l-ostakli relatati mas-suq li jxekklu l-awtokonsum u regoli oħra dwar l-aċċess għas-suq, li qabel kienu inklużi fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, issa ġew integrati fir-Regolament dwar l-Elettriku u d-Direttiva dwar l-Elettriku.

Il-proposta għal Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija se tikkontribwixxi lejn l-iżgurar tal-koerenza tal-politiki billi tissimplifika l-obbligi ta' ippjanar u ta' rappurtar mill-Istati Membri sabiex tiġi appoġġata l-konverġenza lejn l-għanijiet dwar l-enerġija u l-klima stabbiliti fil-livell tal-UE. Bħala strument ġdid ta' ppjanar, ta' rappurtar u ta' monitoraġġ, din għandha tipprovdi għodda ta' kejl tal-istat tal-progress ta' Stat Membru b'rabta mal-implimentazzjoni, fl-Ewropa kollha, tar-rekwiżiti tas-suq li ġew introdotti b'dawn l-atti.

Il-proposta għal Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku tikkomplementa l-proposta attwali, b'enfasi partikolari fuq azzjonijiet tal-gvern għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku u għall-prevenzjoni ta' riskji għas-sistema tal-elettriku tul perjodu qasir.

12 [OP: Please insert Link to Impact Assessment]

Il-proposta attwali hija allinjata mill-qrib mal-politika tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fil-qasam tal-enerġija. Tinkorpora, b'mod partikolari, ir-riżultati tal-Inkjesta Settorjali dwar Mekkaniżmi ta' Kapaċità tal-Kummissjoni, biex tiġi żgurata koerenza sħiħa tal-politika tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-enerġija.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta għandha l-għan li timplimenta l-objettivi ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija, kif definit fil-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem. Kif diġà ntqal hawn fuq, id-dettalji tal-pakkett huma wkoll konformi mal-impenn f'livell globali li l-Unjoni dan l-aħħar ikkommettitet ruħha għalih u li għandu l-għan li jintlaħqu l-miri ambizzjużi dwar il-klima skont il-ftehim li sar qbil dwaru f'Pariġi waqt il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21). Il-proposta attwali għandha funzjoni ta' tisħiħ reċiproku u tikkomplementa l-proposta għar-reviżjoni tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li saret f'Lulju 2015.

Barra minn hekk, sal-punt sa fejn reviżjoni tad-disinn tas-suq tal-elettriku għandha l-għan li tagħmel is-suq tal-enerġija tal-Ewropa aktar kompetittiv u aktar aċċessibbli għal teknoloġiji ġodda tal-enerġija, il-proposta tikkontribwixxi wkoll lejn il-ksib tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-ħolqien tal-impjiegi u tat-tkabbir. Billi toffri opportunitajiet tas-suq għal teknoloġiji ġodda, il-proposta se tixpruna l-adozzjoni ta' għadd ta' servizzi u prodotti li kieku jagħtu lill-intrapriżi Ewropej vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel hekk kif it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tkompli tavvanza f'livell globali.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-miżuri proposti hija l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li kkonsolida u offra kjarifika dwar il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tal-enerġija. Skont l-Artikolu 194 tat-TFUE, l-għanijiet ewlenin tal-politika tal-enerġija tal-UE huma dawn li ġejjin: li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq tal-enerġija; li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni; li jiġu promossi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija, kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; li tiġi promossa l-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija.

L-inizjattiva tissejjes wkoll fuq ġabra komprensiva ta' atti leġiżlattivi li ġew adottati u aġġornati matul dawn l-aħħar żewġ deċennji. Bl-għan li jinħoloq suq intern tal-enerġija, l-UE adottat tliet pakketti leġiżlattivi konsekuttivi bejn l-1996 u l-2009, bl-għan ġenerali li jseħħu integrazzjoni tas-swieq u liberalizzazzjoni tas-swieq nazzjonali tal-gass u tal-elettriku. Dawn id-dispożizzjonijiet ikopru firxa wiesgħa ta' aspetti, fost oħrajn l-aċċess għas-suq, it-trasparenza, id-drittijiet tal-konsumaturi u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji.

Filwaqt li għandha tinżamm ħarsa fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti u fuq it-trajettorja tal-integrazzjoni dejjem akbar tas-suq tal-enerġija, l-inizjattiva attwali għandha titqies ukoll bħala parti minn sforz kontinwu biex jiġu żgurati l-integrazzjoni u l-operat effettiv tas-swieq tal-enerġija tal-Ewropa.

Is-sejħiet li għamlu dan l-aħħar il-Kunsill Ewropew[13] u l-Parlament Ewropew għal azzjoni f'livell tal-UE biex jitlesta s-suq Ewropew tal-enerġija wkoll ħolqu raġunijiet għal azzjoni ulterjuri.

- **Is-sussidjarjetà**

Il-bidliet proposti fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar is-swieq tal-elettriku, id-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u r-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija huma meħtieġa sabiex jinkiseb l-għan ta' suq tal-elettriku integrat tal-UE, u dawn ma jistgħux jintlaħqu f'livell nazzjonali b'mod daqstant effiċjenti. Kif ġie stabbilit b'mod dettaljat fl-atti leġiżlattivi li tfasslu mill-ġdid[14], l-evidenza wriet li approċċi nazzjonali iżolati wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, u rriżultaw f'miżuri regolatorji subottimali u inkompatibbli, duplikazzjoni bla bżonn ta' interventi u dewmien fil-korrezzjoni tal-ineffiċjenzi tas-suq. Il-ħolqien ta' suq intern tal-enerġija li jwassal enerġija kompetittiva u sostenibbli għal kulħadd ma jistax jintlaħaq fuq il-bażi ta' regoli nazzjonali frammentati meta dawn ikunu jikkonċernaw il-kummerċ tal-enerġija, l-operat tal-grilja komuni u ċertu ammont ta' standardizzazzjoni tal-prodott.

L-interkonnessjoni dejjem akbar tas-swieq tal-elettriku tal-UE teħtieġ koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-atturi nazzjonali. Interventi ta' politika nazzjonali fis-settur tal-elettriku għandhom impatt dirett fuq l-Istati Membri ġirien minħabba l-interdipendenza enerġetika u interkonnessjonijiet tal-grilja. Li jiġu żgurati l-istabbiltà u l-operat effiċjenti tal-grilja qed isir dejjem aktar diffiċli f'livell nazzjonali biss, peress li l-kummerċ transkonfinali dejjem akbar, l-adozzjoni tal-ġenerazzjoni distribwita u l-parteċipazzjoni msaħħa tal-konsumaturi huma kollha fatturi li jżidu l-potenzjal għal effetti konsegwenzjali. L-ebda Stat ma jista' jaġixxi b'mod effettiv waħdu u maż-żmien, il-konsegwenzi ta' azzjoni unilaterali saru aktar evidenti. Dan il-prinċipju ġenerali japplika tul firxa ta' miżuri li ġew introdotti bil-proposta attwali, kemm jekk dawn jikkonċernaw il-kummerċ tal-enerġija, l-operat tal-grilja jew il-parteċipazzjoni effettiva tal-konsumaturi.

Peress li kwistjonijiet reġjonali komuni li jeħtieġu deċiżjoni koordinata ta' spiss ikollhom impatt ekonomiku sinifikanti fuq l-Istati Membri individwali, l-esperjenza tal-imgħoddi wriet li, filwaqt li hija utli f'bosta oqsma ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, ħafna drabi l-kooperazzjoni volontarja ma rnexxilhiex tegħleb kunflitti teknikament kumplessi b'effetti distributtivi sinifikanti bejn l-Istati Membri[15]. L-inizjattivi volontarji eżistenti, bħall-Forum tal-Enerġija Pentalaterali, huma limitati wkoll mill-aspett ġeografiku, peress li dawn ikopru biss partijiet tas-suq tal-elettriku tal-UE, u mhux neċessarjament jgħaqqdu flimkien lill-pajjiżi kollha li huma l-aktar interkonnessi mill-qrib fiżikament.

Bħala eżempju konkret ta' dan, politiki nazzjonali mhux koordinati dwar il-prinċipji għat-tariffi tad-distribuzzjoni jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq intern, u dan sal-punt fejn il-ġenerazzjoni distribwita jew is-servizzi ta' ħżin tal-enerġija se jiġu inċentivati b'modi differenti ħafna sabiex jipparteċipaw fis-suq. Bl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u billi l-kummerċ transkonfinali tas-servizzi tal-enerġija qed ikompli jiżdied, l-azzjoni tal-UE għandha

[13] Fi Frar 2011, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-għan li s-suq intern tal-enerġija jitlesta sal-2014 u li jiġu żviluppati interkonnessjonijiet sabiex sal-2015 jintemm l-iżolament ta' ċerti Stati Membri mill-grilja. F'Ġunju 2016, il-Kunsill Ewropew appella wkoll għal Strateġija għas-Suq Uniku fil-qasam tal-enerġija, filwaqt li l-Kummissjoni se tipproponi pjanijiet ta' azzjoni li għandhom jiġu implimentati sal-2018.

[14] [OP please add link to Impact assessment – evaluation part].

[15] Ara pereżempju d-diskussjoni dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni fl-Ewropa Ċentrali, fejn interessi nazzjonali diverġenti wasslu għal dewmien sinifikanti fil-proċess ta' integrazzjoni ulterjuri tas-swieq.

valur sinifikanti fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ta' eżiti tas-suq aktar effiċjenti għall-partijiet kollha involuti.

Il-funzjoni ta' koordinazzjoni tal-ACER ġiet adattata għall-iżviluppi ġodda fis-swieq tal-enerġija, bħal pereżempju l-ħtieġa akbar ta' koordinazzjoni fi żminijiet fejn ikun hemm żieda fil-flussi tal-enerġija bejn il-fruntieri u ż-żieda fil-produzzjoni tal-enerġija permezz ta' RES-E volatili. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali indipendenti (NRAs) jaqdu rwol ewlieni fil-provvista ta' sorveljanza regolatorja għas-setturi tal-enerġija nazzjonali tagħhom. Madankollu, sistema li qed issir dejjem aktar interdipendenti bejn l-Istati Membri, kemm f'dak li huwa relatat ma' tranżazzjonijiet fis-suq kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tas-sistema, teħtieġ li jkun hemm sorveljanza regolatorja li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. L-ACER hija l-korp li ġie stabbilit biex jipprovdi din is-sorveljanza regolatorja fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jkopru aktar minn żewġ Stati Membri. Ir-rwol prinċipali tal-ACER bħala koordinatur tal-azzjoni tar-regolaturi nazzjonali nżamm; l-ACER ingħatat kompetenzi addizzjonali limitati fl-oqsma li fihom it-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali frammentati dwar kwistjonijiet ta' rilevanza transkonfinali jistgħu jwasslu għal problemi jew għal inkonsistenzi fis-suq intern. Pereżempju, il-ħolqien ta' ċentri operattivi reġjonali (ROCs) fir-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost fil-COM(2016) 861/2] jitlob sorveljanza sopranazzjonali, li għandha titwettaq mill-ACER, billi r-ROCs ikopru bosta Stati Membri. Bl-istess mod, l-introduzzjoni ta' valutazzjoni tal-adegwatezza koordinata fl-UE kollha fir-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost fil-COM(2016) 861/2] titlob approvazzjoni regolatorja tal-metodoloġija u tal-kalkoli tagħha li jistgħu jiġu attribwiti biss lill-ACER, billi l-valutazzjoni tal-adegwatezza għandha titwettaq fl-Istati Membri kollha.

Filwaqt li l-assenjar ta' kompiti ġodda lill-ACER se jeħtieġ żieda fl-għadd tal-persunal tagħha, ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-ACER se jwassal għal piż inqas għall-awtoritajiet nazzjonali, biex b'hekk ir-riżorsi amministrattivi fil-livell nazzjonali jsiru disponibbli. L-istrateġija proposta se tissimplifika l-proċeduri regolatorji (eż. permezz tal-introduzzjoni ta' approvazzjoni diretta fi ħdan l-ACER, minflok 28 approvazzjoni separata). L-iżvilupp koordinat ta' metodoloġiji (eż. b'rabta mal-valutazzjoni tal-adegwatezza) huwa mistenni jnaqqas l-ammont ta' xogħol għall-awtoritajiet nazzjonali u jevita x-xogħol żejjed li jirriżulta minn problemi potenzjali li jinħolqu bħala riżultat ta' azzjoni regolatorja nazzjonali mhux allinjata.

- **Il-proporzjonalità**

L-għażliet ta' politika koperti mir-Regolament dwar l-Elettriku, mid-Direttiva dwar l-Elettriku u mir-Regolament dwar l-Aġenzija għandhom l-għan li jadattaw id-disinn tas-suq tal-elettriku għaż-żieda fis-sehem dejjem akbar tal-ġenerazzjoni distribwita u għall-iżviluppi teknoloġiċi li qed iseħħu.

Ir-riformi proposti huma strettament orjentati lejn dak li huwa indispensabbli għall-ksib tal-progress meħtieġ għas-suq intern, filwaqt li jħallu l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet ta' livell għoli f'idejn l-Istati Membri, ir-regolaturi nazzjonali u l-atturi nazzjonali.

Għażliet li jikkunsidraw armonizzazzjoni aktar estensiva, eż. billi jipproponu regolatur Ewropew tal-enerġija wieħed indipendenti, Operatur tas-Sistemi tat-Trażmissjoni Ewropew wieħed integrat jew projbizzjonijiet aktar sempliċi ta' interventi mill-Istat mingħajr possibbiltajiet ta' eżenzjoni ġew miċħuda b'mod konsistenti fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Minflok, il-proposti jimmiraw lejn soluzzjonijiet ibbilanċjati sew li jirrestrinġu l-ambitu nazzjonali għal azzjoni regolatorja biss meta jidher b'mod ċar li azzjoni koordinata ġġib magħha aktar benefiċċji għall-konsumaturi.

L-alternattivi ta’ politika adottati huma mmirati lejn il-ħolqien ta’ kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost it-teknoloġiji kollha tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u lejn l-eliminazzjoni ta’ distorsjonijiet fis-suq sabiex, fost affarijiet oħra, is-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli jkunu jistgħu jikkompetu fuq l-istess livell fis-suq tal-enerġija. Barra minn hekk, il-parteċipanti kollha fis-suq kieku jkollhom iġarrbu responsabbiltà finanzjarja talli jżommu l-grilja fi stat bilanċjat. L-ostakli għal servizzi li jipprovdu l-flessibbiltà għall-grilja, bħas-servizzi ta’ rispons fin-naħa tad-domanda, se jiġu eliminati. Barra minn hekk, il-miżuri għandhom l-għan li joħolqu suq integrat tul perjodu qasir aktar likwidu, b’mod li l-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet ikunu jistgħu jirriflettu l-iskarsezza u joffru inċentivi adegwati għal grilja flessibbli.

Fil-livell tas-suq tal-konsumaturi, l-Istati Membri se jiġu wkoll imħeġġa jeliminaw, b’mod progressiv, ir-regolamentazzjoni tar-rati fissi, u qabel kollox se jiġu mitluba japplikaw dan l-approċċ għall-prezzijiet li huma aktar baxxi mill-kost. Il-konsumaturi vulnerabbli jistgħu jiġu protetti permezz ta’ regolamentazzjoni tranżizzjonali tal-prezzijiet. Sabiex il-kompetizzjoni tkompli tiżdied aktar, l-użu ta’ tariffi ta’ terminazzjoni tal-kuntratti se jiġi ristrett, sabiex jiġi mħeġġeġ il-qlib tal-fornituri. Bl-istess mod, għadd ta’ prinċipji ta’ livell għoli għandhom jiżguraw li l-kontijiet tal-enerġija jkunu ċari u faċli biex jinftiehmu. Se jingħata wkoll aċċess mhux diskriminatorju għal dejta tal-konsumaturi, filwaqt li d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-privatezza se jibqgħu fis-seħħ.

B’konformità mal-evoluzzjoni tal-kummerċ transkonfinali tal-elettriku u mal-integrazzjoni gradwali tas-suq, il-qafas istituzzjonali se jiġi adattat skont il-ħtieġa għal kooperazzjoni regolatorja addizzjonali u skont il-kompiti ġodda. L-ACER għandha tingħata kompiti addizzjonali, speċjalment fl-operat reġjonali tas-sistema tal-enerġija, filwaqt li r-regolaturi nazzjonali għandhom iżommu r-rwol ċentrali tagħha fir-regolamentazzjoni tal-enerġija.

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta, l-alternattivi kollha ġew eżaminati b’mod estensiv sabiex jiġi verifikat jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-proporzjonalità. Hawn għandu jiġi enfasizzat li l-politiki li ġew proposti joffru kompromess bejn l-inizjattivi minn isfel għal fuq u t-tmexxija tas-suq minn fuq għal isfel. Fir-rispett tal-proporzjonalità, il-miżuri bl-ebda mod ma jieħdu r-rwol tal-gvernijiet nazzjonali, tal-NRAs u tat-TSOs fit-twettiq ta’ diversi funzjonijiet ta’ natura kritika. Jekk xejn, ir-regolaturi nazzjonali huma mħeġġa biex jingħaqdu flimkien b’mod aktar effettiv f’ambjent reġjonali, kemm f’livell formali kif ukoll f’livell informali biex jindirizzaw il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-ġestjoni tas-sistema tal-elettriku fuq skala li hija proporzjonata mal-iskala tal-problema.

Minflok jadottaw approċċ ta’ “armonizzazzjoni sħiħa”, il-miżuri għandhom l-għan li joħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi kollha tas-suq, b’mod partikolari f’każijiet fejn l-opportunitajiet tas-suq jestendu ruħhom lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Fl-aħħar nett, huwa essenzjali li jkun hemm ċerta standardizzazzjoni tar-regoli jekk verament għandu jsir kummerċ transkonfinali effettiv tal-elettriku; filwaqt li deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-operat tal-grilja kieku jwasslu għal eżiti subottimali tas-suq jekk jitħallew f’idejn Stati Membri individwali u f’idejn regolaturi li jaġixxu waħidhom. L-esperjenza diretta li nkisbet fil-qasam tal-formulazzjoni u tal-adozzjoni ta’ regoli komuni dwar in-netwerk u dwar il-kummerċ (l-hekk imsejħa “Kodiċijiet tan-Netwerk” u “Linji Gwida”) minn meta sar it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tal-2009 uriet li għandu jkun hemm lok għal valur miżjud evidenti jekk ir-regolaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jiltaqgħu madwar mejda biex jilħqu qbil dwar regoli u metodoloġiji komuni, kemm fir-rigward ta’ prinċipji ta’ livell għoli kif ukoll fir-rigward ta’ prinċipji tekniċi.

Hemm lakuna fil-kompetittività bejn is-suq tal-konsumaturi u s-suq tal-operaturi, u s-suq tal-konsumaturi għadu lura f’dak li għandu x’jaqsam mal-offerta ta’ servizzi u ta’ benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi. Billi jsir monitoraġġ tal-faqar enerġetiku, tat-trasparenza u taċ-

ċarezza tal-informazzjoni tal-konsumatur u tal-aċċess għad-dejta, il-miżuri proposti mhumiex se jillimitaw il-prerogattivi nazzjonali b'mod mhux dovut.

- **L-għażla ta' strument legali**

Il-proposta se temenda l-atti legali ewlenin li kienu parti mit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. Dawn jinkludu r-Regolament dwar l-Elettriku (Nru 714/2009) u d-Direttiva dwar l-Elettriku (Nru 2009/72/KE), flimkien mar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER (Nru 713/2009). L-għażla ta' riformulazzjoni ta' dawn l-atti legali se ssaħħaħ iċ-ċarezza legali. Rikors għal att emendatorju seta' ma kienx xieraq għall-indirizzar ta' firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet ġodda. Għalhekk, l-għażla tal-istrument titlob li ssir reviżjoni tar-regoli li diġà ġew adottati u implimentati, bħala evoluzzjoni naturali tal-leġiżlazzjoni attwali.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-leġiżlazzjoni eżistenti biex jiġi verifikat humiex adatti għall-iskop**

Is-servizzi tal-Kummissjoni evalwaw il-prestazzjoni tal-qafas leġiżlattiv attwali (it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija) fil-kuntest ta' ħames kriterji stabbiliti: ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Flimkien mal-Valutazzjoni tal-Impatt saret ukoll evalwazzjoni indipendenti u r-riżultati tal-evalwazzjoni ġew riflessi fl-identifikazzjoni tal-problema fil-valutazzjoni tal-impatt.

Fl-evalwazzjoni nstab li, kollox ma' kollox, l-għan tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija li tiżdied il-kompetizzjoni u li jiġu eliminati l-ostakli għall-kompetizzjoni transkonfinali fis-swieq tal-elettriku ġie ssodisfat. L-infurzar tal-leġiżlazzjoni b'mod attiv wassal għal riżultati pożittivi għas-swieq tal-elettriku u għall-konsumaturi tal-elettriku, u b'mod ġenerali s-swieq huma inqas ikkonċentrati u aktar integrati milli kienu fl-2009. Rigward is-swieq tal-konsumaturi, is-sensiela ta' drittijiet ġodda tal-konsumaturi li ġew stabbiliti bit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija tejbu b'mod evidenti l-pożizzjoni tal-konsumaturi fis-swieq tal-enerġija.

Madankollu, is-suċċess tar-regoli tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija fl-iżvilupp tas-suq intern tal-elettriku għadu limitat f'għadd ta' oqsma, kemm fil-livell tal-konsumaturi kif ukoll fil-livell tal-operaturi. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni wriet li għad jistgħu jinkisbu gwadanni mdaqqsa jekk isir titjib tal-qafas tad-disinn ġdid, kif jidher miż-żidiet mhux sfruttati fil-benesseri ġenerali u mill-benefiċċji finali għall-konsumaturi. Fil-livell tas-swieq tal-operaturi, għad hemm ostakli għall-kummerċ transkonfinali, filwaqt li l-kapaċitajiet tal-interkonnetturi qatt ma jiġu sfruttati bis-sħiħ ħlief f'każijiet rari. Dawn joriġinaw, fost affarijiet oħra, minn nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-operaturi nazzjonali tal-grilja u r-regolaturi rigward l-użu konġunt ta' interkonnetturi. F'ħafna każijiet il-perspettiva nazzjonali tal-partijiet involuti għadha żżomm lura l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet transkonfinali effettivi u fl-aħħar mill-aħħar tillimita l-flussi transkonfinali, li jistgħu biss ikunu ta' benefiċċju. Is-sitwazzjoni mhix l-istess għas-swieq kollha u għall-iskedi kollha ta' żmien, billi dawn huma kkaratterizzati minn gradi differenti ta' integrazzjoni li tinvolvi swieq ta' ġurnata bil-quddiem, swieq tal-istess ġurnata u swieq tal-ibbilanċjar.

Fir-rigward tas-swieq tal-konsumaturi, il-prestazzjoni tal-kompetizzjoni tista' tiġi mtejba b'mod sinifikanti. Il-prezzijiet tal-elettriku għadhom ivarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor minħabba raġunijiet mhux tas-suq, filwaqt li l-prezzijiet żdiedu b'mod kostanti għall-unitajiet domestiċi bħala riżultat ta' żidiet sinifikanti f'tariffi inkontestabbli tul

dawn l-aħħar snin; dawn huma tariffi tan-netwerk, taxxi u imposti. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-faqar enerġetiku li qed ikompli jiżdied u n-nuqqas ta' ċarezza dwar l-aktar mod xieraq biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi u l-faqar enerġetiku kienu elementi li xekklu l-approfondiment ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija. It-tariffi relatati mal-qlib tal-fornitur, bħal pereżempju tariffi ta' terminazzjoni tal-kuntratti, għadhom jirrappreżentaw ostaklu finanzjarju sinifikanti għall-involviment tal-konsumaturi. Barra minn hekk, l-għadd kbir ta' lmenti relatati mal-kontijiet[16] jindika li għad hemm skop fit-titjib tal-komparabbiltà u taċ-ċarezza tal-informazzjoni relatata mal-fatturazzjoni.

Apparti għadd ta' nuqqasijiet fil-kisba tal-għanijiet oriġinali li għandhom jintlaħqu mit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, tfaċċat serje ġdida ta' sfidi li ma kinux ġew previsti fiż-żmien meta kien qed jitħejja t-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. Dawn, kif imsemmi hawn fuq, jinkludu ż-żieda qawwija ħafna ta' sorsi rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, iż-żieda ta' interventi mill-istat fis-swieq tal-elettriku għal skopijiet ta' sigurtà tal-provvista, u l-bidliet li qed iseħħu mil-lat teknoloġiku. Dawn kollha wasslu għal bidliet sinifikanti fl-operat tas-swieq, speċjalment matul l-aħħar ħames snin, kif ukoll għal tnaqqis tal-effett pożittiv tar-riformi għall-konsumaturi u potenzjal mhux sfruttat mill-modernizzazzjoni. Dan fetaħ lakuna fil-leġiżlazzjoni eżistenti rigward kif għandhom jiġu trattati dawn l-iżviluppi.

Skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni u tal-Valutazzjoni tal-Impatt relatata, il-proposta attwali għandha l-għan li tnaqqas id-distakk u li tippreżenta qafas ta' abilitazzjoni biex jiġu riflessi l-iżviluppi teknoloġiċi fis-settur waqt li s-sistemi tagħna tal-enerġija jgħaddu mit-tranżizzjoni għal mudelli ġodda ta' produzzjoni u ta' konsum.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala tħejjija għal din l-inizjattiva, il-Kummissjoni wettqet diversi konsultazzjonijiet pubbliċi. Dawn kienu miftuħa għaċ-ċittadini u għall-awtoritajiet tal-UE, għall-parteċipanti fis-suq tal-enerġija u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom u għal kwalunkwe partijiet ikkonċernati oħra rilevanti, inklużi l-SMEs u l-konsumaturi tal-enerġija.

Għandha ssir enfasi fuq tliet konsultazzjonijiet u fuq ir-riżultati rispettivi tagħhom:

1) Il-kwistjonijiet relatati mal-adegwatezza tar-riżorsi kienu s-suġġett ta' konsultazzjoni pubblika[17] li saret mill-15 ta' Novembru 2012 sas-7 ta' Frar 2013, skont il-"Consultation on generation adequacy, capacity mechanisms, and the internal market in electricity". L-għan tagħha kien li jinkisbu l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-iżgurar tal-adegwatezza tar-riżorsi u tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fis-suq intern.

Il-konsultazzjoni rċeviet 148 reazzjoni individwali minn korpi pubbliċi, mill-industrija (kemm atturi li jipproduċu kif ukoll dawk li jikkonsmaw l-enerġija) u mid-dinja akkademika. Ir-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni ġew miġbura f'tabella li ġiet ippubblikata fuq l-internet[18].

---

16 Il-Kummissjoni Ewropea (2016), "Second Consumer Market Study on the functioning of retail electricity markets for consumers in the EU" (It-Tieni Studju tas-Suq tal-Konsumaturi dwar il-funzjonament tas-swieq tal-elettriku għall-konsumaturi fl-UE),

17 Il-Kummissjoni Ewropea (2012), "Consultation Paper on generation adequacy, capacity mechanisms and the internal market in electricity". https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/20130207_generation_adequacy_consultation_document.pdf

18 https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/Charts_Public%20Consultation%20Retail%20Energy%20Market.pdf

Magħha ġew ippubblikati wkoll kontribuzzjonijiet individwali u transunt tar-riżultati tal-konsultazzjoni[19].

2) Mit-22 ta’ Jannar 2014 sas-17 ta’ April 2014 saret konsultazzjoni pubblika dwar is-swieq tal-enerġija tal-konsumaturi u l-konsumaturi aħħarija tal-enerġija[20]. Il-Kummissjoni rċeviet 237 reazzjoni għall-konsultazzjoni. Madwar 20 % tas-sottomissjonijiet waslu mingħand fornituri tal-enerġija, 14 % mingħand DSOs, 7 % mingħand organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u 4 % mingħand NRAs. Fil-konsultazzjoni ħadu sehem ukoll għadd sinifikanti ta’ ċittadini individwali. Transunt sħiħ tar-reazzjonijiet huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni[21].

3) Bejn il-15 ta’ Lulju 2015 u d-9 ta’ Ottubru 2015 saret konsultazzjoni pubblika[22] wiesgħa dwar disinn ġdid tas-suq tal-enerġija.

Il-Kummissjoni rċeviet 320 reazzjoni għal din il-konsultazzjoni. Madwar 50 % ta’ sottomissjonijiet waslu mingħand assoċjazzjonijiet tal-industrija nazzjonali jew li joperaw fl-UE kollha. 26 % tat-tweġibiet oriġinaw minn kumpaniji li huma attivi fis-settur tal-enerġija (fornituri, intermedjarji u konsumaturi), filwaqt li 9 % minnhom waslu mingħand l-operaturi tan-netwerk. Waslet ukoll informazzjoni mingħand 17-il gvern nazzjonali u mingħand bosta NRAs. Fil-konsultazzjoni ħadu sehem ukoll għadd sinifikanti ta’ ċittadini individwali, kif ukoll istituzzjonijiet akkademiċi. Deskrizzjoni dettaljata tal-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati rigward kull waħda mill-alternattivi ta’ politika speċifiċi hija disponibbli fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din l-inizjattiva leġiżlattiva.

- **Il-ġbir u l-użu ta’ għarfien espert**

It-tħejjija tar-regolament propost u tal-Valutazzjoni tal-Impatt hija bbażata fuq ġabra kbira ta’ materjal, li ssir referenza għall-kontenut tagħha fin-noti f’qiegħ il-paġna fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Il-materjal jinkludi madwar 30 studju u għodda ta’ simulazzjoni, li twettqu l-aktar minn partijiet esterni indipendenti u li għandhom l-għan li jivvalutaw l-alternattivi speċifiċi bħala parti mill-proposta attwali. Dawn huma elenkati fl-Anness V tal-Valutazzjoni tal-Impatt. L-istudji jkopru firxa ta’ metodoloġiji, b’enfasi fuq stimi kwantitattivi ta’ analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet qed twettaq ukoll inkjesta settorjali dwar il-mekkaniżmi ta’ kapaċità nazzjonali li r-riżultati interim tagħhom ġew inklużi fil-pront fil-fażi ta’ tħejjija tal-proposta attwali[23]. Ir-riżultati ta’ dawn l-istudji ikkomplementaw il-feedback estensiv li nkiseb mingħand il-partijiet ikkonċernati kif deskritt hawn fuq u, b’mod ġenerali, ipprovdew lill-Kummissjoni b’evidenza estensiva fuqhiex tibbaża l-proposti attwali.

---

19 Il-Kummissjoni Ewropea (2012), “Konsultazzjoni dwar l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni, il-mekkaniżmi tal-kapaċità u s-suq intern tal-elettriku” (Consultation on generation adequacy, capacity mechanisms, and the internal market in electricity). https://ec.europa.eu/energy/en/consultations/consultation-generation-adequacy-capacity-mechanisms-and-internal-market-electricity

20 Il-Kummissjoni Ewropea (2014) konsultazzjoni dwar is-suq tal-enerġija mibjugħ bl-imnut https://ec.europa.eu/energy/en/consultations/consultation-retail-energy-market

21 https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/Charts_Public%20Consultation%20Retail%20Energy%20Market.pdf

22 Il-Kummissjoni Ewropea (2015) Konsultazzjoni dwar Disinn Ġdid tas-Suq tal-Enerġija COM(2015) 340 final https://ec.europa.eu/energy/en/consultations/public-consultation-new-energy-market-design

23 Rapport Interim tal-Inkjesta Settorjali dwar mekkaniżmi ta’ kapaċità, C(2016) 2107 final.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-miżuri kollha li ġew proposti ġew appoġġati mill-Valutazzjoni tal-Impatt. Fis-7 ta' Novembru 2016 il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni pożittiva. Il-mod li bih ġew meqjusa l-opinjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju huwa stipulat fl-Anness I tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt eżaminat għadd ta' alternattivi ta' politika għal kull sett ta' problemi li ġie identifikat. Dawn is-settijiet ta' problemi u r-rotot alternattivi ta' intervent huma elenkati hawn taħt:

L-Adattament tad-Disinn tas-Suq għaż- żieda fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iżvilupp teknoloġiku:

Il-Valutazzjoni tal-Impatt approvat it-tisħiħ tar-regoli attwali tas-suq sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost it-teknoloġiji u r-riżorsi kollha tal-ġenerazzjoni permezz tal-eliminazzjoni tad-distorsjonijiet fis-suq. Tindirizza regoli li jiddiskriminaw bejn ir-riżorsi u li jillimitaw jew jiffavorixxu l-aċċess ta' ċerti teknoloġiji għall-grilja elettrika. Barra minn hekk, il-parteċipanti kollha fis-suq għandhom jerfgħu ir-responsabbiltà finanzjarja għall-iżbilanċi li jistgħu jiġu kkawżati fil-grilja, filwaqt li r-riżorsi kollha jingħataw remunerazzjoni fis-suq fuq termini ugwali. L-ostakli għar-rispons fin-naħa tad-domanda se jiġu eliminati. L-alternattiva preferuta kieku ssaħħaħ ukoll is-swieq tul perjodu qasir billi ġġibhom aktar qrib il-ħin reali bl-għan li tingħata l-aktar opportunità wiesa' biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' flessibbiltà u billi s-swieq isiru aktar effiċjenti. L-alternattiva preferuta tinkludi miżuri li kieku jgħinu biex ir-riżorsi kollha distribwiti flessibbli relatati mal-ġenerazzjoni, id-domanda u l-ħżin jinġibdu lejn is-suq u jiġu integrati fih permezz ta' inċentivi xierqa, qafas ta' suq aktar adattat għalihom u permezz ta' miżuri biex id-DSOs jiġu inċentivati aħjar.

Approċċ mhux regolatorju ġie skartat billi jagħti biss ftit lok għal titjib tas-suq u għall-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost ir-riżorsi. Fil-fatt, il-qafas regolatorju attwali tal-UE fl-oqsma rilevanti huwa limitat jew saħansitra ineżistenti għal oqsma oħra. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni volontarja tqieset bħala li ma tipprovdix il-livell xieraq ta' armonizzazzjoni jew ta' ċertezza lis-suq. Bl-istess mod, anki l-alternattiva ta' armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli tas-suq ġiet skartata, billi jista' jagħti l-każ li l-bidliet jiksru l-prinċipji tal-proporzjonalità u li ġeneralment dawn ma jkunux meħtieġa meta titqies il-qagħda attwali tas-swieq Ewropej tal-enerġija.

L-indirizzar ta' investimenti futuri fil-ġenerazzjoni u ta' mekkaniżmi ta' kapaċità mhux koordinati

Ġew evalwati diversi alternattivi ta' politika li jmorru lil hinn mix-xenarju bażi u kull għażla pproponiet gradi differenti ta' allinjament u koordinazzjoni fost l-Istati Membri fil-livell tal-UE, kif ukoll punt differenti sa fejn il-parteċipanti fis-suq kieku jiddependu fuq il-pagamenti tas-suq tal-enerġija.

Alternattiva hekk imsejħa ta' "suq tal-enerġija biss" kieku twassal biex is-swieq Ewropej jittejbu u jiġu interkonnessi b'mod suffiċjenti b'tali mod li tipprovdi s-sinjali meħtieġa tal-prezzijiet biex jiġu stimolati l-investimenti f'riżorsi ġodda u fejn meħtieġ u xieraq. Xenarju ta' dan it-tip kieku jelimina l-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' kapaċità.

L-alternattiva magħżula ssejset fuq dan ix-xenarju ta' suq tal-enerġija biss iżda ma teliminax il-possibbiltà li l-Istati Membri għandhom li jużaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn ikunu bbażati fuq metodoloġija kondiviża ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi li titwettaq b'mod kompletament trasparenti permezz tal-ENTSO-E u tal-ACER u li jkunu konformi ma' karatteristiki ta' disinn komuni għal kompatibbiltà

aħjar bejn mekkaniżmi ta' kapaċità nazzjonali u kooperazzjoni transkonfinali armonizzata. Din l-alternattiva ssejset fuq il-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u tal-enerġija 2014-2020 u fuq l-Inkjesta Settorjali dwar il-mekkaniżmi ta' kapaċità.

L-għażla ta' approċċ mhux regolatorju ġiet miċħuda, billi d-dispożizzjonijiet eżistenti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE mhumiex ċari u robusti biżżejjed biex jindirizzaw u jlaħħqu mal-isfidi li trid tħabbat wiċċha magħhom is-sistema Ewropea tal-elettriku. Barra minn hekk, jista' jkun li l-kooperazzjoni volontarja ma twassalx għal livelli xierqa ta' armonizzazzjoni fl-Istati Membri kollha, jew għal ċertezza fis-suq. Hemm bżonn li f'dan il-qasam tiġi introdotta leġiżlazzjoni li tindirizza l-kwistjonijiet b'mod konsistenti. L-alternattiva skont liema reġjuni sħaħ jew fl-aħħar mill-aħħar l-Istati Membri kollha tal-UE kieku jkunu meħtieġa jintroduċu mekkaniżmi ta' kapaċità fuq bażi obbligatorja abbażi ta' valutazzjonijiet tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni reġjonali jew fil-livell tal-UE kollha ġiet meqjusa bħala sproporzjonata u għaldaqstant ġiet rifjutata.

Prestazzjoni insuffiċjenti tas-Swieq tal-Konsumaturi: skjerament b'rata mhux suffiċjenti tas-servizzi u livelli baxxi ta' servizzi

L-alternattiva approvata tinkludi l-eliminazzjoni b'mod gradwali tar-regolamentazzjoni tar-rati fissi mill-Istati Membri qabel skadenza stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-UE, u dan se jsir qabel kollox għall-prezzijiet li huma aktar baxxi mill-kost. Din l-alternattiva tippermetti li jkun hemm regolamentazzjoni tranżizzjonali tal-prezzijiet għall-konsumaturi vulnerabbli u tirrestrinġi l-użu ta' tariffi ta' terminazzjoni tal-kuntratti bl-għan li jiġi aġevolat l-involviment tal-konsumaturi. Il-kunfidenza tal-konsumaturi fir-rigward ta' siti web tat-tqabbil għandha titrawwem permezz tal-implimentazzjoni ta' għodda ta' ċertifikazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, prinċipji ta' livell għoli se jiżguraw li l-kontijiet tal-enerġija jkunu ċari u faċli biex jinftiehmu, permezz ta' rekwiżiti ta' kontenut minimu. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jimmonitorjaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi li jinsabu f'faqar enerġetiku. Fl-aħħar nett għandu jiġi żgurat li jkun hemm aċċess mhux diskriminatorju għad-dejta tal-konsumaturi, sabiex parteċipanti ġodda u kumpaniji ġodda tas-servizzi tal-enerġija jkunu jistgħu jiżviluppaw servizzi ġodda.

Alternattivi oħra li ġew ikkunsidrati, iżda li ġew rifjutati, kienu jinkludu armonizzazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni dwar il-konsumaturi u salvagwardji estensivi għall-konsumaturi; eżenzjonijiet b'rabta mar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet definiti fil-livell tal-UE fuq il-bażi ta' limitu tal-konsum jew ta' limitu massimu fil-prezz; mudell standard għall-ġestjoni tad-dejta li għandu jiġi infurzat, bir-responsabbiltà għal dan assenjata lil attur newtrali tas-suq bħal pereżempju TSO; il-projbizzjoni tat-tariffi kollha relatati mal-qlib tal-fornitur, inklużi t-tariffi ta' terminazzjoni tal-kuntratti, u l-armonizzazzjoni parzjali tal-kontenut tal-kontijiet tal-enerġija; u fl-aħħar nett, id-dħul fis-seħħ ta' qafas tal-UE għall-monitoraġġ tal-faqar enerġetiku bbażat fuq stħarriġ dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mwettaq mill-Istati Membri fir-rigward tar-residenzi eżistenti, u ta' miżuri preventivi għall-evitar ta' skonnessjonijiet. Dawn l-alternattivi kollha ġew rifjutati għal raġunijiet relatati mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Anki ż-żamma tal-*istatus quo* tqieset bħala alternattiva mhux vijabbli mill-partijiet ikkonċernati kważi kollha li ġew ikkonsultati.

It-titjib tal-qafas istituzzjonali u r-rwol tal-Aġenzija

Il-qafas istituzzjonali tat-Tielet Pakkett għandu l-għan li jrawwem il-kooperazzjoni tal-NRAs u l-kooperazzjoni bejn it-TSOs. Sa mit-twaqqif tagħhom, l-ACER u l-ENTSOs kellhom rwol ewlieni fil-ksib ta' progress lejn suq intern tal-enerġija li jiffunzjona. Madankollu, l-iżviluppi li seħħew dan l-aħħar fis-swieq Ewropej tal-enerġija u li ġew meqjusa fil-Valutazzjoni tal-Impatt attwali u l-proposti sussegwenti tal-Inizjattiva tad-Disinn tas-Suq jeħtieġu li l-qafas

istituzzjonali jiġi adattat. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tat-Tielet Pakkett enfasizzat ukoll oqsma fejn jista' jsir titjib b'rabta mal-qafas applikabbli għall-ACER u għall-ENTSOs. F'termini ta' alternattivi kkunsidrati għar-riforma tal-qafas istituzzjonali, xenarju ta' żamma tal-*istatus quo* ġie skartat għaliex dan kieku jwassal għall-ħolqien ta' lakuni regolatorji u ta' sorveljanza tas-suq, b'konformità kemm ma' dispożizzjonijiet oħra għal swieq li qed jevolvu li ġew introdotti f'partijiet oħra ta' din il-proposta kif ukoll mal-progress kontinwu tal-leġiżlazzjoni sekondarja fil-livell tal-UE.

Ġie kkunsidrat approċċ mhux regolatorju ta' "infurzar aktar b'saħħtu" u ta' kollaborazzjoni volontarja mingħajr ebda miżuri ġodda addizzjonali għall-adattament tal-qafas istituzzjonali. Infurzar aqwa tal-leġiżlazzjoni eżistenti jinvolvi l-implimentazzjoni kontinwa tat-Tielet Pakkett u l-implimentazzjoni sħiħa tal-kodiċijiet u tal-linji gwida tan-netwerk – kif deskritt għall-alternattiva tax-xenarju ta' "żamma tal-i*status quo*" – flimkien ma' infurzar aktar b'saħħtu. Madankollu, infurzar aktar b'saħħtu ma jista' jwassal għal ebda titjib fil-qafas istituzzjonali attwali jekk jiġi implimentat waħdu.

Ġiet ikkunsidrata wkoll alternattiva leġiżlattiva li tittrasforma lill-ACER f'entità li tixbaħ aktar lil regolatur pan-Ewropew, iżda finalment din ġiet rifjutata. Biex l-Aġenzija tkun tista' twettaq rwol ta' dan it-tip jenħtieġ li l-baġit u l-persunal tal-ACER jiġu rinfurzati b'mod sinifikanti, billi dan iwassal għall-ħtieġa ta' konċentrazzjoni qawwija ta' esperti fl-Aġenzija. Jidher xieraq ukoll li l-involviment tar-regolaturi nazzjonali fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Aġenzija jinżamm, filwaqt li deċiżjonijiet ta' regolaturi nazzjonali meħuda skont sistema ta' maġġoranza ma għandhomx jinbidlu b'mod sistematiku b'deċiżjonijiet fil-livell tad-diretturi.

B'hekk ġew ikkunsidrati alternattivi leġiżlattivi biex l-ACER tittejjeb abbażi tal-qafas eżistenti. L-alternattiva li ġiet approvata bil-Valutazzjoni tal-Impatt tippermetti lill-qafas istituzzjonali tal-UE jadatta għar-realtajiet il-ġodda tas-sistema tal-elettriku. Tindirizza wkoll kemm il-ħtieġa li tirriżulta għal aktar kooperazzjoni reġjonali kif ukoll il-lakuni regolatorji eżistenti u antiċipati fis-suq tal-enerġija, u b'hekk tipprevedi flessibbiltà permezz ta' taħlita ta' approċċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq.

Barra minn hekk, sabiex jiġi indirizzat id-distakk regolatorju eżistenti fir-rigward tal-funzjonijiet regolatorji tal-NRAs fil-livell reġjonali, l-inizjattivi ta' politika li tinvolvi din l-alternattiva jistabbilixxu qafas regolatorju reġjonali flessibbli biex jissaħħu l-' koordinazzjoni reġjonali u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-NRAs. Skont din l-alternattiva kieku tiġi introdotta sistema ta' deċiżjonijiet reġjonali koordinati u ta' sorveljanza ta' ċerti suġġetti mill-NRAs tar-reġjun (eż. ROCs u oħrajn li ġejjin mill-inizjattiva proposta tad-disinn tas-suq) filwaqt li l-ACER tingħata rwol għas-salvagwardja tal-interessi tal-UE.

Drittijiet fundamentali

Din il-proposta jista' jkollha impatt fuq għadd ta' drittijiet fundamentali stabbiliti bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari: ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni ta' dejta personali (l-Artikolu 8), il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni (l-Artikolu 21), id-dritt għal assistenza soċjali (l-Artikolu 34), l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (l-Artikolu 36), l-integrazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent (l-Artikolu 37) u d-dritt għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47).

Dan huwa indirizzat b'mod partikolari permezz ta' għadd ta' dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-faqar enerġetiku, il-protezzjoni ta' konsumaturi vulnerabbli, l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza.

Trasunt tal-Valutazzjoni tal-Impatt u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[24] huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Il-proposta tista' twassal għal żieda fir-rekwiżiti amministrattivi, għalkemm sa punt limitat biss. Pereżempju, jekk jiġu introdotti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex it-teknoloġiji kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-swieq tal-enerġija, dawn it-teknoloġiji jkollhom jikkonformaw ma' għadd ta' rekwiżiti ta' konformità dwar is-suq li jistgħu joħolqu piż amministrattiv.

Il-miżuri previsti għat-titjib tal-likwidità u l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija jistgħu jiġġeneraw ukoll impatt tul perjodu qasir ta' żmien għan-negozji, peress li dawn tal-aħħar ikollhom jadattaw għal arranġamenti ġodda fil-qasam tal-kummerċ tal-enerġija. Madankollu, dawn huma meqjusa bħala ta' natura minima meta mqabbla max-xenarju bażi ta' nuqqas ta' azzjoni, billi l-gwadanni ekonomiċi tar-riforma kieku jkunu ħafna akbar minn kwalunkwe riorganizzazzjoni amministrattiva tul perjodu qasir jew twil ta' żmien.

Bl-istess mod, l-eliminazzjoni b'mod gradwali tal-prezzijiet regolati fil-livell tal-Istati Membri teħtieġ li l-NRAs jagħmlu sforzi akbar biex jimmonitorjaw is-swieq u biex jiżguraw li jkun hemm kompetizzjoni effiċjenti u jiggarantixxu l-protezzjoni tal-konsumaturi. Dawn l-impatti jistgħu jiġu kkumpensati permezz ta' involviment akbar tal-konsumaturi, li jkollu l-effett naturali li jrawwem il-kompetizzjoni fis-suq.

Il-firxa ta' attivitajiet li għandhom jitwettqu bħala parti mill-isfond istituzzjonali aġġornat għandha tiġġenera wkoll ġabra ġdida ta' rekwiżiti għal involviment f'livell amministrattiv min-naħa tar-regolaturi nazzjonali u tal-operaturi nazzjonali tas-sistemi tat-trażmissjoni. Dawn jinkludu l-parteċipazzjoni fi ħdan l-ACER u permezz tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jwasslu għall-qbil dwar metodoloġiji u prattiki għal kummerċ bla xkiel tal-enerġija fuq il-fruntieri.

Il-Kapitolu 6 tal-Valutazzjoni tal-Impatt fih deskrizzjoni dettaljata tal-impatt amministrattiv u ekonomiku fuq in-negozju u fuq l-awtoritajiet pubbliċi għal kull waħda mill-għażliet ta' politika li ġew ikkunsidrati.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt baġitarju marbut mal-proposta ta' dan il-pakkett jikkonċerna r-riżorsi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) li huma deskritti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER. Essenzjalment, il-kompiti l-ġodda li għandhom jitwettqu mill-ACER, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tas-sistema u tat-twaqqif ta' Ċentri Operattivi Reġjonali, jeħtieġu l-introduzzjoni b'mod gradwali ta' massimu ta' 18-il FTE addizzjonali fl-Aġenzija fl-2020, flimkien mar-riżorsi finanzjarji korrispondenti.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ tat-traspożizzjoni u tal-konformità tal-Istati Membri u ta' atturi oħra mal-miżuri li finalment se jiġu adottati, u se timplimenta miżuri ta' infurzar jekk

[24] [OP: Please insert Link to Impact Assessment]

u meta jkun meħtieġ. Barra minn hekk, kif diġà għamlet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, il-Kummissjoni se tipprovdi dokumenti ta' gwida li jipprovdu għajnuna b'rabta mal-implimentazzjoni tal-miżuri adottati.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tingħata l-appoġġ tal-ACER b'rabta ma' finijiet ta' monitoraġġ u implimentazzjoni. Ir-rappurtar annwali mill-Aġenzija u l-evalwazzjonijiet paralleli mwettqa mill-Kummissjoni, flimkien mar-rappurtar mill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Elettriku, huma kollha parti mid-dispożizzjonijiet f'din l-inizjattiva. L-Aġenzija se tkun mistiedna tkompli twettaq rieżami tal-indikaturi tagħha ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tagħhom għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-objettivi li fuqhom huma bbażati dawn il-proposti, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu riflessi b'mod adegwat, fost affarijiet oħra, permezz tar-rapport annwali tal-ACER dwar il-monitoraġġ tas-suq.

B'mod parallel mal-inizjattivi proposti, il-Kummissjoni se tippreżenta inizjattiva marbuta mal-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija li se tissimplifika r-rekwiżiti dwar l-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ. Abbażi tal-inizjattiva dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, ir-rekwiżiti attwali ta' monitoraġġ u ta' rappurtar tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija se jiġu integrati f'rapporti orizzontali dwar il-progress u l-monitoraġġ. Aktar informazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar hija disponibbli fil-valutazzjoni tal-impatt għall-governanza tal-Unjoni Ewropea.

Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u l-indikaturi tal-parametri referenzjarji jiġu eżaminati b'mod aktar estensiv fil-Kapitolu 8 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

6. SPJEGAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTI

- **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (Riformulazzjoni)**

Il-*Kapitolu I* tad-Direttiva proposta jipprovdi xi kjarifiki dwar l-ambitu u s-suġġett tad-Direttiva, filwaqt li jissottolinja l-enfasi fuq il-konsumaturi u l-importanza tas-suq intern u tal-prinċipji ewlenin tiegħu. Jipprevedi wkoll aġġornament tad-definizzjonijiet ewlenin li jintużaw fid-Direttiva.

Il-*Kapitolu II* tad-Direttiva proposta jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suq tal-elettriku tal-UE huwa kompetittiv, iċċentrat fuq il-konsumatur, flessibbli u mhux diskriminatorju. Jenfasizza li l-miżuri nazzjonali ma għandhomx ixekklu b'mod indebitu l-flussi transkonfinali, il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi jew l-investimenti. Ikompli jnaqqax il-prinċipju skont liema l-prezzijiet tal-provvista għandhom ikunu bbażati fuq is-suq, suġġett għal eċċezzjonijiet ġustifikati b'mod xieraq. Il-kapitolu joffri wkoll kjarifika dwar ċertu prinċipji li jirrigwardaw il-funzjonament tas-swieq tal-elettriku tal-UE, bħal pereżempju d-dritt li wieħed jagħżel fornitur. Jipprevedi wkoll regoli aġġornati dwar il-possibbiltà ta' obbligi ta' servizz pubbliku li jistgħu jiġu imposti fuq l-impriżi tal-enerġija mill-Istati Membri f'ċertu ċirkostanzi.

Il-Kapitolu III tad-Direttiva proposta jsaħħaħ id-drittijiet diġà eżistenti tal-konsumaturi u jintroduċi drittijiet ġodda li għandhom l-għan li jqiegħdu lill-konsumaturi fil-qalba tas-swieq tal-enerġija billi jiġi żgurat li dawn jingħataw setgħa u protezzjoni aħjar. Jistabbilixxi regoli dwar informazzjoni aktar ċara b'rabta mal-fatturazzjoni u dwar għodod tat-tqabbil iċċertifikati. Il-kapitolu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu u jibdlu b'mod ħieles il-fornituri jew l-aggregaturi, li dawn ikunu intitolati għal kuntratti bi prezzijiet dinamiċi u li jkunu jistgħu jipparteċipaw fir-rispons fin-naħa tad-domanda, fl-awtoġenerazzjoni u fl-awtokonsum tal-elettriku. Jintitola lil kull konsumatur jitlob miter intelliġenti mgħammar b'sett minimu ta' funzjonalitajiet. Itejjeb ukoll ir-regoli

diġà eżistenti dwar il-possibbiltà li l-konsumaturi jikkondividu d-dejta tagħhom ma' fornituri u ma' fornituri ta' servizzi billi jagħti kjarifika dwar ir-rwol tal-partijiet responsabbli għall-ġestjoni tad-dejta u billi jistabbilixxi format Ewropew komuni tad-dejta li għandu jiġi żviluppat mill-Kummissjoni f'att ta' implimentazzjoni. Il-kapitolu għandu wkoll l-għan li jiżgura li l-Istati Membri jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiddefinixxu oqfsa għal aggregaturi indipendenti u għar-rispons fin-naħa tad-domanda skont prinċipji li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq. Jiddefinixxi qafas għal komunitajiet lokali tal-enerġija, li jistgħu jipparteċipaw f'servizzi ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni, aggregazzjoni, ħżin jew forniment tal-enerġija fil-livell lokali, jew f'servizzi relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, jipprovdi xi kjarifiki dwar dispożizzjonijiet diġà eżistenti rigward il-miters intelliġenti u l-punti uniċi ta' kuntatt, kif ukoll drittijiet għal metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għal servizz universali u għall-konsumaturi vulnerabbli.

Il-Kapitolu IV tad-Direttiva proposta jipprevedi xi kjarifiki dwar il-kompiti tad-DSOs, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet tad-DSOs b'rabta mal-akkwist ta' servizzi tan-netwerk sabiex jiġu żgurati l-flessibbiltà, l-integrazzjoni ta' vetturi elettriċi u l-ġestjoni tad-dejta. Jagħti wkoll kjarifika dwar ir-rwol tad-DSOs fir-rigward tal-punti ta' ħżin u tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Il-Kapitolu V tad-Direttiva proposta jiġbor fil-qosor ir-regoli ġenerali applikabbli għat-TSOs, huwa bbażat prinċipalment fuq testi eżistenti u jipprovdi biss ftit kjarifiki dwar is-servizzi anċillari u ċ-Ċentri Operattivi Reġjonali l-ġodda.

Il-Kapitolu VI tad-Direttiva proposta, li jistabbilixxi r-regoli dwar id-diżaggregazzjoni kif ġew żviluppati fil-kuntest tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, baqa' kif kien fir-rigward tar-regoli sostantivi ewlenin dwar id-diżaggregazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tliet reġimi għat-TSOs (separazzjoni tas-sjieda, operatur indipendenti tas-sistema u operatur indipendenti tat-trażmissjoni), kif ukoll fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar id-deżinjazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tat-TSOs. Jipprovdi biss kjarifika dwar il-possibbiltà li t-TSOs ikunu proprjetarji ta' faċilitajiet tal-ħżin, jew li jipprovdu servizzi anċillari.

Il-Kapitolu VII tad-Direttiva proposta jinkludi r-regoli dwar it-twaqqif, l-ambitu tas-setgħat u d-dmirijiet tar-regolaturi nazzjonali indipendenti tal-enerġija, kif ukoll ir-regoli dwar il-funzjonament tagħhom. Il-proposta tenfasizza b'mod partikolari l-obbligu tar-regolaturi li jikkooperaw mar-regolaturi ġirien u mal-ACER f'każ li jkunu kkonċernati kwistjonijiet ta' rilevanza transkonfinali u jaġġorna l-lista tal-kompiti tar-regolaturi, fost l-oħrajn fir-rigward tas-superviżjoni taċ-Ċentri Operattivi Reġjonali li jkunu għadhom kemm ġew stabbiliti.

Fil-Kapitolu VIII tad-Direttiva proposta jinbidlu xi dispożizzjonijiet ġenerali, fost l-oħrajn fir-rigward ta' derogi għad-Direttiva, tal-eżerċitar tas-setgħat delegati mill-Kummissjoni u fir-rigward tal-Kumitat stabbilit b'konformità mar-regoli dwar il-komitoloġija skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

L-Annessi l-ġodda tad-Direttiva proposta jistabbilixxu aktar rekwiżiti dwar l-għodod ta' tqabbil, dwar il-kontijiet u dwar l-informazzjoni relatata mal-fatturazzjoni, filwaqt li temenda r-rekwiżiti diġà eżistenti għall-miters intelliġenti u għall-implimentazzjoni tagħhom.

- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (Riformulazzjoni)**

Il-Kapitolu I tar-Regolament propost jistabbilixxi l-ambitu u s-suġġett, kif ukoll id-definizzjonijiet tat-termini li jintużaw fih. Huwa jenfasizza l-importanza ta' sinjali tas-suq mingħajr distorsjonijiet sabiex ikunu jistgħu jiżdiedu l-flessibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni u l-innovazzjoni, filwaqt li jaġġorna u jikkumplimenta d-definizzjonijiet ewlenin li jintużaw fir-Regolament.

Il-Kapitolu II tar-Regolament propost jintroduċi Artikolu ġdid li jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin li għandhom jiġu osservati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-enerġija sabiex ikun jista' jkun hemm suq intern tal-elettriku li jiffunzjona. Jistabbilixxi wkoll il-prinċipji legali ewlenin għar-regoli dwar il-kummerċ tal-elettriku f'perjodi ta' kummerċ differenti (swieq tal-ibbilanċjar, swieq tal-istess ġurnata, swieq ta' ġurnata bil-quddiem u swieq forward), inklużi l-prinċipji għall-formazzjoni tal-prezzijiet. Jagħti kjarifika dwar il-prinċipju tal-ibbilanċjar tar-responsabbiltà u jipprevedi qafas għal regoli li huma aktar kompatibbli mas-suq għall-konsenja u t-tnaqqis tar-rispons tal-ġenerazzjoni u tad-domanda, inklużi l-kundizzjonijiet għal kwalunkwe eċċezzjonijiet għalihom.

Il-Kapitolu III tar-Regolament propost jiddeskrivi l-proċess tad-definizzjoni ta' żoni tal-offerti b'mod koordinat, b'konformità mal-proċess ta' rieżami li nħoloq fir-Regolament 1222/2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni[25]. Sabiex tiġi indirizzata l-problema li qed tkompli tippersisti ta' limitazzjonijiet nazzjonali sinifikanti għall-flussi transkonfinali tal-elettriku, il-kundizzjonijiet għal tali limitazzjonijiet eċċezzjonali jiġu ċċarati, b'mod partikolari permezz ta' regoli li għandhom jiżguraw li l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-elettriku ma jkunux ristretti minn atturi nazzjonali għal raġunijiet ekonomiċi. Dan il-Kapitolu fih ukoll emendi għal prinċipji diġà eżistenti għat-tariffi tan-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u jistabbilixxi proċedura għat-trawwim tal-konverġenza b'mod progressiv tal-metodoloġiji tat-tariffi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni. Jistabbilixxi wkoll regoli emendati għall-użu tal-kirjiet ta' konġestjoni.

Il-Kapitolu IV tar-Regolament propost jistabbilixxi prinċipji ġenerali ġodda għall-indirizzar tat-tħassib dwar l-adegwatezza tar-riżorsi mill-Istati Membri b'mod koordinat. Jistabbilixxi għadd ta' prinċipji u proċedura għall-iżvilupp ta' valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi sabiex tiġi ddeterminata aħjar il-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' kapaċità u, jekk xieraq, sabiex jiġi ddeterminat l-iffissar ta' standard ta' affidabbiltà mill-Istati Membri. Jiċċara kif u taħt liema kondizzjonijiet tista' sseħħ l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kapaċità b'mod li huwa kompatibbli mas-suq. Jagħti wkoll kjarifika dwar prinċipji ta' disinn li huma kompatibbli mas-suq għal mekkaniżmi ta' kapaċità, inkluż regoli għall-parteċipazzjoni tal-kapaċità li tinsab fi Stat Membru ieħor u għal użi ta' interkonnessjoni. Jistipula kif iċ-Ċentri Operattivi Reġjonali, it-TSOs nazzjonali, l-ENTSO tal-elettriku u r-regolaturi nazzjonali, permezz tal-ACER, se jkunu involuti fl-iżvilupp ta' parametri tekniċi għall-parteċipazzjoni ta' kapaċitajiet li jinsabu fi Stat Membru ieħor, kif ukoll ir-regoli operattivi għall-parteċipazzjoni tagħhom.

Il-Kapitolu V tar-Regolament propost jistabbilixxi l-kompiti u d-dmirijiet tal-ENTSO tal-Elettriku u l-kompiti ta' monitoraġġ tal-ACER f'dan ir-rigward, filwaqt li jagħti kjarifika dwar l-obbligu tiegħu li jaġixxi b'mod indipendenti u għall-ġid tal-Ewropa. Jiddefinixxi l-missjoni taċ-Ċentri Operattivi Reġjonali u jistipula kriterji u proċedura għad-definizzjoni ta' reġjuni ta' operazzjoni tas-sistemi koperti minn kull Ċentru Operattiv Reġjonali, kif ukoll il-funzjonijiet ta' koordinazzjoni li jwettqu dawn iċ-ċentri. Jistabbilixxi wkoll l-arranġamenti dwar ix-xogħol u l-akkordji organizzazzjonali, ir-rekwiżiti ta' konsultazzjoni, ir-rekwiżiti u l-

[25] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24-72.

proċeduri għall-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet u r-reviżjoni tagħhom, il-kompożizzjoni u r-responsabbiltajiet tal-bord maniġerjali u l-akkordji dwar ir-responsabbiltà taċ-Ċentri Operattivi Reġjonali. Il-kapitolu jinkludi wkoll regoli dwar il-konnessjoni ta’ unitajiet ta’ koġenerazzjoni, li qabel kienu inklużi fid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija. Ir-regoli dwar pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk, dwar kumpens lil operaturi ta’ sistemi ta’ intertrażmissjoni, dwar l-iskambju ta’ informazzjoni u dwar iċ-ċertifikazzjoni jibqgħu fil-biċċa l-kbira l-istess.

Il-Kapitolu VI tar-Regolament propost jistabbilixxi entità Ewropea għad-DSOs u jiddefinixxi proċedura kemm għat-twaqqif kif ukoll għall-kompiti tiegħu, inkluż fir-rigward tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Jistipula wkoll regoli dettaljati dwar il-kooperazzjoni bejn id-DSOs u t-TSOs fir-rigward tal-ippjanar u tal-operat tan-netwerks tagħhom.

Il-Kapitolu VII tar-Regolament propost jistabbilixxi setgħat u regoli diġà eżistenti li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista’ tadotta atti delegati fil-forma ta’ kodiċijiet tan-netwerk jew linji gwida. Jipprevedi kjarifiki dwar in-natura ġuridika u l-adozzjoni ta’ kodiċijiet tan-netwerk u ta’ linji gwida, filwaqt li jwessa’ l-kontenut possibbli tagħhom biex ikopri oqsma bħall-istrutturi tat-tariffi tad-distribuzzjoni; regoli dwar il-forniment ta’ servizzi anċillari mhux tal-frekwenza; regoli dwar ir-rispons fin-naħa tad-domanda, dwar il-ħżin tal-enerġija u dwar it-tnaqqis tad-domanda; regoli dwar iċ-ċibersigurtà; regoli dwar iċ-Ċentri Operattivi Reġjonali; u t-tnaqqis tal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-ġenerazzjoni u tad-domanda. Jissimplifika l-proċedura għall-elaborazzjoni ta’ kodiċijiet tan-netwerks tal-elettriku u jagħti lir-regolaturi nazzjonali l-possibbiltà li jiddeċiedu fi ħdan l-ACER rigward kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u tal-linji gwida. Fih, l-entità Ewropea għad-DSOs u l-partijiet ikkonċernati l-oħra ġew inklużi aktar fil-qrib fil-proċess tal-iżvilupp ta’ proposti għal kodiċijiet tan-netwerks tal-elettriku.

Il-Kapitolu VIII tar-Regolament propost jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finali tar-Regolament propost. Jinkludi r-regoli diġà eżistenti għall-eżenzjoni ta’ interkonnetturi ġodda tal-kurrent dirett minn ċerti rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Elettriku u tar-Regolament dwar l-Elettriku, filwaqt li jagħti kjarifika dwar il-proċedura għall-emendar sussegwenti tagħhom mill-NRAs.

L-Anness tar-Regolament propost jiddefinixxi b’mod aktar dettaljat il-funzjonijiet mogħtija liċ-Ċentri Operattivi Reġjonali maħluqa bir-Regolament.

- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Riformulazzjoni)**

B’mod ġenerali, ir-regoli dwar l-ACER ġew proposti biex jiġu adattati għall-“Approċċ Komuni” dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE miftiehem bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea (Approċċ Komuni)[26]. Madankollu, ikun ħafna aħjar għall-ACER li f’dan l-istadju jinżammu devjazzjonijiet limitati mill-“Approċċ Komuni”.

Il-Kapitolu I tar-Regolament propost jiddeskrivi r-rwol, l-għanijiet u l-kompiti tal-ACER u t-tip ta’ atti li tista’ tadotta, filwaqt li jipprevedi regoli dwar il-konsultazzjonijiet u l-monitoraġġ. Il-lista tal-kompiti ġiet aġġornata biex tinkludi d-dmirijiet tal-ACER fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq tal-operaturi u tal-infrastruttura transkonfinali li ġew attribwiti lill-ACER wara l-adozzjoni tar-Regolament.

[26] Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea tad-19.7.2012 dwar l-aġenziji deċentralizzati.

Rigward l-adozzjoni ta' kodiċijiet tan-netwerk tal-elettriku, l-ACER qed tingħata aktar responsabbiltà b'rabta mal-elaborazzjoni u s-sottomissjoni tal-proposta finali għal kodiċi tan-netwerk lill-Kummissjoni, filwaqt li nżamm ir-rwol tal-ENTSO-E bħala espert tekniku. Il-proposta tinkludi wkoll pożizzjoni formali għar-rappreżentazzjoni tad-DSOs fil-livell tal-UE, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' proposti għal kodiċijiet tan-netwerk, b'konformità ma' żieda fir-responsabbiltajiet tagħhom. L-Aġenzija għandha s-setgħa li tiddeċiedi rigward it-termini, il-metodoloġiji u l-algoritmi għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u tal-linji gwida tal-elettriku.

Ġie introdott proċess reġjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal kompiti f'kuntest reġjonali li jikkonċernaw biss numru limitat ta' regolaturi nazzjonali. Fid-dawl ta' dan, id-Direttur għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar jekk il-kwistjoni kkonċernata hijiex primarjament ta' rilevanza reġjonali. Jekk il-Bord ta' Regolaturi jaqbel li dan huwa l-każ, id-deċiżjoni kkonċernata għandha titħejja minn sottokumitat reġjonali tal-Bord ta' Regolaturi biex fl-aħħar jew tittieħed jew tiġi miċħuda mill-istess Bord ta' Regolaturi. F'każijiet oħra, il-Bord ta' Regolaturi jista' jieħu d-deċiżjoni mingħajr l-intervent ta' sottokumitat reġjonali.

Dan il-kapitolu jiddefinixxi wkoll għadd ta' kompiti ġodda għall-ACER b'rabta mal-koordinazzjoni ta' ċertu funzjonijiet relatati maċ-Ċentri Operattivi Reġjonali fi ħdan l-Aġenzija, b'rabta mas-superviżjoni ta' Operaturi Nominati tas-Suq tal-Elettriku u li huma relatati mal-approvazzjoni ta' metodi, kif ukoll proposta dwar l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni u t-tħejjija għar-riskji.

Il-Kapitolu II tar-Regolament propost jinkludi regoli organizzazzjonali li jikkonċernaw lill-Bord Amministrattiv, lill-Bord ta' Regolaturi, lid-Direttur, lill-Bord tal-Appell u, bħala dispożizzjoni ġdida, regoli dwar il-gruppi ta' ħidma tal-Aġenzija. Filwaqt li jadatta diversi dispożizzjonijiet individwali għall-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE jew għar-regoli l-ġodda tal-Kunsill rigward il-votazzjoni, ma jġib l-ebda bidla fil-karatteristiki prinċipali tal-istruttura eżistenti ta' governanza, b'mod partikolari f'dawk tal-Bord ta' Regolaturi.

Din id-devjazzjoni tal-ACER mill-Approċċ Komuni hija ġustifikata kif ġej:

L-għanijiet ewlenin tal-Politika Ewropea dwar l-Elettriku, tas-sigurtà tal-provvista, tal-affordabbiltà tal-elettriku u tad-dekarbonizzazzjoni jistgħu jintlaħqu bl-aktar mod kosteffikaċi permezz ta' suq Ewropew tal-elettriku integrat. Għaldaqstant, l-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku qed issir dejjem aktar interkonnessa u qed isir kummerċ transkonfinali ta' volumi dejjem akbar ta' elettriku, filwaqt li l-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni qed jiġu kondiviżi fuq skala Ewropea u s-sistema ta' trażmissjoni qed titħaddem filwaqt li jitqiesu l-aspetti reġjonali u transkonfinali. Dawn il-pakketti leġiżlattivi qed ikomplu jsaħħu dawn ix-xejriet, li huma mistennija jirriżultaw f'elementi ta' effiċjenza għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej.

Il-ftuħ tas-settur għall-kompetizzjoni huwa prekondizzjoni għall-ħolqien ta' suq intern tal-elettriku. Bħal f'setturi oħra tal-ekonomija, il-ftuħ tas-suq tal-elettriku kien jeħtieġ regolamenti ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, kif ukoll sorveljanza regolatorja. Għal dan l-għan ġew stabbiliti awtoritajiet regolatorji indipendenti. Dawn l-entitajiet għad għandhom responsabbiltà partikolari fil-kuntest tas-sorveljanza tar-regoli nazzjonali u Ewropej applikabbli għas-settur tal-elettriku.

Madankollu, minħabba ż-żieda fil-kummerċ transkonfinali u l-operat tas-sistema li jqis il-kuntest reġjonali u Ewropew, l-NRAs kellhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom dejjem aktar ma' NRAs minn Stati Membri oħra. L-ACER kienet iddisinjata bil-ħsieb li ssir pjattaforma għal din l-interazzjoni u ilha tissodisfa dan l-obbligu sa mill-ħolqien tagħha fl-2011. Il-korp fi ħdan l-Aġenzija fejn jitħejjew il-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u d-

deċiżjonijiet tal-Aġenzija, flimkien mal-persunal tal-ACER, huwa l-Bord ta' Regolaturi li fost il-membri tiegħu jinkludi rappreżentanti anzjani tal-NRAs u rappreżentant tal-Kummissjoni mingħajr dritt tal-vot. Fis-snin bikrin wara t-twaqqif tal-Aġenzija ntwera li l-Bord ta' Regolaturi rnexxielu jikkontribwixxi lejn it-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija b'mod effettiv.

Peress li l-biċċa l-kbira tas-swieq tal-enerġija huma regolati f'livell nazzjonali, fis-swieq tal-enerġija r-regolaturi nazzjonali jitqiesu bħala atturi bi rwol ewlieni. Ir-rwol prinċipali tal-ACER mhuwiex it-twettiq ta' kompetenzi regolatorji delegati tal-Kummissjoni, iżda l-koordinazzjoni tad-deċiżjonijiet regolatorji ta' regolaturi nazzjonali indipendenti. Din il-proposta leġiżlattiva ftit li xejn biddlet dan it-tqassim tar-rwoli. L-istruttura attwali toħloq bilanċ preċiż tas-setgħat bejn l-atturi differenti, filwaqt li tqis il-karatteristiki speċjali tas-suq intern tal-enerġija li qed jiżviluppa. Bidla fil-bilanċ f'dan l-istadju tista' twassal għar-riskju li l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ta' politika fil-proposti leġiżlattivi tiġi perikolata, bir-riżultat li jinħolqu ostakli għall-integrazzjoni ulterjuri tas-suq tal-enerġija, li hija l-għan ewlieni ta' din il-proposta. Għalhekk jidher li għadu kmieni biex is-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet jiġu trasferiti lill-Bord Maniġerjali kif previst fl-Approċċ Komuni. Minflok, jidher li jkun aktar xieraq li kieku tinżamm l-istruttura attwali li tiżgura li r-regolaturi nazzjonali jaġixxu mingħajr ebda intervent dirett min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE jew tal-Istati Membri fil-kwistjonijiet speċifiċi. Fl-istess ħin, il-ħidma ġenerali tar-regolaturi għadha soġġetta għall-approvazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' dokumenti ta' programmazzjoni u ta' dokumenti strateġiċi u baġitarji. L-istituzzjonijiet tal-UE huma involuti wkoll fi kwistjonijiet amministrattivi. Bħala konsegwenza ta' dan, ma ġiex propost li jsiru bidliet fl-istruttura u fl-operat tal-Bord ta' Regolaturi eżistenti.

Bl-istess mod, ma ġiex propost li l-kunċett tal-Bord Amministrattiv jiġi adattat għall-mudell tal-Bord Maniġerjali tal-Approċċ Komuni. Tul dawn l-aħħar snin intwera li l-kompożizzjoni attwali tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija kienet partikolarment effettiva u effiċjenti. It-tħaddim tagħha huwa żgurat minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Għalkemm f'dan l-istadju l-Kummissjoni ma tqisx li hu xieraq li l-istruttura ta' governanza tal-Aġenzija tiġi adattata bis-sħiħ għall-Approċċ Komuni, hija se tkompli twettaq il-monitoraġġ tagħha biex tiddetermina jekk id-devjazzjonijiet mill-Approċċ Komuni li ġew deskritti għadhomx ġustifikati. L-evalwazzjoni li jmiss, li se tinvolvi t-twettiq ta' valutazzjoni tal-għanijiet, tal-mandat u tal-kompiti tal-Aġenzija, mistennija ssir fl-2021 u se tiffoka b'mod partikolari fuq l-istruttura ta' governanza tal-Aġenzija.

Il-Kapitolu III tar-Regolament propost jinkludi dispożizzjonijiet finanzjarji. Qed jiġu proposti diversi dispożizzjonijiet individwali biex jiġu adattati għall-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati.

Il-Kapitolu IV tar-Regolament propost jaġġorna diversi dispożizzjonijiet individwali b'konformità mal-Approċċ Komuni u jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-istaff u r-responsabbiltà li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma sarulhom ebda bidliet.

🡻 2009/72/KE (adattat)

2016/0380 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku ~~u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE~~

(riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

🡻 2009/72/KE (adattat)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫, u b'mod partikolari ~~l-Artikoli 47(2) u 55 u 95~~ ⌦ l-Artikolu 194(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⌦ Ewropea ⌫ ,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[27],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[28],

Filwaqt li jaġixxu skont ~~il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat~~ ⌦ il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⌫ ,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Għandhom isiru għadd ta' emendi lid-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. Fl-interessi taċ-ċarezza, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata.

[27] ĠU C 211, 19.8.2008, p. 23.
[28] ĠU C 172, 5.7.2008, p. 55.

🡻 2009/72/KE (adattat) premessa 1
⇨ ġdid

(2) Is-suq intern fil-qasam tal-elettriku, li ġie implimentat progressivament ~~fil-Komunità sa~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ mill-1999, għandu l-għan, ⇨ permezz tal-organizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku kompetittivi li jaqsmu l-fruntieri tal-pajjiżi, ⇦ li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha tal-Unjoni Ewropea, kemm jekk ikunu ċittadini kif ukoll jekk ikunu negozji, opportunitajiet ġodda ta' negozju ~~u aktar kummerċ transkonfinali, sabiex jinkiseb titjib fl-effiċjenza~~, prezzijiet kompetittivi, ⇨ sinjali ta' investimenti effiċjenti ⇦ ~~u~~ standards ogħla ta' servizzi, u għandu l-għan ukoll li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u s-sostenibilità.

🡻 2009/72/KE (adattat) premessa 2
⇨ ġdid

(3) Id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku~~[30] ⇨ u d-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⇦ ~~għamlet~~ għamlu kontribut sinifikanti lejn il-ħolqien ta' tali suq intern tal-elettriku. ⇨ Madankollu, s-sistema tal-enerġija tal-Ewropa għaddejja minn bidla kbira. L-għan komuni għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija joħloq opportunitajiet u sfidi ġodda għall-parteċipanti tas-suq. Fl-istess ħin, l-iżviluppi teknoloġiċi jippermettu forom ġodda ta' parteċipazzjoni tal-konsumaturi u ta' kooperazzjoni transkonfinali. Teżisti l-ħtieġa li r-regoli tas-suq tal-Unjoni jiġu adattati għal realtà ġdida tas-suq ⇦.

⇩ ġdid

(4) Il-Qafas Strateġiku tal-Unjoni tal-Enerġija jistabbilixxi l-viżjoni ta' Unjoni tal-Enerġija biċ-ċittadini fil-qofol tagħha, fejn iċ-ċittadini jieħdu s-sjieda tat-tranżizzjoni tal-enerġija, jibbenefikaw minn teknoloġiji ġodda biex jitnaqqsu l-kontijiet tagħhom, jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq, u fejn il-konsumaturi vulnerabbli jkunu protetti.

⇩ ġdid

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2015 "Inwasslu Patt Ġdid għall-konsumaturi tal-enerġija[31]" ipproponiet il-viżjoni tal-Kummissjoni għal suq bl-imnut li jaqdi lill-konsumaturi tal-enerġija b'mod aħjar, fost l-oħrajn billi s-swieq tal-ingrossa

[29] Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE
[30] ~~ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37-56.~~
[31] COM (2015) 339 finali tal-15.7.2015.

u dawk bl-imnut jingħaqdu b'mod aħjar. Huma u jieħdu vantaġġ minn teknoloġija ġdida, jenħtieġ li kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija ġodda u innovattivi jippermettu lill-konsumaturi jieħdu sehem sħiħ fit-tranżizzjoni tal-enerġija, u jimmaniġġaw il-konsum tagħhom biex jaslu għal soluzzjonijiet effiċjenti fil-konsum tal-enerġija, li jiffrankawlhom il-flus u jikkontribwixxu għal tnaqqis ġenerali tal-konsum tal-enerġija.

⇩ ġdid

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2015 "Tnedija tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar disinn ġdid tas-suq tal-enerġija"[32] enfasizzat li t-tbegħid mill-ġenerazzjoni minn impjanti tal-enerġija kbar lejn produzzjoni deċentralizzata minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u s-swieq dekarbonizzati jeħtieġ adattament tar-regoli attwali dwar il-kummerċ fl-elettriku u tibdil tar-rwoli eżistenti fis-suq. Saħqet dwar il-ħtieġa li s-swieq tal-elettriku jiġu organizzati b'mod aktar flessibbli u li l-atturi kollha tas-suq jiġu integrati - fosthom il-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, il-fornituri tas-servizzi tal-enerġija l-ġodda, il-ħżin tal-enerġija u d-domanda flessibbli.

⇩ ġdid

(7) Minbarra l-isfidi l-ġodda, id-Direttiva l-ġdida tfittex ukoll li tindirizza x-xkiel persistenti għat-tlestija tas-suq intern tal-elettriku. Huwa meħtieġ qafas regolatorju li jikkontribwixxi sabiex jingħelbu l-problemi attwali ta' swieq nazzjonali frammentati li ta' spiss għadhom determinati minn livell għoli ta' interventi regolatorji. Interventi bħal dawn wasslu għal ostakoli għall-bejgħ tal-elettriku b'kundizzjonijiet ġusti kif ukoll għal spejjeż ogħla meta mqabbla ma' soluzzjonijiet ibbażati fuq il-kooperazzjoni transkonfinali u prinċipji bbażati fuq is-suq.

⇩ ġdid

(8) Il-konsumaturi huma essenzjali biex tinkiseb il-flessibilità meħtieġa biex is-sistema tal-elettriku tiġi adattata għall-ġenerazzjoni rinnovabbli varjabbli u distribwita. Il-progress teknoloġiku fil-ġestjoni tal-grilja u l-ġenerazzjoni rinnovabbli wasslu għal bosta opportunitajiet għall-konsumaturi. Ukoll, kompetizzjoni b'saħħitha fis-swieq tal-bejgħ bl-imnut se tkun essenzjali biex jiġi żgurat il-ftuħ ta' servizzi innovattivi ġodda li jirrispondu għal ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-konsumaturi dejjem jinbidlu filwaqt li jżidu l-flessibbiltà tas-sistema. Jekk il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jieħdu sehem akbar u innovattiv fis-suq tal-enerġija, jenħtieġ li ċ-ċittadini għandhom igawdu mis-suq intern għall-elettriku u jenħtieġ li l-miri tal-Unjoni għas-sorsi rinnovabbli jintlaħqu.

---

[32] COM (2015) 340 finali tal-15.7.2015.

🡻 2009/72/KE premessa 3

(9) Il-libertajiet li t-Trattat jiggarantixxi liċ-ċittadini tal-Unjoni — inter alia, il-moviment ħieles tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi — jistgħu jinkisbu biss f'suq miftuħ kompletament, li jippermetti lill-konsumaturi kollha li jagħżlu liberament il-fornituri tagħhom u li jippermetti lill-fornituri kollha biex jikkunsinjaw liberament il-prodotti lill-klijenti tagħhom.

🡻 2009/72/KE premessa 57

(10) Il-promozzjoni tal-kompetizzjoni ġusta u ta' aċċess faċli għall-fornituri differenti ~~kif ukoll it-trawwim ta' kapaċità ġdida għall-ġenerazzjoni tal-elettriku ġdida,~~ ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu tal-ogħla importanza għall-Istati Membri sabiex jippermettu li l-konsumaturi jisfruttaw ~~jaħtfu~~ bis-sħiħ l-opportunitajiet ta' suq intern liberalizzat tal-elettriku.

🡻 2009/72/KE premessa 8
⇨ ġdid

(11) Sabiex jiġu żgurati l-kompetizzjoni u l-provvista tal-elettriku bl-aktar prezz kompetittiv, l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċess transkonfinali għall-fornituri l-ġodda tal-elettriku minn sorsi differenti tal-enerġija kif ukoll għall-fornituri l-ġodda tal-ġenerazzjoni tal-enerġija~~.~~ ⇨ , l-ħżin u r-rispons tad-domanda tal-enerġija. ⇦

🡻 2009/72/KE premessa 60

(12) L-iżgurar ta' regoli komuni għal suq intern tassew Ewropew li jopera tajjeb u l-forniment wiesa' ta' elettriku ~~elettriċità~~ aċċessibbli għal kulħadd ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu fost l-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva. Għal dak il-għan, il-prezzijiet tas-suq mingħajr tgħawwiġ jistgħu jipprovdu inċentiv għall-interkonnessjonijiet transkonfinali u għal investimenti fil-ġenerazzjoni ta' enerġija ġdida filwaqt li jwasslu, fuq perjodu ta' żmien fit-tul, għall-konverġenza fil-prezzijiet.

🡻 2009/72/KE premessa 56

(13) Il-prezzijiet tas-suq ~~għandhom~~ jenħtieġ li jagħtu l-inċentivi t-tajba għall-iżvilupp tan-network u biex ikun hemm investiment fil-ġenerazzjoni tal-elettriku ġdida.

🡻 2009/72/KE premessa 22 (adattat)

(14) ~~Taħt din id-Direttiva t~~Tipi differenti ta' organizzazzjoni tas-suq ~~ser ikunu~~ jeżistu fis-suq intern tal-elettriku. Il-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jiżguraw livell

ta' kondizzjonijiet ugwali ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu bbażati fuq rekwiżiti prevalenti ta' interess ġenerali. Il-Kummissjoni ~~għandhom~~ jenħtieġ li tiġi kkonsultata dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri mat-Trattat u mal-liġi tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫.

⇩ ġdid

(15) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jimponu obbligi ta' servizz pubbliku fuq l-impriżi tal-elettriku sabiex jintlaħqu għanijiet ta' interess ekonomiku ġenerali. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li klijenti domestiċi u, fejn l-Istati Membri jqisuh xieraq, impriżi żgħar, igawdu d-dritt li jkunu fornuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet komparabbli b'mod ċar, trasparenti u kompetittivi. Madankollu, obbligi ta' servizz pubbliku f'forma ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet tal-provvista jikkostitwixxu miżura li tfixkel b'mod fundamentali, li ta' spiss twassal għal akkumulazzjoni ta' żbilanċi tariffarji, limitazzjoni tal-għażla tal-konsumatur, inċentivi aktar dgħajfa għall-iffrankar tal-enerġija u investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija, standards aktar baxxi tas-servizz, involviment u sodisfazzjoni aktar baxxi tal-konsumatur, restrizzjoni tal-kompetizzjoni kif ukoll inqas prodotti u servizzi innovattivi fis-suq. B'konsegwenza, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw għodod ta' politika oħra, u b'mod partikolari miżuri ta' politika soċjali mmirati biex il-prezzijiet tal-provvista tal-elettriku jibqgħu raġjonevoli. L-interventi fl-issettjar tal-prezzijiet jenħtieġ li jiġu applikati biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali limitati. Suq tal-bejgħ tal-elettriku bl-imnut kompletament liberalizzat jistimula l-kompetizzjoni, kemm mil-lat tal-prezzijiet kif ukoll minn lati oħra, fost il-fornituri eżistenti. Barra minn hekk, iservi ta' inċentiv għad-dħul ta' atturi ġodda fis-suq biex b'hekk jittejbu l-għażla u s-sodisfazzjoni tal-konsumaturi.

🡻 2009/72/KE premessa 45 (adattat)

(16) ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li klijenti domestiċi u, fejn l-Istati Membri jqisuh adatt, impriżi żgħar, igawdu d-dritt li jkunu fornuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet komparabbli b'mod ċar, trasparenti u raġonevoli.~~ Biex tkun żgurata ż-żamma ta' standards għoljin ta' servizz pubbliku ⌦ fl-Unjoni ⌫ ~~fil-Komunità~~, il-miżuri kollha li jkunu ttieħdu mill-Istati Membri biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu notifikati regolarment lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ~~għandhom~~ jenħtieġ li tippubblika b'mod regolari rapport li janalizza l-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali biex jinkisbu l-għanijiet tas-servizz pubbliku u biex iqabbel l-effikaċja tagħhom, bil-ħsieb li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq livell nazzjonali biex jinkisbu standards għoljin ta' servizz pubbliku. ~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu klijenti vulnerabbli fil-kuntest tas-suq intern tal-elettriku. Tali miżuri jistgħu jkunu differenti skont iċ-ċirkustanzi partikolari fl-Istati Membri in-kwistjoni u jistgħu jinkludu miżuri speċifiċi li jkunu jikkonċernaw il-ħlasijiet ta' kontijiet tal-elettriku, jew miżuri aktar ġenerali meħuda fis-sistema tas-sigurtà soċjali. Meta servizz universali jingħata wkoll lil impriżi żgħar, il-miżuri biex ikun żgurat li dan is-servizz universali ikun tabilħaqq provdut jistgħu jkunu differenti skont jekk ikunux immirati lejn klijenti domestiċi jew lejn l-impriżi żgħar.~~

🡻 2009/72/KE premessa 47

(17) L-Istati Membri jistgħu jaħtru fornitur bħala l-aħħar għażla tagħhom. Dak il-fornitur jista' jkun it-taqsima tal-bejgħ ta' impriża integrata vertikalment, li tkun twettaq ukoll il-funzjonijiet ta' distribuzzjoni, sakemm din tissodisfa r-rekwiżiti tas-separazzjoni f'din id-Direttiva.

🡻 2009/72/KE premessa 48 (adattat)

(18) Il-miżuri implementati mill-Istati Membri biex jinkisbu l-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika u soċjali jistgħu jinkludu, b'mod speċjali, id-dispożizzjoni ta' inċentivi ekonomiċi adegwati, bl-użu, meta jkun adatt, tal-mezzi kollha eżistenti kemm nazzjonali u kemm dawk tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫. Dawn il-mezzi jistgħu jinkludu mekkaniżmi ta' responsabbiltà biex jiggarantixxu l-investiment meħtieġ.

🡻 2009/72/KE premessa 49 (adattat)

(19) Safejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jaderixxu mal-obbligi tas-servizz pubbliku jkunu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu ~~87(1)~~ ⌦ 107(1) ⌫ tat-Trattat, hemm obbligu taħt l-Artikolu ~~88(3)~~ ⌦ 108(3) ⌫ tat-Trattat li dawn jinnotifikawhom lill-Kummissjoni.

🡻 2009/72/KE (adattat) premessa 52
⇨ ġdid

(20) Il-konsumaturi ~~għandu~~ jenħtieġ li jkollhom informazzjoni ċara u li tiftiehem dwar id-drittijiet tagħhom rigward is-settur tal-enerġija. Il-Kummissjoni ~~għandha tistabbilixxi, wara li tikkonsulta mal-partijiet interessati~~, ⌦ stabilixxiet, wara li kkonsultat il-partijiet interessati rilevanti ⌫, fosthom l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-intrapriżi tal-elettriku, lista għall-konsumaturi tal-enerġija ~~li tintuża faċilment u~~ li tipprovdi lill-konsumaturi b'informazzjoni prattika dwar id-drittijiet tagħhom. Dik il-lista għall-konsumaturi tal-enerġija ~~għandha~~ jenħtieġ li ⇨ tinżamm aġġornata, ⇦ tiġi pprovduta lill-konsumaturi kollha u ~~għandha~~ tkun disponibbli għall-pubbliku.

⇩ ġdid

(21) Attwalment, hemm diversi fatturi li jimpedixxu lill-konsumaturi milli jkollhom aċċess, jifhmu u jieħdu azzjoni abbażi tas-sorsi varji ta' informazzjoni tas-suq disponibbli. Għal dak l-għan, il-paragunabbiltà tal-offerti jenħtieġ li tittejjeb u l-ostakli għall-bdil

għandhom jiġu minimizzati kemm jista' jkun mingħajr ma tiġi limitata bla bżonn l-għażla għall-konsumaturi.

⇩ ġdid

(22) Il-klijenti għadhom iħabbtu wiċċhom ma' firxa wiesgħa ta' tariffi, direttament jew indirettament bħala riżultat tal-bdil tal-fornitur tal-enerġija. Tariffi bħal dawn iwasslu biex ikun diffiċli li wieħed jikkalkula x'ikun l-aqwa prodott jew servizz u jnaqqsu l-vantaġġ finanzjarju immedjat ta' bdil minn fornitur għall-ieħor. Minkejja li t-tneħħija ta' tali tariffi jista' jillimita l-għażla tal-konsumaturi billi jelimina prodotti li jippremjaw il-lealtà tal-konsumaturi, ir-restrizzjoni tal-użu tagħhom għandu jtejjeb il-benessri tal-konsumatur, l-involviment tiegħu u l-kompetizzjoni fis-suq.

⇩ ġdid

(23) L-għodod tat-tqabbil indipendenti, fosthom il-websites, huma mezz effettiv għall-konsumaturi sabiex jivvalutaw il-merti ta' offerti differenti tal-enerġija disponibbli fis-suq. Il-kostijiet tat-tiftix jkunu aktar baxxi peress li ma jibqax ikun hemm il-ħtieġa li l-informazzjoni tinġabar minn fornituri tas-servizzi individwali. Għodod bħal dawn jistgħu jipprovdu l-aħjar bilanċ bejn il-ħtieġa biex l-informazzjoni tkun ċara u konċiża u l-ħtieġa li tkun sħiħa u komprensiva. Jenħtieġ li jimmiraw li jinkludu l-usa' firxa possibbli ta' offerti disponibbli u li jkopru s-suq bl-aqwa mod possibbli biex il-konsumatur jingħata ħarsa ġenerali rappreżentattiva. Huwa kruċjali li l-informazzjoni mogħtija dwar tali għodod tkun affidabbli, imparzjali u trasparenti.

🡻 2009/72/KE premessa 54

(24) Id-disponibilità ta' mezzi effettivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim għall-konsumaturi kollha tiggarantixxi ħarsien akbar tal-konsumaturi. L-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jintroduċu proċeduri rapidi u effettivi għat-trattar tal-ilmenti.

⇩ ġdid

(25) Il-konsumaturi kollha jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn parteċipazzjoni diretta fis-suq, b'mod partikolari billi jaġġustaw il-konsum tagħhom skont is-sinjali tas-suq, u b'hekk jibbenefikaw minn prezzijiet aktar baxxi għall-elettriku jew ħlasijiet ta' inċentiv oħra. Il-benefiċċji ta' din il-parteċipazzjoni attiva x'aktarx jiżdiedu maż-żmien meta l-vetturi elettriċi, il-pompi tas-sħana u tagħbijiet flessibbli oħra jsiru aktar kompetittivi. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-forom kollha ta' rispons tad-domanda u għalhekk jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu li jkollhom sistema ta' kejl intelliġenti u kuntratt ta' pprezzar dinamiku tal-elettriku. Dan jenħtieġ li jippermettilhom jadattaw il-konsum skont is-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali li jirriflettu l-valur u l-kost tal-elettriku jew it-trasport f'perjodi ta' ħin differenti, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw esponiment raġonevoli ta' konsumaturi għar-riskju tal-prezzijiet bl-ingrossa. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li dawk il-konsumaturi li jagħżlu li ma jkunux attivament involuti fis-suq ma jiġux

ippenalizzati, iżda minflok jenħtieġ li jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet informati tagħhom dwar l-għażliet disponibbli li l-aktar ikunu xierqa għal kundizzjonijiet tas-suq domestiċi.

(26) Il-gruppi kollha tal-konsumaturi (industrijali, kummerċjali u domestiċi) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal swieq tal-enerġija biex ikunu jistgħu jikkummerċjaw il-flessibbiltà u l-elettriku li jiġġeneraw huma stess. Il-klijenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-vantaġġi tal-aggregazzjoni tal-produzzjoni u l-provvista fuq reġjuni akbar u jibbenefikaw mill-kompetizzjoni transkonfinali. L-aggregaturi x'aktarx ikollhom rwol importanti bħala intermedjarji bejn il-gruppi ta' klijenti u s-suq. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli trasparenti u ġusti biex l-aggregaturi indipendenti jitħallew jissodisfaw dan ir-rwol. Il-prodotti jenħtieġ li jiġu ddefiniti fuq is-swieq organizzati kollha tal-enerġija, inklużi s-swieq tas-servizzi anċillari u tal-kapaċità biex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni tar-rispons tad-domanda.

(27) "L-Istrateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi"[33] tenfasizza l-ħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tiegħu, speċjalment f'żoni urbani, u tenfasizza r-rwol importanti jista' jkollha l-elettromobbiltà biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, l-adozzjoni tal-elettromobbiltà tikkostitwixxi element importanti tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Ir-regoli tas-suq stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li għalhekk jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-vetturi elettriċi ta' kull tip. B'mod partikolari, jeħtieġ li jħarsu l-introduzzjoni effettiva ta' punti tal-iċċarġjar privati għall-vetturi elettriċi, aċċessibbli pubblikament u jiżguraw l-integrazzjoni effiċjenti tal-iċċarġjar tal-vetturi fit-tħaddim tas-sistema.

(28) Ir-rispons tad-domanda se jkun ċentrali biex jippermetti l-iċċarġjar intelliġenti tal-vetturi elettriċi u b'hekk dawn jiġu integrati b'mod effiċjenti fil-grilja tal-elettriku - element kruċjali fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.

(29) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkunsmaw, jaħżnu u/jew ibigħu l-elettriku li jiġġeneraw lis-suq. Żviluppi teknoloġiċi ġodda se jiffaċilitaw dawn l-attivitajiet fil-ġejjieni. Madankollu, jeżistu ostakli kummerċjali u legali, bħalma huma tariffi sproporzjonati għall-elettriku kkunsmat internament, l-obbligi li l-elettriku ġġenerat jiġi trażmess lis-sistema tal-elettriku, piżijiet amministrattivi bħalma huma dawk għall-klijenti ġeneraturi li jbigħu l-elettriku lis-sistema biex jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-fornituri eċċ. Dawn l-ostakli kollha jxekklu lill-konsumaturi biex jiġġeneraw l-elettriku huma stess u wkoll biex jikkunsmaw, jaħżnu jew ibigħu l-elettriku li jiġġeneraw lis-suq, jenħtieġ li jitneħħew filwaqt li jiġi żgurat li l-konsumaturi li jiġġeneraw l-elettriku jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-kostijiet tas-sistema.

(30) It-teknoloġiji tal-enerġija distribwita u l-emanċipazzjoni tal-konsumatur wasslu biex l-enerġija komunitarja u l-kooperattivi tal-enerġija jsiru mezz effikaċi u kosteffiċjenti biex jintlaħqu l-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward tas-sorsi tal-enerġija, is-servizzi u l-parteċipazzjoni lokali. L-enerġija komunitarja toffri għażla inklużiva għall-konsumaturi kollha biex ikollhom rwol dirett fil-produzzjoni, fil-konsum jew fil-qsim tal-enerġija ma' xulxin fi ħdan netwerk komunitarju f'delimitazzjoni ġeografika li tista' topera f'modalità iżolata inkella f'konnessjoni man-netwerk pubbliku tad-distribuzzjoni. L-inizjattivi tal-enerġija komunitarja jiffokaw primarjament fuq il-forniment ta' tip speċifiku ta' enerġija, bħal pereżempju l-enerġija rinnovabbli, bi prezzijiet raġjonevoli għall-membri tagħhom jew azzjonisti, minflok ma jagħtu

[33] SWD(2016) 244 finali

prijorità lill-profitti, kif kieku tagħmel kumpanija tal-enerġija tradizzjonali. Permezz tal-involviment dirett tal-konsumaturi, l-inizjattivi tal-enerġija komunitarja qegħdin juru l-potenzjal tagħhom biex jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' teknoloġiji u xejriet ta' konsum ġodda, inklużi grilji tad-distribuzzjoni intelliġenti u rispons tad-domanda, b'mod integrat. L-enerġija komunitarja tista' wkoll tavvanza l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fuq il-livell tal-konsumaturi domestiċi u tgħin fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku permezz ta' tnaqqis tal-konsum u tariffi ta' forniment aktar baxxi. L-enerġija komunitarja tippermetti wkoll li ċerti gruppi ta' konsumaturi domestiċi jipparteċipaw fis-suq tal-enerġija li kieku ma setgħux jagħmlu dan. Fejn tħaddmu b'suċċess, inizjattivi bħal dawn taw valur ekonomiku, soċjali u ambjentali fil-komunità, li jmur lil hinn minn sempliċi benefiċċji li jirriżultaw mill-forniment tas-servizzi tal-enerġija. Il-komunitajiet tal-enerġija lokali jenħtieġ li jitħallew joperaw fis-suq f'kundizzjonijiet ġusti mingħajr distorsjoni fil-kompetizzjoni. Il-konsumaturi domestiċi jenħtieġ li jitħallew jipparteċipaw fuq bażi volontarja f'inizjattiva ta' enerġija komunitarja kif ukoll li jitilqu minnha mingħajr ma jitilfu l-aċċess għan-netwerk imħaddem mill-inizjattiva tal-enerġija komunitarja jew id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi. L-aċċess għal netwerk ta' komunità tal-enerġija lokali jenħtieġ li jingħata b'termini ġusti u li jirriflettu l-kostijiet.

(31) Il-kontijiet tal-enerġija u r-rendikonti annwali huma mezz importanti li bih jinżammu infurmati l-klijenti. Minbarra dejta dwar il-konsum u l-kostijiet, jistgħu wkoll iwasslu informazzjoni oħra li tgħin lill-konsumaturi jqabblu l-kuntratt attwali tagħhom ma' offerti oħra. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li tilwim relatat mal-kontijiet huwa sors komuni ħafna ta' lmenti mill-konsumaturi, fattur li jikkontribwixxi għal livelli persistentement baxxi ta' sodisfazzjon tal-konsumaturi u involviment fis-settur tal-enerġija, huwa meħtieġ l-kontijiet u r-rendikonti annwali jsiru aktar ċari u faċli li jinftiehmu, kif ukoll li jiġi żgurat li l-kontijiet ikun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, iqabblu l-offerti u jaqilbu minn fornitur għall-ieħor.

↓ 2009/72/KE premessa 27

(32) L-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jinkoraġġixxu l-modernizzazzjoni tan-netwerks ta' distribuzzjoni, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' sistemi ta' distribuzzjoni intelliġenti, li ~~għandhom~~ jenħtieġ li jinbnew b'mod li jinkoraġġixxi l-ġenerazzjoni deċentralizzata u jiżgura l-effiċjenza tal-enerġija.

⇩ ġdid

(33) L-involviment tal-konsumaturi jesiġi inċentivi xierqa u teknoloġiji bħall-kejl intelliġenti. Sistemi ta' kejl intelliġenti jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi billi jippermettulhom jirċievu feedback preċiż u kważi f'ħin reali dwar il-konsum jew il-ġenerazzjoni tal-enerġija tagħhom u b'hekk ikunu jistgħu jamministraw, jieħdu sehem fi u wkoll jibbenefikaw minn programmi ta' rispons min-naħa tad-domanda u servizzi oħra u jnaqqsu l-kont tal-elettriku tagħhom. Il-kejl intelliġenti jippermetti wkoll lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollhom viżibbiltà aħjar tan-netwerks tagħhom, u b'konsegwenza jnaqqsu l-kostijiet tagħhom tat-tħaddim u l-manutenzjoni biex imbagħad inaqqsu t-tariffi tad-distribuzzjoni tagħhom, li fl-aħħar mill-aħħar iħallsu għalihom il-konsumaturi.

⇩ 2009/72/KE premessa 55 ⇨ ġdid

(34) ⇨ Meta jittieħdu deċiżjonijiet fuq il-livell nazzjonali dwar l-introduzzjoni tal-kejl intelliġenti ⇦, Ggħandu jkun possibbli li ⇨ din ⇦ ~~l-introduzzjoni ta' sistemi ta' mijters intelliġenti~~ tkun ibbażata fuq evalwazzjoni ekonomika. Jekk din l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-introduzzjoni ta' dawn is-sistemi ta' ~~tkejjil~~kejl tkun ekonomikament raġonevoli u effettiva f'sens ta' spejjeż għall-konsumaturi b'ċertu ammont ta' konsum tal-elettriku biss, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jqisu dan fl-implimentazzjoni.

⇩ ġdid

(35) L-Istati Membri li mhumiex sistematikament qegħdin jintroduċu l-kejl intelliġenti jenħtieġ li jagħtu l-possibbiltà lill-konsumaturi li jibbenefikaw, fuq talba, u f'kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, u billi jipprovdulhom l-informazzjoni rilevanti kollha bl-installazzjoni ta' miter tal-elettriku intelliġenti. Meta l-konsumaturi ma jkollhomx miters intelliġenti, jenħtieġ li jkunu intitolati għal miters li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi meħtieġa biex jipprovdulhom l-informazzjoni dwar il-kont speċifikata f'din id-Direttiva.

(36) Biex il-konsumaturi jingħataw għajnuna ħalli jieħdu sehem attiv fis-suq tal-elettriku, is-sistemi ta' kejl intelliġenti li għandhom jiġu skjerati mill-Istati Membri fit-territorju tagħhom jenħtieġ li jkunu interoperabbli, ma jirrappreżentawx ostaklu għall-qlib tal-fornitur, u jenħtieġ li jkunu mgħammra b'funzjonalitajiet xierqa li jippermettu li l-konsumaturi jkollhom aċċess għad-dejta dwar il-konsum tagħhom, jimmodulaw il-konsum tal-enerġija tagħhom u, safejn tippermetti l-infrastruttura, joffru l-flessibbiltà tagħhom lin-netwerk u lill-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija, jkunu ppremjati minnhom u jiffrankaw fuq il-kont tal-elettriku tagħhom.

⇩ 2009/72/KE premessa 50 (adattat) ⇨ ġdid

(37) ~~Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku, inkluż fir-rigward tas-servizz universali, u l-istandards komuni minimi li jitnisslu minnhom, jeħtieġ li jissaħħu aktar biex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-kompetizzjoni u minn prezzijiet ġusti. Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku għandhom jiġu definiti fuq bażi nazzjonali, filwaqt li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi nazzjonali; Il-liġi tal-Komunità għandha, madanakollu, tkun rispettata mill-Istati Membri. Iċ-ċittadini tal-UE u, fejn l-Istati Membri jqisu xieraq, l-impriżi ż-żgħar, għandhom ikunu jistgħu igawdu l-obbligi tas-servizz pubbliku, b'mod partikulari fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u fir-rigward ta' prezzijiet raġonevoli~~. Aspett prinċipali fil-forniment lill-klijenti huwa l-aċċess għad-dejta oġġettiva u trasparenti dwar il-konsum. Għalhekk, il-konsumaturi ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaċċessaw id-dejta tal-konsum tagħhom u l-prezzijiet assoċjati kif ukoll l-ispejjeż tas-servizzi sabiex ikunu jistgħu jistiednu l-kompetituri biex jagħmlu offerta bbażata fuq dik id-dejta. Il-konsumaturi ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkollhom ukoll id-dritt li

jiġu infurmati sewwa dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom. Il-ħlasijiet minn qabel ⇨ jenħtieġ li ma jkunux ta' żvantaġġ sproporzjonat għall-utenti, filwaqt li ⇦ ~~għandhom jirriflettu l-konsum probabbli tal-elettriku u~~ s-sistemi ta' pagamenti differenti ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu nondiskriminatorji. It-tagħrif dwar l-ispejjeż tal-enerġija mogħti lill-konsumaturi b'mod regolari biżżejjed se joħloq inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija għaliex jagħti lura lill-konsumaturi informazzjoni diretta dwar l-effetti tal-investiment fl-użu effiċjenti tal-enerġija u fil-bidla fl-imġiba. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni sħiħa tad-~~Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza tal-użu aħħari tal-enerġija u s-servizzi tal-enerġija~~[34] ⌦ Direttiva 2012/27 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] ⌫ se tgħin lill-konsumaturi biex inaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom.

⇩ ġdid

(38) Attwalment, ġew żviluppati, jew qegħdin jiġu żviluppati mudelli differenti għall-ġestjoni tad-dejta fl-Istati Membri wara l-introduzzjoni tas-sistemi ta' kejl intelliġenti. Independement mill-mudell tal-ġestjoni tad-dejta, huwa importanti li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli trasparenti biex id-dejta tkun tista' tiġi aċċessata f'kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' sigurtà ċibernetika u protezzjoni tad-dejta kif ukoll l-imparzjalità tal-entitajiet li jamminstraw id-dejta.

🡻 2009/72/KE premessa 45 (adattat)
⇨ ġdid

(39) ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li klijenti domestiċi u, fejn l-Istati Membri jqisuh adatt, impriżi żgħar, igawdu d-dritt li jkunu fornuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet komparabbli b'mod ċar, trasparenti u raġonevoli. Biex tkun żgurata ż-żamma ta' standards għoljin ta' servizz pubbliku fil-Komunità, il-miżuri kollha li jkunu ttieħdu mill-Istati Membri biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu notifikati regolarment lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika b'mod regolari rapport li janalizza l-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali biex jinkisbu l-għanijiet tas-servizz pubbliku u biex iqabbel l-effettività tagħhom, bil-ħsieb li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq livell nazzjonali biex jinkisbu standards għoljin ta' servizz pubbliku.~~ L-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu klijenti vulnerabbli ⇨ u f'qagħda ta' faqar enerġetiku ⇦ fil-kuntest tas-suq intern tal-elettriku. Tali miżuri jistgħu jkunu differenti skont iċ-ċirkustanzi partikolari fl-Istati Membri inkwistjoni u jistgħu jinkludu miżuri ⇨ soċjali jew fil-qasam tal-politika tal-enerġija ⇦ ~~speċifiċi~~ marbuta mal-ħlasijiet ta' kontijiet tal-elettriku, ~~jew miżuri aktar ġenerali meħuda fis-sistema tas-sigurtà soċjali~~ ⇨ investiment fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija residenzjali jew il-ħarsien tal-konsumaturi bħal salvagwardji kontra l-iskonnessjoni ⇦. Meta servizz universali jingħata wkoll lil impriżi żgħar, il-miżuri biex ikun żgurat li dan is-

---

[34] ~~ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.~~

[35] Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (OJ L 315, 14.11.2012, p. 1).

servizz universali ikun tabilħaqq provdut jistgħu jkunu differenti skont jekk ikunux immirati lejn klijenti domestiċi jew lejn l-impriżi żgħar.

⇩ ġdid

(40) Is-servizzi tal-enerġija huma fundamentali biex jiġi mħares il-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. It-tisħin, it-tkessiħ, id-dawl u l-enerġija biex jiġu alimentati l-apparati elettriċi huma essenzjali biex jiġi ggarantit livell ta' għajxien deċenti u saħħa għaċ-ċittadini. Barra minn hekk, l-aċċess għal dawn is-servizzi tal-enerġija jagħti liċ-ċittadini Ewropej is-setgħa li jilħqu l-potenzjal tagħhom u jtejjeb l-inklużjoni soċjali. Id-djar f'faqar enerġetiku ma għandhomx aċċess għal dawn is-servizzi tal-enerġija minħabba kombinazzjoni ta' introjtu baxx, nefqa kbira fuq l-enerġija u faqar tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fi djarhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru l-informazzjoni t-tajba biex jissorveljaw l-għadd ta' djar f'qagħda ta' faqar enerġetiku. Il-kejl preċiż jenħtieġ li jgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw dawk id-djar milquta mill-faqar enerġetiku sabiex jipprovdulhom appoġġ immirat. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa b'mod attiv l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-faqar enerġetiku billi tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri.

🡻 2009/72/KE premessa 53 (adattat)
⇨ ġdid

(41) ~~Il-faqar enerġetiku huwa problema dejjem tikber~~ ~~fil-Komunità~~. Għalhekk, l-Istati Membri affettwati ⇨ mill-faqar eneġetiku ⇦ u li għadhom ma għamlux hekk, ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jew oqfsa xierqa oħrajn biex ~~jiġi indirizzat~~ ~~il-faqar fl-enerġija~~ ⇨ tiġi indirizzata din il-problema ⇦, bil-għan li jonqos l-għadd ta' persuni li qed isofru tali sitwazzjoni. ⇨ Introjtu baxx, nefqa għolja tal-enerġija u faqar tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tad-djar huma fatturi rilevanti fit-tfassil ta' indikaturi għall-kejl tal-faqar enerġetiku. ⇦ Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiżguraw il-provvista tal-enerġija meħtieġa għall-konsumaturi vulnerabbli ⇨ u dawk f'faqar enerġetiku ⇦. Meta jagħmlu dan, jista' jintuża approċċ integrat, pereżempju fil-qafas tal-politika ⇨ tal-enerġija u dik ⇦ soċjali, u l-miżuri jistgħu jinkludu politiki soċjali jew titjib fid-djar biex l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti. Mill-inqas, din id-Direttiva ~~għandhom~~ jenħtieġ li tippermetti politiki nazzjonali li jiffavorixxu l-konsumaturi vulnerabbli ⇨ u dawk f'faqar enerġetiku ⇦ .

⇩ ġdid

(42) L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jintegraw b'mod kosteffettiv il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-elettriku, speċjalment installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi tal-enerġija rinovabbli kif ukoll tagħbijiet ġodda bħalma huma pompi tas-sħana u vetturi elettriċi. Għal dan l-għan, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jitħallew u saħansitra jiġu inċentivati biex jużaw servizzi minn riżorsi tal-enerġija distribwiti bħar-rispons tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija, abbażi tal-proċeduri tas-suq, sabiex iħaddmu b'mod effiċjenti n-netwerks tagħhom u jevitaw

espansjonijiet għalja tan-netwerk. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri xierqa bħalma huma kodiċijiet tan-netwerk nazzjonali u regoli tas-suq u jinċentivaw lill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni permezz ta' tariffi tan-netwerk li ma joħolqux ostakoli għall-flessibilità jew għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-grilja. L-Istati Membri għandhom jintroduċu wkoll pjanijiet ta' żvilupp tan-netwerk għas-sistemi ta' distribuzzjoni sabiex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tal-istazzjonijiet ta' ġenerazzjoni permezz ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ħżin u l-elettrifikazzjoni tas-settur tat-trasport, u biex l-utenti tas-sistema jingħataw informazzjoni adegwata rigward l-espansjonijiet previsti jew l-aġġornamenti tan-netwerk, peress li attwalment proċeduri bħal dawn ma jeżistux fil-maġġoranza tal-Istati Membri.

🡻 2009/72/KE premessa 26

(43) L-aċċess nondiskriminatorju għan-network ta' distribuzzjoni jiddetermina l-aċċess downstream għall-klijenti fil-livell tal-bejgħ bl-imnut. ~~L-ambitu għad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-aċċess u l-investiment ta' parti terza huwa madankollu anqas sinifikanti fil-livell ta' distribuzzjoni milli fil-livell ta' trażmissjoni fejn il-konġestjoni u l-influwenza tal-interessi tal-ġenerazzjoni jew tal-provvista huma ġeneralment akbar mil-livell ta' distribuzzjoni. Ir-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali li bħalissa huma fis-seħħ jistgħu jwasslu għal separazzjoni effettiva sakemm dawn jiġu definiti b'mod aktar ċar, implimentati sewwa u sorveljati mill-qrib.~~ Sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ugwali fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-attivitajiet ta' operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni ~~għandhom~~ jenħtieġ li għalhekk ikunu sorveljati sabiex dawn ma jitħallewx japprofittaw irwieħhom mill-integrazzjoni vertikali tagħhom fir-rigward tal-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq, partikolarment fir-rigward ta' klijenti ~~żgħar~~ domestiċi u klijenti żgħar mhux domestiċi.

🡻 2009/72/KE premessa 30

(44) Meta tintuża sistema ta' distribuzzjoni magħluqa biex tiġi żgurata l-aqwa effiċjenza ta' provvista tal-enerġija integrata li tkun tirrikjedi standards operazzjonali speċifiċi, jew jekk tkun qed tinżamm sistema ta' distribuzzjoni magħluqa prinċipalment għall-użu tal-proprjetarju tas-sistema, ~~għandu~~ jenħtieġ li jkun possibbli li l-operatur tas-sistema tal-produzzjoni jkun eżentat mill-obbligi li kieku joħolqu piż amministrattiv bla bżonn minħabba n-natura partikulari tar-relazzjoni bejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u l-utenti tas-sistema. Is-siti industrijali, kummerċjali jew kondiviżi bħall-istazzjonijiet tal-ferroviji, l-ajruporti, l-isptarijiet u s-siti kbar tal-kampeġġi li jkollhom faċilitajiet integrati jew siti tal-industrija tal-kimika jistgħu jinkludu sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minħabba n-natura speċjalizzata tal-operat tagħhom.

🡻 2009/72/KE premessa 8

(45) Sabiex jiġu żgurati l-kompetizzjoni u l-provvista tal-elettriku bl-aktar prezz kompetittiv, l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ~~għandhom~~ jenħtieġ

li jiffaċilitaw l-aċċess għall-fornituri l-ġodda tal-elettriku minn sorsi differenti tal-enerġija kif ukoll għall-fornituri l-ġodda tal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

⬇ 2009/72/KE premessa 9

(46) Mingħajr is-separazzjoni effettiva tan-netwerks minn attivitajiet ta' ġenerazzjoni u provvista ta' separazzjoni effettiva, hemm ir-riskju inerenti ta' diskriminazzjoni mhux biss fl-operat tan-network iżda wkoll fl-inċentivi għal impriżi integrati vertikalment li jinvestu b'mod adegwat fin-netwerks tagħhom.

⬇ 2009/72/KE premessa 11

(47) Tkun biss it-tneħħija tal-inċentiv għall-impriżi integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra kompetituri fir-rigward tal-aċċess għan-network u l-investiment li tista' tiżgura s-separazzjoni effettiva. Is-separazzjoni tas-sjieda ~~tad-dritt ta' proprjetà~~, li timplika l-ħatra tal-proprjetarju tan-network bħala l-operatur tas-sistema u l-indipendenza tiegħu minn kwalunkwe interessi ta' provvista u produzzjoni, hija b'mod ċar mezz effettiv u stabbli biex jiġi solvut il-konflitt ta' interess inerenti u biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista. Għal dik ir-raġuni, il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2007 dwar prospetti għas-suq intern tal-gass u tal-elettriku[36] rrefera għas-separazzjoni tas-sjieda ~~tad-dritt ta' proprjetà~~ fil-livell tat-trażmissjoni bħala l-aktar għodda effettiva għall-promozzjoni tal-investimenti fl-infrastrutturi b'mod mhux diskriminatorju, l-aċċess ġust għan-network għal parteċipanti ġodda u t-trasparenza fis-suq. Taħt is-separazzjoni tas-sjieda ~~tad-dritt ta' proprjetà~~, l-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li għalhekk ikunu meħtieġa jiżguraw li l-istess persuna jew persuni ma jkunux intitolati jeżerċitaw kontroll fuq impriża tal-ġenerazzjoni jew tal-provvista u, fl-istess waqt, jeżerċitaw kontroll jew kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew sistema ta' trażmissjoni. Bil-kontra, il-kontroll fuq sistema ta' trażmissjoni jew operatur tas-sistema ta' trażmissjoni ~~għandu~~ jenħtieġ li jipprekludi l-possibbiltà li jiġi eżerċitat kontroll jew kwalunkwe dritt fuq impriża tal-ġenerazzjoni jew tal-provvista. F'dawn il-limiti, impriża tal-ġenerazzjoni jew tal-provvista ~~għandha~~ jenħtieġ li tkun tista' jkollha parteċipazzjoni minoritarja fl-ishma f'operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew f'sistema ta' trażmissjoni.

⬇ 2009/72/KE premessa 12

(48) Kwalunkwe sistema ta' separazzjoni ~~għandha~~ jenħtieġ li tkun effettiva fit-tneħħija ta' kwalunkwe kunflitt ta' interessi bejn il-produtturi, il-fornituri u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, sabiex jinħolqu inċentivi għall-investimenti neċessarji u jiġi garantit l-aċċess ta' parteċipanti ġodda fis-suq skont sistema regolatorja trasparenti u effiċjenti u ~~m'għandhiex toħloq~~ jenħtieġ li ma toħloqx sistema regolatorja tqila żżejjed għall-awtoritajiet regolatorji.

---

36 ĠU C 175 E, 10.7.2008, p.206.

↓ 2009/72/KE premessa 14

(49) Billi s-separazzjoni tas-sjieda tad-dritt ta' proprjetà teħtieġ, f'xi każi, ir-ristrutturazzjoni tal-impriżi, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw is-separazzjoni tas-sjieda tad-dritt ta' proprjetà għandhom jenħtieġ li jingħataw żmien addizzjonali biex japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti. Fid-dawl tar-rabtiet vertikali bejn is-setturi tal-gass u tal-elettriku, id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni għandhom jenħtieġ li japplikaw għaż-żewġ setturi.

↓ 2009/72/KE premessa 15

(50) Taħt is-separazzjoni tas-sjieda tad-dritt ta' proprjetà, sabiex tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-operat tan-network mill-interessi tal-provvista u l-ġenerazzjoni u sabiex ma jkun hemm skambji ta' ebda informazzjoni kunfidenzjali, jenħtieġ li l-istess persuna ma għandhiex ma tkunx membru tal-bordijiet ta' amministrazzjoni kemm ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew sistema ta' trażmissjoni kif ukoll ta' impriża li twettaq kwalunkwe mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-istess persuna ma għandhiex ma tkunx intitolata taħtar membri tal-bordijiet ta' amministrazzjoni ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew sistema ta' trażmissjoni u teżerċita kontroll jew kwalunkwe dritt fuq impriża tal-ġenerazzjoni jew tal-provvista.

↓ 2009/72/KE premessa 16

(51) L-istabbiliment ta' operatur ta' sistema jew ta' operatur tat-trażmissjoni li jkun indipendenti mill indipendenti mill-interessi ta' provvista u ta' ġenerazzjoni għandu jenħtieġ li jippermetti lill-impriżi integrati vertikalment iżommu d-dritt tas-sjiedata' proprjetà tagħhom fir-rigward tal-assi tan-network filwaqt li jiżgura separazzjoni tal-interessi effettiva, sakemm tali operatur indipendenti ta' sistema jew tali operatur indipendenti tat-trażmissjoni iwettaq il-funzjonijiet kollha ta' operatur tas-sistema u sakemm jiġu attwati regolamentazzjoni ddettaljata u mekkaniżmi ta' kontroll regolatorji estensivi.

↓ 2009/72/KE (adattat) premessa 17

(52) Fejn, fit-3 ta' Settembru 2009, l-impriża li tkun proprjetarja tas-sistema ta' trażmissjoni ⌦ kienet ⌫ tkun parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom jenħtieġ li għalhekk jingħataw l-għażla bejn is-separazzjoni tas-sjieda tad-dritt ta' proprjetà u l-istabbiliment ta' operatur ta' sistema jew ta' operatur tat-trażmissjoni li jkunu indipendenti mill-interessi ta' provvista u ta' ġenerazzjoni.

↓ 2009/72/KE premessa 18

(53) Sabiex jiġu preżervati totalment l-interessi tal-azzjonisti tal-impriżi integrati vertikalment, l-Istati Membri ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jimplimentaw separazzjoni tas-sjieda ~~tad-dritt ta' proprjetà~~ jew permezz ta' żvestiment dirett jew inkella billi jinqasmu l-ishma tal-impriża integrata f'ishma tal-impriża tan-network u ishma tal-impriża tan-negozju li jkun baqa' residwali ta' fornitura u ta' ġenerazzjoni, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mis-separazzjoni tas-sjieda ~~tad-dritt ta' proprjetà~~.

↓ 2009/72/KE premessa 19

(54) L-effikaċja sħiħa tal-operatur indipendenti tas-sistema jew tas-soluzzjonijiet tal-operatur indipendenti tat-trażmissjoni ~~għandha~~ jenħtieġ li tiġi żgurata permezz ta' regoli speċifiċi addizzjonali. Ir-regoli dwar l-operatur indipendenti tat-trażmissjoni jipprovdu qafas regolatorju xieraq għall-garanzija ta' kompetizzjoni ġusta, investiment suffiċjenti, aċċess għal parteċipanti ġodda fis-suq u għall-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku. Is-separazzjoni effettiva permezz tad-dispożizzjonijiet tal-operaturi indipendenti tat-trażmissjoni ~~għandha~~ jenħtieġ li tkun ibbażata fuq pilastru ta' miżuri ta' organizzazzjoni u miżuri li jirrelataw mal-governanza tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u fuq pilastru ta' miżuri fir-rigward tal-investiment, ir-rabta tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni l-ġodda man-netwerk u l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' kooperazzjoni reġjonali. L-indipendenza tal-operatur tat-trażmissjoni ~~għandha~~ jenħtieġ li tiġi żgurata wkoll, inter alia, permezz ta' ċertu perjodi ta' "tregwa" ("cooling-off" periods) li matulhom, fl-impriża integrata vertikalment, ma ssir l-ebda attività ta' ġestjoni jew attività relevanti oħra li tagħti aċċess għall-istess informazzjoni li setgħet inkisbet f'pożizzjoni maniġerjali. ~~Il-mudell tal-operatur tat-trażmissjoni indipendenti tas-separazzjoni effettiva jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fit-8 u d- 9 ta' Marzu 2007.~~

↓ 2009/72/KE premessa 21

(55) Stat Membru għandu d-dritt li jagħżel separazzjoni sħiħa tas-sjieda ~~ta' proprjetà~~ fit-territorju tiegħu. Fejn Stat Membru jkun eżerċita dak id-dritt, impriża ma jkollhiex id-dritt li tistabbilixxi operatur indipendenti tas-sistema jew operatur indipendenti tat-trażmissjoni. Barra minn hekk, intrapriża li tkun qed twettaq kwalunkwe funzjoni ta' ġenerazzjoni jew provvista ma tistax tikkontrolla jew teżerċita direttament jew indirettament ebda dritt fuq operatur ta' sistema ta' trażmissjoni minn Stat Membru li għażel separazzjoni sħiħa tas-sjieda~~ta' proprjetà~~.

➔ 2009/72/KE premessa 23

(56) L-implimentazzjoni ta' separazzjoni effettiva ~~għandha~~ jenħtieġ tirrispetta l-prinċipju li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-istess persuna ma ~~għandhiex~~ tkunx tista' teżerċita kontroll jew kwalunkwe dritt, bi ksur tar-regoli tas-separazzjoni tas-sjieda ~~tad-dritt ta' proprjetà~~ jew tas-soluzzjoni tal-operatur indipendenti tas-sistema, waħidha jew b'mod konġunt, fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjoni tal-korpi kemm tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jew sistemi ta' trażmissjoni kif ukoll tal-impriżi tal-ġenerazzjoni jew tal-provvista. Sakemm l-Istat Membru kkonċernat jista' juri li dan ir-rekwiżit qed jiġi sodisfatt, żewġ korpi pubbliċi separati ~~għandhom~~ jenħtieġ li ikunu jistgħu jikkontrollaw, minn naħa waħda, l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni u ta' provvista u, min-naħa l-oħra, l-attivitatjiet ta' trażmissjoni.

➔ 2009/72/KE (adattat) premessa 24

(57) Is-separazzjoni effettiva sħiħa tal-attivitajiet tan-network minn attivitajiet ta' provvista u ta' ġenerazzjoni ~~għandha~~ jenħtieġ li tapplika ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ kollha għall-impriżi ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ kif ukoll għal dawk mhux ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫. Biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tan-network u l-attivitajiet ta' provvista u ta' ġenerazzjoni ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ kollha jibqgħu indipendenti minn xulxin, l-awtoritajiet regolatorji ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkollhom is-setgħa jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni lill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni li ma jikkonformawx mar-regoli tas-separazzjoni. Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ kollha ta' dawk ir-regoli, l-awtoritajiet regolatorji ~~għandhom~~ jenħtieġ li jieħdu l-akbar kont tal-opinjoni tal-Kummissjoni meta dawn tal-ewwel jieħdu deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat ukoll ir-rispett tal-obbligi internazzjonali ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, u s-solidarjetà u s-sigurtà tal-enerġija ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫, il-Kummissjoni ~~għandhu~~ jenħtieġ li jkollha d-dritt li tagħti opinjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni fir-rigward ta' propjetarju ta' sistema ta' trażmissjoni jew operatur ta' sistema ta' trażmissjoni li huwa kkontrollat minn persuna jew persuni minn pajjiż terz jew minn pajjiżi terzi.

➔ 2009/72/KE premessa 31

(58) Il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni jenħtieġ li ma ~~għandhomx iwasslu~~ jwasslux għal piż amministrattiv sproporzjonat għad-daqs u l-impatt potenzjali tal-produtturi tal-elettriku. Il-proċeduri għal awtorizzazzjoni li jieħdu fit-tul bla bżonn jistgħu jikkostitwixxu ostakolu għall-parteċipanti ġodda fis-suq.

➔ 2009/72/KE premessa 34

(59) Sabiex is-suq intern tal-elettriku jiffunzjona tajjeb, jeħtieġ li r-regolaturi tal-enerġija jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet regolatorji relevanti kollha, u li jkunu indipendenti għal kollox minn kwalunkwe interess pubbliku jew privat. Dan ma

jipprekludix la r-reviżjoni ġudizzjarja u lanqas is-superviżjoni parlamentari taħt il-liġijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri. Addizzjonalment, l-approvazzjoni tal-baġit tar-regolatur mil-leġislatur nazzjonali ma tikkostitwixxix ostakolu għall-awtonomija baġitarja. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-awtonomija fl-implimentazzjoni tal-baġit allokat tal-awtorità regolatorja ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiġu implimentati fil-qafas definit mil-liġi jew ir-regoli baġitarji nazzjonali. Filwaqt li jikkontribwixxu għall-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali minn kwalunkwe interess politiku jew ekonomiku permezz ta' skema ta' rotazzjoni xierqa, l-Istati Membri jistgħu jqisu b'mod xieraq id-disponibilità tar-riżorsi umani u d-daqs tal-bord ta' amministrazzjoni.

↓ 2009/72/KE premessa 36

(60) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiffissaw jew japprovaw it-tariffi, jew il-metodoloġiji moħbija fil-kalkolu tat-tariffi, fuq il-bażi ta' proposta mill-operatur(i) tas-sistema tat-trażmissjoni jew d-distribuzzjoni, jew fuq il-bażi ta' proposta miftehma bejn dan/dawn l-operatur(i) u l-utenti tan-netwerks. Fit-twettiq ta' dawn il-kompiti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ~~għandhom~~ jenħtieġ li jiżguraw li t-tariffi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni jkunu mhux diskriminatorji u jirriflettu tassew in-nefqa, u ~~għandhom~~ jenħtieġ li jikkunsidraw l-ispejjeż tan-network li jkunu għal tul ta' żmien, marġinali u evitati, liema spejjeż ikunu ġejjin minn miżuri ta' ġenerazzjoni mqassma u ta' amministrazzjoni li tkun tistimola d-domanda b'inċentivi u taxxi baxxi.

↓ 2009/72/KE premessa 37 (adattat) ➔₁ 2009/72/KE premessa 38

(61) ~~L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali~~ ~~għandhom~~ Jenħtieġ li r-regolaturi tal-enerġija jkollhom is-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet ~~obbligatorji~~vinkolanti fir-rigward tal-impriżi tal-elettriku u li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq l-impriżi tal-elettriku li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom, jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi dawn il-penali fuq dawk l-impriżi. ➔₁ ⌦ Għalhekk, ⌫ ~~Barra minn hekk,~~ l-awtoritajiet regolatorji ⌦ jenħtieġ li jkunu jistgħu ⌫ ~~għandu jkollhom is-setgħa li~~ jitolbu t-tagħrif relevanti mingħand l-intrapriżi tal-elettriku, li jagħmlu investigazzjonijiet xierqa u suffiċjenti u li jirrisolvu tilwim. ← Ir-regolaturi tal-enerġija ~~għandhom~~ jenħtieġ li jingħataw ukoll is-setgħat biex jiddeċiedu, irrespettivament mill-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, dwar miżuri adatti li jiżguraw li l-klijent jibbenefika mill-promozzjoni tal-kompetizzjoni effettiva meħtieġa għall-funzjonament korrett tas-suq intern tal-elettriku. ~~L-istabbiliment ta' mpjanti virtwali tal-enerġija — li tfisser programmi ta' rilaxx tal-elettriku li bih impriża li tipproduċi l-elettriku tkun obbligata li tbigħ jew tagħmel disponibbli ċertu volum ta' elettriku jew li tagħti aċċess għal parti mill-kapaċità ta' ġenerazzjoni tagħha, lil fornituri interessati għal ċertu perjodu ta' żmien — hija waħda mill-miżuri possibbli li tista' tiġi wżata għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u l-iżgurar tal-funzjonament korrett tas-suq. Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom jingħataw ukoll is-setgħat li jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' standards għoljin ta' servizz universali u pubbliku konformement mal-ftuħ tas-suq, il-protezzjoni ta' klijenti vulnerabbli, u li l-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur ikunu kompletament effettivi. Dawk id-~~

~~dispożizzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju kemm għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni inkluż l-eżami ta' mergers b'dimensjoni Komunitarja, kif ukoll għar-regoli dwar is-suq intern bħall-moviment liberu tal-kapital. Il-korp indipendenti li lilu għandha d-dritt tappella parti li tintlaqat minn deċiżjoni ta' regolatur nazzjonali, jista' jkun qorti jew tribunal ieħor li jkollhom is-setgħa jwettqu reviżjoni ġudizzjarja.~~

↓ 2009/72/KE premessa 37 (adattat)

(62) ~~L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikollhom is-setgħa li jaddottaw deċiżjonijiet obbligatorji fir-rigward tal-impriżi tal-elettriku u li jimponu, penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq l-impriżi tal-elettriku li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom, jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi dawn il-penali fuq dawk l-impriżi. Ir-regolaturi tal-enerġija għandhom jingħataw ukoll is-setgħat biex jiddeċiedu, irrespettivament mill-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, dwar miżuri adatti li jiżguraw li l-klijent jibbenefika mill-promozzjoni tal-kompetizzjoni effettiva meħtieġa għall-funzjonament korrett tas-suq intern tal-elettriku. L-istabbiliment ta' mpjanti virtwali tal-enerġija — li tfisser programmi ta' rilaxx tal-elettriku li bih impriża li tipproduċi l-elettriku tkun obbligata li tbigħ jew tagħmel disponibbli ċertu volum ta' elettriku jew li tagħti aċċess għal parti mill-kapaċità ta' ġenerazzjoni tagħha, lil fornituri interessati għal ċertu perjodu ta' żmien — hija waħda mill-miżuri possibbli li tista' tiġi wżata għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u l-iżgurar tal-funzjonament korrett tas-suq.~~ Ir-regolaturi tal-enerġija ~~għandhom~~ jenħtieġ li jingħataw ukoll is-setgħat li jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' standards għoljin ta' servizz universali u pubbliku konformement mal-ftuħ tas-suq, il-protezzjoni ta' klijenti vulnerabbli, u li l-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur ikunu kompletament effettivi. Dawk id-dispożizzjonijiet ~~għandhom~~ jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju kemm għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni inkluż l-eżami ta' mergers b'dimensjoni ~~Komunitarja~~ ⌧ tal-Unjoni ⌫, kif ukoll għar-regoli dwar is-suq intern bħall-moviment liberu tal-kapital. Il-korp indipendenti li lilu għandha d-dritt tappella parti li tintlaqat minn deċiżjoni ta' regolatur nazzjonali, jista' jkun qorti jew tribunal ieħor li jkollhom is-setgħa jwettqu reviżjoni ġudizzjarja.

↓ 2009/72/KE premessa 63
⇨ ġdid

(63) Skont ir-[Riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 kif propost minn COM(2016)861/2] ~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-iskambji transkonfinali fl-elettriku [10]~~, il-Kummissjoni tista' tadotta linjigwida ⇨ jew kodiċijiet tan-netwerk ⇦ biex tikseb il-grad ta' armonizzazzjoni meħtieġ. Dawn il-linjigwida ⇨ jew kodiċijiet tan-netwerk ⇦, li jikkostitwixxu miżuri ~~obbligatorji~~ ta' implimentazzjoni vinkolanti, huma, ukoll fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għodda siewja li tista' tiġi adattata malajr fejn meħtieġ.

⇩ ġdid

(64) L-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jenħtieġ li jikkooperaw fl-oqsma kollha li jikkonċernaw l-iżvilupp ta' reġjun ta' kummerċ fl-elettriku integrat u ma għandhom jieħdu l-ebda miżura li tipperikola l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tal-elettriku jew tas-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti.

(65) Id-Direttiva jenħtieġ li tinqara flimkien ma' [riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost minn COM(2016)861/2] li tistipula l-prinċipji ewlenin ta' disinn ġdid tas-suq tal-elettriku li jippermetti riżultati aħjar għal-flessibilità, jipprovdi sinjali adegwati ta' prezzar u jiżgura l-iżvilupp ta' swieq għal perjodu qasir li jiffunzjonaw. [Ir-riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost minn COM(2016)861/2] tistipula wkoll regoli ġodda f'oqsma varji inklużi l-mekkaniżmi ta' kapaċità u kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni.

🡻 2009/72/KE premessa 62 (adattat)

(66) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ħolqien ta' suq intern tal-elettriku totalment operattiv, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ⌦ dwar l-Unjoni Ewropea ⌫. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

🡻 2009/72/KE premessa 68

(67) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

⇩ ġdid

(68) Sabiex jiġi pprovdut il-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jinkiseb l-għan ta' din id-Direttiva, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex din tistabbilixi linjigwida dwar l-ambitu tad-doveri tal-awtoritajiet regolatorji ħalli jikkooperaw ma' xulxin u mal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-enerġija (l-"Aġenzija") u tistabbilixxi d-dettalji tal-proċedura. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija, inkluż fil-livell tal-esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stipulati fit-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[37]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni bbilanċjata fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew

[37] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom għandhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi esperti tal-Kummisjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(69) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, sabiex din tiddetermina format komuni Ewropew għad-dejta kif ukoll proċeduri nondiskriminatorji u trasparenti għall-aċċessar tad-dejta dwar il-kejl tal-enerġija, dejta dwar il-konsum, kif ukoll dejta meħtieġa biex il-konsumaturi jaqilbu minn fornitur għall-ieħor. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38].

(70) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(71) B'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[39], f'każijiet ġustifikati l-Istati Membri għandhom jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti tad-Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Rigward din id-Direttiva, il-leġiżlatur jidhirlu li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.

⇩ ġdid

(72) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati tal-applikazzjoni tad-Direttiva mniżżla fl-Anness IV,

---

🡻 2009/72/KE premessa 67

~~Minħabba l-ambitu tal-emendi li qegħdin isiru hawnhekk fid-Direttiva 2003/54/KE , huwa kunsiljabbli, għal raġunijiet ta' ċarezza u razzjonalizzazzjoni, li d-dispożizzjonijiet ikkunsidrati jiġu riformulati billi jinġabru kollha f' test wieħed u f' Direttiva ġdida.~~

🡻 2009/72/KE premessa 5

~~Il-Provvista sigura ta' elettriku hija ta' importanza essenzjali għall-iżvilupp tas-soċjetà Ewropea, għall-implimentazzjoni ta' politika sostenibbli għall-bidla fil-klima, kif ukoll sabiex titkattar il-kompetittività fi ħdan is-suq intern. Għal dak il-għan għandhom ikomplu jiġu żviluppati l-interkonnessjonijiet transkonfinali sabiex tiġi żgurata l-provvista tas-sorsi kollha tal-enerġija bl-iktar prezzijiet kompetittivi kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-industrija fil-Komunità.~~

---

[38] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011, li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[39] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

↓ 2009/72/KE premessa 59

~~L-iżvilupp ta' suq intern veru fl-elettriku, permezz ta' netwerk ta' konnessjonijiet fil-Komunità, għandu jkun wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' din id-Direttiva u waħda mill-ħidmiet prinċipali għandha tkun fir-rigward tal-kwistjonijiet regolatorji dwar l-interkonnessjonijiet transkonfinali u s-swieq reġjonali, f'koperazzjoni mill-qrib, fejn dan ikun relevanti, mal-Aġenzija tal-awtoritajiet regolatorji.~~

↓ 2009/72/KE premessa 7

~~Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa"enfasizzat l-importanza li jitlesta s-suq intern fl-elettriku u li jinħolqu kondizzjonijiet ugwali għall-impriżi kollha tal-elettriku stabbiliti fil-Komunità. Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal- 10 ta' Jannar 2007 intitolata: "Prospetti għas-suq intern tal-gass u tal-elettriku" u "Inkjesta taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-Setturi Ewropej tal-Gass u tal-Elettriku (Rapport Finali)" urewli r-regoli u l-miżuri preżenti ma jipprovdux il-qafas meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.~~

↓ 2009/72/KE premessa 4

~~Madankollu, fil-preżent, jeżistu ostakoli għall-bejgħ tal-elettriku fuq termini ugwali, mingħajr diskriminazzjoni jew żvantaġġi fil-Komunità. B'mod partikolari, aċċess mhux diskriminatorju għan-network, u livell ugwalment effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, għad ma jeżistux.~~

↓ 2009/72/KE premessa 41

~~L-Istati Membri, jew fejn Stat Membru hekk jistipula, l-awtorità regolatorja, għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' kuntratti ta' provvista li ma tistax tiġi interrotta,~~

↓ 2009/72/KE premessa 6

~~Suq intern tal-elettriku li jopera tajjeb għandu jipprovdi lill-produtturi bl-inċentivi xierqa biex jinvestu fil-ġenerazzjoni ta' enerġija ġdida, inkluż l-elettriku minn sorsi tal-energija li jiġġeddu, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi u r-reġjuni l-aktar iżolati fis-suq tal-enerġija tal-Kommunità. Suq li jopera tajjeb għandu wkoll jipprovdi lill-konsumaturi b'miżuri adegwati għall-promozzjoni ta' użu aktar effiċjenti tal-enerġija li għalih il-provvista sigura tal-enerġija hija prekundizzjoni.~~

↓ 2009/72/KE premessa 32

~~Għandhom jittieħdu miżuri oħra biex ikunu żgurati tariffi trasparenti u mhux diskriminatorji għal aċċess għan-networks. Dawk it-tariffi għandhom ikunu applikabbli għall-utenti kollha tas-sistema fuq bażi mhux diskriminatorja.~~

↓ 2009/72/KE premessa 20

~~Sabiex tiġi żviluppata l-kompetizzjoni fis-suq intern tal-elettriku, il-klijenti mhux domestiċi kbar għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-fornituri tagħhom kif ukoll jidħlu f'kuntratti biex jiżguraw il-ħtiġijiet tagħhom tal-elettriku ma' diversi fornituri. Dawn il-klijenti għandhom ikunu protetti kontra klawżoli esklussivi li l-effett tagħhom ikun li jeskludu offerti kompetittivi u/jew komplementari.~~

↓ 2009/72/KE premessa 51

~~L-interessi tal-konsumaturi għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' din id-Direttiva u l-kwalità tas-servizzi għandha tkun responsabilità ċentrali tal-intrapriżi tal-elettriku. Id-drittijiet eżistenti tal-konsumaturi jeħtieġ li jissaħħu u jiġu garantiti, u għandhom jinkludu aktar trasparenza. Il-ħarsien tal-konsumaturi għandu jiżgura li, fl-ambitu usa' tal-Komunità, il-konsumaturi kollha jibbenefikaw minn suq kompetittiv. Id-drittijiet tal-konsumaturi għandhom jiġu infurzati mill-Istati Membri, jew mill-awtoritajiet regolatorji meta l-Istat Membru jkun għamel provvediment għal dan.~~

↓ 2009/72/KE premessa 29

~~Biex jiġi evitat li jkun impost piż finanzjarju u amministrattiv li ma jkunx proporzjonat fuq operaturi żgħar ta' distribuzzjoni, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun meħtieġ, jeżentaw lill-intrapriżi kkonċernati mir-rekwiżiti tad-distribuzzjoni fir-rigward tas-separazzjoni.~~

↓ 2009/72/KE premessa 28

~~Fil-każ ta' sistemi żgħar, id-dispożizzjoni ta' servizzi anċillari jista' jkollha tiġi żgurata mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni interkonnessi ma' sistemi żgħar.~~

↓ 2009/72/KE premessa 10

~~Madankollu, ir-regoli dwar is-separazzjoni legali u funzjonali kif previsti fid-Direttiva 2003/54/KE ma wasslux għas-separazzjoni effettiva tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Għalhekk, fil-laqgħa tiegħu fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti leġislattivi għas-"separazzjoni effettiva tal-attivitajiet ta' provvista u ġenerazzjoni mill-operazzjonijiet tan-network".~~

↓ 2009/72/KE premessa 13

~~Id-definizzjoni tat-terminu "kontroll" hija dik li hemm fir -Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet)[40].~~

↓ 2009/72/KE premessa 43

~~Kważi l-Istati Membri kollha għażlu li jiżguraw il-kompetizzjoni fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku permezz ta' proċedura trasparenti ta' awtorizzazzjoni. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà li tissaħħaħ is-sigurtà fil-provvista billi tkun introdotta proċedura ta' offerti jew waħda simili fil-każ li kapaċità suffiċjenti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku ma tkunx imqiegħda fuq il-bażi tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni. L-Istati Membri għandhom ikollhom il-possibbiltà, fl-interessi tal-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, li jagħmlu sejħa għal offerti għal kapaċità ġdida abbażi ta' kriterji pubblikati. Tali kapaċità ġdida tinkludi inter alia elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovvabbli kif ukoll it-tisħin u l-ġenerazzjoni tal-elettriku kkumbinati flimkien.~~

↓ 2009/72/KE premessa 33

~~Id-Direttiva 2003/54/KE introduċiet ir-rekwiżit li l-Istati Membri jistabbilixxu regolaturi b'kompetenzi speċifiċi. Madankollu, l-esperjenza turi li l-effikaċja tar-regolamentazzjoni ħafna drabi tkun limitata bin-nuqqas ta' indipendenza tar-regolaturi mill-gvern, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' setgħat u diskrezzjoni. Għal dik ir-raġuni, fil-laqgħa tiegħu fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti leġislattivi li jipprevedu għal aktar armonizzazzjoni tas-setgħat u t-tisħiħ tal-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali tal-enerġija. Għandu jkun possibbli li dawn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jkopru kemm is-settur tal-elettriku kif ukoll dak tal-gass.~~

↓ 2009/72/KE premessa 38

~~Kwalunkwe armonizzazzjoni tas-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandha tinkludi s-setgħat li jingħataw inċentivi lil intrapriżi tal-elettriku u li jiġu imposti penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq intrapriżi tal-elettriku jew li jissuġġerixxu li qorti kompetenti timponi tali penali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu t-tagħrif relevanti mingħand l-intrapriżi tal-elettriku, li jagħmlu investigazzjonijiet xierqa u suffiċjenti u li jirrisolvu tilwim.~~

↓ 2009/72/KE premessa 61

~~L-awtoritajiet regolatorji għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni dwar is-suq biex jippermettu wkoll lill-Kummissjoni teżerċita r-rwol tagħha ta' osservazzjoni u sorveljanza tas-~~

[40] ~~ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1~~

~~suq Ewropew tal-elettriku u l-evlouzzjoni tiegħu fiż-żmien qasir, medju u fit-tul, inklużi aspetti bħall-kapaċità ta' ġenerazzjoni, sorsi differenti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, infrastrutturi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, kwalità tas-servizzi, negozju transkonfinali, immaniġġjar tal-konġestjoni, l-investimenti, prezzijiet bl-ingrossa u għall-konsumaturi, likwidità tas-suq, u titjib ambjentali u fl-effiċjenza. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u lill-Kummissjoni dwar l-Istati Membri fejn il-prezzijiet ixekklu l-kompetizzjoni u t-tħaddim tajjeb tas-suq.~~

↓ 2009/72/KE premessa 42

~~L-industrija u l-kummerċ kollu tal-Komunità, inklużi l-impriżi żgħar u medji, u ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jkunu qed igawdu mill-benefiċċji ekonomiċi tas-suq intern għandhom igawdu wkoll minn livelli għolja ta' protezzjoni tal-konsumatur u b'mod partikolari, il-klijenti domestiċi u, fejn l-Istati Membri jkunu jikkunsidraw bħala adatt, l-impriżi ż-żgħar għandhom igawdu wkoll il-garanziji tas-servizz pubbliku, b'mod partikolari fejn jikkonċerna s-sigurtà tal-provvista u tariffi raġonevoli, għal raġunijiet ta' ġustizzja, kompetittività u indirettament ukoll biex jinħolqu l-impjiegi. Dawn il-klijenti għandu jkollhom ukoll aċċess għall-għażla, il-ġustizzja, ir-rappreżentanza u għal mekkaniniżmi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim.~~

↓ 2009/72/KE premessa 45

~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li klijenti domestiċi u, fejn l-Istati Membri jqisuh adatt, impriżi żgħar, igawdu d-dritt li jkunu fornuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet komparabbli b'mod ċar, trasparenti u raġonevoli. Biex tkun żgurata ż-żamma ta' standards għoljin ta' servizz pubbliku fil-Komunità, il-miżuri kollha li jkunu ttieħdu mill-Istati Membri biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu notifikati regolarment lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika b'mod regolari rapport li janalizza l-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali biex jinkisbu l-għanijiet tas-servizz pubbliku u biex iqabbel l-effettività tagħhom, bil-ħsieb li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq livell nazzjonali biex jinkisbu standards għoljin ta' servizz pubbliku. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu klijenti vulnerabbli fil-kuntest tas-suq intern tal-elettriku. Tali miżuri jistgħu jkunu differenti skont iċ-ċirkustanzi partikolari fl-Istati Membri in-kwistjoni u jistgħu jinkludu miżuri speċifiċi li jkunu jikkonċernaw il-ħlasijiet ta' kontijiet tal-elettriku, jew miżuri aktar ġenerali meħuda fis-sistema tas-sigurtà soċjali. Meta servizz universali jingħata wkoll lil impriżi żgħar, il-miżuri biex ikun żgurat li dan is-servizz universali ikun tabilħaqq provdut jistgħu jkunu differenti skont jekk ikunux immirati lejn klijenti domestiċi jew lejn l-impriżi żgħar.~~

↓ 2009/72/KE premessa 46

~~Ir-rispett tar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku huwa ħtieġa fundamentali ta' din id-Direttiva, u huwa importanti li standards minimi komuni, li jkunu rispettati mill-Istati Membri kollha, jiġu speċifikati f'din id-Direttiva, liema standards għandhom jikkunsidraw l-għanijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, is-sigurtà tal-provvista, il-protezzjoni tal-ambjent u livelli ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha. Huwa importanti li r-rekwiżiti tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jiġu interpretati fuq bażi nazzjonali, waqt li jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi nazzjonali u suġġett għar-rispett lejn il-liġi tal-Komunità.~~

⬇ 2009/72/KE premessa 50

~~Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku, inkluż fir-rigward tas-servizz universali, u l-istandards komuni minimi li jitnisslu minnhom, jeħtieġ li jissaħħu aktar biex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-kompetizzjoni u minn prezzijiet ġusti. Ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku għandhom jiġu definiti fuq bażi nazzjonali, filwaqt li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi nazzjonali; Il-liġi tal-Komunità għandha, madanakollu, tkun rispettata mill-Istati Membri. Iċ-ċittadini tal-UE u, fejn l-Istati Membri jqisu xieraq, l-impriżi ż-żgħar, għandhom ikunu jistgħu igawdu l-obbligi tas-servizz pubbliku, b'mod partikulari fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u fir-rigward ta' prezzijiet raġonevoli. Aspett prinċipali fil-forniment lill-klijenti huwa l-aċċess għad-data objettiva u trasparenti dwar il-konsum. Għalhekk, il-konsumaturi għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw id-data tal-konsum tagħhom u l-prezzijiet assoċjati kif ukoll l-ispejjeż tas-servizzi sabiex ikunu jistgħu jistiednu l-kompetituri biex jagħmlu offerta bbażata fuq dik id-data. Il-konsumaturi għandhom ikollhom ukoll id-dritt li jiġu infurmati sewwa dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom. Il-ħlasijiet minn qabel għandhom jirriflettu l-konsum probabbli tal-elettriku u s-sistemi ta' pagamenti differenti għandhom ikunu nondiskriminatorji. It-tagħrif dwar l-ispejjeż tal-enerġija mogħti lill-konsumaturi b'mod regolari biżżejjed se joħloq inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija għaliex jagħti lura lill-konsumaturi informazzjoni diretta dwar l-effetti tal-investiment fl-użu effiċjenti tal-enerġija u fil-bidla fl-imġiba. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza tal-użu aħħari tal-enerġija u s-servizzi tal-enerġija[41] se tgħin lill-konsumaturi biex inaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom.~~

⬇ 2009/72/KE premessa 64 u 65

~~Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni[42].~~

~~B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-linji gwida meħtieġa għall-provvediment tal-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jinkiseb l-għan ta' din id-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi li m'humiex essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha b'elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.~~

⬇ 2009/72/KE premessa 66

~~Konformement mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet[43], l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex jistabbilixxu, għalihom infushom u fl-interess tal-~~

[41] ~~ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.~~
[42] ~~ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23~~

~~Komunità, it-tabelli tagħhom, li juru, kemm jista' jkun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.~~

🡻 2009/72/KE premessa 25

~~Is-sigurtà tal-forniment tal-enerġija hija element essenzjali tas-sikurezza pubblika u hija għalhekk intrinsikament marbuta mat-tħaddim effiċjenti tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea tal-elettriku u l-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku iżolati tal-Istati Membri. L-elettriku jista' jilħaq liċ-ċittadini tal-Unjoni biss permezz tan-network. Swieq tal-elettriku funzjonanti u b'mod partikolari n-networks u assi oħra assoċjati mal-provvista tal-elettriku huma essenzjali għas-sigurtà pubblika, għall-kompetittività tal-ekonomija u għall-benessri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk persuni minn pajjiżi terzi għandhom jitħallew jikkontrollaw sistema ta' trażmissjoni jew operatur ta' sistema ta' trażmissjoni biss jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' separazzjoni effettiva li japplikaw fil-Komunità. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità, il-Komunità tikkunsidra li s-settur tas-sistema tat-trażmissjoni tal-elettriku huwa ta' importanza kbira għall-Komunità u għalhekk jinħtieġu salvagwardji addizzjonali fir-rigward tal-preżervazzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lill-Komunità sabiex jiġi mwarrab kull riskju lill-ordni pubbliku u lis-sigurtà pubblika fil-Komunità u lill-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lill-Komunità teħtieġ, partikolarment, valutazzjoni tal-indipendenza tal-operat tan-network, il-livell ta' dipendenza tal-Komunità u tal-Istati Membri individwali fuq il-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi, u t-trattament tal-kummerċ domestiku kif ukoll barrani u l-investiment fl-enerġija f'pajjiż terz partikolari. Għalhekk is-sigurtà tal-provvista għandha tiġi vvalutata fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali ta' kull każ kif ukoll tad-drittijiet u l-obbligi li jkunu ġejjin mid-dritt internazzjonali, partikolarment il-ftehiminternazzjonali bejn il-Komunità u l-pajjiż terz konċernat. Fejn ikun il-każ il-Kummissjoni hija mħeġġa tippreżenta rakkomandazzjonijiet biex jiġi nnegozjat ftehim relevanti ma' pajjiżi terzi li jindirizza s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lill-Komunità jew biex jiġu nkluzi l-kwistjonijiet meħtieġa f'negozjati oħra ma' dawk il-pajjiżi terzi.~~

🡻 2009/72/KE premessa 35

~~Biex ikun żgurat l-aċċess effettiv tas-suq għal dawk kollha li jieħdu sehem fis-suq, inklużi dawk ġodda, huma meħtieġa mekkaniżmi bilanċjanti li jkunu mhux diskriminatorji u li jirriflettu l-ispejjeż kif meħtieġ. Malli s-suq tal-elettriku jkun likwidu b'mod suffiċjenti, dan għandu jintlaħaq permezz tat-twaqqif ta' mekkaniżmi trasparenti bażati fuq is-suq għall-provvista u x-xiri ta' elettriku meħtieġ fil-qafas ta' rekwiżiti bilanċjanti. Fin-nuqqas ta' suq likwidu bħal dan, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikollhom l-irwol attiv biex ikun żgurat li t-tariffi bilanċjanti ikunu mhux diskriminatorji u li jirriflettu l-ispejjeż. Fl-istess waqt, għandhom ikunu pprovduti inċentivi adatti biex jibbilanċjaw il-kurrent u l-użu tal-elettriku u biex ma jipperikolawx is-sistema. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-klijenti finali u tal-aggregaturi tal-klijenti finali fi swieq ta' riżerva u ta' bilanċ.~~

---

43 ~~ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1~~

↓ 2009/72/KE premessa 39 u 40

~~Is-suq intern tal-elettriku qed ibati minn nuqqas ta' likwidità u trasparenza li jxekkel l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, il-kopertura tar-riskju tal-kreditu u d-dħul ta' parteċipanti ġodda. Hemm ħtieġa għat-tisħiħ tal-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista permezz tal-integrazzjoni ffaċilitata ta' impjanti tal-enerġija ġodda fin-network tal-elettriku fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari billi jiġi mħeġġeġ id-dħul ta' parteċipanti ġodda fis-suq. Il-fiduċja fis-suq, il-likwidità tiegħu u n-numru ta' parteċipanti fis-suq jeħtieġ li jiżdiedu, u b'hekk is-sorveljanza regolatorja fuq l-impriżi attivi fil-provvista tal-elettriku jeħtieġ li tiżdied. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal, u kompatibbli mal-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti dwar is-swieq finanzjarji. Jeħtieġ li r-regolaturi tal-enerġija u r-regolaturi tas-swieq finanzjarji jikkoperaw sabiex jgħinu lil xulxin ikollhom idea ġenerali tas-swieq konċernati.~~

~~Qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-linji gwida li jkomplu jiddefinixxu r-rekwiżiti għaż-żamma tar-rekords, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ([44]) (l-"Aġenzija"), u l-Kumitat tar-Regolaturi tas-Sigurtajiet Ewropej (is-"CESR") stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill([45]) għandhom jikkonferixxu u jagħtu pariri lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut tagħhom. L-Aġenzija u s-CESR għandhom jikkoperaw ukoll biex jinvestigaw aktar fil-fond u jagħtu parir dwar il-kwistjoni jekk it-transazzjonijiet fil-kuntratti tal-provvista tal-elettriku u d-derivattivi tal-elettriku għandhomx ikunu suġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel u/jew ta' wara n-negozju u, jekk iva, x'għandu jkun il-kontenut ta' dawk ir-rekwiżiti.~~

↓ 2009/72/KE premessa 44

~~Fl-interess tas-sigurtà tal-provvista, il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fl-Istati Membri individwali għandu jiġi ssorveljat, u s-sorveljanza għandha tkun segwita b'rapport dwar is-sitwazzjoni fil-livell Komunitarju, b'kont meħud tal-kapaċità ta' interkonettività bejn iż-żoni. Tali sorveljanza għandha kmieni biżżejjed biex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri adatti jekk is-sigurtà ta' provvista tkun kompromessa. Il-bini u ż-żamma tal-infrastruttura meħtieġa tan-netwerks, inkluża l-kapaċità tal-interkonettività, għandhom jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' provvista stabbli tal-elettriku. Il-bini u ż-żamma tal-infrastruttura meħtieġa tan-network, inklużi l-kapaċità tal-interkonettività u l-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-elettriku, huma elementi importanti fl-iżgurar ta' provvista stabbli ta' elettriku.~~

↓ 2009/72/KE premessa 58

~~Bil-ħsieb tal-ħolqien ta' suq intern fl-elettriku, l-Istati Membri għandhom irawmu l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali tagħhom u l-koperazzjoni tal-operaturi tas-sistema fil-livell Kommunitarju u dak reġjonali, filwaqt li jinkorporaw ukoll is-sistemi iżolati li jiffurmaw il-gżejjer tal-elettriku li jippersistu fil-Komunità.~~

---

44 ~~ĠU L 211, 14.8.2009, p. 64.~~
45 ~~ĠU L 211, 29.1.2009, p. 64.~~

🡻 2009/72/KE Artikolu 1 (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

SUĠĠETT~~, KAMP TA' APPLIKAZZJONI~~ U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1
Suġġett ~~u kamp ta' applikazzjoni~~

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni ⇨ , il-ħżin ⇦u l-provvista tal-elettriku, flimkien mad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien tal-konsumatur, bil-għan li ~~jittejbu u~~ ⇨ jinħolqu ⇦ ~~jiġu integrati~~ swieq tal-enerġija ⇨ tabilħaqq integrati, iffokati fuq il-konsumaturi u flessibbli ⇦~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫. ⇨ Permezz tal-vantaġġi ta' suq integrati, id-Direttiva timmira li tiżgura prezzijiet tal-enerġija raġonevoli għall-konsumaturi, livell għoli ta' sigurtà tal-provvista u tranżizzjoni mingħajr xkiel lejn sistema tal-enerġija dekarbonizzata ⇦. Din tistabbilixxi ~~wkoll ir-~~ regoli ⇨ ewlenin ⇦ li jikkonċernaw l-organizzazzjoni u t-tħaddim tas-settur tal-elettriku ⌦ Ewropew ⌫, ⇨ b'mod partikolari regoli dwar l-emanċipazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur, dwar ⇦ l-aċċess miftuħ għas-suq ⇨ integrat, dwar l-aċċess tal-partijiet terzi għall-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, regoli dwar is-separazzjoni, u dwar ir-regolaturi nazzjonali indipendenti tal-enerġija⇦ ~~il-kriterji u l-proċeduri applikabbli għal sejħat ta' offerti u l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet, kif ukoll it-tħaddim ta' sistemi.~~. ~~Id-Direttiva tiddefinixxi wkoll l-obbligi ta' servizz universali u d-drittijiet tal-konsumaturi tal-elettriku u tiċċara l-obbligi tal-kompetizzjoni.~~

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "klijent" tfisser klijent bl-ingrossa jew klijent finali tal-elettriku;

~~8~~2. "klijent bl-ingrossa" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-elettriku bil-għan li terġa' tbigħu ġewwa jew barra mis-sistema fejn tkun stabbilita;

~~9~~3. "klijent finali" tfisser klijent li jixtri l-elettriku għall-użu tiegħu;

~~10~~4. "klijent domestiku" tfisser klijent li jixtri l-elettriku għall-konsum tiegħu fid-dar, esklużi attivitajiet kummerċjali jew professjonali;

~~11~~5. "klijent mhux domestiku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-elettriku li ma jkunx għall-użu domestiku tagħha u ~~għandhom ikunu inklużi~~tinkludi produtturi, ⇨ klijenti industrijali, impriżi żgħar u ta' daqs medju, negozji ⇦ u klijenti bl-ingrossa;

~~12. "klijent eliġibbli" tfisser klijent li jkun ħieles li jixtri l-elettriku mill-fornitur tal-għażla tiegħu fis-sens tal-Artikolu 33;~~

⇩ ġdid

6. "klijent attiv" tfisser klijent jew grupp ta' klijenti li jaġixxu flimkien, li jikkunsmaw, jaħżnu jew ibigħu l-elettriku li jiġġeneraw fuq il-proprjetà tagħhom, inkluż permezz tal-aggregaturi, inkella li jieħdu sehem fi skemi ta' rispons tad-domanda jew tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, bil-kundizzjoni li dawn l-attivitajiet ma jkunux jikkostitwixxu l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom.

7. "komunità tal-enerġija lokali" tfisser: assoċjazzjoni, kooperattiva, sħubija, organizzazzjoni mhux bi skop ta' qligħ jew entità legali oħra li hija effettivament ikkontrollata minn azzjonisti jew membri lokali, ġeneralment għal finijiet ta' valur, iktar milli għall-qligħ, involuta fil-ġenerazzjoni distribwita u fit-twettiq ta' attivitajiet ta' operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni, fornitur jew aggregatur fuq il-livell lokali, anke b'dimensjoni transkonfinali.

🡻 2009/72/KE

~~19~~8. "provvista" tfisser il-bejgħ, inkluż il-bejgħ mill-ġdid, ta' elettriku lill-klijenti;

~~32~~9. "kuntratt għall-provvista tal-elettriku" tfisser kuntratt għall-provvista ta' elettriku, iżda ma tinkludix derivattiva tal-elettriku;

~~33~~10. "derivattiva tal-elettriku" tfisser strument finanzjarju speċifikat fil-punti 5, 6, jew 7 fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tal-21 ta' April 2004 dwar swieq fi strumenti finanzjarji~~[46], fejn dak l-istrument jirrelata mal-elettriku;

⇩ ġdid

11. "kuntratt dwar prezz dinamiku tal-elettriku" tfisser kuntratt għall-provvista tal-elettriku bejn fornitur u klijent finali li jirrifletti l-prezz fis-suq spot, inkluż is-suq ta' ġurnata bil-quddiem f'intervalli li talanqas ikunu ugwali għall-frekwenza ta' tpaċija tas-suq.

12. "tariffa għat-tmiem tal-kuntratt" tfisser kwalunkwe imposta jew penali li l-fornituri jew l-aggregaturi jimponu fuq il-klijenti talli jirtiraw minn kuntratt għall-forniment tal-elettriku jew servizz.

13. "tariffa marbuta mal-qlib" tfisser kwalunkwe imposta jew penali li l-fornituri jew l-operaturi tas-sistema jimponu direttament jew indirettament għall-qlib tal-fornituri, inklużi tariffi għat-tmiem tal-kuntratt;

14. "aggregatur" tfisser parteċipant fis-suq li jgħaqqad flimkien tagħbijiet jew l-elettriku ġġenerat minn diversi klijenti għall-bejgħ, ix-xiri jew il-bejgħ bl-irkant fi kwalunkwe suq tal-enerġija organizzat;

15. "aggregatur indipendenti" tfisser aggregatur li mhux affiljat ma' fornitur jew kwalunkwe parteċipant ieħor tas-suq;

---

46 Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

16. “rispons tad-domanda” tfisser il-bidla fit-tagħbija tal-elettriku mill-klijenti finali mix-xejriet ta’ konsum normali jew attwali tagħhom b’rispons għas-sinjali tas-suq, inkluż permezz ta’ prezzijiet tal-elettriku varjabbli skont il-ħin jew ħlasijiet ta’ inċentiv, jew b’rispons għall-aċċettazzjoni tal-offerta tal-klijent finali, waħdu jew permezz tal-aggregazzjoni, li jbigħ it-tnaqqis jew iż-żieda tad-domanda bi prezz fi swieq organizzati kif definit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014[47];

17. “miter konvenzjonali” tfisser miter analogu jew miter elettroniku li m’għandux il-kapaċità kemm li jitrażmetti u jirċievi d-dejta;

18. “sistema ta’ kejl intelliġenti” tfisser sistema elettronika li tista’ tkejjel il-konsum tal-enerġija, tipprovdi aktar tagħrif minn miter konvenzjonali, u li tista’ tittrażmetti u tirċievi d-dejta għall-finijiet ta’ informazzjoni, monitoraġġ u kontroll, permezz ta’ xi forma ta’ komunikazzjoni elettronika;

19. “interoperabbiltà” tfisser, fil-kuntest tal-kejl intelliġenti, il-kapaċità li żewġ netwerks, sistemi, apparati, applikazzjonijiet jew komponenti tal-enerġija jew tal-komunikazzjoni, jew aktar, li jiskambjaw u jużaw informazzjoni biex iwettqu funzjonijiet meħtieġa;

20. “kważi f’ħin reali” tfisser, fil-kuntest tal-kejl intelliġenti, il-ħin, is-soltu f’termini ta’ sekondi, li jgħaddi bejn ir-rekordjar tad-dejta u l-ipproċessar awtomatizzat tagħhom u t-trażmissjoni għall-finijiet ta’ użu jew ta’ informazzjoni;

21. “l-aqwa tekniki disponibbli” tfisser, fil-kuntest tal-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà f’ambjent ta’ kejl intelliġenti, l-istadju l-aktar effettiv u avvanzat fl-iżvilupp tal-attivitajiet u l-metodi tagħhom ta’ tħaddim, li jindika kemm ikunu prattikament xierqa tekniki partikolari, iddiżinjati biex jipprevjenu jew jimmitigaw ir-riskji fuq il-privatezza, id-dejta personali u s-sigurtà biex tiġi pprovduta, fil-prinċipju, il-bażi għall-konformità mal-qafas tal-Unjoni għall-protezzjoni tad-dejta;

🡻 2009/72/KE ⇨ ġdid

~~5~~22. “distribuzzjoni” tfisser it-trasport tal-elettriku fuq sistemi ta’ distribuzzjoni ta’ vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti, iżda mhux inkluża l-provvista;

~~6~~23. “operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni” tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli li tħaddem, li tiżgura l-manutenzjoni ta’ u, jekk ikun meħtieġ, li tiżviluppa s-sistema ta’ distribuzzjoni f’żona partikolari u, fejn applikabbli, l-interkonnessjonijiet tagħha ma’ sistemi oħra, kif ukoll li tiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema li tlaħħaq ma’ domandi raġonevoli għat-trażmissjoni tal-elettriku;

~~29~~24. “effiċjenza fl-użu tal-enerġija” ~~/il-ġestjoni tad-domanda~~ tfisser ⇨ il-proporzjon tal-output tal-prestazzjoni, servizz, prodotti jew enerġija, għall-input tal-enerġija ⇦ ~~approċċ globali jew integrat immirat li jinfluwenza l-ammont u l-ħin tal-konsum tal-elettriku biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja u domandi għoljin billi tingħata preċedenza lill-investimenti f’miżuri fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, jew miżuri oħra, bħal ma~~

---

47 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar ir-rappurtar tad-dejta li jimplimenta l-Artikolu 8(2) u 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 121).

huma kuntratti ta' provvista mingħajr interruzzjoni, investimenti żejda biex tiżdied il-kapaċità tal-ġenerazzjoni, jekk tal-ewwel ikunu l-iktar għażla ekonomika u effettiva, b'kont meħud tal-impatt ambjentali pożittiv ta' konsum imnaqqas tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista, kif ukoll l-aspetti tan-nefqa tad-distribuzzjoni relatati magħha;

3025. "⇨ enerġija minn ⇦ sorsi ta' enerġija rinnovabbli" tfisser ⇨ enerġija minn ⇦ sorsi mhux fossilinon-fossili ta' enerġija rinnovabbli ⇨ , b'mod partikolari ⇦ (riħ, solari ⇨ (solari termali u solari fotovoltajku) ⇦ , ġeotermali ⇨ enerġija, sħana ambjentali, idroelettriku u mill-marea kif ukoll mill-oċeani, enerġija ⇦ mill-mewġ ⇨ u sorsi rinnovabbli kombustibbli: combustible renewables: bijokarburanti, bijolikwidi, bijogassijiet, bijokarburanti solidi u żibel kombustibbli ta' oriġini rinnovabbli ⇦, marea, qawwa mill-ilma, bijomassa, gassijiet minn miżbliet, gass minn impjanti tat-trattament tad-drenaġġ u bio-gassijiet);

3126. "ġenerazzjoni distribwita" tfisser impjanti ta' ġenerazzjoni konnessi mas-sistema tad-distribuzzjoni;

⇩ ġdid

27. "punt tal-iċċarġjar" tfisser interfaċċa li tista' tiċċarġja vettura waħda f'perjodu partikolari jew tissostitwixxi batterija ta' vettura elettrika f'perjodu partikolari;

🡻 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

328. "trażmissjoni" tfisser it-trasport tal-elettriku fuq is-sistema ta' vultaġġ qawwi ħafna u s-sistema interkonnessa ta' vultaġġ għoli bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti finali jew lid-distributuri, iżda mhux inkluża l-provvista;

429. "operatur ta' sistema tat-trażmissjoni" tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mill-operazzjoni, li tiżgura l-manutenzjoni u, jekk ikun meħtieġ, tiżviluppa s-sistema tat-trażmissjoni f'żona partikolari u, fejn ikun japplika, tal-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħra, kif ukoll li tiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema biex tlaħħaq ma' domandi raġonevoli għat-trażmissjoni tal-elettriku;

1830. "utent tas-sistema" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tforni lil, jew li tkun fornuta minn, sistema tat-trażmissjoni jew distribuzzjoni;

131. "ġenerazzjoni" tfisser il-produzzjoni tal-elettriku;

232. "produttur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiġġenera l-elettriku;

1333. "interkonnettur" tfisser ⇨ linja ta' trażmissjoni li taqsam fruntiera bejn żoni tal-offerti, bejn Stati Membri jew, sa fruntiera taħt ġurisdizzjoni tal-UE, bejn Stati Membri u pajjiżi terzi ⇦ tagħmir użat biex jgħaqqad is-sistemi tal-elettriku;

1434. "sistema interkonnessa" tfisser numru ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni marbuta flimkien permezz ta' interkonnettur wieħed jew aktar;

1535. "linja diretta" tfisser jew linja tal-elettriku li tgħaqqad sit iżolat ta' produzzjoni ma' klijent iżolat jew inkella linja tal-elettriku li tgħaqqad produttur tal-elettriku u impriża tal-provvista tal-elettriku biex dawn ifornu direttament lil bini tagħhom stess, lil sussidjarji tagħhom u lil klijenti eliġibbli;

25. "ippjanar fit-tul" tfisser l-ippjanar tal-bżonn għall-investiment fil-ġenerazzjoni u fil-kapaċità ta' trażmissjoni u d-distribuzzjoni fuq bażi fit-tul, bil-ħsieb li tintlaħaq id-domanda tas-sistema għall-elettriku u li jkunu żgurati l-provvisti lill-klijenti;

2636. "sistema iżolata żgħira" tfisser kwalunkwe sistema b'konsum ta' anqas minn 3 000 GWh fis-sena 1996, fejn anqas minn 5 % tal-konsum annwali jinkiseb permezz ta' interkonnessjoni ma' sistemi oħra;

27. "sistema iżolata mikro" tfisser kwalunkwe sistema b'konsum ta' anqas minn 500 GWh fis-sena 1996, fejn ma jkun hemm l-ebda konnessjoni ma' sistemi oħra;

16. "preċedenza ekonomika" tfisser il-gradazzjoni tas-sorsi tal-provvista tal-elettriku konformement ma' kriterji ekonomiċi;

1737. "servizz anċillari" tfisser is-servizzi kollha meħtieġaservizz għall-operazzjoni tas-sistema tat-trażmissjoni jew distribuzzjoni ⇨ inklużi servizzi anċillari ta' bilanċjar u mhux tal-frekwenza iżda li ma jinkludux l-immaniġġjar tal-konġestjoni ⇦ ;

⇩ ġdid

38. "servizz anċillari mhux tal-frekwenza" tfisser servizz użat minn operatur ta' sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni għall-kontroll tal-vultaġġ f'qagħda statika, injezzjonijiet ta' kurrenti reattivi mgħaġġla, inerzja u kapaċità ta' startjar minn mitfi totali;

39. "ċentru operazzjonali reġjonali" tfisser iċ-ċentru operazzjonali reġjonali kif definit fl-Artikolu 32 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2]

🡻 2009/72/KE

2040. "impriża tal-elettriku integrata" tfisser impriża integrata vertikalment jew orizzontalment;

2141. "impriża integrata vertikalment" tfisser: impriża tal-elettriku jew grupp ta' impriżi tal-elettriku fejn l-istess persuna jew l-istess persuni huma intitolati, direttament jew indirettament, li jeżerċitaw kontroll, u fejn l-impriża jew il-grupp ta' impriżi jwettqu għall-anqas waħda mill-funzjonijiet ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni, u mill-anqas waħda mill-funzjonijiet tal-ġenerazzjoni jew il-provvista tal-elettriku;

2242. "impriża relatata" tfisser impriża affiljata, fis-sens tal-Artikolu 2(12) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48] 41 tas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 abbażi tal-Artikolu 44(2)(g) (13) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati (14), u/jew impriża assoċjata, kif definita fl-Artikolu 33(1) ta' dik id-Direttiva, u/jew impriżi tal-istess azzjonisti;

2343. "impriża integrata orizzontalment" tfisser impriża li twettaq għall-anqas waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni għall-bejgħ, jew it-trażmissjoni, jew id-distribuzzjoni, jew il-provvista tal-elettriku, u attività oħra li ma tkunx marbuta mal-elettriku;

---

48 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

~~34~~44. "kontroll" tfisser drittijiet, kuntratti jew kwalunkwe mezzi oħra li, sew separatament jew flimkien, u filwaqt li jitqiesu l-fatti u l-liġijiet involuti, jagħtu l-possibbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq impriża, b'mod partikolari permezz ta':

(a) id-dritt ~~ta' proprjetà~~tas-sjieda jew id-dritt li jintużaw l-assi kollha ta' impriża, jew parti minnhom;

(b) drittijiet jew kuntratti li jikkonferixxu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-organi ta' impriża;

~~35~~45. "impriża tal-elettriku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li twettaq mill-anqas waħda mill-funzjonijiet li ġejjin: ġenerazzjoni, trażmissjoni, distribuzzjoni, provvista, jew xiri tal-elettriku, li tkun responsabbli għall-kompiti kummerċjali, tekniċi u/jew tal-manutenzjoni relatati għal dawk il-funzjonijiet, iżda li ma tinkludix l-klijenti finali.

~~24. "proċedura għat-tfigħ ta' offerti" tfisser il-proċedura li permezz tagħha r-rekwiżiti addizzjonali ppjanati u l-kapaċità ta' sostituzzjoni huma kooperti bi provvisti minn kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida jew eżistenti;~~

~~28~~46. "sigurtà" tfisser kemm is-sigurtà tal-provvista u l-forniment tal-elettriku, ~~s-sigurtà~~kif ukoll s-sikurezza teknika;

⇩ ġdid

47. "ħżin tal-enerġija" tfisser, fis-sistema tal-elettriku, iż-żamma ta' ammont ta' elettriku li ġie ġġenerat sal-mument tal-użu, bħala enerġija finali, inkella konvertit fi trasportatur ieħor tal-enerġija.

🡻 2009/72/KE

KAPITOLU II

REGOLI ĠENERALI GĦALL-ORGANIZZAZZJONI TAS-SETTUR

⇩ ġdid

Artikolu 3

Suq tal-elettriku kompetittiv, iffokat fuq il-konsumatur, flessibbli u mhux diskriminatorju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ma tfixkilx bla bżonn il-flussi transkonfinali tal-elettriku, il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, anke permezz tar-rispons min-naħa tad-domanda, investimenti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija flessibbli, il-ħżin tal-enerġija, l-introduzzjoni tal-elettromobbiltà jew interkonneturi ġodda u li l-prezzijiet tal-elettriku jirriflettu d-domanda u l-provvista attwali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jeżistux ostakoli bla bżonn għad-dħul u l-ħruġ mis-suq ta' impriżi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u tal-provvista tal-elettriku.

⬇ 2009/72/KE Artikolu 33 ⇨ ġdid

Artikolu 4~~33~~

⇨ Għażla ħielsa tal-fornitur tal-elettriku ⇦

~~**Ftuħ tas-suq u reċiproċità**~~

~~1.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ~~l-klijenti eliġibbli jinkludu~~ ⇨ l-klijenti kollha jkunu ħielsa li jixtru l-elettriku mill-fornitur li jagħżlu huma. ⇦

~~(a)sal-1 ta' Lulju 2004, il-klijenti eliġibbli kif speċifikat fl-Artikolu 19(1) sa (3) tad-Direttiva 96/92/KE. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw sal-31 ta' Jannar kull sena il-kriterji għad-definizzjoni ta' dawk il-klijenti eliġibbli;~~

~~(b) mill-1 ta' Lulju 2004, il-klijenti mhux domestiċi kollha;~~

~~(c) mill-1 ta' Lulju 2007, lill-klijenti kollha.~~

~~2. Biex ma jkunx hemm skwilibrju fil-ftuħ tas-swieq tal-elettriku:~~

~~(a) il-kuntratti għall-provvista tal-elettriku ma' klijent eliġibbli fis-sistema ta' Stat Membru ieħor ma għandhomx ikunu pprojbiti jekk il-klijent ikun ikkunsidrat bħala eliġibbli fiż-żewġ sistemi involuti; u~~

~~(b) f'każijiet fejn it-tranżazzjonijiet kif deskritt fil-punt (a) ikunu rifjutati minħabba li l-klijent ikun eliġibbli f'waħda miż-żewġ sistemi biss, il-Kummissjoni tista' tobbliga, b'kont meħud tas-sitwazzjoni fis-suq u l-interess komuni, lill-parti li qed tirrifjuta biex twettaq il-provvista mitluba fuq it-talba tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-klijent eliġibbli.~~

⇩ ġdid

Artikolu 5

Prezzijiet tal-provvista bbażati fis-suq

1. Il-fornituri tal-elettriku għandhom ikunu ħielsa li jiddeterminaw il-prezz li bih jipprovdu l-elettriku lill-klijenti. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa biex jiżguraw il-kompetizzjoni effikaċi bejn il-fornituri tal-elettriku.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-klijenti foqra jew vulnerabbli f'termini ta' enerġija b'mod immirat li ma jkunx jinvolvi interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri li japplikaw interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku għal klijenti domestiċi foqra jew vulnerabbli f'termini ta' enerġija fi [OP: please insert the date of entry into force of this Directive] jistgħu jibqgħu japplikaw interventi pubbliċi bħal dawn għal ħames snin minn [OP: please insert the date five years from the entry into force of this Directive]. Interventi pubbliċi bħal dawn għandhom ikunu mmirati lejn l-interess ekonomiku ġenerali, jkunu definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u jiggarantixxu aċċess ugwali lill-kumpaniji tal-elettriku tal-Unjoni

għall-klijenti. L-interventi ma għandhomx jiżbqu dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb l-interess ekonomiku ġenerali mfittex minnhom, għandhom ikunu limitati fiż-żmien u jkunu proporzjonati fir-rigward tal-benefiċjarji tagħhom.

4. Wara [OP – insert the date – five years from the entry into force of this Directive], l-Istati Membri xorta jistgħu japplikaw interventi pubbliċi għall-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku għall-klijenti domestiċi vulnerabbli sa fejn dan ikun strettament meħtieġ għal raġunijiet ta' urġenza estrema. Interventi bħal dawn għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda skont l-ewwel subparagrafu fi żmien xahar wara l-adozzjoni, u jistgħu japplikawhom immedjatament. In-notifika għandha tkun akkumpanjata minn spjega dwar għaliex strumenti oħra ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni u kif il-benefiċjarji u d-durata tal-miżura ġew determinati. In-notifika għandha titqies bħala kompleta jekk, fi żmien xahrejn mill-wasla tagħha, jew mill-wasla ta' kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba, il-Kummissjoni ma titlob l-ebda informazzjoni ulterjuri.

Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni fejn titlob lill-awtoritajiet nazzjonali jemendaw jew jirtiraw il-miżuri fi żmien xahrejn mill-irċevuta ta' notifika sħiħa fejn tqis li r-rekwiżiti stipulati fl-ewwel subparagrafu ma jkunux ġew sodisfatti. Il-perjodu ta' teħid tad-deċiżjonijiet jista' jiġi estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istat Membru kkonċernat.

L-intervent pubbliku applikat abbażi ta' dan il-paragrafu jenħtieġ li jitqies bħala validu sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni li titlob lill-awtoritajiet nazzjonali jemendaw jew jirtiraw il-miżura.

➔ 2009/72/KE (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu 6~~32~~

Aċċess għal partijiet terzi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess għal terzi parti għas-sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni bbażat fuq tariffi ppubblikati, applikabbli għall-klijenti ~~eliġibbli~~ kollha u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi, jew il-metodoloġiji li jkunu sottostanti l-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom konformement mal-Artikolu 59 ~~37~~ u li dawk it-tariffi, u l-metodoloġiji — fejn il-metodoloġiji jkunu approvati — jiġu ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

2. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni jista' jirrifjuta l-aċċess fil-każ li ma jkollux il-kapaċità neċessarja. Għal rifjut bħal dan għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati, partikolarment meta jitqies l-Artikolu ~~3~~ 9, u bbażati fuq kriterji oġġettivi u ġustifikabbli teknikament u ekonomikament. ⇨ L-Istati Membri, jew fejn l-Istati Membri jkunu għamlu dispożizzjonijiet għal dan, l-awtoritajiet regolatorji ⇦ ~~L-awtoritajiet regolatorji fejn l-Istati Membri jkunu għamlu dispożizzjonijiet għal dan, jew l-Istati Membri~~, għandhom jiżguraw li dawk il-kriterji jkunu konsistentement applikati u li l-utent tas-sistema li jkun ġie rifjutat l-aċċess tiegħu

jkun jista' jagħmel użu minn proċedura ta' soluzzjoni ta' disputa. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ukoll jiżguraw, fejn ikun il-każ u meta jseħħ rifjut ta' aċċess, li l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni jipprovdi l-informazzjoni relevanti dwar miżuri li jkunu meħtieġa għall-infurzar tan-network. ⇨ Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-każijiet kollha fejn l-aċċess għall-punti ta' ċċarġjar ikun inċaħad. ⇦ Il-parti li tagħmel talba għal tali informazzjoni jista' jkollha tħallas miżata raġonevoli li tkun tirrifletti n-nefqa biex tkun provduta tali informazzjoni.

Artikolu *7* ~~*34*~~

Linji Diretti

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex:

(b) il-produtturi tal-elettriku u l-impriżi tal-provvista tal-elettriku kollha stabbiliti fit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jipprovdu l-elettriku lill-bini tagħhom stess, lis-sussidjarji tagħhom u lil klijenti ~~eliġibbli~~ permezz ta' linja diretta; ~~u~~

(c) il-klijenti ~~eliġibbli~~ kollha fit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jiġu fornuti permezz ta' linja diretta minn produtturi u impriżi ta' provvista.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kriterji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għall-bini ta' linji diretti fit-territorju tagħhom. Dawk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji.

3. Il-possibbiltà li l-elettriku jkun provdut permezz ta' linja diretta kif imsemmi fil-Paragrafu 1 ma għandhiex taffettwa l-possibbiltà li l-elettriku jkun mogħti b'kuntratt taħt l-Artikolu 6 ~~32~~.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għall-bini ta' linja diretta soġġett għar-rifjut tal-aċċess għas-sistema fuq il-bażi, fejn ikun il-każ, tal-Artikolu 6 ~~32~~. jew għall-bidu ta' riżoluzzjoni ta' disputa taħt l-Artikolu 60 ~~37~~.

5. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jawtorizzaw linja diretta jekk l-għoti ta' tali awtorizzazzjoni jkun ixxekkel ⌦ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku skont ⌫ ~~tal-~~Artikolu 9~~3~~. Għal rifjut bħal dan għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati.

Artikolu *8*~~*7*~~

Proċedura ta' awtorizzazzjoni għal kapaċità ġdida

1. Għall-bini ta' kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni, l-Istati Membri għandhom jadottaw proċedura ta' awtorizzazzjoni, li għandha titwettaq konformement ma' kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kriterji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għall-bini ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni fit-territorju tagħhom. Sabiex jiddeterminaw kriterji xierqa, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw:

(d) is-sigurtà u s-sikurezza tas-sistema tal-elettriku, installazzjonijiet u tagħmir assoċjat;

(e) il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza~~igurtà~~ pubblika;

(f) il-protezzjoni tal-ambjent;

(g) l-użu tal-art u l-għażla tal-postlokalità;

(h) l-użu tal-art pubblika;

(i) l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;

(j) in-natura tas-sorsi primarji;

(k) karatteristiċi partikolari għall-applikant, bħal kapaċitajiet tekniċi, ekonomiċi u finanzjarji;

(l) konformità mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 93

(m) il-kontribuzzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni biex tintlaħaq il-mira ġenerali tal-Komunità ⌦ Unjoni ⌫ ta' sehem ta' mill-anqas 20 % tal-enerġija ⌦ tal-Unjoni ⌫ minn sorsi li jiġġeddu ⌦ rinnovabbli ⌫ fil-konsum gross finali tal-enerġija fl-2020 imsemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinovabbli[49]; u

(n) (k) il-kontribuzzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu proċeduri speċifiċi tal-awtorizzazzjoni għal ġenerazzjoni żgħira deċentralizzata u/jew distribwita, li jieħdu kont tad-daqs limitat u l-impatt potenzjali tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu linji ta' gwida linjigwida għal dik il-proċedura speċifika ta' awtorizzazzjoni. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra inklużi l-awtoritajiet ta' ppjanar għandhom jirrevedu dawn il-linji ta' gwida linjigwida u jirrakkomandaw emendi.

Fejn Stati Membri stabbilixxew proċeduri partikolari ta' permess ta' użu ta' art li japplikaw għal proġetti ġodda maġġuri ta' infrastruttura fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni, l-Istati Membri għandhom, fejn hu xieraq, jinkludu l-kostruzzjoni ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida fil-firxa ta' applikabilità ta' dawk il-proċeduri u għandhom jimplimentawhom f'mod nondiskriminatorju u f'qafas ta' żmien xieraq.

4. Il-proċeduri u l-kriterji tal-awtorizzazzjoni għandhom jiġu ppubblikati. L-applikanti għandhom ikunu informati dwar ir-raġunijiet għal kwalunkwe rifjut li tingħata awtorizzazzjoni. Ir-raġunijiet għandhom ikunu oġġettivi, non-diskriminatorji, raġunati u sostanzjati kif suppost. Proċeduri ta' appell għandhom ikunu disponibbli għal kull applikant.

[49] Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 140, 5.6.2004, p. 16).

⇩ ġdid

Artikolu 9

Obbligi tas-servizz pubbliku

↓ 2009/72/KE Artikolu 3.1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, abbażi tal-organizzazzjoni istituzzjonali tagħhom u b'kont dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-impriżi tal-elettriku jitħaddmu konformement mal-prinċipji ta' din id-Direttiva bil-ħsieb li jintlaħaq suq kompetittiv, sigur, u ambjentalment sostenibbli fil-qasam tal-elettriku, u dawn ma għandhomx jiddiskriminaw bejn dawk l-impriżi fejn jikkonċerna d-drittijiet jew l-obbligi tagħhom.

↓ 2009/72/KE Artikolu 3(2) (adattat)
⇨ ġdid

2. B'konsiderazzjoni sħiħa għad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 ⌦ 106 ⌫ tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi li jkunu qed jaħdmu fis-settur tal-elettriku, u fl-interess ekonomiku ġenerali, l-obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu marbuta mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti u l-protezzjoni ambjentali, inklużi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu ⌦ rinnovabbli ⌫ u l-protezzjoni tal-klima. Tali obbligi għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu l-ugwaljanza tal-aċċess lill-impriżi tal-elettriku Komunitarji ⌦ tal-Unjoni ⌫ għall-konsumaturi nazzjonali. Fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda kif ukoll il-kisba tal-għanijiet ambjentali u tal-għanijiet fir-rigward tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, kif imsemmi f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-implimentazzjoni ta' ppjanar għal perjodu fit-tul, meta titqies il-possibilità li terzi persuni jitolbu aċċess għas-sistema. ⇨ Obbligi tas-servizz pubbliku li jikkonċernaw l-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5. ⇦

↓ 2009/72/KE Artikolu 3(6) (adattat)

3. 6Meta jkun hemm kumpens finanzjarju, forom oħra ta' kumpens u drittijiet esklussivi li Stat Membru jagħti għat-twettiq tal-obbligi previsti fil-paragrafu 2 u 3 ⌦ 2 jew għall-forniment ta' servizz universali kif stipulat fl-Artikolu 27 ⌫ , dan għandu jsir b'mod nondiskriminatorju u trasparenti.

↓ 2009/72/KE Artikolu 3(15)

4. ~~15.~~ L-Istati Membri għandhom, meta tiġi implimentata din id-Direttiva, jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kollha adottati biex ikunu sodisfatti l-obbligi tas-servizz universali u tas-servizz pubbliku, inkluż il-protezzjoni tal-konsumatur u dik ambjentali, u l-effett possibbli tagħhom fuq il-kompetizzjoni nazzjonali u internazzjonali, kemm jekk miżuri bħal dawn ikunu jeħtieġu deroga minn din id-Direttiva kif ukoll jekk le. Sussegwentement huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kull sentejn dwar kwalunkwe bdil għat-tali miżuri, kemm jekk dawn ikunu jeħtieġu xi deroga minn din id-Direttiva kif ukoll jekk le.

↓ 2009/72/KE Artikolu 3(14) (adattat)

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 7 u 8 ~~7~~, ~~8~~, ~~32~~ ~~u/jew~~ ~~34~~ kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' xxekkel il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-verità, tal-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali, u kemm-il darba l-iżvilupp tas-sengħa ma jkunx affettwat b'tali mod li jkun imur kontra l-interessi tal-⌦ Unjoni ⌫ ~~Komunità~~. L-interessi tal-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫ jinkludu, inter alia, il-kompetizzjoni fir-rigward tal-klijenti ~~eliġibbli~~ konformement ma' din id-Direttiva u l-Artikolu ~~86~~ ⌦ 106 ⌫ tat-Trattat.

↓ 2009/72/KE

~~KAPITOLU III~~

~~ĠENERAZZJONI~~

↓ 2009/72/KE

~~*Artikolu 8*~~

~~*Sejħa għal offerti għal kapaċità ġdida*~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-possibbiltà, fl-interessi tas-sigurtà tal-provvista, li jipprevedu kapaċità ġdida jew miżuri fir-rigward ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija/ġestjoni tad-domanda permezz ta' proċedura ta' sejħa ta' offerti jew permezz ta' kwalunkwe proċedura ekwivalenti f'termini ta' trasparenza u mhux diskriminazzjoni, fuq il-bażi ta' kriterji ppubblikati. Dawk il-proċeduri jistgħu, madankollu, jitniedu biss jekk fuq il-bażi tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni, il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li tkun qed tinbena jew il-miżuri fir-rigward ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista~~

2. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw il-possibbiltà, fl-interessi tal-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, li joħorġu offerti għal kapaċitajiet ġodda fuq il-bażi ta' kriterji ppubblikati. Din l-offerta tista' tkun relatata ma' kapaċità ġdida jew miżuri fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda. Il-proċedura ta' ħruġ ta' offerti tista', madankollu, tkun introdotta biss jekk fuq il-bażi tal-proċedura tal-awtorizzazzjoni, il-kapaċità ġeneranti li tkun qed tinbena jew il-miżuri li jkunu qed jittieħdu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

3. Id-dettalji dwar il-proċedura għas-sejħa ta' offerti għal mezzi biex tiġi ġġenerata l-kapaċità u miżuri fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għall-anqas sitt xhur qabel id-data tal-għeluq għall-offerti.

L-ispeċifikazzjonijiet ta' sejħa għall-offerti għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru sabiex ikollha biżżejjed żmien fejn tagħmel offerta.

Bil-ħsieb li tkun żgurata t-trasparenza u n-non-diskriminazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għandhom ikollhom deskrizzjoni dettaljata tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u tal-proċedura li għandha tiġi segwita minn dawk kollha li jitfgħu offerta u lista eżawrjenti tal-kriterji li jirregolaw l-għażla ta' dawk li jitfgħu offerta u kif jingħata l-kuntratt, inklużi l-inċentivi, bħal sussidji, li jkunu koperti mill-offerta. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jkunu marbuta wkoll mal-oqsma imsemmija fl-Artikolu 7(2).

4. F'sejħiet għall-offerti għall-kapaċità rekwiżita ta' ġenerazzjoni, għandhom ikunu kkunsidrati wkoll offerti għall-provvista tal-elettriku b'garanziji għall-perjodu fit-tul minn unitajiet ta' ġenerazzjoni eżistenti, sakemm ir-rekwiżiti addizzjonali jkunu jistgħu jiġu sodisfatti b'dan il-mod.

5. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità jew entità pubblika jew entità privata indipendenti minn attivitajiet ta' ġenerazzjoni, trażmissjoni, distribuzzjoni u provvista tal-elettriku, li tista' tkun awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 35(1), biex tkun responsabbli mill-organizzazzjoni, is-sorveljanza u l-kontroll tal-proċedura għal sejħa ta' offerti imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu. Fejn operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jkun kompletament awtonomu minn attivitajiet oħra mhux relatati mas-sistema tat-trażmissjoni f'termini ta' proprjetà, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jista' jinħatar bħala l-entità responsabbli mill-organizzazzjoni, isd-sorveljanza u l-kontroll tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti. Dik l-awtorità jew entità għandha tieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex tiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jkun hemm fl-offerti.

⇩ ġdid

KAPITOLU III

EMANĊIPAZZJONI U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

🡻 2009/72/KE (adattat)

Artikolu 103

⌦ Drittijiet kontrattwali bażiċi ⌫

1. 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi kollha jkunu intitolati li jkollhom l-elettriku tagħhom ipprovdut minn fornitur, suġġett għal qbil tal-fornitur, irrispettivament f'liema Stat Membru jkun reġistrat il-fornitur, sakemm li l-fornitur jimxi mar-regoli dwar il-kummerċ u ta' bilanċ applikabbli. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li proċeduri amministrattivi ma jiddiskriminawx kontra impriżi ta' provvisti li diġa huma reġistrati fi Stat Membru ieħor.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) fejn konsumatur, filwaqt li jirrispetta l-kondizzjonijiet kuntrattwali, jixtieq li jbiddel il-fornitur, il-bidla għandha ssir mill-operatur(i) kkonċernat(i) fi żmien tliet ġimgħat; kif ukoll

(b) il-konsumaturi huma intitolati li jirċievu l-informazzjoni relevanti kollha relatata mal-konsum.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet imsemmija f'punti (a) u (b) huma mogħtija lill-konsumaturi kollha b'mod mhux diskriminatorju fir-rigward ta' spiża, ħidma u żmien.

🡻 2009/72/KE Artikolu 1 (adattat) ⇨ ġdid

2. 1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ⌦ tal-Unjoni ⌫ Komunitarji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttivi 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod ⇨ d--Direttiva 2001/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50] ⇦ u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur[(51)], ⇨ l-Istati Membri għandhom ⇦ jiżguraw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jiżguraw li l-klijenti:

(o) għandhom id-dritt ta' kuntratt mal-fornitur tas-servizz tal-elettriku tagħhom li jispeċifika:

– l-identità u l-indirizz tal-fornitur;

– is-servizzi provduti, il-livell tal-kwalità tas-servizzi offruti kif ukoll iż-żmien għall-ewwel konnessjoni;

– it-tipi ta' servizzi ta' manutenzjoni offruti;

– il-mezzi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi u l-ħlasijiet għall-manutenzjoni applikabbli kollha;

---

50 ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88.
51 ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29-34.

– it-tul tal-kuntratt, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid u t-terminazzjoni tas-servizzi u tal-kuntratt u jekk huwiex permess li wieħed jirtira mill-kuntratt bla ħlas;

– kwalunkwe kumpens u arranġamenti ta' rifużjoni li japplikaw jekk il-livelli tal-kwalità tas-servizz kuntrattat ma jintlaħqux, inklużi kontijiet mhux korretti jew li jdumu ma jinħarġu;

– il-metodu biex jinbdew proċeduri għar-riżoluzzjoni ta' tilwim taħt l-Artikolu 26 il-punt (f),

– informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumatur, inkluż dwar il-ġestjoni tal-ilmenti u l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-punt, komunikata b'mod ċar permezz ta' kontijiet jew tal-websajt tal-intrapriża tal-elettriku,

Il-kondizzjonijiet għandhom ikunu imparzjali u magħrufa sew minn qabel. Fi kwalunkwe każ, din l-informazzjoni għandha tingħata qabel il-konklużjoni jew il-konferma tal-kuntratt. Meta xi kuntratti jkunu konklużi permezz ta' intermedjarji, l-informazzjoni relatata mal-kwistjonijiet msemmija f' dan il-punt għandha wkoll tkun provduta qabel il-konklużjoni tal-kuntratt;

(p) jingħata avviż xieraq ta' kull intenzjoni li jiġu modifikati l-kundizzjonijiet kuntrattwali u jkunu infurmati bid-dritt tagħhom li jirtiraw ⇨ li jxolju l-kuntratt ⇦meta jingħata l-avviż. Fornituri tas-servizz ⇨ Il-fornituri ⇦ għandhom jinnotifikaw lill-abbonati ⇨ klijenti ⇦ direttament dwar kwalunkwe żieda ⇨ aġġustament ⇦ fil-prezzijiet ⇨ prezz tal-provvista kif ukoll ir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet minn qabel għall-aġġustament, kif ukoll l-ambitu tiegħu ⇦, fi żmien xieraq mhux aktar tard minn perjodu wieħed li fih jirċievu l-kont wara li ż-żieda ⇨ qabel l-aġġustament ⇦ jidħol fis-seħħ b'mod trasparenti u li jinftiehem. L-Istati Membri għandhom ⇨ jiżguraw li l-klijenti jkunu ħielsa li jinħallu minn kuntratti jekk ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet kuntrattwali ġodda jew l-aġġustament tal-prezz tal-provvista nnotifikat lilhom mill-fornitur tal-elettriku tagħhom; ⇦ jagħmlu minn kollox biex jagevolaw lill-klijenti li jridu jinħallu mill-kuntratti meta dawn jogħlilhom id-dawl;

(q) jirċievu informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli u dwar it-termini u l-kondizzjonijiet standards, fir-rigward tal-aċċess għal u l-użu tas-servizzi tal-elettriku;

(r) jiġu offruti għażla wiesgħa tal-metodi tal-ħlas, li ma jiddiskriminawx bejn il-klijenti. Is-sistemi ta' ħlas minn qabel għandhom ikunu ġusti u għandhom jirriflettu b'mod xieraq il-konsum li x'aktarx isir. Kull differenza ⇨ fit-tariffi marbuta mal-metodi tal-ħlas għandha tirrifletti l-kostijiet rilevanti mġarrba mill-fornitur ⇦ fit-termini u l-kundizzjonijiet għandha tirrifletti l-ispejjeż għall-fornitur tas-sistemi differenti ta' ħlas.

(s) Is-sistemi ta' ħlas minn qabel ⇨ ma jitqegħdux fi żvantaġġ eċċessiv mis-sistemi ta' ħlas minn qabel meta mqabbla mal-prezz medju tas-suq; ⇦

(t) ⇨ jiġu offruti termini ġenerali u kundizzjonijiet ġusti u trasparenti⇦ It-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għandhom ikunu ġusti u trasparenti ⇨It-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali ⇦ gGħandhom jingħataw b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem u m'għandhomx jinkludu ostakli mhux kuntrattwali għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-konsumaturi, pereżempju id-dokumentazzjoni kuntrattwali eċċessiva. Il-klijenti għandhom jiġu protetti kontra l-metodi mhux imparzjali u qarrieqa ta' bejgħ;

(c) ma għandhomx iħallsu talli jibdlu l-fornitur;

(u) ~~(f) jibbenefikaw minn proċeduri trasparenti, sempliċi u effettivi biex jiġu ttrattati l-ilmenti tagħhom. B'mod partikulari, il-konsumaturi kollha għandu jkollhom id-dritt għal livell tajjeb ta' servizz u ta' ġestjoni tal-ilmenti mill-fornitur tagħhom tas-servizz tal-elettriku. Proċeduri bħal dawn ta' soluzzjoni ta' tilwim bla qrati għandhom iwasslu biex tilwimiet jiġu riżolti b'mod ġust u fil-waqt, preferibbilment fi żmien tliet xhur, b'dispożizzjoni, fejn meħtieġ, ta' sistema ta' rimborż u/jew kumpens. Huma għandhom ikunu konformi, kull fejn possibbli, mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni extra-ġudizzjarja ta' disputi tal-konsumatur (3);~~ ⇨ għandhom id-dritt għal standard tajjeb ta' servizz u indirizzar tal-ilmenti mill-fornitur tas-servizzi tal-elettriku. Il-fornituri tas-servizzi tal-elettriku għandhom jindirizzaw l-ilmenti b'mod sempliċi, ġust u malajr. ⇦

(v) meta jkollhom aċċess għal servizz universali konformement mad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 27 ~~3(3)~~, ikunu informati dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tas-servizz universali;

~~h) ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom id-dejta dwar il-konsum tagħhom, u għandhom ikunu jistgħu, bi ftehim espliċitu u mingħajr ħlas, jagħtu lil kwalunkwe impriża ta' provvista reġistrata aċċess għad-dejta tagħha dwar il-kejl. Il-parti responsabbli għall-ġestjoni tad-dejta għandha jkollha l-obbligu li tgħaddi din id-dejta lill-impriża. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu format għad-dejta kif ukoll proċedura għall-fornituri u għall-konsumaturi biex ikollhom aċċess għad-dejta. Il-konsumatur ma jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ebda spiża addizzjonali għal dan is-servizz;~~

~~(i) huma infurmati korrettament dwar l-konsum u l-ispejjeż attwali tal-elettriku ta' spiss biżżejjed biex ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tal-elettriku tagħhom. Dik l-informazzjoni għandha tingħata bl-użu ta' qafas ta' żmien suffiċjenti, b' kont meħud tal-kapaċità tat-tagħmir tal-metraġġ tal-klijent u tal-prodott tal-elettriku in kwistjoni. Għandha titqies kif jixraq l-effiċjenza ta' miżuri ta' dan it-tip meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom. Il-konsumatur ma jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ebda spiża addizzjonali għal dan is-servizz;~~

(w) ⇨ jingħataw biżżejjed informazzjoni dwar l-alternattivi għall-iskonnessjoni, biżżejjed minn qabel l-iskonnessjoni ppjanata. Dawn l-alternattivi jistgħu jirreferi għas-sorsi tal-appoġġ biex tiġi evitata l-iskonnessjoni, pjanijiet ta' ħlas alternattivi, ġestjoni tad-dejn jew moratorju għall-iskonnessjoni u ma għandhomx jimponu kost ulterjuri għall-klijenti.⇦

(x) ~~(j)~~ jirċievu kont finali ta' għeluq wara kwalunkwe bidla fil-fornitur tal-elettriku ~~elettriċità~~ mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li tkun seħħet il-bidla fil-fornitur.

⇩ ġdid

Artikolu 11

Intitolament għal kuntratt bi prezz dinamiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull klijent finali jkun intitolat, fuq talba, għal kuntratt tal-elettriku bi prezz dinamiku mill-fornitur tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkunu infurmati kompletament mill-fornituri dwar l-opportunitajiet u r-riskji ta' kuntratti tal-elettriku bi prezz dinamiku bħal dawn.

3. L-Istati Membri, permezz tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali, għandhom jissorveljaw u jirrapportaw kull sena, għall-inqas għal perjodu ta' għaxar snin wara li kuntratti bħal dawn isiru disponibbli, dwar l-iżviluppi ewlenin ta' kuntratti bħal dawn - inklużi l-offerti tas-suq, l-impatt fuq il-kontijiet tal-konsumaturi, u speċifikament il-livell ta' volatilità tal-prezz, u fuq is-sensittività tal-konsumaturi għal-livell ta' riskju finanzjarju.

Artikolu 12

Dritt għall-bdil tal-fornitur u regoli dwar it-tariffi marbuta mal-bdil

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li klijent li jixtieq jibdel il-fornitur, filwaqt li jirrispetta l-kundizzjonijiet kuntrattwali, jkun intitolat għal tali bidla fi żmien tliet ġimgħat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti ma jeħlu l-ebda tariffi marbuta mal-bdil.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jippermettu lill-fornituri jimponu tariffi għat-terminazzjoni tal-kuntratt għal klijenti li volontarjament itemmu kuntratti ta' forniment għal terminu fiss qabel dawn ma jkunu mmaturaw. Tariffi bħal dawn jistgħu jiġu imposti biss jekk il-klijenti jirċievu vantaġġ li jista' jintwera minn dawn il-kuntratti. Barra minn hekk, tariffi bħal dawn m'għandhomx jeċċedu t-telf ekonomiku dirett għall-fornitur tal-klijent li jkun qiegħed itemm il-kuntratt, inkluż il-kost ta' kwalunkwe investimenti magħquda jew servizzi li diġà jkunu ġew provduti lill-klijent bħala parti mill-kuntratt.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dritt tal-bdil tal-fornituri jingħata lill-klijenti b'mod mhux diskriminatorji fir-rigward tal-kost, l-isforz jew il-ħin.

Artikolu 13

Kuntratt ma' aggregatur

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta klijenti finali jkun jixtieq jikkonkludi kuntratt ma' aggregatur, dan l-impenn ma jkunx jeħtieġ il-kunsens tal-fornitur tal-klijent finali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li klijent li jixtieq itemm il-kuntratt ma' aggregatur, filwaqt li jirrispetta l-kundizzjonijiet kuntrattwali, ikun intitolat għal tali tmiem fi żmien tliet ġimgħat.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali li jtemmu kuntratt għal terminu fiss ma' aggregatur qabel il-maturità tal-kuntratt ma jeħlux tariffa għat-terminazzjoni li taqbeż it-telf ekonomiku dirett imġarrab mill-aggregatur, inkluż il-kost ta' kwalunkwe investimenti magħquda jew servizzi li jkunu diġà ġew ipprovduti lill-klijent finali bħala parti mill-kuntratt.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkunu intitolati jirċievu d-dejta kollha rilevanti tar-rispons tad-domanda jew id-dejta dwar l-elettriku pprovdut jew mibjugħ għall-inqas darba fis-sena.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 jingħataw lill-klijenti finali kollha b'mod mhux diskriminatorju fir-rigward tal-kost, sforz jew żmien.

Artikolu 14

Għodod għat-tqabbil

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti jkollhom aċċess b'xejn, għal tal-anqas għodda waħda għat-tqabbil tal-offerti tal-fornituri li tissodisfa l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Anness I. L-għodod għat-tqabbil jistgħu jitħaddmu minn kwalunkwe entità, inklużi l-kumpaniji privati u l-awtoritajiet jew korpi pubbliċi. Il-klijenti għandhom jiġu infurmati dwar id-disponibbiltà ta' tali għodod.

2. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti indipendenti waħda li tkun responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-għodod għat-tqabbil u li tiżgura li l-għodod għat-tqabbil ċertifikati jibqgħu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I.

3. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-għodod għat-tqabbil imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu determinanti komparattivi marbuta man-natura tas-servizzi offruti mill-fornituri.

4. Kwalunkwe għodda li tqabbel l-offerti tal-fornituri għandha tkun eliġibbli għal applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni skont dan l-Artikolu fuq bażi volontarja u mhux diskriminatorja.

Artikolu 15

Klijenti attivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali:

(y) ikunu intitolati jiġġeneraw, jaħżnu, jikkunsmaw u jbigħu l-elettriku li jiġġeneraw huma stess fis-swieq organizzati kollha, individwalment inkella permezz ta' aggregaturi, mingħajr ma jkunu soġġetti għal proċeduri u imposti ta' piż sproporzjonat li ma jirriflettux il-kost reali.

(z) ikunu soġġetti għal imposti tan-netwerk li jirriflettu l-kost, li huma trasparenti u mhux diskriminatorji, li jirriflettu, b'mod separat, l-elettriku trażmess lejn il-grilja, kif ukoll l-elettriku kkunsmat, f'konformità mal-Artikolu 59(8).

2. L-installazzjoni tal-enerġija meħtieġa għall-attivitajiet tal-klijent attiv tista' tiġi amministrata minn parti terza inkarigata mill-installazzjoni u t-tħaddim, inklużi l-kejl u l-manutenzjoni.

Artikolu 16

Komunitajiet tal-enerġija lokali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li komunitajiet tal-enerġija lokali:

(aa) jkunu intitolati li jippossedu, jistabbilixxu jew jikru netwerks komunitarji u li jamministrawhom b'mod awtonomu;

(bb) ikunu jistgħu jaċċessaw is-swieq organizzati kollha, direttament jew indirettament permezz ta' aggregaturi jew fornituri b'mod mhux diskriminatorju;

(cc) jibbenefikaw minn trattament mhux diskriminatorju fir-rigward tal-attivitajiet id-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala klijenti finali, ġeneraturi, operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni jew aggregaturi;

(dd) ikunu soġġetti għal proċeduri ġusti, proporzjonati u trasparenti u tariffi li jirriflettu l-kostijiet;

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu qafas regolatorju li jiżgura li:

(ee) l-parteċipazzjoni f'komunità tal-enerġija lokali tkun volontarja;

(ff) l-azzjonisti jew il-membri ta' komunità lokali tal-enerġija ma jitilfux id-dritt tagħhom bħala klijenti domestiċi jew klijenti attivi;

(gg) l-azzjonisti jew il-membri jitħallew jitilqu minn komunità tal-enerġija lokali; f'dawn il-każijiet għandu japplika l-Artikolu 12;

(hh) L-Artikolu 8(3) japplika għall-kapaċità ta' ġenerazzjoni installata minn komunitajiet tal-enerġija lokali sakemm tali kapaċità tista' titqies bħala ġenerazzjoni deċentralizzata jew distribwita;

(ii) id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV japplikaw għal komunitajiet tal-enerġija lokali li jwettqu attivitajiet ta' operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni;

(jj) fejn ikun rilevanti, komunità tal-enerġija lokali tista' tikkonkludi ftehim ma' operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li magħha jkun imqabbad in-netwerk tagħhom, fir-rigward tat-tħaddim tan-netwerk tal-komunità tal-enerġija lokali;

(kk) fejn rilevanti, utenti ta' sistemi li mhumiex azzjonisti jew membri tal-komunità tal-enerġija lokali konnessa man-netwerk tad-distribuzzjoni mħaddem mill-komunità tal-enerġija lokali, għandhom ikunu soġġetti għal imposti tan-netwerk ġusti u li jirriflettu l-kostijiet. Jekk utenti tas-sistema u komunitajiet tal-enerġija lokali bħal dawn ma jirnexxielhomx jaqblu dwar l-imposti tan-netwerk, iż-żewġ partijiet jistgħu jitolbu lill-awtorità regolatorja biex tiddetermina l-livell tal-imposti tan-netwerk f'deċiżjoni rilevanti;

(ll) fejn il-komunitajiet tal-enerġija lokali rilevanti jkunu soġġetti għall-imposti xierqa tan-netwerk fil-punti tal-konnessjoni bejn in-netwerk tal-komunità u n-netwerk tad-distribuzzjoni barra l-komunità tal-enerġija. Imposti tan-netwerk bħal dawn għandhom jieħdu kont, b'mod separat għall-elettriku trażmess lejn in-netwerk tad-distribuzzjoni kif ukoll l-elettriku kkunsmat min-netwerk tad-distribuzzjoni bara l-komunità tal-enerġija lokali f'konformità mal-Artikolu 59(8).

Artikolu 17
Rispons tad-domanda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jħeġġu lill-klijenti finali, fosthom dawk li joffru r-rispons tad-domanda permezz tal-aggregaturi, li jieħdu sehem flimkien mal-ġeneraturi b'mod mhux diskriminatorju fis-swieq organizzati kollha.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, huma u jiksbu servizzi anċillari, jittrattaw

lill-fornituri tar-rispons tad-domanda, inklużi l-aggregaturi indipendenti, b'mod mhux diskriminatorju, abbażi tal-kapaċitajiet tekniċi tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas regolatorju tagħhom jinkoraġixxi l-parteċipazzjoni tal-aggregaturi fis-suq tal-bejgħ bl-imnuq u li jkun fih talanqas l-elementi li ġejjin:

(mm) id-dritt li kull aggregatur jidħol fis-suq mingħajr il-kunsens tal-parteċipanti l-oħra fis-suq;

(nn) regoli trasparenti li jassenjaw b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-parteċipanti kollha fis-suq;

(oo) regoli u proċeduri trasparenti għall-iskambju tad-dejta bejn il-parteċipanti tas-suq, li jiżguraw aċċess faċli għad-dejta f'termini ugwali u mhux diskriminatorji filwaqt li jipproteġu kompletament id-dejta kummerċjali;

(pp) l-aggregaturi m'għandhomx jintalbu jħallsu kumpens lill-fornituri jew lill-ġeneraturi;

(qq) mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti bejn il-parteċipanti fis-suq.

4. Sabiex jiġi żgurat li l-kostijiet u l-benefiċċji tal-ibbilanċjar li jwasslu l-aggregaturi jiġu assenjati b'mod ġust lill-parteċipanti fis-suq, l-Istati Membri jistgħu, eċċezzjonalment, jippermettu ħlasijiet ta' kumpens bejn l-aggregaturi u l-partijiet responsabbli għall-ibbilanċjar. Ħlasijiet ta' kumpens bħal dawn iridu jkunu limitati għal sitwazzjonijiet fejn parteċipant wieħed fis-suq iwassal għal żbilanċi għal parteċipant ieħor fis-suq, li jirriżulta f'kost finanzjarju.

Ħlasijiet ta' kumpens eċċezzjonali bħal dawn għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u jkunu ssorveljati mill-Aġenzija.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess għar-rispons tad-domanda, kif ukoll irawmu l-parteċipazzjoni fih, anke permezz ta' aggregaturi indipendenti fis-swieq kollha organizzati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew, fejn is-sistema legali nazzjonali tagħhom tesiġi hekk, l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib ma fornituri tas-servizzi tad-domanda u l-klijenti finali, jiddefinixxu l-modalitajiet tekniċi għall-parteċipazzjoni fir-rispons tad-domanda ta' dawn is-swieq abbażi tar-rekwiżiti tekniċi ta' dawn is-swieq u l-kapaċitajiet tar-rispons tad-domanda. Speċifikazzjonijiet bħal dawn għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni tal-aggregaturi.

Artikolu 18

Ħruġ tal-kontijiet u informazzjoni dwar il-kontijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi għall-ħruġ tal-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-kontijiet kif stipulat fl-Anness II. L-informazzjoni fil-kontijiet għandha tkun korretta, ċara, konċiża u ppreżentat b'mod li jiffaċilita t-tqabbil mill-konsumaturi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jirċievu l-kontijiet tagħhom u l-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-konsum tal-elettriku, mingħajr ħlas u li l-kontijiet ikunu ċari, preċiżi u li jinftiehmu faċilment.

3. Il-ħruġ tal-kontijiet għandu jsir abbażi tal-konsum reali, talanqas darba fis-sena. L-informazzjoni dwar il-kontijiet għandha ssir disponibbli talanqas darba kull tliet xhur, inkella fuq talba, jew fejn il-klijenti finali ikun iddeċieda hekk permezz tal-kontijiet elettroniċi jew darbtejn fis-sena.

Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat minn sistema ta' qari tal-konsum proprju mill-klijenti aħħarin li permezz tiegħu huma jikkomunikaw il-qari mill-miter tagħhom lill-fornitur. Huwa biss meta l-klijent aħħari ma jkunx ipprovda qari mill-miter għal perjodu partikolari ta' kontijiet, il-kontijiet jistgħu jkunu bbażat fuq konsum stmat jew rata fissa.

4. Meta l-klijenti finali jkollhom miters li jippermettu l-qari mill-bogħod mill-operatur, l-informazzjoni preċiża dwar il-kontijiet abbażi tal-konsum reali għandha tiġi pprovduta talanqas darba fix-xahar.

5. L-Istati Membri għandhom jesiġu li, safejn tkun disponibbli l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-elettriku u l-konsum storiku, din titqiegħed għad-dispożizzjoni, fuq talba tal-klijent finali, lil fornitur jew fornitur tas-servizzi maħtur mill-konsumatur f'konformità mal-punt 3 tal-Anness II.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali ikunu offruti l-għażla ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u kontijiet elettroniċi u li jirċievu, fuq talba, spjegazzjoni ċara u li tiftiehem ta' kif il-kont tagħhom ġie dderivat, speċjalment fejn il-kontijiet ma jkunux ibbażati fuq il-konsum attwali;

7. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li, fuq talba tal-klijent finali, l-informazzjoni li fihom dawn il-kontijiet ma jkollhiex titqies li tikkostitwixxi talba għall-ħlas. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri joffru arranġamenti flessibbli għall-ħlasijiet.

8. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-informazzjoni u l-estimi għall-kost tal-elettriku jiġu pprovduti lill-klijenti finali fuq talba, b'mod regolari u f'format li jinftiehem faċilment.

⬇ 2009/72/KE Artikolu 3(10) (adattat)

~~10. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri biex jinkisbu l-obbjettivi tal-koeżjoni soċjali u ekonomika, u l-protezzjoni ambjentali, li għandha tinkludi miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija/ġestjoni tad-domanda u mezzi biex jiġi miġġieled il-bdil klimatiku, u s-sigurtà tal-provvista, fejn xieraq. Tali miżuri jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-forniment ta' inċentivi ekonomiċi adegwati, bl-użu, meta jkun adatt, tal-għodod nazzjonali u Komunitarji eżistenti kollha, għall-manutenzjoni u l-bini tal-infrastruttura meħtieġa ta' networks, inkluża l-kapaċità ta' interkonnessjoni.~~

⬇ 2009/72/KE (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu ~~3~~19

⌦ Kejl intelliġenti ⌫

1. Sabiex titħeġġeġ l-effiċjenza fl-enerġija ⇨ u l-emanċipazzjoni tal-klijenti ⇦, l-Istati Membri, jew meta l-Istat Membru jkollu dispożizzjonijiet għal dawn, l-awtorità regolatorja għandhom jirrakkomandaw b'mod qawwi li l-impriżi tal-elettriku ⇨ u l-aggregaturi ⇦ jtejbu għall-aħjar l-użu tal-elettriku, ~~per eżempju~~ inter alia billi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-enerġija, l-iżvilupp ta' formuli innovattivi ta' tariffi jew jintroduċu sistemi ⇨ interoperabbli għall-kejl jew għad-distribuzzjoni ⇦ ~~intelliġenti għall-miters jew sistemi ta' distribuzzjoni intelliġenti ('smart grids')~~ fejn dan ikun xieraq.

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kejl intelliġenti fit-territorji tagħhom li għandhom jappoġġjaw il-parteċipazzjoni attiva tal-klijenti fis-suq tal-elettriku. Implimentazzjoni bħal din tista' tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-kostijiet-benefiċċji li għandha ssir skont il-prinċipji stipulati fl-Anness III.

3. L-Istati Membri li jissoktaw bl-introduzzjoni għandhom jadottaw u jippubblikaw ir-rekwiżiti funzjonali minimi u tekniċi għas-sistemi ta' kejl intelliġenti li jkunux se jiddaħħlu fit-territorji tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20 u l-Anness III. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn is-sistemi ta' kejl intelliġenti jkunu interoperabbli u li jkollhom konnettività mal-pjattaformi ta' ġestjoni tal-enerġija tal-konsumaturi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom iqisu l-użu tal-istandards disponibbli rilevanti, inklużi dawk tal-interoperabbiltà, l-aqqwa prattiki u l-importanza tal-iżvilupp tas-suq intern fl-elettriku.

4. L-Istati Membri li jissoktaw bl-introduzzjoni tal-kejl intelliġenti għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jikkontribwixxu għall-kostijiet assoċjati tal-introduzzjoni b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw din l-introduzzjoni regolarment fit-territorji tagħhom sabiex isegwu l-evoluzzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji għall-katina kollha tal-valur, inkluż it-twassil ta' benefiċċji netti għall-konsumaturi.

5. Meta l-introduzzjoni tal-kejl intelliġenti tiġi vvalutata b'mod negattiv b'riżultat tal-valutazzjoni tal-kostijiet-benefiċċji msemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din il-valutazzjoni tiġi riveduta perjodikament b'rispons għall-bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti u l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni bir-riżultat tal-valutazzjoni ekonomika aġġornata malli dan isir disponibbli.

⇩ ġdid

Artikolu 20

Funzjonalitajiet tal-kejl intelliġenti

Fejn il-kejl intelliġenti jkun ġie vvalutat b'mod pożittiv b'riżultat tal-valutazzjoni tal-kostijiet-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 19(2), jew ikun ġie adottat b'mod sistematiku, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw sistemi ta' kejl intelliġenti f'konformità mal-istandards Ewropew, id-dispożizzjonijiet fl-Anness III, u f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(rr) is-sistemi ta' kejl ikejlu b'mod preċiż il-konsum reali tal-elettriku u jipprovdu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu lill-klijenti finali. Dik l-informazzjoni għandha tkun faċilment disponibbli u tidher lill-klijenti finali mingħajr ħlas ulterjuri f'ħin kważi-reali sabiex jiġu sostnuti l-programmi awtomatizzati tal-effiċjenza tal-enerġija, tar-rispons tad-domanda u servizzi oħra;

(ss) is-sigurtà tas-sistemi ta' kejl intelliġenti u tal-komunikazzjoni tad-dejta tiġi żgurata f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-aqwa tekniki disponibbli biex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' ħarsien tas-sigurtà ċibernetika;

(tt) il-privatezza u l-ħarsien tad-dejta tal-klijenti finali tiġi żgurata f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza;

(uu) l-operaturi tal-miters għandhom jiżguraw li l-miter/s tal-klijenti attivi li jiġġeneraw l-elettriku jistgħu ikejlu l-elettriku injettat fil-grilja mill-proprejtà tal-klijenti attivi;

(vv) jekk il-klijenti finali jitolbu hekk, id-dejta dwar il-kejl fuq l-input u l-konsum tal-elettriku tagħhom għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom, permezz ta' interfaċċja lokali standardizzata u/jew aċċess remot, jew għal parti terza li taġixxi f'isimhom, f'format li jinftiehem faċilment kif previst fl-Aritkolu 24, biex ikunu jistgħu iqabblu offerti li fil-fatt ikunu paragunabbli;

(ww) il-klijenti finali għandhom jingħataw pariri u informazzjoni xierqa fil-mument tal-installazzjoni tal-miters intelliġenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-potenzjal sħiħ tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tal-qari tal-miter u l-monitoraġġ tal-konsum tal-elettriku, u dwar il-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni appikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta;

(xx) is-sistemi tal-kejl intelliġenti għandhom jippermettu li l-klijenti finali jkunu soġġetti għal kejl u tpaċija fl-istess ħin tar-riżoluzzjoni tal-perjodu ta' żbilanċ fis-suq nazzjonali.

⇩ ġdid

Artikolu 21

Intitolament għal miter intelliġenti

1. Fejn il-kejl intelliġenti jingħata valutazzjoni negattiva b'riżultat ta' valutazzjoni tal-kostijiet-benefiċċji msemmija fl-Aritkolu 19(2), jew ma jiġix introdott b'mod sistematiku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull klijent finali jkun intitolat għall-installazzjoni jew għat-titjib, b'kundizzjonijiet ġusti u raġjonevoli, ta' miter intelliġenti li jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(yy) fejn ikun teknikament fattibbli, jkun mgħammar bil-funzjonalitajiet imsemmija fl-Artikolu 20, jew b'sett minimu ta' funzjonalitajiet li għandhom jiġu ddefiniti u ppubblikata mill-Istati Membri fuq livell nazzjonali u f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Anness III,

(zz) jkun interoperabbli u kapaċi jwassal il-konnettività mixtieqa tal-infrastruttura tal-kejl mas-sistemi għall-ġestjoni tal-enerġija tal-konsumaturi f'ħin kważi reali.

2. Fil-kuntest ta' talba tal-klijent għal miter intelliġenti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jew, fejn l-Istat Membru jkun stipula hekk, l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandhom:

(aaa) jiżguraw li l-offerta lill-klijent finali li titlob l-installazzjoni ta' miter intelliġenti tgħid b'mod espliċitu u tiddeskrivi b'mod ċar:

– (i) il-funzjonijiet u l-interoperabbiltà li jistgħu jiġu appoġġati mill-miter intelliġenti u s-servizzi li huma fattibbli kif ukoll il-benefiċċji li jistgħu jinkisbu realistikament permezz ta' miter intelliġenti f'dak il-mument partikolari;

– (ii) kwalunkwe spejjeż assoċjati li jitħallsu mill-klijent finali;

(bbb) jiżguraw li jkun installat f'perjodu raġonevoli ta' żmien u mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-talba tal-klijent;

(ccc) b'mod regolari, u talanqas kull sentejn, jirrevedu u jippubblikaw il-kostijiet assoċjati, u jsegwu l-evoluzzjoni tagħhom b'riżultat tal-iżviluppi teknoloġiċi u aġġornamenti potenzjali tas-sistema ta' kejl.

Artikolu 22
Kejl konvenzjonali

1. Fejn il-klijenti finali ma jkollhomx miters intelliġenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'miters konvenzjonali individwali li jkejlu b'mod preċiż il-konsum reali tagħhom.

2. L-Istati membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali jkunu jistgħu jaqraw faċilment il-miters konvenzjonali tagħhom, direttament jew indirettament permezz ta' interfaċċja online jew permezz ta' interfaċċja xierqa oħra.

Artikolu 23
Ġestjoni tad-dejta

1. Huma u jistabbilixxu r-regoli dwar il-ġestjoni u l-iskambju tad-dejta, l-Istati Membri, jew fejn l-Istat Membru jkun stipula hekk, l-awtoritajiet kompetenti maħtura, għandhom jispeċifikaw il-partijiet eliġibbli li jista' jkollhom aċċess għad-dejta tal-klijent finali bil-kunsens espliċitu tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52]. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-dejta għandha tinkludi dejta dwar il-kejl u l-konsum kif ukoll dejta meħtieġa biex il-konsumaturi jaqilbu minn fornitur għall-ieħor. Il-partijiet eliġibbli għandhom jinkludu mill-inqas klijenti, fornituri, operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, aggregaturi, kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija, u partijiet oħra li jipprovdu l-enerġija jew servizzi oħrajn lil klijenti.

2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw il-ġestjoni tad-dejta sabiex jiżguraw aċċess u skambju effiċjenti tad-dejta. Indipendentement mid-dejta fil-mudell ta' ġestjoni tad-

[52] Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

dejta applikata f'kull Stat Membru, il-parti jew partijiet responsabbli għall-ġestjoni tad-dejta għandhom, bil-kunsens espliċitu tal-klijent finali, jipprovdu aċċess għad-dejta tal-klijent finali lil kwalunkwe parti eliġibbli. Il-partijiet eliġibbli għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'mod mhux diskriminatorju u fl-istess ħin, id-dejta mitluba. L-aċċess għad-dejta għandu jkun faċli, filwaqt li proċeduri relevanti għandhom ikunu pubblikament disponibbli.

3. L-Istati Membri, jew fejn l-Istat Membru jkun stipula hekk, l-awtoritajiet kompetenti deżinjati, għandhom jawtorizzaw u jiċċertifikaw il-partijiet li qed jimmaniġġjaw id-dejta biex jiżguraw li dawn il-partijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta skont ir-Regolament (UE) 2016/679[53], l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jesiġu mill-partijiet li jamministraw id-dejta, il-ħatra ta' uffiċjali ta' konformità li għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda mill-partijiet rilevanti biex jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għad-dejta u l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. L-uffiċjali jew il-korpi tal-konformità maħtura skont l-Artikolu 35(2)(d) jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw l-obbligi skont dan il-paragrafu.

4. Il-klijenti finali m'għandhom jintalbu l-ebda ħlas għal kostijiet addizzjonali għall-aċċess għad-dejta tagħhom. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-istabbiliment tal-kostijiet rilevanti għall-aċċess għad-dejta mill-partijiet eliġibbli. L-entitajiet regolati li jipprovdu s-servizzi tad-dejta ma għandhomx jagħmlu profitt minn dik l-attività.

Artikolu 24

Format tad-dejta

1. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu format komuni għad-dejta u proċedura trasparenti għall-partijiet eliġibbli biex ikollhom aċċess għad-dejta elenkata taħt l-Artikolu 23(1) sabiex titrawwem il-kompetizzjoni fis-suq tal-bejgħ bl-imnut u jiġu evitati l-kostijiet amministrattivi eċċessivi għall-partijiet eliġibbli.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 68, għandha tiddetermina format komuni tad-dejta Ewropew u proċeduri nondiskriminatorji u trasparenti għall-aċċess għad-dejta, elenkati taħt l-Artikolu 23(1), li jissostitwixxi l-format tad-dejta nazzjonali u l-proċedura adottata mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parteċipanti fis-suq japplikaw format komuni tad-dejta Ewropew.

[53] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-dejta) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⬇ 2009/72/KE (adattat)

Artikolu ~~3~~ 25

⌦ Punti singoli ta' kuntatt ⌫

~~12.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' punti singoli ta' kuntatt sabiex jipprovdu lill- ⌦ klijenti ⌫ ~~konsumaturi~~ bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar id-drittijiet tagħhom, il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, u l-mezzi ta' soluzzjoni tat-tilwim li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom f'każ ta' tilwima. Dawn il-punti ta' kuntatt jistgħu jkunu parti minn punti ta' informazzjoni ġenerali għall-konsumatur.

⬇ 2009/72/KE (adattat)

~~16~~. ~~Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti inklużi l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, impriżi tal-elettriku u, jibnu fuq il-progress miksub s'issa, l-imseħba soċjali, Lista ta' Kontroll għall-Konsumatur tal-Enerġija ċara u konċiża b'informazzjoni prattika li tittratta d-drittijiet tal-konsumatur tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-elettriku jew l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, b'kooperazzjoni mal-awtorità regolatorja, jieħdu l-passi neċessarji biex jikkomunikaw lill-konsumaturi kollha tagħhom kopja tal-lista ta' kontroll għall-konsumatur tal-enerġija u jiżguraw li tkun disponibbli għall-pubbliku.~~

⬇ 2009/72/KE (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu ~~3~~ 26

⌦ Dritt għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qrati ⌫

~~13.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ~~jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu indipendenti bħalma hu ombudsman tal-enerġija jew entità tal-konsumatur għat-trattament effiċjenti ta' lmenti u soluzzjoni ta' tilwim barra l-qrati.~~ ⇨ il-klijenti jkollhom aċċess għal mekkaniżmi sempliċi, ġusti, trasparenti, indipendenti, effikaċi u effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva. Fejn klijent huwa konsumatur skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54], il-mekkaniżmi barra mill-qorti bħal dawn għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fid-Direttiva 2013/11/UE u jipprovdu, fejn meħtieġ, għal sistema ta' rifużjoni u/jew kumpens ⇦.

[54] ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63-79.

↓ 2009/72/KE (adattat)

Artikolu ~~3~~ 27

⌦ Servizz universali ⌫

1. ~~3.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti domestiċi kollha, u, fejn l-Istati Membri jqisu adatt, l-impriżi ż-żgħar, (jiġifieri impriżi b'anqas minn 50 persuna impjegata u b'turnover annwali jew karta tal-bilanċ li ma tkunx taqbeż EUR 10000000), ikunu jgawdu servizzi universali, jiġifieri d-dritt li jkunu fornuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata fit-territorju tagħhom bi prezzijiet ⌦ kompetittivi ⌫~~raġonevoli~~, kumparabbli faċilment u b'mod ċar, trasparenti u nondiskriminatorji. Biex ikun żgurat il-forniment ta' servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jaħtru fornitur bħala l-aħħar għażla tagħhom. L-Istati Membri għandhom jimponu fuq il-kumpaniji tad-distribuzzjoni l-obbligu li jgħaqqdu lill-klijenti man-network tagħhom taħt it-termini, kondizzjonijiet u tariffi li jkunu stabbiliti konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 59(6) ~~37(6). Xejn f'd~~Din id-Direttiva ~~ma għandu jħalli~~ m'għandhiex ixxekkel lill-Istati Membri milli jsaħħu l-pożizzjoni tas-suq tal-konsumaturi domestiċi, żgħar u ta' daqs medji billi jippromwovu l-possibilitajiet ta' aggregazzjoni volontarja tar-rappreżentanza għal din il-klassi ta' konsumaturi.

2. ~~L-ewwel~~ ~~sub~~Paragrafu 1 għandu jiġi implimentat b'mod trasparenti u non-diskriminatorju u ma għandux ifixkel ~~il-ftuħ tas-suq~~ ⌦ l-għażla ħielsa tal-fornitur ⌫ prevista fl-Artikolu 4 ~~33~~.

↓ 2009/72/KE (adattat)

Artikolu ~~3~~ 28

⌦ Klijenti vulnerabbli ⌫

1. ~~7~~. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex jipproteġu lill-klijenti finali, u għandhom jiżguraw b'mod partikolari li jkun hemm salvagwardji adegwati biex jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli. F'dan il-kuntest, kull Stat Membru għandu jiddefinixxi il-kunċett ta' klijenti vulnerabbli li jista' jirreferi għall-faqar enerġetiku u, fost l-oħrajn, għall-projbizzjoni tal-iskonnettar ta' dawn il-klijenti fi żminijiet kritiċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet u l-obbligi marbutin mal-klijenti vulnerabbli jiġu applikati. B'mod partikolari, għandhom jieħdu miżuri biex jipproteġu lill-klijenti f'żoni remoti. Dawn għandhom jiżguraw livelli għolja ta' protezzjoni tal-konsumatur, partikolarment fejn jikkonċerna t-trasparenza dwar termini u kondizzjonijiet kuntrattwali, informazzjoni ġenerali, u mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' kwistjonijiet. ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijent eliġibbli jkun fil-fatt jista' jaqleb b'mod faċli għal ma' fornitur ġdid. Fir-rigward għall-anqas tal-klijenti domestiċi, dawk il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness I.~~

2. ~~8.~~ L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, bħalma huma l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija, benefiċċji fis-sistemi ta' sigurtà soċjali biex tiġi żgurata l-provvista neċessarja tal-elettriku lill-klijenti vulnerabbli jew tal-appoġġ għat-titjib fuq l-effiċjenza fl-enerġija, biex tindirizza l-faqar enerġetiku fejn ikun identifikat, inkluż fil-kuntest iktar wiesgħa tal-faqar. Miżuri bħal dawn

m'għandhomx ifixklu l-ftuħ effettiv tas-suq spjegat fl-Artikolu 4 33 u l-iffunzjonar tas-suq u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, fejn dan ikun rilevanti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(4) paragrafu 15 ta' dan l-Artikolu. Din in-notifika tista' tinkludi wkoll miżuri li ttieħdu fi ħdan is-sistema ġenerali ta' sigurtà soċjali.

⇩ ġdid

Artikolu 29

Faqar enerġetiku

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu sett ta' kriterji għall-finijiet tal-kejl tal-faqar enerġetiku. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw kontinwament l-għadd ta' klijenti domestiċi f'qagħda ta' faqar enerġetiku u għandhom jirrappurtaw dwar l-evoluzzjoni tal-faqar enerġetiku u l-miżuri meħuda għall-prevenzjoni tiegħu lill-Kummissjoni kull sentejn bħala parti mir-Rapporti Integrati Nazzjonali tagħhom dwar il-Progress fl-Enerġija u l-Klima f'konformità mal-Artikolu 21 tar-[Regolament dwar il-Governanza kif propost mill-COM(2016)759].

🡻 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~Artikolu 4~~

~~Sorveljanza tas-sigurtà tal-provvista~~

~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sorveljanza ta' kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista. Fejn l-Istati Membri jikkunsidraw li dan huwa adatt jistgħu jiddelegaw dan il-kompitu lill-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 35. Dik is-sorveljanza għandha, b'mod partikolari, tkopri l-bilanċ tal-provvista u d-domanda fis-suq nazzjonali, il-livell ta' domanda mistenni fil-futur u l-kapaċità addizzjonali maħsuba li tkun qed tiġi ppjanata jew li tkun f'fażi ta' kostruzzjoni, u l-kwalità u l-livell tal-manutenzjoni tan-netwerks, kif ukoll miżuri li jkopru domanda għolja u biex dawn ikunu jistgħu jlaħħqu ma' nuqqasijiet min-naħa ta' fornituri wieħed jew aktar. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw kull sentejn, sal-31 ta' Lulju, rapport li jiddeskrivi fil-qosor is-sejbiet li jirriżultaw mis-sorveljanza ta' dawk il-kwistjonijiet, kif ukoll kwalunkwe miżura meħuda jew maħsuba biex ikunu indirizzati u għandhom jgħaddu dak ir-rapport lill-Kummissjoni minnufih.~~

~~Artikolu 5~~

~~Regoli tekniċi~~

~~L-awtoritajiet regolatorji fejn l-Istati Membri jkunu għamlu dispożizzjonijiet għal dan, jew l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji tas-sigurtà teknika jkunu definiti u li r-regoli tekniċi li jistabbilixxu d-disinn tekniku minimu u r-rekwiżiti operattivi għall-konnessjoni mas-sistema ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, sistemi ta' distribuzzjoni, tagħmir tal-konsumaturi mqabbad direttament, ċirkwiti interkonnetturi u linji diretti jkunu żviluppati u magħmulin pubbliċi. Dawn ir-regoli tekniċi għandhom jaċċertaw l-interoperabbiltà tas-sistemi u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji. L-Aġenzija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa biex tiġi miksuba l-kompatibilità ta' dawn ir-regoli fejn dawn huwa xieraq. Dawk ir-regoli għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8~~

tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-fornitura ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni ([16]).

Artikolu 6

Promozzjoni ta' kooperazzjoni reġjonali

1. L-Istati Membri kif ukoll l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom għandhom jikkooperaw bejniethom bil-għan li jintegraw is-swieq nazzjonali tagħhom f'livell reġjonali wieħed jew iktar, bħala l-ewwel pass lejn il-ħolqien ta' suq intern liberalizzat għal kollox. B'mod partikolari, l-awtoritajiet regolatorji fejn l-Istati Membri jkunu għamlu dispożizzjonijiet għal dan, jew l-Istati Membri għandhom iħeġġu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'livell reġjonali, inklużi dwar kwistjonijiet transkonfinali, bl-għan li jinħoloq suq intern tal-elettriku kompetittiv, irawmu l-konsistenza tal-qafas legali, regolatorju u tekniku u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tas-sistemi iżolati li jiffurmaw gżejjer tal-elettriku li għadhom jeżistu fil-Komunità. Iż-żoni ġeografiċi koperti minn din il-kooperazzjonijiet reġjonali għandhom jinkludu l-kooperazzjoni fiż-żoni ġeografiċi definiti taħt l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 714/2009. Din il-kooperazzjoni tista' tkopri żoni ġeografiċi oħra.

2 L-Aġenzija għandha tikkoopera mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni biex tassigura l-kompatibilità ta' oqfsa regolatorji bejn ir-reġjuni bil-għan li jinħoloq suq intern kompetittiv fl-elettriċità. Fejn l-Aġenzija tikkunsidra li hemm bżonn regoli vinkolanti dwar kooperazzjoni bħal din, għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.

3 L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom sistema/i integrata/i waħda jew aktar fil-livell reġjonali li tkopri żewġ Stati Membri jew aktar għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-kontroll tas-sigurtà tan-network.

4 F'każ li operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni integrata vertikalment jipparteċipaw f'impriża konġunta għall-implimentazzjoni ta' din il-kooperazzjoni, l-impriża konġunta għandha tistabbilixxi u timplimenta programm ta' konformità li jistabbilixxi miżuri meħuda biex jiżguraw li aġir diskriminatorju u li jmur kontra l-kompetizzjoni jiġi eskluż. Dak il-programm ta' konformita' għandu jistabbilixxi l-obbligazzjonijiet speċifiċi tal-impjegati li jilħqu l-għan li jiġi eskluż l-aġir diskriminatorju u li jmur kontra l-kompetizzjoni. Huwa għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-Aġenzija. Il-konformità mal-programm għandha tiġi ssorveljata indipendentement minn uffiċjali għall-konformità tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni integrata vertikalment.

KAPITOLU IV~~VI~~

L-OPERAZZJONI TAS-SISTEMA TA' DISTRIBUZZJONI

Artikolu 30 ~~24~~

Il-ħatra tal-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni

L-Istati Membri għandhom jaħtru jew għandhom jesiġu minn impriżi li jkunu proprjetarji jew responsabbli ta' sistemi ta' distribuzzjoni li jaħtru, għal perjodu ta' żmien li għandu jiġi determinat mill-Istati Membri wara li dawn ikunu kkunsidraw l-effiċjenza u l-bilanċ ekonomiku, operatur wieħed jew aktar tas-sistema ta' distribuzzjoni. ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jaġixxu konformement mal-Artikoli 25, 26 u 27.~~

Artikolu 31 ~~25~~

Il-kompiti ta' operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni

1. L-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jkun responsabbli li jiżgura l-kapaċità fuq perjodu ta' żmien twil tas-sistema biex tlaħħaq ma' domanda raġjonevoli għad-distribuzzjoni tal-elettriku, għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp f'kundizzjonijiet ekonomiċi ta' sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku li tkun tajba, ta' min jafdaha u effiċjenti, partikolarment fejn għandu x'jaqsam l-ambjent u l-effiċjenza enerġetika.

2. Fi kwalunkwe każ, huwa ma għandux jiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew bejn klassijiet ta' utenti tas-sistema, partikolarment favur l-impriżi relatati tiegħu.

3. L-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jipprovdi lill-utenti tas-sistema bl-informazzjoni li dawn ikunu jeħtieġu għall-aċċess effiċjenti għal, inkluż l-użu, tas-sistema.

4. Stat Membru jista' jesiġi li l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni, fid-dispaċċ ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, jagħti prijorità lil installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew skart jew li jkunu jipproduċu sħana u enerġija mħallta flimkien, ⇨ f'konformità mal-Artikolu 11 [riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016861/2] ⇦.

5. Kull operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni għandu jikseb l-enerġija li juża biex ikopri t-telf fl-enerġija u ~~biex jirriżerva il-kapaċità~~ ⇨u s-servizzi anċillari tan-nonfrekwenza ⇦ fis-sistema tiegħu skont proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq is-suq, kull meta dan ikollu din il-funzjoni. ~~Dak ir-rekwiżit għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-użu tal-elettriku miksub taħt kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Jannar 2002.~~ ⇨ Sakemm ma jkunx ġustifikat minn analiżi tal-kostijiet/benefiċċji, l-akkwist ta' servizzi anċillari mhux tal-frekwenza minn operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni għandu jkun trasparenti, mhux diskriminatorju u bbażat fis-suq, biex jiżgura l-parteċipazzjoni effettiva tal-parteċipanti kolha tas-suq, inklużi s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons tad-domanda, il-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-aggregaturi, b'mod partikolari billi l-awtoritajiet regolatorji jew l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-parteċipanti kollha fis-suq, ikunu meħtieġa jiddefinixxu l-modalitajiet tekniċi għall-

parteċipazzjoni f'dawn is-swieq abbażi tar-rekwiżiti tekniċi ta' dawn is-swieq u l-kapaċitajiet tal-parteċipanti kollha fis-suq ⇦.

~~6. Fejn l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni jkun responsabbli biex jibbilanċja sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku, ir-regoli li dan jadotta għal dak il-għan għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, inklużi regoli għat-tariffi imposti lill-utenti tan-netwerks għall-iskwilibrju tal-enerġija. It-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi r-regoli u t-tariffi, għall-forniment ta' tali servizzi minn operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiġu stabbiliti konformement mal-Artikolu 37(6) b'mod non-diskriminatorju u li jirriflettu l-prezz u għandhom jiġu ppubblikati.~~

~~7. Fl-ippjanar tal-iżvilupp tan-netwerks tad-distribuzzjoni, l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu jikkunsidra miżuri fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/ta' ġestjoni tad-domanda u/jew ġenerazzjoni distribwita li jistgħu jissostitwixxu r-rekwiżit li l-kapaċità tal-elettriku tiġi aġġornata jew sostitwita.~~

⇩ ġdid

Artikolu 32

Kompiti tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni fl-użu tal-flessibbiltà

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-qafas regolatorju meħtieġ biex l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jitħallew u jiġu inċentivati biex itejbu l-effiċjenzi tagħhom fit-tħaddim u l-iżvilupp tas-sistema ta' distribuzzjoni, inkluż il-ġestjoni tal-konġestjoni lokali. B'mod partikolari, l-oqfsa regolatorji għandhom jippermettu lill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jakkwistaw servizzi mir-riżorsi bħalma huma l-ġenerazzjoni distribwita, ir-rispons tad-domanda jew il-ħżin u jqisu miżuri tal-effiċjenza tal-enerġija, li jistgħu jieħdu post il-ħtieġa li l-kapaċità tal-elettriku tiġi aġġornata jew sostitwita u li jappoġġaw it-tħaddim effiċjenti u sikur tas-sistema ta' distribuzzjoni. L-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiksbu dawn is-servizzi skont proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fis-suq.

   L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jiddefinixxu prodotti tas-suq standardizzati għas-servizzi akkwistati, li jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva għall-parteċipanti kollha fis-suq, inklużi s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ir-rispons tad-domanda u l-aggregaturi. L-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kollha meħtieġa u jikkordinaw mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni sabiex jiżguraw l-aqwa utilizzazzjoni tar-riżorsi, jiżguraw it-tħaddim sikur u effiċjenti tas-sistema u jiffaċilitaw l-iżvilupp tas-suq. L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jitħallsu kif xieraq għall-akkwist ta' servizzi bħal dawn biex jirkupraw talanqas l-ispejjeż involuti, inklużi l-ispejjeż meħtieġa għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-infrastruttura tagħhom.

2. L-iżvilupp ta' sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' żvilupp tan-netwerk trasparenti, li għandu jitressaq mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, kull sentejn lill-awtorità regolatorja. Il-pjan ta' żvilupp tan-netwerk għandu jinkludi l-investimenti ppjanati għall-ħames sa għaxar snin sussegwenti, b'enfasi partikolari fuq l-infrastruttura tad-distribuzzjoni ewlenija li tkun meħtieġa għall-konnessjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida kif ukoll it-tagħbijiet ġodda, inklużi l-punti ta'

ċċarġjar ġodda għall-vetturi elettriċi. Il-pjan ta' żvilupp tan-netwerk għandu jri wkoll l-użu tar-rispons tad-domanda, l-effiċjenza tal-enerġija, il-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew riżorsi oħra li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun qiegħed juża bħala alternattiva għall-espansjoni tas-sistema.

L-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta mal-utenti kollha kurrenti u potenzjali tan-network dwar il-pjan ta' żvilupp tan-network. L-awtorità regolatorja għandha tippubblika r-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-investimenti proposti.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan l-obbligu għall-impriżi integrati li jaqdu inqas minn 100 000 konsumatur konness, jew li jaqdu sistemi iżolati.

Artikolu 33

Integrazzjoni tal-elettromobbiltà fin-netwerk tal-elettriku

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-qafas regolatorju meħtieġ biex jiffaċilitaw il-konnessjoni ta' punti ta' ċċarġjar pubblikament aċċessibbli u privati man-netwerks ta' distribuzzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jikkooperaw fuq bażi mhux diskriminatorja ma' kwalunkwe impriża li tippossjedi, tiżviluppa, topera jew tamministra l-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, inkluż fir-rigward ta' konnessjoni mal-grilja.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jippossjedu, jiżviluppaw, jamministraw jew joperaw punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi biss jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(ddd) partijiet oħra, wara proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u trasparenti, ma jkunux esprimew l-interess tagħhom li jkunu l-proprjetarji, jiżviluppaw, jamministraw jew joperaw punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi;

(eee) l-awtorità regolatorja tkun tat l-approvazzjoni tagħha.

3. L-Artikoli 35 u 56 għandhom japplikaw għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni involuti fis-sjieda, żvilupp, tħaddim jew ġestjoni ta' punti tal-iċċarġjar.

4. L-Istati Membri, minn żmien għal żmien, fuq bażi regolari jew talanqas kull ħames snin, għandhom iwettqu konsultazzjoni pubblika biex jerġgħu jivvalutaw l-interess potenzjali biex il-partijiet tas-suq jippossjedu, jiżviluppaw, joperaw jew jamministraw punti ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Fil-każ tal-konsultazzjoni pubblika tindika li partijiet terzi huma kapaċi jippossjedu, jiżviluppaw, joperaw jew jamministraw punti bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni f'dan ir-rigward jitwaqqfu gradwalment.

Artikolu 34

Il-kompiti tal-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni fil-ġestjoni tad-dejta

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet eliġibli kollha jkollhom aċċess mhux diskriminatorju għad-dejt skont termini ċari u ugwali. Fi Stati Membri fejn is-sistemi ta' kejl intelliġenti jkunu ġew implimentati skont l-Artikolu 19 u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jkunu involuti fil-ġestjoni tad-dejta, programmi ta' konformità kif stabbilit fl-Artikolu 35(2)(d) għandhom jinkludu miżuri speċifiċi sabiex l-aċċess diskriminatorju għad-dejta mill-partijiet eliġibbli jiġi eskluż skont l-Artikolu 23. Fejn l-operaturi tas-sistema ta'

distribuzzjoni ma jkunux soġġetti għall-Artikolu 35(1), (2) u (3), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-impriża integrata vertikalment ma jkollhiex aċċess privileġġat għad-dejta għat-twettiq tal-attività ta' provvista tagħha.

🡻 2009/72/KE

Artikolu 35 ~~26~~

s-separazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni

1 Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ikun parti minn impriża integrata vertikalment, huwa għandu jkun indipendenti minn attivitajiet oħra mhux relatati mad-distribuzzjoni mill-anqas f'termini tal-forma legali tiegħu, l-organizzazzjoni tiegħu u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. Dawn ir-regoli ma għandhomx joħolqu obbligu ta' separazzjoni tas-sjieda ~~tal-proprjetà~~ tal-assi tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni mill-impriża integrata vertikalment.

2. Addizzjonalment għar-rekwiżiti tal-Paragrafu 1, fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni huwa parti minn impriża integrata vertikalment, huwa għandu jkun indipendenti minn attivitajiet oħra mhux relatati mad-distribuzzjoni f'termini tal-organizzazzjoni tiegħu u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. Sabiex jintlaħaq dan, għandhom japplikaw l-kriterji minimi li ġejjin:

(fff) dawk il-persuni responsabbli mill-amministrazzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jistgħux jieħdu sehem fi strutturi tal-kumpanija tal-impriża tal-elettriku integrata responsabbli, direttament jew indirettament, għall-operazzjoni ta' kuljum tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni u l-provvista tal-elettriku;

(ggg) għandhom jittieħdu miżuri adatti biex ikun żgurat li jittieħed kont, b'mod li jkun żgurat li huma kapaċi jaġixxu indipendentement, tal-interessi professjonali tal-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

(hhh) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkollu drittijiet deċiżjonali effettivi, li jkunu indipendenti mill-impriża tal-elettriku integrata, fir-rigward tal-assi meħtieġa biex iħaddem, iżomm jew jiżviluppa n-network. Sabiex jitwettqu dawk il-kompiti, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi meħtieġa, inklużi dawk umani, tekniċi, fiżiċi u finanzjarji. Dan ma għandux jipprevjeni l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adatti biex jiġi żgurat li d-drittijiet ta' superviżjoni ekonomika u amministrattiva tal-kumpanija ewlenija fir-rigward tal-qliegħ mill-assi, regolati indirettament taħt l-Artikolu ~~37~~59(6), f'sussidjara jiġu protetti. B'mod partikolari, dan għandu jippermetti lill-kumpanija ewlenija tapprova l-pjan finanzjarju annwali, jew kwalunkwe strument ekwivalenti, tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u tistabbilixxi limiti globali fuq il-livelli ta' dejn tas-sussidjarja tagħha. Dan ma għandux jippermetti l-kumpanija ewlenija biex tagħti istruzzjonijiet dwar l-operazzjoni ta' kuljum, u lanqas dwar deċiżjonijiet individwali dwar il-bini jew l-immodernizzar tal-linji ta' distribuzzjoni, li ma jkunux jaqbżu t-termini tal-pjan finanzjarju approvat, jew kwalunkwe strument ekwivalenti; u

(iii) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jistabbilixxi programm ta' konformità, li jistabbilixxi miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li tkun

eskluża mġiba diskriminatorja, u jiżgura li l-osservanza tiegħu tkun adegwatament sorveljata. Il-programm ta' konformità għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati li jilħqu dawn l-għanijiet. Rapport annwali, li jistabbilixxi l-miżuri meħuda, għandu jiġi ppreżentat mill-persuna jew l-entità responsabbli għas-sorveljanza tal-programm ta' konformità, l-uffiċjal għall-konformità tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, lill-awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu ~~35~~57(1) u għandu jiġi ppubblikat. L-uffiċjal għall-konformità tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun kompletament indipendenti u għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha neċessarja dwar l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u dwar kwalunkwe impriża affiljata sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu.

3. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jifforma parti minn impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jiġu ssorveljat minn awtoritajiet regolatorji jew minn korpi oħra kompetenti, sabiex ma jkunx jista' japprofitta ruħu mill-integrazzjoni vertikali tiegħu biex ixekkel il-kompetizzjoni. B'mod partikolari, operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni integrati vertikalment ma għandhomx, fil-komunikazzjonijiet u l-l-użu tal-marka (branding) tagħhom, joħolqu konfużjoni fir-rigward tal-identità separata tal-fergħa tal-forniment tal-impriża integrata vertikalment.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1, 2 u 3 għal impriżi tal-elettriku integrati li jkunu jservu anqas minn 100000 klijent konness, jew li jkunu jservu sistemi iżolati żgħar.

⇩ ġdid

Artikolu 36

Sjieda tal-faċilitajiet ta' ħżin

1. L-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni m'għandhomx jitħallew jippossjedu, jiżviluppaw, jamministraw jew joperaw faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jippossjedu, jiżviluppaw, jamministraw jew joperaw faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(jjj) partijiet oħra, wara proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u trasparenti, ma jkunux esprimew l-interess tagħhom li jkunu l-proprjetarji, jiżviluppaw, jamministraw jew joperaw faċilitajiet tal-ħżin;

(kkk) faċilitajiet bħal dawn huma meħtieġa biex l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva għat-tħaddim effiċjenti, affidabbli u sikur tas-sistema tad-distribuzzjoni; u

(lll) l-awtorità regolatorja evalwat il-ħtieġa għal deroga bħal din filwaqt li qieset il-kundizzjonijiet tal-punti (a) u (b) u tat l-approvazzjoni tagħha.

3. L-Artikoli 35 u 56 għandhom japplikaw għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni involuti fis-sjieda, żvilupp, tħaddim jew ġestjoni ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija.

4. L-awtoritajiet regolatorji f'intervalli regolari jew talanqas kull ħames snin, għandhom iwettqu konsultazzjoni pubblika biex jerġgħu jivvalutaw l-interess potenzjali biex il-partijiet tas-suq jinvestu fi, jippossjedu, jiżviluppaw, joperaw jew

jamministraw faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija. Fil-każ tal-konsultazzjoni pubblika tindika li partijiet terzi huma kapaċi jippossjedu, jiżviluppaw, joperaw jew jamministraw faċilitajiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni f'dan ir-rigward jitwaqqfu gradwalment.

↓ 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 37 27

L-obbligu tal-kunfidjenzalità għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55 30 jew kwalunkwe obbligu legali ieħor biex tiġi żvelata informazzjoni, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jżomm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba waqt it-twettiq tan-negozju tiegħu, u għandu jipprevjeni li informazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu stess li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża tiġi żvelata b'mod diskriminatorju.

Artikolu 38 28

Sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra jikklassifikaw sistema li tqassam l-elettriku fi ħdan sit ġeografikament imwarrab, li jkun industrijali, kummerċjali jew maqsum, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, ma jipprovdix klijenti fi djar bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa jekk:

(mmm) għal raġunijiet tekniċi jew ta' sigurtà speċifiċi, l-operazzjonijiet jew il-proċess ta' produzzjoni tal-utenti ta' dik is-sistema jkunu integrati; jew

(nnn) dik is-sistema tqassam l-elettriku l-ewwelnett lill-proprjetarju jew lill-operatur tas-sistema jew lill-impriżi relatati tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeżentaw lill-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni magħluqa minn:

(ooo) l-obbligi tal-Artikolu 3125(5) li jakkwista l-enerġija li huwa juża biex ikopri t-telf tal-enerġija u ~~l-kapaċità ta' riżerva~~ ⇨ is-servizzi anċillari mhux tal-frekwenza ⇦ fis-sistema tiegħu skont proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq is-suq;

(ppp) l-obbligu fl-Artikolu 632(1) li tariffi jew metodoloġiji li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tagħhom jiġu approvati qabel id-dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 59(1) 37.

3. Meta ssir eżenzjoni hekk kif imsemmi fit-tieni paragrafu, it-tariffi applikabbli, jew il-metodoloġiji li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tagħhom, għandhom jiġu riveduti u approvati skont l-Artikolu 59(1)37 meta ssir talba għal dan minn utent tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa.

4. L-użu inċidentali minn numru żgħir ta' djar b'assoċjazzjonijiet ta' impjieg jew simili mal-proprjetarju tas-sistema ta' distribuzzjoni u li jinsabu fiż-zona servita mis-

sistema ta' distribuzzjoni magħluqa m'għandux jipprekludi eżenzjoni skont il-paragrafu 2 l-għoti ta' dawn l-eżenzjonijiet.

⇩ ġdid

5. Sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għandhom jitqiesu bħala sistemi ta' distribuzzjoni għall-fini tad-Direttiva.

🡻 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 39 ~~29~~

Operatur ikkombinat

L-Artikolu ~~26~~35(1) ma għandux jipprevjeni l-operazzjoni ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni u ta' distribuzzjoni kombinati sakemm dan l-operatur jikkonforma mal-Artikoli ~~9~~ 43(1), jew 44~~13~~ u 45~~14~~, jew it-Taqsima 3 tal-Kapitolu VI~~Kapitolu~~ ~~V~~ jew jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 44~~66~~(2).

Kapitolu ~~IV~~ V

⌦ REGOLI ĠENERALI APPLIKABBLI GĦALL-OPERATUR TAS- ⌫ ~~OPERAZZJONI TAS-~~SISTEMA TAT-TRAŻMISSJONI

Artikolu 40 ~~12~~

Il-kompiti tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni

1. Kull operatur ta' sistema tat-trażmissjoni għandu jkun responsabbli biex:

(qqq) jiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema li tlaħħaq ma' domandi raġonevoli għat-trażmissjoni tal-elettriku, l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp taħt kondizzjonijiet ekonomiċi sistemi ta' trażmissjoni siguri, affidabbli u effiċjenti b'kont dovut għall-ambjent⇨ , f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u operaturi ta' sistemi tad-distribuzzjoni ġirien⇦;

(rrr) jiżgura l-mezzi adegwati biex jissodisfa l-obbligi ~~tas-servizz~~ ⌦ tiegħu ⌫;

(sss) jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista permezz ta' kapaċità ta' trażmissjoni adegwata u affidabbiltà tas-sistema;

(ttt) jamministra l-flussi ta' enerġija fuq is-sistema, b'kont meħud ta' skambji ma' sistemi interkonnessi oħra. Għal dak il-għan, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jkun responsabbli biex jiżgura sistema tal-elettriku sigura, affidabbli u effiċjenti u, f'dak il-kuntest, biex jiżgura d-disponibbiltà tas-servizzi anċillari kollha neċessarji, inklużi dawk provduti ~~minn reazzjoni għad-~~mir-rispons tad- domanda ⇨ u ħżin tal-

energija ⇦, kemm-il darba din id-disponibbiltà tkun waħda indipendenti minn kwalunkwe sistema tat-trażmissjoni oħra li magħha s-sistema tiegħu tkun interkonnessa;

(uuu) jipprovdi lill-operatur ta' kwalunkwe sistema oħra li magħha s-sistema tiegħu tkun interkonnessa, informazzjoni biżżejjed biex jiżgura l-operazzjoni sigura u effiċjenti, l-iżvilupp koordinat u l-interoperabbiltà tas-sistema interkonnessa;

(vvv) jiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema jew bejn klassijiet ta' utenti tas-sistema, b'mod partikolari favur l-impriżi relatati tiegħu;

(www) jipprovdi lill-utenti ta' sistema bl-informazzjoni li jeħtieġu għal aċċess effiċjenti għas-sistema;

(xxx) jiġbor il-kirjiet ta' konġestjoni u l-ħlasijiet skont il-mekkaniżmu ta' kumpens għal operatur ta' sistema ta' inter-trażmissjoni bi qbil mal-Artikolu 46 ~~13~~ tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016861/2], jagħti u jimmaniġġja aċċess għal partijiet terzi u jagħti spjegazzjonijiet raġunati meta jirrifjuta aċċess bħal dan, li għandu jiġi mmonitorjat mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali; meta jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont dan l-Artikolu, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiffaċilitaw primarjament l-integrazzjoni tas-suq.

⇩ ġdid

(yyy) jakkwista servizzi anċillari minn parteċipanti tas-suq biex tiġi żgurata s-sigurtà operazzjonali.

(zzz) jadotta qafas għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn iċ-ċentri operazzjonali reġjonali.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li waħda jew diversi responsabbiltajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1 għandu tiġi/jiġu assenjata/i lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għajr dak li jippossjedi s-sistema tat-trażmissjoni li kieku għaliha jkunu applikabbli r-responsabbiltajiet ikkonċernati. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li l-kompiti huma assenjati lilu għandu jkun ċertifikat bħala separat mis-sjieda u jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 43, iżda m'għandux għalfejn jippossjedi s-sistema tat-trażmissjoni li huwa responsabbli għaliha. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li jippossjedi s-sistema tat-trażmissjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu VI u għandu jkun ċertifikat skont l-Artikolu 43.

3. Fit-twettiq tal-kompiti elenkati fil-paragrafu 1, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jqis il-funzjonijiet imwettqa miċ-ċentri operazzjonali reġjonali u jikkoopera kif meħtieġ mal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ġirien.

4. Fit-twettiq tal-kompitu deskritt fil-punt (i) tal-paragrafu 1, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jiżgura li l-akkwist tas-servizzi ta' bilanċ, u s-servizzi anċillari mhux tal-frekwenza, sakemm dawn ma jkunux ġustifikati minn analiżi tal-kostijiet-benefiċċji, ikun:

(aaaa) trasparenti, mhux diskriminatorju u bbażat fis-suq;

(bbbb) jiżgura l-parteċipazzjoni effettiva tal-parteċipanti kolha tas-suq, inklużi s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons tad-domanda, il-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-aggregaturi, b'mod partikolari billi l-awtoritajiet regolatorji jew l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-parteċipanti kollha fis-suq,

ikunu meħtieġa jiddefinixxu l-modalitajiet tekniċi għall-parteċipazzjoni f'dawn is-swieq abbażi tar-rekwiżiti tekniċi ta' dawn is-swieq u l-kapaċitajiet tal-parteċipanti kollha fis-suq .

5. L-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni m'għandhomx jippossjedu assi li jipprovdu servizzi anċillari ħlief skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 54.

~~*Artikolu 15*~~
~~*Dispaċċ u bilanċjar*~~

~~1. Mingħajr preġudizzju għall-provvista tal-elettriku fuq il-bażi tal-obbligi kuntrattwali, inklużi dawk li jkunu ġejjin mill-ispeċifikazzjonijiet tat-tfiegħ tal-offerti, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu, fejn ikollu din il-funzjoni, jkun responsabbli mid-dispaċċ ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni fiż-żona tiegħu u biex jiddetermina l-użu ta' interkonnetturi ma' sistemi oħra.~~

~~2. Id-dispaċċ ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni u l-użu ta' interkonnetturi għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' kriterji li għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fejn dawn huma kompetenti u li għandhom ikunu oġġettivi, pubblikati u applikati b'mod nondiskriminatorju li jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-qasam tal-elettriku. Il-kriterji għandhom jieħdu kont tal-preċedenza ekonomika tal-elettriku minn installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni disponibbli jew trasferimenti ta' interkonnetturi kif ukoll ir-restrizzjonijiet tekniċi fuq is-sistema.~~

~~3. Stat Membru għandu jeħtieġ li l-operaturi tas-sistema jaġixxu bi qbil mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/28/KE meta jsir id-dispaċċ tal-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu. Jista' wkoll jirrikjedi lill-operatur tas-sistema li jagħti prijorità meta jiddispaċċja l-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jipproduċu s-sħana u l-enerġija flimkien.~~

~~4. Stat Membru jista', għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, jagħti istruzzjoni li tingħata prijorità għad-dispaċċ ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jkunu jużaw sorsi ta' karburant ta' enerġija primarja indiġena, sa livell, fi kwalunkwe sena kalendarja, ta' 15 % tal-enerġija primarja totali meħtieġa għall-produzzjoni tal-elettriku kkunsmat fl-Istat Membru kkonċernat.~~

~~5. L-awtoritajiet regolatorji fejn l-Istati Membri jkunu għamlu dispożizzjonijiet għal dan, jew l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jikkonformaw mal-istandards minimi għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema tat-trażmissjoni, inkluża l-kapaċità ta' interkonnessjoni.~~

~~6. L-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom jiksbu l-enerġija li jużaw biex ikopru t-telf fl-enerġija u jirriżervaw il-kapaċità fis-sistema tagħhom skont proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq is-suq, kull meta jkollhom din il-funzjoni.~~

~~7. Ir-regoli adottati mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għall-ibbilanċjar tas-sistema tal-elettriku għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, inklużi r-regoli biex l-utenti tas-sistema tan-netwerks tagħhom iħallsu għal skwilibrju tal-enerġija. It-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi r-regoli u t-tariffi, għall-proviżjoni ta' tali servizzi minn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiġu stabbiliti skont metodoloġija kompatibbli mal-Artikolu 37(6) b'mod non-diskriminatorju u li jirriflettu l-ispejjeż u għandhom jiġu ppubblikati.~~

🡻 2009/72/KE (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu 41 ~~16~~

⌦ Rekwiżiti tal- ⌫kunfidenzjalità ⌦ u t-trasparenza ⌫ għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u sidien tas-sistemi ta' trażmissjoni

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55~~30~~ jew kwalunkwe obbligu legali ieħor biex tiġi żvelata informazzjoni, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u kull proprjetarju ta' sistema tat-trażmissjoni għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba waqt it-twettiq tan-negozju tagħhom, u għandhom jipprevjenu li informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom stess li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża tiġi żvelata b'mod diskriminatorju. B'mod partikolari, huma m'għandhomx jiżvelaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva lill-partijiet l-oħra tal-impriża, sakemm dan ma jkunx neċessarju għat-twettiq ta' tranżazzjoni kummerċjali. Sabiex tkun żgurata l-osservanza sħiħa tar-regoli dwar is-separazzjoni tal-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni ma jużax servizzi konġunti, bħal servizz legali konġunt, apparti funzjonijiet purament amministrattivi jew tal-IT.

4. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni ma għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew ta' xiri tal-elettriku minn impriżi relatati, jużaw b'mod skorrett informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba minn partijiet terzi fil-kuntest tal-għoti jew tan-negozjar tal-aċċess għas-sistema.

5. L-informazzjoni neċessarja għal kompetizzjoni effettiva u għal tħaddim effiċjenti tas-suq għandha tkun ippubblikata. Dak l-obbligu għandu jitwettaq mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Artikolu 42~~23~~

Setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet rigward il-konnessjoni ta' impjanti ġodda mas-sistema tat-trażmissjoni

6. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jistabbilixxi u jippubblika proċeduri trasparenti u effiċjenti għall-konnessjoni nondiskriminatorja ta' impjanti ġodda tal-enerġija ⇨ u faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija ⇦mas-sistema tat-trażmissjoni. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

7. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandux ikun intitolat li jirrifjuta l-konnessjoni ta' impjant ġdid tal-enerġija ⇨ jew faċilità tal-ħżin tal-enerġija ⇦għal raġunijiet ta' limitazzjonijiet possibbli futuri fil-kapaċitajiet tan-network disponibbli, bħal konġestjoni f'partijiet 'il bogħod tas-sistema tat-trażmissjoni. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

8. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandux ikun intitolat li jirrifjuta punt ġdid għal raġunijiet ta' iktar spejjeż marbuta maż-żieda neċessarja ta' kapaċità tal-elementi tas-sistema fil-qrib tal-punt tal-konnessjoni

⌦ Kapitolu VI
SEPARAZZJONI TAL-OPERATURI TAS-SISTEMI TAT-TRAŻMISSJONI ⌫

⌦ TAQSIMA 1
SEPARAZZJONI TAS-SJIEDA ⌫

Artikolu 43 ~~9~~

Separazzjoni ⌦ tas-sjieda ⌫ tas-sistemi ta' trażmissjoni u tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ~~mit- 3 ta' marzu 2012:~~

(cccc) kull impriża li tkun proprjetarja ta' sistema tat-trażmissjoni tagħha taġixxi bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(dddd) l-istess persuna jew persuni mhumiex intitolati:

– li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista, u li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni; jew

– li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni, u li direttament jew indirettament jezerċitaw kontroll jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista;

(eeee) l-istess persuna jew persuni mhumiex intitolati jaħtru membri tal-bord ta' sorveljanza, tal-bord amministrattiv jew ta' korpi li legalment jirrappreżentaw l-impriża, ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew tas-sistema tat-trażmissjoni, u li direttament jew indirettament jeżerċitaw kontroll jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew ta' provvista; u

(ffff) l-istess persuna mhix intitolata tkun membru tal-bord ta' sorveljanza, tal-bord amministrattiv jew ta' korpi li legalment jirrappreżentaw l-impriża, kemm ta' impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew ta' provvista u operatur ta' sistema tat-trażmissjoni jew ta' sistema tat-trażmissjoni.

2. Id-drittijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-Paragrafu 1 għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(gggg) is-setgħa tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' votazzjoni;

(hhhh) is-setgħa għall-ħatra tal-membri tal-bord superviżorju, tal-bord amministrattiv jew tal-entitajiet li jirrappreżentaw l-impriżi b'mod legali; jew

(iiii) iż-żamma ta' sehem ta' maġġoranza.

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Paragrafu 1, in-nozzjoni ta' "impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista" għandha tinkludi

"impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni u provvista" fis-sens tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali[55], u t-termini "operatur ta' sistema tat-trażmissjoni" u "sistema tat-trażmissjoni" għandhom jinkludu "operatur ta' sistema tat-trażmissjoni" u "sistema tat-trażmissjoni" fis-sens ta' dik id-Direttiva.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mill-punti (b) u (c) tal-Paragrafu 1 sat-3 ta' Marzu 2013, sakemm l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni ma jkunux jiffurmaw parti minn impriża integrata vertikalment.

4. 5. L-obbligu stipulat fil-punt (a) tal-Paragrafu 1 għandu jitqies sodisfatt f'sitwazzjoni fejn żewġ impriżi jew aktar li jkunu l-proprjetarji ta' sistemi ta' trażmissjoni joħolqu impriża konġunta li taġixxi ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni f'żewġ Stati Membri jew aktar għas-sistemi ta' trażmissjoni kkonċernati. L-ebda impriża oħra ma tista' tkun parti minn din l-impriża konġunta, sakemm ma tkunx ġiet approvata taħt l-Artikolu 44 13 bħala operatur indipendenti tas-sistema jew bħala operatur indipendenti tat-trażmissjoni għall-finijiet tat-Taqsima 3l-Kapitolu V.

5. 6. Għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, fejn il-persuna msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Paragrafu 1 hija l-Istat Membru jew entità pubblika oħra, żewġ entitajiet pubbliċi separati li jeżerċitaw kontroll, minn naħa waħda, fuq operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew fuq sistema tat-trażmissjoni u, min-naħa l-oħra, fuq impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista, għandhom jitqiesu bħala l-istess persuna jew l-istess persuni.

6. 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li la l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva msemmija fl-Artikolu 41 16 miżmuma minn operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li kienet tagħmel parti minn impriża integrata vertikalment u lanqas il-persunal ta' tali operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma jiġu trasferiti lil impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni u ta' provvista.

7. 8. Fejn, fit-3 ta' Settembru 2009, is-sistema tat-trażmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-Paragrafu 1.

F'tali każ, l-Istati Membri konċernati għandhom jew:

(a) jaħtru operatur tas-sistema indipendenti taħt l-Artikolu 44 13; jew

(b) jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3 Kapitolu V.

8. 9. Fejn, fit-3 ta' Settembru 2009, is-sistema tat-trażmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża intergata vertikalment u hemm arranġamenti fil-post li jiggarantixxu aktar indipendenza effettiva tal-operatur ta' sistema tat-trażmissjoni mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu V, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-Paragrafu 1.

9. 10. Qabel ma impriża tkun approvata u maħtura bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni skont il-Paragrafu 8, hija għandha tkun ċertifikata konformement mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 1052(4), (5) u (6) ta' din id-Direttiva u fl-Artikolu 3 48 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2], skont liema l-Kummissjoni għandha tivverifika li l-arranġamenti

[55] Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94). 136

fis-seħħ jiggarantixxu b'mod ċar iżjed l-indipendenza effettiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni milli d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu V.

10. 11. Impriżi integrati vertikalment li huma proprjetarji ta' sistema tat-trażmissjoni fl-ebda każ ma għandhom jiġu mċaħħda milli jieħdu passi biex jikkonformaw mal-Paragrafu 1.

11. 12. L-impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista ma għandhom fl-ebda każ ikunu jistgħu jieħdu kontroll ta' jew jeżerċitaw direttament jew indirettament kwalunkwe dritt fuq operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni li ġiet separata fl-Istati Membri li japplikaw il-Paragrafu 1.

⌦ TAQSIMA 2
OPERATUR TA' SISTEMA INDIPENDENTI ⌫

Artikolu 44 13

Operatur ta' sistema indipendenti

1. Fejn is-sistema tat-trażmissjoni tkun il-proprjetà ta' impriża integrata vertikalment fit-3 ta' Settembru 2009, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-Artikolu 43 9(1) u jaħtru operatur ta' sistema indipendenti fuq proposta mill-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni. Din il-ħatra għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

2. L-Istat Membru jista' japprova u jaħtar biss operatur ta' sistema indipendenti, meta:

(jjjj) l-operatur kandidat ikun wera li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 43 9(1)(b), (c) u (d);

(kkkk) l-operatur kandidat ikun wera li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-finanzi u r-riżorsi tekniċi, fiżiċi u umani meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu taħt l-Artikolu 40 12;

(llll) l-operatur kandidat ħa l-impenn li jikkonforma ma' pjan ta' żvilupp ta' qafas ta' għaxar snin monitorjat minn awtorità regolatorja;

(mmmm) il-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni jkun wera l-abbiltà tiegħu li jikkonforma mal-obbligi tiegħu konformement mal-Paragrafu 5. Għal dak il-għan, għandu jipprovdi abbozz tal-arranġamenti kuntrattwali kollha mal-impriża kandidata u ma' kwalunkwe entità oħra relevanti; u

(nnnn) l-operatur kandidat wera l-abilità tiegħu li jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont ir-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] inklużi l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni fil-livell Ewropew u reġjonali.

3. L-impriżi li jkunu ġew ċertifikati mill-awtorità regolatorja bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 53 11 u tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu approvati u maħtura bħala operaturi tas-sistema indipendenti mill-Istati Membri. Il-proċedura ta' ċertifikazzjoni jew fl-Artikolu 52 10 ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 48 3 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] jew fl-Artikolu 53 11 ta' din id-Direttiva għandha tapplika.

4. Kull operatur tas-sistema indipendenti għandu jkun responsabbli għall-għoti u l-immaniġġjar tal-aċċess tal-partijiet terzi, inkluż il-ġbir tat-tariffi ta' aċċess, il-kirjiet ta' konġestjoni u l-pagamenti skont il-mekkaniżmu ta' kumpens għal operatur ta' sistema ta' intertrażmissjoni bi qbil mal-Artikolu 46 13 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2], kif ukoll għat-tħaddim, il-

manteniment u l-iżvilupp tas-sistema tat-trażmissjoni, u biex tiġi żgurata l-abilità fuq tul ta' żmien twil tas-sistema biex tiġi ssodisfatta t-talba raġunevoli permezz ta' ppjanar tal-investiment. Fl-iżvilupp tas-sistema tat-trażmissjoni, l-operatur tas-sistema indipendenti għandu jkun responsabbli għall-ippjanar (inkluża l-proċedura tal-awtorizzazzjoni), il-bini, u l-kuntrattar tal-infrastruttura l-ġdida. Għal dan il-għan, l-operatur ta' sistema indipendenti għandu jaġixxi bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni konformement ma'din it-Taqsima ~~dan il-Kapitolu~~. Il-proprjetarji tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għall-approvazzjoni u l-ġestjoni ta' aċċess mill-partijiet terzi, u lanqas għall-ippjanar tal-investiment.

5. Meta jinħatar operatur ta' sistema indipendenti, il-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni għandu:

(oooo) jipprovdi l-kooperazzjoni u l-appoġġ kollha relevanti lill-operatur tas-sistema indipendenti għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, inkluż b'mod partikolari t-tagħrif kollu relevanti;

(pppp) jiffinanzja l-investimenti deċiżi mill-operatur tas-sistema indipendenti u approvati mill-awtorità regolatorja, jew jaċċetta li jiġu ffinanzjati minn kwalunkwe parti interessata, inkluż l-operatur tas-sistema indipendenti. L-arranġamenti finanzjarji relevanti għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. Qabel din l-approvazzjoni, l-Awtorità Regolatorja għandha tikkonsulta l-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni flimkien ma' partijiet interessati oħra;

(qqqq) tipprovdi għall-koopertura tar-responsabbiltà li tikkonċerna l-assi tan-network, eskluża r-responsabbiltà marbuta mal-kompiti tal-operatur tas-sistema indipendenti; u

(rrrr) tipprovdi garanziji biex jiġi ffaċilitat il-finanzjament ta' kwalunkwe espansjonijet tan-network bl-eċċezzjoni ta' dawk l-investimenti fejn, konformement mal-punt (b), jkun ta l-approvazzjoni tiegħu għal finanzjament minn kwalunkwe parti interessata, inkluż l-operatur tas-sistema indipendenti.

6. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità regolatorja, l-awtorità nazzjonali relevanti fuq il-kompetizzjoni għandha tingħata s-setgħat kollha relevanti sabiex tissorvelja b'mod effettiv il-konformità tal-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni mal-obbligi tiegħu konformement mal-Paragrafu 5.

Artikolu 45 ~~14~~

Separazzjoni tal-proprjetarji ta' sistemi ta' trażmissjoni

1. Proprjetarju ta' sistema tat-trażmissjoni, fejn operatur ta' sistema indipendenti jkun inħatar, li jkun parti minn impriżi integrati vertikalment, għandu jkun indipendenti, għall-anqas f'termini tal-forma ġuridika tiegħu, fl-organizzazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu, minn attivitajiet oħrajn li ma jkunux relatati mat-trażmissjoni.

2. Sabiex tiġi aċċertata l-indipendenza tal-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni imsemmi fil-Paragrafu 1, għandhom japplikaw l-kriterji minimi li ġejjin:

(ssss) il-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandhomx jieħdu sehem fl-istrutturi tal-kumpaniji tal-impriża integrata tal-elettriku li hija responsabbli, direttament jew indirettament, għall-operat ta' kuljum tal-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku;

(tttt) għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi aċċertat li l-interessi professjonali tal-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni jitqiesu b'mod li jiżgura li huma kapaċi li jaġixxu b'mod indipendenti; u

(uuuu) il-prorjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jfassal programm ta' konformità, li jistabbilixxi l-miżuri meħuda biex ikun żgurat li ma jkun hemm l-ebda kondotta diskriminatorja, u biex ikun żgurat li l-ħarsien ta' dan il-programm ikun issorveljat b'mod adatt. Il-programm ta' konformità għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati li jilħqu dawk l-għanijiet. Rapport ta' kull sena, li jindika l-miżuri li jkunu ttieħdu, għandu jingħata mill-persuna jew korp responsabbli għas-sorveljanza tal-programm ta' konformità lill-awtorità regolatorja u għandu jiġi ppubblikat.

~~3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ Linji gwida biex taċċerta l-konformità sħiħa u effettiva mal-Paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tal-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni. Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 46(2).~~

~~KAPITOLU V~~ Taqsima 3
OPERATUR TA' SISTEMA TAT-TRAŻMISSJONI INDEPENDENTI

Artikolu 46 ~~17~~

L-assi, it-tagħmir, l-istaff u l-identità

1. L-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom ikunu mgħammra bir-riżorsi umani, tekniċi, fiżiċi u finanzjarji kollha biex jaqdu l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva u jwettqu l-attività ta' trażmissjoni tal-elettriku, partikolarment:

(vvvv) assi li huma meħtieġa għall-attività ta' trażmissjoni tal-elettriku, inkluża s-sistema tat-trażmissjoni, għandhom ikunu l-proprjetà ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(wwww) persunal, meħtieġ għall-attività ta' trażmissjoni tal-elettriku, inkluż il-prestazzjoni tal-kompiti korporattivi, għandu jiġi impjegat mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(xxxx) il-leasing ta' persunal u l-għoti ta' servizzi, lil u minn kwalunkwe parti oħra tal-impriża integrata vertikalment għandha tiġi pprojbita. Madankollu dan ma għandux jipprevjeni l-operatur ta' sistema tat-trażmissjoni milli jagħti servizzi lill-impriża integrata vertikalment sakemm:

il-provvista ta' dawn is-servizzi ma tiddiskriminax bejn l-utenti tas-sistema, tkun disponibbli lil utenti kollha tas-sistema fuq l-istess termini u kondizzjonijiet u ma tirrestrinġix, tgħawweġ jew tipprevjeni kompetizzjoni fil-produzzjoni jew il-provvista; u

– it-termini u l-kondizzjonijiet tal-provvista ta' dawn is-servizzi huma approvati mill-awtorità regolatorja;

(yyyy) mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-Korp ta' Sorveljanza taħt l-Artikolu 49 ~~20~~, riżorsi finanzjarji xierqa għal proġetti futuri ta' investiment u/jew għas-sostituzzjoni ta' assi eżistenti għandhom ikunu disponibbli għall-operatur ta' sistema

tat-trażmissjoni fiż-żmien dovut mill-impriża integrata vertikalment wara talba adatta mill-operatur ta' sistema tat-trażmissjoni.

2. L-attività tat-trażmissjoni tal-elettriku għandha għall-anqas tinkludi l-kompiti li ġejjin flimkien ma' dawk elenkati fl-Artikolu 40 12:

(zzzz) rappreżentanza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u kuntatti lil partijiet terzi u l-awtoritajiet regolatorji;

(aaaaa) rappreżentanza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fin-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' trażmissjoni (European Network of Transmission System Operators) tal-Elettriku, ("ENTSO tal-Elettriku");

(bbbbb) l-għoti u l-ġestjoni ta' aċċess ta' parti terza fuq bażi non-diskriminatorja bejn utenti tas-sistema jew klassijiet ta' utenti tas-sistema;

(ccccc) il-ġbir tal-ispejjeż kollha relatati mas-sistema tat-trażmissjoni inkluż l-ispejjeż ta' aċċess, l-ispejjeż ta' kumpens għal servizzi anċillari bħax-xiri ta' servizzi (l-ispejjeż ta' bilanċ, enerġija għal telf) ⇨ u imposti għal servizzi anċillari ⇦ ;

(ddddd) l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' sistema tat-trażmissjoni sigura, effiċjenti u ekonomika;

(eeeee) ippjanar ta' investiment li jiżgura l-abilità fuq perjodu ta' żmien fit-tul biex jilħaq domanda raġonevoli u jiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista;

(fffff) l-istabbiliment ta' impriżi konġunti xierqa, inkluż ma' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni wieħed jew aktar, skambji ta' enerġija, u l-atturi l-oħra relevanti bil-għan tal-iżvilupp tal-ħolqien tas-swieq reġjonali jew jiġi ffaċilitat il-proċess ta' liberalizzazzjoni; u

(ggggg) is-servizzi korporattivi kollha, inklużi s-servizzi legali, il-kontabilità u s-servizzi tal-IT.

3. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom ikunu organizzati f'forma legali kif imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [56] Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE ([19])..

4. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandux, fl-identità, il-komunikazzjonijiet u l-użu tal-marka (branding) u l-lokazzjoni korporattiva tiegħu, joħloq konfużjoni fir-rigward tal-identità tal-impriża integrata vertikalment jew kwalunkwe parti tagħha.

5. L-operatur ta' sistema tat-trażmissjoni ma għandux jikkondividi sistemi jew tagħmir tal-IT, bini fiżiku u sistemi ta' aċċess tas-sigurtà ma' kwalunkwe parti tal-impriża integrata vertikalment u lanqas juża l-istess konsulenti jew kuntratturi esterni għal sistemi jew tagħmir tal-IT, u sistemi ta' aċċess tas-sigurtà.

6. Il-kontijiet tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiġu vverifikati minn awditur li ma huwiex dak li jivverifika l-impriża integrata vertikalment jew xi parti minnha.

[56] Id-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 258, 1.10.2009, p. 11) 19.

Artikolu 47 ~~18~~

Indipendenza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-Korp ta' Sorvlejanza taħt l-Artikolu 49 ~~20~~, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jkollu:

(hhhhh) drittijiet deċiżjonali effettivi, li jkunu indipendenti mill-impriża tal-elettriku integrata, fir-rigward tal-assi meħtieġa biex iħaddem, iżomm jew jiżviluppa s-sistema tat-trażmissjoni; u

(iiiii) is-setgħa li jsib fondi fis-suq kapitali b'mod partikolari billi jissellef u permezz ta' żieda kapitali.

2. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu, f'kull waqt, jaġixxi sabiex jiżgura li għandu r-riżorsi li jeħtieġ biex iwettaq ix-xogħol ta' trażmissjoni b'mod tajjeb u effiċjenti u jiżviluppa u jżomm is-sistema tat-trażmissjoni effiċjenti, sigura u ekonomika.

3. ⌦ L-impriża integrata vertikalment u s-sussidjarji tagħha li jwettqu ⌫~~Is-sussidjarji tal-impriża integrata vertikalment li twettaq~~ funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista ma għandu jkollhom ebda sehem dirett jew indirett fl-ishma fl-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma għandu jkollu l-ebda sehem dirett jew indirett fl-ishma ta' xi sussidjarja tal-impriża integrata vertikalment li twettaq funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew provvista, u lanqas jirċievi dividendi jew xi benefiċċju finanzjarju ieħor min dik is-sussidjarja.

4. L-istruttura ġenerali tal-ġestjoni u l-istatuti korporattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom jiżguraw l-indipendenza effettiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni konformement ma' ~~dan il-Kapitolu~~ ⌦ din it-Taqsima ⌫. L-impriża integrata vertikalment ma għandiex tiddetermina direttament jew indirettament il-kondotta kompetittiva tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u l-ġestjoni tan-network, jew fir-rigward tal-attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network żviluppat taħt l-Artikolu 51 ~~22~~.

5. Fit-twettiq tal-ħidmiet tagħhom fl-Artikolu ⌦ 40 ⌫ ~~12~~ u l-Artikolu ⌦ 46 ⌫ ~~17~~(2) ta' din id-Direttiva, u fil-konformità mal- ⇨ obbligi stipulati fl- ⇦ Artikoli 14~~,~~ ~~15 u~~ 16, ⌦ 17 u 47 ⌫ tar-[riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 714/2009 kif propost mill-COM(2016) 861/2], l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni m'għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni differenti jew entitajiet u ma għandhomx jirristrinġu, jgħawġu jew iċaħħdu l-kompetizzjoni fil-ġenerazzjoni jew fil-forniment.

6. Kull relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, inkluż is-self mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni lill-impriża integrata vertikalment, għandha tkun konformi mal-kondizzjonijiet tas-suq. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jżomm rekords iddettaljati ta' dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji u jagħmilhom disponibbli lill-awtorità regolatorja hekk kif issirlu t-talba.

7. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jippreżenta għall-apporvazzjoni mill-awtorità regolatorja l-ftehimiet kollha kummerċjali u finanzjarji mal-impriża integrata vertikalment.

8. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jinforma lill-awtorità regolatorja bir-riżorsi finanzjarji, imsemmija fl-Artikolu 46 ~~17~~(1)(d), disponibbli għal proġetti futuri ta' investiment u/jew għas-sostituzzjoni ta' assi eżistenti.

9. L-impriża integrata vertikalment għandha tastjeni minn kull azzjoni li timpedixxi jew tippreġudika l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu f'dan il-Kapitolu u ma għandhiex tesiġi li l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jitlob il-permess minn impriża integrata vertikalment fit-twettiq ta' dawk l-obbligi.

10. Impriża li tkun ġiet ċertifikata mill-awtorità regolatorja bħala konformi mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għandha tkun approvata u nnominata bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mill-Istat Membru kkonċernat. Il-proċedura ta' ċertifikazzjoni jew fl-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 3 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] jew fl-Artikolu 53 ~~11~~ ta' din id-Direttiva għandha tapplika.

Artikolu 48 ~~19~~

Indipendenza tal-persunal u ġestjoni tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni

1. Id-deċiżjonijiet fir-rigward ħatriet u tiġdid, kondizzjonijiet ta' xogħol inkluża r-remunerazzjoni u t-terminzzjoni tal-kariga tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom jittieħdu mill-Korp ta' Sorveljanza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni maħtur taħt l-Artikolu 49~~20~~.

2. L-identità u l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-terminu, it-tul ta' żmien u t-terminazzjoni L-identità u l-kondizzjonijiet li jiggvernaw il-mandat, id-dewmien u t-tmiem tal-persuni nnominati mill-Korp Superviżorju għal ħatra jew tiġdid bħala persuni responsabbli mill-ġestjoni eżekuttiva u/jew bħala membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, u r-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni proposta li ttemm tali mandat, għandhom jiġu notifikati lill-awtorità regolatorja. Dawk il-kondizzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom isiru obbligatorji biss jekk, f'perjodu ta' tliet ġimgħat min-notifika, l-awtorità regolatorja ma tkun ressqet ebda oġġezzjoni.

L-awtorità regolatorja tista' toġġezzjona għad-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1:

(jjjjj) jekk jitqajmu dubji dwar l-indipendenza professjonali ta' persuna nnominata responsabbli mill-ġestjoni u/jew membru tal-korpi amministrattivi; jew

(kkkkk) fil-każ ta' terminazzjoni prematura ta' kariga, jekk jeżistu dubji rigward il-ġustifikazzjoni ta' tali terminazzjoni prematura.

3. L-ebda pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew ta' negozju, direttament jew indirettament, mal-impriża integrata vertikalment jew ma' kwalunkwe parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha għajr l-operatur ta' sistema tat-trażmissjoni, m'għandha tiġi eżerċitata għal perjodu ta' tliet snin qabel il-ħatra tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew tal-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li huma soġġetti għal dan il-paragrafu.

4. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma jridx ikollhom xi pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew negozju, direttament jew indirettament, ma' kwalunkwe parti oħra tal-impriża integrata vertikalment jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha.

5. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ma jridx ikollhom xi interess fi jew jirċievu xi benefiċċju finanzjarju, direttament jew indirettament, minn xi parti tal-impriża integrata vertikalment li mhuwiex l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni. Il-ħlas tagħhom mgħandux jiddependi mill-attivitajiet jew mir-riżultati tal-impriża integrata vertikalment jekk mhux dawk tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

6. Għandhom ikunu garantiti d-drittijiet effettivi ta' appell lill-awtorità regolatorja għal kwalunkwe lment mill-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni kontra terminazzjonijiet prematuri tal-kariga tagħhom.

7. Wara t-terminazzjoni tal-kariga fl-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, il-persuni responsabbli mill-ġestjoni tiegħu u/jew membri tal-korpi amministrattivi tiegħu ma jridx ikollhom xi pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew negozju ma' xi parti tal-impriża integrata vertikalment jew xi parti minnha jekk mhux l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha għal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin.

8. Il-paragrafu 3 għandu japplika għall-maġġoranza tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur ta' sistema tat-trażmissjoni.

Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni li mhumiex suġġetti għall-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu eżerċitaw l-ebda ġestjoni jew attività relevanti oħra fl-impriża integrata vertikalment għal perjodu ta' mill-anqas sitt xhur qabel il-ħatra tagħhom.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u l-paragrafi 4 sa 7 għandhom ikunu applikabbli għall-persuni kollha li jappartjenu għall-ġestjoni eżekuttiva u għal dawk li jirruppurtaw lilhom direttament dwar kwistjonijiet relatati mal-operazzjoni, iż-żamma jew l-iżvilupp tan-network.

Artikolu 49 ~~20~~

Korp ta' sorveljanza

1. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jkollu Korp ta' Sorveljanza li jkun inkarigat mit-teħid ta' deċiżjonijiet li jista' jkollhom impatt sinifikattiv fuq il-valur tal-assi tal-azzjonisti fl-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, partikolarment deċiżjonijiet rigward l-approvazzjoni tal-pjanijiet finanzjarji annwali u fuq perjodu itwal, il-livell ta' djun tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u l-ammont ta' dividendi mqassma lill-azzjonisti. Id-deċiżjonijiet li jaqgħu fil-mandat tal-Korp ta' Sorveljanza għandhom jeskludu dawk li huma relatati mal-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u l-ġestjoni tan-network, u ma' attivitajiet meħtieġa għat-tħejjija tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network żviluppat taħt l-Artikolu 51~~22~~.

2. Il-Korp ta' Sorveljanza għandu jkun magħmul minn membri li jirrappreżentaw l-impriża integrata vertikalment, membri li jirrappreżentaw l-azzjonisti li huma parti terza u, fejn il-leġiżlazzjoni relevanti ta' Stat Membru tipprevedi hekk, membri li jirrappreżentaw partijiet oħra interessati bħal impjegati tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

3. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48~~19~~(2) u l-Artikolu 48~~19~~(3) sa (7) għandhom japplikaw għall-anqas għal nofs il-membri tal-Korp ta' Sorveljanza barra wieħed.

Il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48~~19~~(2) għandu japplika għall-membri kollha tal-Korp ta' Sorveljanza.

Artikolu 50 ~~21~~

Programm ta' konformità u Uffiċjal ta' Konformità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni jistabbilixxu programm ta' konformità li jistabbilixxi l-miżuri meħudin biex jiġi żgurat li kull aġir diskriminatorju jiġi eskluż, u jaċċerta li l-konformità ma' dan il-programm hija sorveljata b'mod adatt. Il-programm ta' konformità għandu jistabbilixxi l-obbligi speċifiċi tal-impjegati li jilħqu dawk l-għanijiet. Huwa għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-regolatur nazzjonali, il-konformità mal-programm għandha tiġi sorveljata mill-uffiċjal għall-konformità fuq bażi indipendenti.

2. L-uffiċjal għall-konformità għandu jinħatar mill-Korp ta' Sorveljanza, bil-kundizzjoni li dan jiġi approvat mill-awtorità regolatorja. L-awtorità regolatorja tista' tirrifjuta li tapprova l-ħatra tal-uffiċjal għall-konformità biss għal raġunijiet ta' nuqqas ta' indipendenza jew kapaċità professjonali. L-uffiċjal għall-konformità jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika. L-Artikolu 48~~19~~(2) sa (8) għandhom japplikaw għall-uffiċjal għall-konformità.

3. L-uffiċjal għall-konformità għandu jkun inkarigat milli:

(lllll) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm ta' konformità;

(mmmmm) ifassal rapport annwali, li juri l-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tal-programm ta' konformità u jippreżentah lill-awtorità regolatorja;

(nnnnn) jirrapporta lill-Korp ta' Sorveljanza u joħroġ rakkomandazzjonijiet dwar il-programm ta' konformità u l-implimentazzjoni tiegħu;

(ooooo) jinnotifika lill-awtorità regolatorja dwar kwalunkwe ksur sostanzjali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm ta' konformità; u

(ppppp) jirrapporta lill-awtorità regolatorja dwar kwalunkwe relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

4. L-uffiċjal għall-konformità għandu jippreżenta d-deċiżjonijiet proposti dwar il-pjan ta' investiment jew dwar investimenti individwali fin-network lill-awtorità regolatorja. Dan għandu jseħħ l-aktar tard meta t-tmexxija u/jew il-korp amministrattiv kompetenti tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jippreżentahom lill-Korp ta' Sorveljanza.

5. Fejn l-impriża integrata vertikalment, fl-assemblea ġenerali jew permezz tal-vot tal-membri tal-Korp ta' Sorveljanza li hija tkun ħatret, tkun evitat l-adozzjoni ta' deċiżjoni bl-effett li ma jitħallewx isiru jew jiġu ttardjati investimenti, li taħt il-pjan ta' żvilupp tan-network ta' għaxar snin kellha tiġi implimentata fit-tliet snin ta' wara, l-uffiċjal għall-konformità għandu jirrapporta dan lill-awtorità regolatorja, li mbagħad għandha taġixxi skont l-Artikolu 51~~22~~.

6. Il-kondizzjonijiet li jiggvernaw il-mandat jew il-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-uffiċjal għall-konformità, inkluż it-tul tal-mandat tiegħu, għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja. Dawk il-kondizzjonijiet għandhom jiżguraw l-indipendenza tal-uffiċjal għall-konformità, inkluż permezz tal-provvista tar-riżorsi kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijietu. Matul il-mandat tiegħu, l-uffiċjl għall-konformità ma jista' jkollu l-ebda pożizzjoni professjonali oħra, responsabbiltà jew interess, b'mod dirett jew indirett fi jew ma' kwalunkwe parti tal-impriża integrata vertikalment jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha.

7. L-uffiċjal għall-konformità għandu jirrapporta regolarment, bil-fomm jew bil-kitba, lill-awtorità regolatorja u għandu jkollu d-dritt li jirrapporta regolarment, bil-fomm jew bil-kitba, lill-Korp ta' Sorveljanza tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni.

8. L-uffiċjal għall-konformità jista' jattendi l-laqgħat kollha tat-tmexxija jew tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, u dawk tal-Korp ta' Sorveljanza u l-assemblea ġenerali. L-uffiċjal għall-konformità għandu jattendi l-laqgħat kollha li jindirizzaw il-materji li ġejjin:

(qqqqq) il-kundizzjonijiet fil-każ tal-aċċess għan-'network', kif definit fir-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2], partikolarment fir-rigward tat-tariffi, is-servizzi ta' aċċess għal partijiet terzi, l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni, it-trasparenza, ~~l-ibbilanċjar~~ ⇨ is-servizzi anċillari ⇦ u s-swieq sekondarji;

(rrrrr) proġetti mibdija sabiex titħaddem, tiġi mantenuta u żviluppata s-sistema tat-trażmissjoni, inkluż investimenti għall-interkonnessjoni u l-konnessjoni;

(sssss) xiri jew bejgħ tal-enerġija meħtieġa biex titħaddem is-sistema tat-trażmissjoni.

9. L-uffiċjal għall-konformità għandu jissorvelja l-konformità tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni mal-Artikolu 41~~16~~.

10. L-uffiċjal għall-konformità għandu jkollu aċċess għad-dejta kollha relevanti u għall-uffiċċji tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex jaqdi l-kompiti tiegħu.

11. Wara l-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità regolatorja, il-Korp ta' Sorveljanza jista' jneħħi mill-kariga lill-uffiċjal għall-konformità. Huwa għandu jkeċċi l-uffiċjal għall-konformità għal raġunijiet ta' nuqqas ta' indipendenza jew ta' kapaċità professjonali, meta jiġi mitlub li jagħmel dan mill-awtorità regolatorja.

12. L-uffiċċjal tal-konformità għandu jkollu aċċess għall-uffiċċji tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mingħajr avviż minn qabel.

Artikolu 51 ~~22~~

Żvilupp tan-network u setgħat li jittieħdu deċiżjonijiet dwar investimenti

1. ~~Kull sena~~ ⇨ Talanqas kull sentejn ⇦, l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom jippreżentaw lill-awtorità regolatorja pjan ta' żvilupp tan-network fuq għaxar snin ibbażat fuq il-provvista u d-domanda eżistenti u previsti wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha relevanti. Dak il-pjan tal-iżvilupp tan-network għandu jinkludi miżuri effiċjenti sabiex tkun garantita l-adegwatezza tas-sistema u s-sigurtà tal-forniment.

2. Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għandu, b'mod partikolari:

(ttttt) jindika lill-parteċipanti fis-suq l-infrastrutturi ewlenin ta' trażmissjoni li jeħtieġ li jinbnew jew jiġu mmodernizzati matul l-għaxar snin li ġejjin;

(uuuuu) jkun fih l-investimenti kollha diġà deċiżi u jidentifika investimenti ġodda li jridu jiġu eżegwiti fit-tliet snin li ġejjin; u

(vvvvv) jipprovdi skeda ta' żmien għall-proġetti kollha ta' investiment.

3. Waqt l-elaborazzjoni tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jagħmel suppożizzjonijiet raġjonevoli dwar l-evoluzzjoni tal-ġenerazzjoni, il-provvista, ⇨ il-ħżin tal-enerġija, ⇦il-konsum u l-iskambji ma' pajjiżi oħrajn, b'kont meħud tal-pjani ta' investiment għan-netwerks reġjonali u fl-⌦ Unjoni ⌫ ~~Komunità~~kollha.

4. L-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta mal-utenti kollha effettivi u potenzjali tas-sistema dwar il-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network b'mod miftuħ u trasparenti. Persuni jew impriżi li jsostnu li huma utenti potenzjali tas-sistema jistgħu jintalbu jissostanzjaw tali pretensjonijiet. L-awtorità regolatorja għandha tippubblika r-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni, partikolarment il-ħtiġijiet possibbli għal investimenti.

5. L-awtorità regolatorja għandha teżamina jekk il-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp ta' netwerk ikoprix il-bżonnijiet kollha ta' investiment identifikati matul il-proċess ta' konsultazzjoni, u jekk hux konsistenti mal-pjan tal-iżvilupp tan-netwerk ta' għaxar snin għall-⌦ Unjoni ⌫ ~~Komunità~~ kollha (Il-pjan tal-iżvilupp tan-netwerk għall-⌦ Unjoni ⌫ ~~Komunità~~ kollha) kif stipulat fl-Artikolu 27(1)(b) ~~8(3)(b)~~ tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2]. Jekk ikun hemm xi dubju dwar il-koformità mal-pjan ta' għaxar snin tal-iżvilupp tan-network għall-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫ kollha, l-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta lill-Aġenzija. L-awtorità regolatorja tista' titlob lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni sabiex jemenda l- pjan tal-iżvilupp tan-netwerk ta' għaxar snin tiegħu.

6. L-awtorità regolatorja għandha tissorvelja u tevalwa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network.

7. F'ċirkustanzi fejn l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, jekk mhux għal raġunijiet imperattivi mhux fil-kontroll tiegħu, ma jeżegwixxix investiment, li, konformement mal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network, kellu jiġi eżegwit fis-snin ta' wara, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja għandha l-obbligu li tieħu għall-anqas waħda mill-miżuri li ġejjin biex tiżgura li l-investiment in kwistjoni jseħħ jekk dan l-investiment għadu relevanti abbażi mal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li huwa l-aktar reċenti:

(wwwww) tesiġi mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li jeżegwixxi l-investimenti in kwistjoni;

(xxxxx) torganizza proċedura għal sejħa ta' offerti miftuħa għal kull investitur għall-investiment in kwistjoni; jew

(yyyyy) tobbliga lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jaċċetta żieda fil-kapital biex jiffinanzja l-investimenti meħtieġa u jippermetti l-investituri indipendenti jipparteċipaw fil-kapital.

Fejn l-awtorità regolatorja tkun għamlet użu mis-setgħat tagħha taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, hija tista' tobbliga lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni sabiex dan jaqbel ma' element wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:

– il-finanzjament minn xi parti terza;

– il-kostruzzjoni minn xi parti terza;

– il-bini minnu stess tal-assi kkonċernati;

– l-operazzjoni minnu istess tal-assi kkonċernat.

L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jipprovdi lill-investituri bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu l-investiment, għandu jikkollega l-assi l-ġodda man-network ta' trażmissjoni u għandu ġeneralment jagħmel l-aħjar li jista' biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment.

L-arranġamenti finanzjarji relevanti għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.

8. Fejn l-awtorità regolatorja tkun għamlet użu mis-setgħat tagħha taħt l-ewwel subparagrafu tal-Paragrafu 7, ir-regolamenti relevanti dwar it-tariffi għandhom ikopru l-ispejjeż tal-investimenti in kwistjoni.

⌦ TAQSIMA 4
ĦATRA U ĊERTIFIKAZZJONI TA' OPERATURI TAS-SISTEMA TAT-TRAŻMISSJONI ⌫

Artikolu 52 ~~10~~

Ħatra u ċertifikazzjoni ta' operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni

1. Qabel ma impriża tkun approvata u maħtura bħala operatur tas-sistema tat-trażmissjoni, hija għandha tkun ċertifikata konformement mal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu ~~3~~ 49 tar-[Riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016) Nru 861/2].

2. Impriżi ~~proprjetarji ta' sistema tat-trażmissjoni u~~ li ġew ċertifikati mill-awtorità regolatorja nazzjonali bħala li kkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 43 ~~9~~, konformement mal-proċedura ta' ċertifikazzjoni aktar 'l isfel, għandhom jiġu approvati u maħtura bħala operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni mill-Istati Membri. Il-ħatra tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. L-operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni għandhom jinnotfikaw lill-awtorità regolatorja bi kwalunkwe tranżazzjoni ppjanata li tista' teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid tal-konformità tagħha mar-rekwiżiti l-Artikolu 43~~9~~.

4. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jissorveljaw l-konformità kontinwa tal-operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni mal-Artikolu 43~~9~~. Għandhom jibdew proċeduri ta' ċertifikazzjoni biex jiżguraw tali konformità:

(zzzzz) man-notifika mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni taħt il-paragrafu 3;

(aaaaaa) fuq inizjattiva tagħhom stess fejn ikollhom tagħrif li bidla ppjanata fid-drittijiet jew fl-influwenza fuq proprjetarji ta' sistema tat-trażmissjoni jew operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni tista' twassal għal ksur tal-Artikolu 43~~9~~, jew fejn għandhom raġuni biex jemmnu li seta' seħħ tali ksur; jew

(bbbbbb) fuq talba motivata mill-Kummissjoni.

5. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jadottaw deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni f'perjodu ta' erba' xhur mid-data tan-notifika mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew mid-data tat-talba tal-Kummissjoni. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, iċ-ċertifikazzjoni għandha titqies bħala mogħtija. Id-deċiżjoni espliċita jew taċita tal-awtorità regolatorja għandha ssir effettiva biss wara l-konklużjoni tal-proċedura prevista fil-Paragrafu 6.

6. Id-deċiżjoni esplicta jew taċita dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandha tkun notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni mill-awtorità regolatorja, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha fir-rigward tad-deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha taġixxi konformement mal-proċedura stabbilita fl-[Artikolu ~~3~~48 Riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost minn COM(2016) Nru 861/2].

7. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni jistgħu jesiġu mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u mill-impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew ta' provvista kwalunkwe informazzjoni relevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom taħt dan l-Artikolu.

8. L-awtoritajiet regolatorji u l-Kummissjoni għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Artikolu 53 ~~11~~
Ċertifikazzjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi

1. Fejn ċertifikazzjoni hija meħtieġa minn proprjetarju ta' sistema tat-trażmissjoni jew operatur ta' sistema tat-trażmissjoni u li hija kkontrollata minn persuna jew persuni minn pajjiż terz jew minn pajjiżi terzi, l-awtorità regolatorja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni.

   L-awtorità regolatorja għandha tinnotifika lill-Kummisjoni wkoll mingħajr dewmien kull ċirkustanza li tirriżulta f'persuna jew persuni minn pajjiż terz jew minn pajjiżi terzi li jiksbu kontroll tas-sistema tat-trażmissjoni jew operatur ta' sistema tat-trażmissjoni.

2. L-operaturi ta' istema ta' trażmissjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtorità regolatorja bi kwalunkwe ċirkustanza li tirriżulta f'persuna jew persuni minn pajjiż terz jew minn pajjiżi terzi li jiksbu kontroll fuq is-sistema tat-trażmissjoni jew l-operatur ta' sistema tat-trażmissjoni.

3. L-awtorità regolatorja għandha tadotta abbozz tad-deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika

mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni. Hija għandha tirrifjuta ċ-ċertifikazzjoni jekk ma jkunx ġie ppruvat:

(cccccc) li l-entità kkonċernata tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu <u>43</u>~~9~~; u

(dddddd) lill-awtorità regolatorja jew lil awtorità kompetenti oħra maħtura mill-Istat Membru li l-għotja taċ-ċertifikazzjoni mhux ser tpoġġi f'riskju s-sigurtà tal-provvistà tal-enerġija tal-Istat Membru u l-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫. Fil-kunsiderazzjoni ta' din il-kwistjoni l-awtorità regolatorja jew l-awtorità kompetenti l-oħra maħtura għandha tieħu kont ta':

– d-drittijiet u l-obbligi tal-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫ fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi li jirriżultaw taħt id-dritt internazzjonali, inkluż kull ftehim konkluż ma' xi pajjiż terz jew aktar li għalih ~~il-Komunità~~⌦ l-Unjoni ⌫ hija parti u li jkun indirizza l-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

– id-drittijiet u l-obbligi tal-Istat Membru fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi li jirriżultaw minn ftehim konkluż ma' dawn il-pajjiżi terzi, safejn huma konformement mal-liġi ~~Komunitarja~~⌦ tal-Unjoni ⌫; u

– fatti speċifiċi u ċirkostanzi oħra tal-każ u l-pajjiż terz konċernat.

4. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien mill-awtorità regolatorja lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha rigward dik id-deċiżjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu provvediment sabiex l-awtorità regolatorja u/jew l-awtorità kompetenti maħtura msemmija fil-punt (b) tal-Paragrafu 3, qabel ma l-awtorità regolatorja tadotta deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni, jitolbu opinjoni mill-Kummissjoni dwar jekk:

(eeeeee) l-entità kkonċernata tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu <u>43</u>~~9~~; u

(ffffff) l-għoti taċ-ċertifikazzjoni ma tpoġġix f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lill-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫.

6. Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba msemmija fil-Paragrafu 5 hekk kif tirċeviha. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi t-talba, hija għanda tagħti l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja nazzjonali jew, jekk it-talba tkun saret mill-awtorità kompetenti maħtura, lil dik l-awtorità.

Fit-tħejjija tal-opinjoni, il-Kummissjoni tista' titlob l-opinjonijiet tal-Aġenzija, l-Istat Membru konċernat, u partijiet interessati. Fil-każ li l-Kummissjoni tagħmel din it-talba, il-perjodu ta' xahrejn għandu jiġi estiż b'xahrejn.

Fin-nuqqas ta' opinjoni mill-Kummissjoni fi żmien il-perjodu msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, il-Kummissjoni għandha titqies li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja.

7. Meta tkun qed tivvaluta jekk il-kontroll minn persuna jew persuni minn pajjiż terz jew minn pajjiżi terzi ikunx qed ipoġġi f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lill-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫, il-Kummissjoni għandha tqis:

(gggggg) il-fatti speċifiċi tal-każ u l-pajjiż terz jew pajjiżi terzi konċernati; u

(hhhhhh) d-drittijiet u l-obbligi tal-~~Komunità~~⌦ Unjoni ⌫ fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi li jirriżultaw taħt id-dritt internazzjonali, inkluż kull ftehim konkluż ma' xi pajjiż terz jew aktar li għalih ~~il-Komunità~~⌦ l-Unjoni ⌫ hija parti u li jkun indirizza l-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

8. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha, f'perjodu ta' xahrejn wara l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-Paragrafu 6, tadotta d-deċiżjoni finali tagħha dwar iċ-ċertifikazzjoni. Meta tadotta d-deċiżjoni finali tagħha l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tieħu l-akbar kont tal-opinjoni tal-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ l-Istati Membri għandhom ikollhom id-dritt li jirrifjutaw iċ-ċertifikazzjoni fejn l-għoti ta' ċertifikazzjoni tqiegħed f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġiji tal-Istati Membri jew is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ta' Stat Membru ieħor. Fejn l-Istat Membru jkun ħatar awtorità kompetenti oħra biex tivvaluta l-punt (b) tal-Paragrafu 3, huwa jista' jesiġi li l-awtorità regolatorja nazzjonali tadotta d-deċiżjoni finali tagħha konformement mal-valutazzjoni ta' dik l-awtorità kompetenti. Id-deċiżjoni finali tal-awtorità regolatorja nazzjonali u l-opinjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu ppubblikati flimkien. Fejn id-deċiżjoni finali tvarja mill-opinjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi u jippubblika, flimkien ma' dik id-deċiżjoni, ir-raġunar għal dik id-deċiżjoni.

9. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jaffettwa d-dritt tal-Istati Membri li, konformement mal-liġi ~~Komunitarja~~⌦ tal-Unjoni ⌫, jeżerċitaw kontrolli legali nazzjonali biex iħarsu interessi leġittimi tas-sigurtà pubblika.

~~10. Il-Kummissjoni tista' tadotta Linji gwida li jistabbilixxu id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 46(2).~~

10. ~~10~~. Dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-punt (a) tal-Paragrafu 3, għandu japplika wkoll għal Stati Membri li huma suġġetti għal deroga taħt l-Artikolu 66~~44~~.

⇩ ġdid

Artikolu 54

Sjieda tal-ħżin u l-forniment ta' servizzi ančillari minn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni

1. L-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni m'għandhomx jitħallew jippossjedu, jamministraw jew joperaw faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija u m'għandhomx jippossjedu direttament jew jikkontrollaw indirettament assi li jipprovdu servizzi ančillari.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jippossjedu, jamministraw jew joperaw faċilitajiet tal-ħżin jew assi li jipprovdu servizzi ančillari mhux tal-frekwenza jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin;

(iiiiii) partijiet oħra, wara proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa u trasparenti, ma jkunux esprimew l-interess tagħhom biex jippossjedu, jikkontrollaw, jamministraw jew joperaw faċilitajiet bħal dawn li joffru l-ħżin u jew servizzi ančillari mhux tal-frekwenza lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(jjjjjj) dawn il-faċilitajiet u servizzi ančillari mhux tal-frekwenza huma meħtieġa biex l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont din id-

Direttiva għat-tħaddim effiċjenti, affidabbli u sikur tas-sistema tat-trażmissjoni u ma jintużawx biex l-elettriku jinbiegħ fis-suq; u

(kkkkkk) l-awtorità regolatorja evalwat il-ħtieġa għal deroga bħal din filwaqt li qieset il-kundizzjonijiet tal-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, u tat l-approvazzjoni tagħha.

3. Id-deċiżjoni li tingħata deroga għandha tiġi notifikata lill-Aġenzija u l-Kummissjoni flimkien mal-informazzjoni rilevanti dwar it-talba u r-raġunijiet għall-għoti tad-deroga.

4. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu, f'intervalli regolari ta' mhux inqas minn ħames snin, iwettaq konsultazzjoni pubblika għas-servizzi meħtieġa ta' ħżin sabiex jivvaluta l-interess potenzjali tal-partijiet fis-suq li jinvestu f'faċilitajiet bħal dawn u jtemm l-attivitajiet ta' ħżin tiegħu fil-każ li partijiet terzi jistgħu jipprovdu s-servizz b'mod kosteffikaċi.

🡻 2009/72/KE (adattat)

~~KAPITOLU VII~~ Taqsima 5
Separazzjoni u trasparenza tal-kontijiet

Artikolu 55 ~~30~~
Dritt ta' aċċess għall-kontijiet

1. L-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jaħtru, inklużi l-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 57~~35~~, għandhom, sa fejn meħtieġ biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, ikollhom id-dritt ta' aċċess għall-kontijiet tal-impriżi tal-elettriku kif stabbilit fl-Artikolu 56~~35~~.

2. L-Istati Membri u kwalunkwe awtorità kompetenti maħtura, inklużi l-awtoritajiet regolatorji għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu għall-iżvelar ta' din l-informazzjoni fejn dan huwa meħtieġ sabiex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

Artikolu 56 ~~31~~
Separazzjoni tal-kontijiet

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-kontijiet tal-impriżi tal-elettriku jinżammu konformement mal-paragrafi 2 u 3.

2. L-impriżi tal-elettriku, irrispettivament mis-sistema tas-sjieda ~~ta' proprjetà~~ jew forma legali tagħhom, għandhom ifasslu, jissottomettu għall-verifika u jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom skont ir-regoli tal-liġi nazzjonali dwar il-kontijiet annwali ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata adottata skont ⌦ id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] ⌫ ~~ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill~~

[57] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta'

~~78/660/KEE tal- 25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 44(2)(g) [[58]] tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji [21].[59]~~

Impriżi li ma jkunux obbligati legalment biex jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom għandhom iżommu kopja ta' dawn għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fil-kwartieri ġenerali tagħhom.

3. L-impriżi tal-elettriku għandhom, fis-sistema interna tagħhom ta' kif jinżammu l-kontijiet, iżommu kontijiet separati għal kull waħda mill-attivitajiet ta' trażmissjoni u distribuzzjoni li huma jwettqu daqs li kieku kellhom jagħmlu hekk jekk l-attivitajiet in kwistjoni kellhom jitwettqu minn impriżi separati, bil-ħsieb li jkunu evitati d-diskriminazzjoni, l-intersussidjarjetà u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Dawn għandhom iżommu wkoll il-kontijiet, li jistgħu jkunu konsolidati, għal attivitajiet oħra tal-elettriku li ma jkunux marbuta mat-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni. ~~Sa l-1 ta' Lulju 2007, dawn għandhom iżommu kontijiet separati dwar attivitajiet ta' provvista għall-klijenti eliġibbli u dwar attivitajiet ta' provvista għall-klijenti li ma jkunux eliġibbli.~~ Il-qligħ mill-proprjetà tas-sistema tat-trażmissjoni jew distribuzzjoni għandu jkun speċifikat fil-kontijiet. Fejn ikun xieraq, dawn għandhom iżommu kontijiet konsolidati għal attivitajiet oħra li ma jkunux tal-elettriku. Il-kontijiet interni għandhom jinkludi balance sheet u kont ta' qligħ u telf għal kull attività.

4. Il-verifika msemmija fil-Paragrafu 2 għandha, b'mod partikolari, tivverifika li l-obbligu biex ikunu evitati d-diskriminazzjoni u l-inter-sussidjarjetà msemmija fil-Paragrafu 3, ikun rispettat.

~~KAPITOLU VIII~~

~~ORGANIZZAZZJONI TA' AĊĊESS GĦAS-SISTEMA~~

KAPITOLU VII ~~IX~~
AWTORITAJIET REGOLATORJI NAZZJONALI

↓ 2009/72/KE (adattat)

Artikolu 57~~35~~
Ħatra u indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità regolatorja nazzjonali waħda fil-livell nazzjonali.

ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

58 ~~It-titolu tad-Direttiva 78/660/KEE ġie aġġustat biex jittieħed kont tar-rinumerazzjoni tal-Artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunità Ewropea taħt l-Artikolu 12 tat-Trattat ta' Amsterdam; ir-referenza oriġinali kienet għall-Artikolu 54(3)(g).~~

59 ~~ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.~~

2. Il-Paragrafu 1 ta' dan l-~~Artikolu~~ għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħatra ta' awtoritajiet regolatorji oħrajn fil-livell reġjonali fl-Istati Membri, sakemm ikun hemm rappreżentant superjuri wieħed għall-finijiet ta' rappreżentanza u kuntatt fil-livell ~~Komunitarju~~⌦ tal-Unjoni ⌫ fil-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija konformement mal-Artikolu 22~~14~~(1) tar-[Riformulazzjoni tar-Regolament 713/2009, kif propost mill-COM(2016)863/2].

3. B'deroga mill-Paragrafu 1 ~~ta' dan l-Artikolu~~, Stat Membru jista' jaħtar awtoritajiet regolatorji għal sistemi żgħar fuq reġjun ġeografikament separat li fis-sena 2008 jkollu konsum ta' anqas minn 3 % tal-konsum totali tal-Istat Membru li minn u jagħmel parti. Din id-deroga għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-ħatra ta'rappreżentant superjuri wieħed għall-finijiet ta' rappreżentanza u kuntatt fil-livell ~~Komunitarju~~⌦ tal-Unjoni ⌫ fil-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija konformement mal-Artikolu 22~~14~~(1) tar-[Riformulazzjoni tar-Regolament 713/2009, kif propost mill-COM(2016)863/2].

4. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtorità regolatorja u jiżguraw li din teżerċita is-setgħat tagħha b'mod imparzjali u trasparenti. Għal dan il-għan, l-Istati Membru għandu jiżgura li, meta twettaq il-kompiti regolatorji kkonferiti fuqha permezz ta' din id-Direttiva u leġiżlazzjoni relatata, l-awtorità regolatorja:

(llllll) tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra;

(mmmmmm) għandha tiżgura li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha:

(i) jaġixxu b'mod indipendenti minn kwalunkwe interess tas-suq; u

(ii) ma jitolbux jew jieħdu istruzzjonijiet diretti mill-ebda gvern jew entità pubblika jew privata oħra fit-twettiq tal-kompiti regolatorji. Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għall-kooperazzjoni mill-qrib, fejn ikun il-każ, ma' awtoritajiet nazzjonali oħra relevanti jew għal-linjigwida ġenerali ta' politika maħruġa mill-gvern li ma jkunux relatati mad-dmirijiet u setgħat regolatorji taħt l-Artikolu 59~~37~~.

5. Sabiex tkun protetta l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li:

(nnnnnn) l-awtorità regolatorji jistgħu jieħdu deċiżjonijiet awtonomi, b'mod indipendenti minn kwalunkwe entità politika, u jkollha allokazzjonijiet annwali separati tal-baġit, b'awtonomija fl-implimentazzjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit allokat, u riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom; u

(oooooo) il-membri tal-Bord tal-Awtorità Regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, l-eżekuttiv għoli tal-awtorità regolatorja għandhom jinħatru għal terminu fiss ta' minn 5 sa 7 snin, li jista' jiġġedded darba biss;

⇩ ġdid

(pppppp) il-membri tal-bord tal-awtorità regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, l-eżekuttiv għoli tal-awtorità regolatorja, jinħatar abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u ppubblikati, fi proċedura indipendenti u imparzjali, li tiżgura li l-kandidati jkollhom

il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa għal kwalunkwe pożizzjoni relevanti fl-awtorità regolatorja nazzjonali u li jkun soġġett għal seduti ta' smigħ quddiem il-parlament;

(qqqqqq) ikun hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet għall-kunflitt ta' interess u li l-obbligi ta' kunfidenzjalità jmorru lil hinn mill-mandat tal-membri tal-bord tal-awtorità regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, l-eżekuttiv għoli tal-awtorità regolatorja fl-awtorità regolatorja nazzjonali;

(rrrrrr) il-membri tal-Bord tal-Awtorità Regolatorja jew, fin-nuqqas ta' bord, l-eżekuttiv għoli tal-awtorità jista' jitkeċċa biss abbażi ta' kriterji trasparenti stabbiliti.

↓ 2009/72/KE

Fir-rigward tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw skema ta' rotazzjoni adegwata għall-bord jew għall-eżekuttiv għoli. Il-membri tal-bord jew, fin-nuqqas ta' bord, il-membri tal-eżekuttiv għoli jistgħu biss jitneħħew mill-kariga matul il-mandat tagħhom jekk ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jew jekk jinsabu ħatja ta' mġiba ħażina skont il-liġi nazzjonali.

↓ 2009/72/KE (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu 5836

Objettivi ġenerali tal-awtoritajiet regolatorji

Fit-twettiq tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jinkisbu l-objettivi li ġejjin fil-qafas tal-kompiti u s-setgħat tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 5937, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali konċernati oħra inklużi awtoritajiet tal-kompetizzjoni⇨ u awtoritajiet minn pajjiżi ġirien, inklużi pajjiżi terzi ⇦, fejn ikun xieraq, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom:

(ssssss) il-promozzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija, l-awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri oħrajn u l-Kummissjoni, ta' suq intern fl-elettriku li jkun kompetittiv, ⇨ flessibbli,⇦ sikur u ambjentalment sostenibbli fi ħdan il-Komunità⌦ l-Unjoni ⌫, u ftuħ effettiv fis-suq għall-konsumaturi u l-fornituri kollha tal-Komunità⌦ Unjoni ⌫ kif ukoll li jkunu żgurati kondizzjonijiet adegwati għat-tħaddim effettiv u affidabbli tan-netwerks tal-enerġija, meta jitqiesu l-objettivi fuq medda twila ta' żmien;

(tttttt) l-iżvilupp ta' swieq reġjonali ⇨transkonfinali,⇦ kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb fil-Komunità⌦ fl-Unjoni ⌫ sabiex jinkiseb l-għan imsemmi fil-punt (a);

(uuuuuu) l-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fl-elettriku bejn l-Istati Membri, inkluż l-iżvilupp ta' kapaċitajiet adatti ta' trażmissjoni transkonfinali biex tiġi sodisfatta d-domanda u tittejjeb l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali li jistgħu jiffaċilitaw il-flussi tal-elettriku fil-Komunità⌦ fl-Unjoni ⌫;

(vvvvvv) tingħata għajnuna fil-kisba, bl-iktar mod effikaċi, tal-iżvilupp ta' sistemi mhux diskriminatorji sikuri, affidabbli u effiċjenti li jkunu orjentati lejn il-konsumaturi, u l-

promozzjoni ta' adegwatezza fis-sistemi u, bi qbil mal-objettivi ġenerali tal-politika tal-enerġija, effiċjenza tal-enerġija kif ukoll l-integrazzjoni ta' produzzjoni tal-elettriku fuq skala kbira u żgħira minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u ġenerazzjoni mqassma kemm fin-network tat-trażmissjoni kif ukoll f'dak tad-distribuzzjoni ⇨ u fil-faċilitazzjoni tat-tħaddim tagħhom fir-rigward ta' netwerks oħra tal-enerġija tal-gass jew tas-sħana ⇦ ;

(wwwwww) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għan-network għal kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida ⇨ u faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija ⇦ , b'mod partikolari t-tneħħija ta' ostakoli li jistgħu jimpedixxu d-dħul għal kompetituri ġodda fis-suq u ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(xxxxxx) jiġi żgurat li l-operaturi tas-sistema u l-utenti tas-sistema jingħataw inċentivi xierqa, kemm għall-perjodu qasir kif ukoll għal dak fit-tul, sabiex tiżdied l-effiċjenza ⇨ , b'mod speċjali l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ⇦ fil-prestazzjoni tan-network u titrawwem l-integrazzjoni tas-suq;

(yyyyyy) ~~(g)~~ jiġi żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw permezz tal-funzjonament effiċjenti tas-suq nazzjonali tagħhom, waqt li tkun promossa kompetizzjoni effettiva u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur;

(zzzzzz) ~~(h)~~ tingħata għajnuna fil-kisba ta' standards għolja ta' servizz universali u pubbliku fil-provvista tal-enerġija, filwaqt li jsir kontribut għall-ħarsien tal-klijenti vulnerabbli u għall-kompatibilità tal-proċessi neċessarji ta' skambju tad-dejta għall-bidla tal-konsumaturi.

Artikolu 59 ~~37~~

Dmirijiet u setgħat tal-awtoritajiet regolatorji

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom id-dmirijiet li ġejjin:

(aaaaaaa) li jiffissaw jew japprovaw ~~l-iffissar jew l-approvazzjoni~~, bi qbil mal-kriterji ta' trasparenza, tariffi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni ~~jew~~ ⌦ u ⌫l-metodoloġiji tagħhom;

(bbbbbbb) li jiżguraw il-konformità tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u distribuzzjoni, u, meta dan ikun relevanti, il-proprjetarji tas-sistema, kif ukoll kwalunkwe impriża tal-elettriku ⇨ u parteċipanti oħra fis-suq, ⇦, mal-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva ⇨ , ir-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2], il-kodiċijiet tan-netwerk tadottati skont l-Artikolu 54 u 55 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] u l-linjigwida adottati skont l-Artikolu 57 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] ⇦u taħt leġiżlazzjoni relevanti oħra tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫, inkluż f'dak li jirrigwarda l-kwistjonijiet transkonfinali;

⇩ ġdid

(ccccccc) li japprovaw il-prodotti u l-proċess ta' akkwist għal servizzi anċillari mhux tal-frekwenza;

(ddddddd) li jimplimentaw il-kodiċijiet tan-netwerk u l-linjigwida adottati skont l-Artikoli 54 sa 57 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-

COM(2016)861/2] permezz ta' miżuri nazzjonali jew fejn ikun meħtieġ, miżuri kkoordinati reġjonali jew fl-Unjoni kollha.

🡻 2009/72/KE
⇨ ġdid

(eeeeeee) ~~e)~~ li jikkooperaw ~~kooperazzjoni~~ dwar kwistjonijiet transkonfinali mal-awtorità jew l-awtoritajiet regolatorji ta' dawk l-Istati Membri u mal-Aġenzija ⇨ , b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni fix-xogħol tal-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija skont l-Artikolu 22 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2]⇦;

(fffffff) ~~d)~~ li jikkonformaw ma', u jimplimentaw, kwalunkwe deċiżjoni legalment obbligatorja relevanti tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni;

⇩ ġdid

(ggggggg) jiżguraw li l-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni jkunu disponibbli safejn ikun possibli skont l-Artikolu 14 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2]

🡻 2009/72/KE (adattat)

(hhhhhhh) ~~e)~~ jirrapportaw kull sena lill-awtoritajiet relevanti tal-Istati Membri, lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni dwar l-attività tagħhom u l-qadi ta' dmirijiethom. Dawn ir-rapporti għandu jkopri l-passi kollha li ttieħdu u r-riżultati li nkisbu fir-rigward ta' kull wieħed mill-kompiti elenkati f'dan l-Artikolu;

(iiiiiii) ~~f)~~ jiżguraw li ma jkunx hemm sussidji sovrastanti bejn l-attivitajiet ta' trażmissjoni, distribuzzjoni u provvista;

(jjjjjjj) ~~g)~~ jissorveljaw il-pjanijiet ta' investiment tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni, u jipprovdu fir-rapport annwali tagħhom valutazzjoni tal-pjanijiet ta' investiment tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni fir-rigward tal-konsistenza tagħhom mal-pjan għall-iżvilupp tan-network f~~il-Komunità~~⌧ l-Unjoni ⌫ kollha taħt l-Artikolu ~~8(3(b)~~ 27(1)(b) tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] ~~Regolament (KE) Nru 714/2009;~~ evalwazzjoni bħal din tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet biex jiġu emendati dawn il-pjanijiet ta' investiment;

⇩ ġdid

(kkkkkkk) ikejlu l-prestazzjoni tal-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni u tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' grilja intelliġenti li tippromwovi l-effiċjenza tal-enerġija u l-integrazzjoni tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli abbażi ta' sett limitat ta' indikaturi mifruxa fl-Unjoni kollha, u jippubblikaw rapport nazzjonali kull sentejn, li jkun jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib fejn meħtieġ;

⬇ 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

(lllllll) ~~h)~~ jistabbilixxu jew japprovaw standards u rekwiżiti għall-kwalità tas-servizz u tal-forniment jew jikkontribwixxu għalihom, flimkien ma' awtoritajiet kompetenti oħra u jissorveljaw il-konformità u jirrevedu l-prestazzjoni ~~passata~~ fl-imgħoddi tas-sigurtà tan-netwerk u r-regoli ta' affidabilità u ~~tat-twaqqif jew l-approvazzjoni ta' standards u rekwiżiti ta' kwalità ta' servizz u l-provvista jew il-kontribuzzjoni għal dan flimkien ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn~~;

(mmmmmmm) ~~i)~~ jissorveljaw il-livell ta' trasparenza, inkluż tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa, u jiżguraw il-konformità mal-obbligi ta' trasparenza min-naħa tal-impriżi tal-elettriku;

(nnnnnnn) ~~j)~~ jissorveljaw il-livell u l-effettività ta' ftuħ tas-suq u ta' kompetizzjoni fil-livelli tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, inklużi l-iskambji tal-elettriku, il-prezzijiet għall-klijenti domestiċi inklużi s-sistemi ta' ħlas minn qabel, ir-rati tas-switching, ir-rati ta' skonnessjoni, it-tariffi u t-twettiq ta' servizzi ta' manutenzjoni, u lmenti tal-klijenti domestiċi, kif ukoll kwalunkwe distorsjoni jew restrizzjoni tal-kompetizzjoni, anke billi jipprovdu kull informazzjoni relevanti, filwaqt li jirriferu kwalunkwe każ relevanti għall-attenzjoni tal-awtoritajiet relevanti dwar il-kompetizzjoni;

(ooooooo) ~~k)~~ jissorveljaw ~~il-monitoraġġ~~ ta' prattiċi kuntrattwali restrittivi, inkluż klawżoli ta' esklussività, li jistgħu jimpedixxu konsumaturi mhux domestiċi milli jagħmlu kuntratt fl-istess ħin ma' iktar minn fornitur wieħed jew li jirrestrinġu l-għażla tagħhom li jagħmlu dan, u fejn xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni bi prattiċi bħal dawn;

~~l) ir-rispett tal-libertà kuntrattwali fir-rigward ta' kuntratti kontinwi ta' provvista kif ukoll fir-rigward ta' kuntratti fuq medda twila ta' żmien sakemm dawn ikunu kumpatibbli mal-liġi Komunitarja u konsistenti mal-politiki tal-Komunità;~~

(ppppppp) ~~m)~~ jissorveljaw iż-żmien li jittieħed minn operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni biex isiru konnessjonijiet u tiswijiet;

(qqqqqqq) ~~n)~~ li jiżguraw ~~iżgurar~~, flimkien ma' awtoritajiet relevanti oħra, li l-miżuri ta' ħarsien tal-konsumaturi, ~~inklużi dawk imniżżla fl-Anness I~~, jkunu effettivi u infurzati;

(rrrrrrr) ~~o)~~ jippubblikaw rakkomandazzjonijiet, għall-anqas kull sena, dwar il-konformità tal-prezzijiet tal-provvista mal-Artikolu 5 ~~3~~, u jibagħtu dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti meta dan ikun xieraq;

(sssssss) ~~p)~~ jiżguraw l-aċċess għad-dejta dwar il-konsum tal-klijent, il-forniment, għal użu fakultattiv, ta' format armonizzat li jinftiehem faċilment fil-livell nazzjonali għad-dejta dwar il-konsum u l-aċċess malajr għad-dejta għall-konsumaturi kollha ⌦ skont l-Artikoli 23 u 24 ⌫ ~~konformement mal-punt (h) tal-Anness I~~;

(ttttttt) ~~q)~~ jissorveljaw l-implimentazzjoni tar-regoli relatati mar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni, tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, tal-fornituri u tal-klijenti u ta' partijiet oħrajn fis-suq skont ir-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] ~~Regolament (KE) Nru 714/2009;~~

(uuuuuuu) ~~r)~~ jissorveljaw l-investiment fil-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni ⇨ u ta' ħżin ⇦ fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista;

(vvvvvvv) ~~(s)~~ jissorveljaw il-kooperazzjoni teknika bejn ~~il-Komunità~~⌦ l-Unjoni ⌫ u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni ta' pajjiż terz;

~~v) jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja kif imsemmi fl-Artikolu 42; u~~

(wwwwwww) ~~il-kontribut~~ jikkontribwixxu għall-kompatibilità ta' proċessi ta' skambju ta' dejta għall-proċessi tas-suq l-aktar importanti fuq livell reġjonali.

⇩ ġdid

(xxxxxxx) jissorveljaw id-disponibbiltà ta' siti web tat-tqabbil, li jinkludu għodod għat-tqabbil li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14 u l-Anness I.

🡻 2009/72/KE

2. Meta Stat Membru jkun ipprovda hekk, id-doveri tas-sorveljanza stipulati fil-Paragrafu 1 jistgħu jitwettqu minn awtorità oħra barra l-awtorità regolatorja. F'każ bħal dan, l-informazzjoni li tirriżulta minn dan il-monitoraġġ għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità regolatorja kemm jista' jkun malajr.

Filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom stess u b'mod konsistenti mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, l-awtoritajiet regolatorji għandhom, fejn ikun il-każ, jikkonsultaw mal-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u, fejn ikun il-każ, jikkooperaw mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali relevanti oħra fit-twettiq tad-dmirijiet stabbiliti fil-Paragrafu 1.

Kwalunkwe approvazzjoni mogħtija minn awtorità regolatorja jew mill-Aġenzija taħt din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe użu futur debitament ġustifikat tas-setgħat tagħhom mill-awtoritajiet regolatorji taħt dan l-Artikolu jew għal kwalunkwe penali imposta minn awtoritajiet relevanti oħra jew mill-Kummissjoni.

🡻 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

3. ~~4.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji jingħatawlhom is-setgħat li jippermettulhom iwettqu l-kompiti msemmija ⌦ f'dan l-Artikolu ⌫~~fil-paragrafi 1, 3 u 6~~ b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom għall-anqas dawn is-setgħat:

(yyyyyyy) li jimponu deċiżjonijiet obbligatorji fuq l-impriżi tal-elettriku;

(zzzzzzz) li jwettqu investigazzjonijiet fil-funzjonament tas-swieq tal-elettriku, u li jiddeċiedu u jimponu kwalunkwe miżura meħtieġa u proporzjonata għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva u jiżguraw il-funzjonament korrett tas-suq. Fejn ikun opportun, l-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom ukoll is-setgħa li jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni u mar-regolaturi tas-swieq

finanzjarji jew mal-Kummissjoni fit-twettiq ta' investigazzjoni relatata mal-liġi tal-kompetizzjoni;

(aaaaaaaa) li jitolbu kwalunkwe informazzjoni mill-impriżi tal-elettriku li tkun rilevanti għall-qadi tad-dmirijiet tagħha, inkluża l-ġustifikazzjoni għal kull rifjut ta' aċċess għall-partijiet terzi, u kull informazzjoni dwar miżuri meħtieġa biex jissaħħaħ in-netwerk;

(bbbbbbbb) li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq impriżi tal-elettriku li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva jew kwalunkwe deċiżjoni relevanti legalment obbligatorja tal-awtoritajiet regolatorji jew tal-Aġenzija, jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi dawn il-penali. Dan għandu jinkludi s-setgħa li jimponu, jew li jipproponu l-impożizzjoni ta' penali sa 10 % tal-fatturat annwali tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fuq l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew sa 10 % tat-turnover annwali tal-impriża integrata vertikalment fuq l-impriża integrata vertikalment, fejn ikun il-każ, għal non-konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom taħt din id-Direttiva; u

(cccccccc) drittijiet xierqa ta' investigazzjonijiet u s-setgħat relevanti ta' istruzzjonijiet għar-riżoluzzjoni ta' disputi taħt ~~il-paragrafi 11 u 12~~ l-Aritkolu 60 (2) u (3).

4. ~~3.~~ Addizzjonalment għad-dmirijiet mogħtija lilhom taħt il-Paragrafu 1 u 3ta' dan l-Artikolu, meta operatur ta' sistema indipendenti jkun ġie maħtur taħt l-Artikolu 44 ~~13~~, l-awtoritajiet regolatorji għandhom:

(dddddddd) jissorveljaw il-konformità tal-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni u tal-operatur tas-sistema indipendenti mal-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu, u jimponu penali għan-nuqqas ta' konformità skont il-punt (d) tal-paragrafu 3 ~~4~~;

(eeeeeeee) jissorveljaw ir-relazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet bejn l-operatur tas-sistema indipendenti u l-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-operatur tas-sistema indipendenti mal-obbligi tiegħu, u b'mod partikolari għandhom japprovaw kuntratti u jaġixxu bħala l-awtorità għar-riżoluzzjoni ta' disputi bejn l-operatur tas-sistema indipendenti u l-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni fir-rigward ta' kwalunkwe lment imressaq minn kwalunkwe wieħed minnhom taħt il-paragrafu 11;

(ffffffff) bla ħsara għall-proċedura skont l-Artikolu 44 ~~13(~~2)(c), għall-ewwel pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network, japprovaw l-ippjanar tal-investimenti u l-pjan pluriennali għall-iżvilupp tan-network preżentati ⇨ talanqas darba kull sentejn ⇦ ~~fuq bażi annwali~~ mill-operatur tas-sistema indipendenti;

(gggggggg) jiżguraw li t-tariffi tal-aċċess għan-network miġbura minn operaturi tas-sistema indipendenti jkunu jinkludu remunerazzjoni għall-proprjetarju tan-network jew il-proprjetarji tan-network li tipprovdi kumpens adegwat għall-użu tal-assi tan-network u ta' kwalunkwe investiment ġdid fihom, sakemm ikunu magħmula ekonomikament u b'mod effiċjenti;

(hhhhhhhh) ikollhom s-setgħat li jwettqu ispezzjonijiet, inklużi uħud mhux imħabbra fil-bini tal-proprjetarju tas-sistema tat-trażmissjoni u tal-operatur tas-sistema indipendenti; u

(iiiiiiii) jissorveljaw l-użu ta' drittijiet ta' konġestjoni miġbura mill-operatur ta' sistema indipendenti taħt [l-Artikolu 17(2)~~16(6)~~ tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2]

5. Addizzjonalment għad-dmirijiet mogħtija u s-setgħat konferiti lilhom taħt il-paragrafi 1 u 3~~4~~ ta’ dan l-Artikolu, meta operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jkun inħatar skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu VI~~V~~, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jingħataw għall-anqas id-dmirijiet u s-setgħat li ġejjin:

(jjjjjjj) li jimponu penali taħt il-~~punt (d) tal-Paragrafu 4~~ ⌦ paragrafu 3d ⌫ għal kondotta diskriminatorja favur l-impriża integrata vertikalment;

(kkkkkkk) jissorveljaw il-komunikazzjonijiet bejn l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni u l-impriża integrata vertikalment sabiex tkun żgurata l-konformità tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni mal-obbligi tiegħu;

(lllllll) jaġixxu bħala awtoritajiet għar-riżoluzzjoni ta’ disputi bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fir-rigward ta’ kull ilment preżentat taħt l-Artiklu 60(2~~) il-paragrafu 11~~;

(mmmmmmmm) jissorveljaw ir-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji inkluż is-self bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni;

(nnnnnnnn) japprovaw kull relazzjoni kummerċjali u finanzjarja bejn l-impriża integrata vertikalment u l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni bil-kondizzjoni li dawn jikkonformaw mal-kondizzjonijiet tas-suq;

(oooooooo) jesiġu ġustifikazzjoni mill-impriża integrata vertikalment meta jiġu notifikati mill-uffiċjal għall-konformità taħt l-Artikolu 50~~21~~(4). Din il-ġustifikazzjoni għandha tinkludi, b’ mod partikolari, l-evidenza li ma seħħet ebda kondotta diskriminatorja għall-vantaġġ tal-impriża integrata vertikalment;

(pppppppp) iwettqu ispezzjonijiet, inklużi dawk mhux imħabbra, fuq il-post tal-impriża integrata vertikalment u tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni; u

(qqqqqqqq) jassenjaw il-kompiti kollha jew dawk speċifiċi tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni lil operatur tas-sistema indipendenti maħtur taħt l-Artikolu 44~~13~~ f’każ ta’ ksur persistenti mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni tal-obbligi tiegħu taħt din id-Direttiva, partikolarment fil-każ ta’ kondotta diskriminatorja ripetuta għall-benefiċċju tal-impriża integrata vertikalment.

6. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ⇨, ħlief f’każijiet fejn l-aġenzija hija kompetenti biex tistipula u tapprova t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u l-linjigwida skont il-Kapitolu VII tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] skont l-Artikolu 5(2) tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] minħabba n-natura kkoordinata tagħhom, ⇦ikunu responsabbli għall-iffissar jew l-approvazzjoni fi żmien biżżejjed qabel ma jidħlu fis-seħħ għall-inqas tal-metodoloġiji ⇨ nazzjonali ⇦ użati sabiex jiġu kkalkulati jew stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet għal:

(rrrrrrr) il-konnessjoni u l-aċċess għan-netwerks nazzjonali, inklużi t-tariffi għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni jew il-metodoloġiji tagħhom. Dawk it-tariffi jew il-metodoloġiji, għandhom jippermettu li l-investimenti meħtieġa fin-netwerks jsiru b’mod li jippermetti lil dawk l-investimenti jiżguraw il-vijabbiltà tan-netwerks;

(ssssssss) il-provvediment ta’ servizzi ~~ta’ bilanċjar~~ ⇨ anċillari ⇦ li għandhom jitwettqu bil-mod l-aktar ekonomiku possibbli u jipprovdu inċentivi xierqa biex l-utenti tan-netwerk jibbilanċjaw l-input u l-offtakes tagħhom. Is-servizzi ta’ ~~ta’ bilanċjar~~ ⇨ anċillari ⇦ għandhom jingħataw b’mod ġust u mhux diskriminatorju u jkunu msejsa fuq kriterji oġġettivi; u

(ttttttt) aċċess għal infrastrutturi transkonfinali, inklużi l-proċeduri għall-allokazzjoni ta' kapaċità u l-immaniġġjar tal-konġestjoni.

7. Il-metodoloġiji jew it-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom ikunu ppubblikati.

~~8. Meta jkunu qed jistipulaw jew japprovaw it-tariffi jew il-metodoloġiji u s-servizzi ta' bilanċjar, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw li l-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni jingħataw inċentiva adegwata, kemm fil-perjodu qasir kif ukoll għal fit-tul, biex iżidu l-effiċjenzi, irawmu l-integrazzjoni tas-suq u s-sigurtà tal-provvista u jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka relatati.~~

⇩ ġdid

8. Bil-għan għan li tiżdied it-trasparenza fis-suq u l-partijiet ikkonċernati kollha jkollhom l-informazzjoni, deċiżjonijiet jew proposti meħtieġa għal deċiżjoni dwar it-tariffi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 60(3), l-awtoritajiet regolatorji għandhom jagħmlu disponibbli għall-parteċipanti fis-suq il-metodoloġija dettaljata u l-kostijiet sottostanti użati għall-kalkolu tat-tariffi rilevanti tan-netwerk.

🡻 2009/72/KE

9. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jimmoniterjaw l-immaniġġjar tal-konġestjoni tas-sistemi nazzjonali tal-elettriku inklużi l-interkonnessjonijiet, kif ukoll l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-immaniġġjar tal-konġestjoni. Għal dak il-għan, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni jew l-operaturi tas-suq għandhom iressqu r-regoli tagħhom dwar l-immaniġġjar tal-konġestjoni, anke dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jitolbu emendi għal dawn ir-regoli.

🡻 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 60 ~~37~~

⌦ Deċiżjonijiet u lmenti ⌫

1. ~~10.~~ L-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom l-awtorità li jirrikjedu lil operaturi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, jekk meħtieġ, li jimmodifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet, inklużi t-tariffi u l-metodoliġiji msemmija f~~'dan~~l-Artikolu ⌦ 59 ⌫ , biex jaċċertaw li huma proporzjonati u applikati b'mod mhux diskriminatorju ⇨ , f'konformità mal-Artikolu 16 tar-[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] ⇦. F'każ ta' dewmien rigward l-iffissar tat-tariffi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, l-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom is-setgħa li jiffissaw jew japprovaw tariffi jew metodoloġiji provviżorji ta' trażmissjoni u distribuzzjoni u li jiddeċiedu dwar il-miżuri xierqa ta' kumpens fil-każ li t-tariffi jew il-metodoloġiji finali ta' trażmissjoni u distribuzzjoni jiddevjaw minn dawn it-tariffi jew metodoloġiji provviżorji.

2. ~~11.~~ Kwalunkwe parti li jkollha lment kontra operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jew distribuzzjoni b'rabta mal-obbligi ta' dak l-operatur skont din id-Direttiva, tista' tirreferi l-ilment lill-awtorità regolatorja li, waqt li tkun qed taġixxi bħala awtorità li ssolvi t-tilwim, għandha tagħti deċiżjoni fi żmien perjodu ta' xahrejn minn wara li din tkun irċeviet l-ilment. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn tkun qed tintalab informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet regolatorji. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż bil-qbil tal-persuna li tkun għamlet l-ilment. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja għandha jkollha effett obbligatorju kemm-il darba u sakemm tiġi rrevokata b'appell.

3. ~~12.~~ Kwalunkwe parti li tkun affettwata u li jkollha d-dritt li tressaq ilment dwar deċiżjoni fuq metodoloġiji meħuda skont ~~dan~~ l-Artikolu ⌦ 59 ⌫ jew, fejn l-awtorità regolatorja jkollha l-obbligu li tikkonsulta ruħha dwar it-tariffi jew il-metodoloġiji proposti, din tista', minn talanqas fi żmien xahrejn, jew f'perjodu iqsar kif deċiż mill-Istati Membri, wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew il-proposta għad-deċiżjoni, tissottometti l-ilment għall-istħarriġ. Tali lment ma għandux ikollu effett sospensiv.

4. ~~13.~~ L-Istati Membri għandhom joħolqu mekkaniżmi adatt u effiċjenti għar-regolament, kontroll u trasparenza sabiex jiġi evitat abbuż ta' pożizzjoni dominanti, b'mod partikolari bi żvantaġġ għall-konsumaturi, u kwalunkwe aġir predatorju. Dawk il-mekkaniżmi għandhom jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 102 ~~82~~ tiegħu.

5. ~~14.~~ L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li jittieħdu l-passi adatti, inklużi azzjoni amministrattiva jew proċeduri kriminali b'mod konformi mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli fejn ma jkunux ġew rispettati r-regoli tal-kunfidenzjalità imposti minn din id-Direttiva.

6. ~~15.~~ L-ilmenti msemmija fil-paragrafi 2 u 3~~11 u 12~~ għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżerċitu tad-drittijiet tal-appell taħt il-liġi ~~Komunitarja~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u/jew taħt il-liġi nazzjonali.

7. ~~16.~~ Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu motivati u ġustifikati għal kollox sabiex tkun tista' ssir reviżjoni ġuridika. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku filwaqt li tinżamm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva.

8. ~~17.~~ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi adatti fuq il-livell nazzjonali li taħthom, entità affettwata minn deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali regolatorja jkollha d-dritt tal-appell lil korp li huwa indipendenti mill-partijiet involuti u minn kull gvern.

Artikolu 61~~38~~

⌦ Kooperazzjoni reġjonali bejn ir-regolaturi dwar ⌫ ~~Reġim regolatorju~~ kwistjonijiet transkonfinali

1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkooperaw mill-qrib u jikkonsultaw flimkien ⇨ , b'mod partikolari fi ħdan l-Aġenzija, ⇦ u għandhom jipprovdu lil xulxin u lill-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jaqdu l-kompiti tagħhom taħt din id-Direttiva. Fir-rigward tal-informazzjoni li tiġi skambjata, l-awtorità riċeventi għandha tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħal dik meħtieġa mill-awtorità mittenti l-informazzjoni kkonċernata.

2. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jikkooperaw tal-anqas f'livell reġjonali sabiex:

(uuuuuuuu) jitħeġġeġ il-ħolqien ta' arranġamenti operattivi sabiex tkun possibbli l-aħjar ġestjoni tan-network, jiġu promossi skambji konġunti tal-elettriku u l-allokazzjoni ta' kapaċità transkonfinali, u sabiex ikun possibbli livell xieraq ta' kapaċità ta' interkonnessjoni, anke permezz ta' interkonnessjonijiet ġodda, fir-reġjun u bejn ir-reġjuni sabiex jitħalla lok għall-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva u t-titjib tas-sigurtà tal-provvista, bla ma jkun hemm diskriminazzjoni bejn l-intrapriżi tal-forniment fi Stati Membri differenti;

⇩ ġdid

(vvvvvvvv) jikkoordinaw is-superviżjoni konġunta tal-entitajiet li jeżerċitaw funzjonijiet fuq livell reġjonali;

(wwwwwwwww) jikkoordinaw, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet involuti l-oħra, s-superviżjoni konġunta tal-valutazzjonijiet tal-adegwatezza nazzjonali, reġjonali u fl-Ewropa kollha.

🡻 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

(xxxxxxxx) ikun ikkoordinat l-iżvilupp tal-kodiċijiet kollha tan-networks ⌦ u l-Linjigwida ⌫ għall-operaturi rilevanti tas-sistemi ta' trażmissjoni u għal parteċipanti oħra fis-suq; u

(yyyyyyyy) ikun ikkoordinat l-iżvilupp tar-regoli li jiggvernaw l-immaniġġjar tal-konġestjoni.

3. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandu jkollhom id-dritt li jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' xulxin sabiex titħeġġeġ il-kooperazzjoni regolatorja.

4. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitwettqu, fejn ikun il-każ, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali relevanti oħra u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom.

5. Il-Kummissjoni ~~tista'~~ ⌦ għandha s-setgħa ⌫ tadotta ⇨ atti delegati skont l-Artikolu 67 biex tistabbilixxi ⇦ ~~L~~linjigwida dwar il-limitu tal-kompiti tal-awtoritajiet regolatorji biex jikkooperaw flimkien u mal-Aġenzija. ~~Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 46(2).~~

⇩ ġdid

Artikolu 62

Dmirijiet u setgħat tal-awtoritajiet regolatorji fir-rigward ta' ċentri operazzjonali reġjonali

1. L-awtoritajiet regolatorji reġjonali taż-żona ġeografika fejn huwa stabbilit ċentru operazzjonali reġjonali għandhom, f'kooperazzjoni fil-qrib ma' xulxin:

(zzzzzzzz) japprovaw l-istatuti u r-regoli ta' proċedura;

(aaaaaaaaa) japprovaw il-baġit annwali;

(bbbbbbbbb) japprovaw il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod kooperattiv;

(ccccccccc) jivvalutaw jekk iċ-ċentru operazzjonali reġjonali għandux il-kompetenzi, ir-riżorsi u l-imparzjalità biex iwettaq il-funzjonijiet u l-kompiti mogħtija lilu, fosthom is-sigurtà, ir-responsabbiltà u l-arranġamenti ta' kontinġenza;

(ddddddddd) jiżguraw il-konformità tiegħu mal-obbligi skont din id-Direttiva u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet transkonfinali;

(eeeeeeeee) jissorveljaw it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom u jirrapurtaw kull sena lill-Aġenzija f'dan ir-rigward.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji jingħatawlhom is-setgħat li jippermettulhom iwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom għall-anqas dawn is-setgħat:

(fffffffff) li jitolbu informazzjoni minn ċentri operattivi reġjonali;

(ggggggggg) li jwettqu spezzjonijiet, inklużi dawk mhux imħabbra, fil-proprjetà taċ-ċentri operazzjonali reġjonali;

(hhhhhhhhh) li joħorġu deċiżjonijiet vinkolanti konġunti fuq iċ-ċentri operazzjonali reġjonali.

🡻 2009/72/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 63 ~~39~~

Konformità mal-⇨ kodiċijiet tan-netwerk u ⇦l-linjigwida

1. Kwalunkwe awtorità regolatorja u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-Aġenzija dwar il-konformità ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja mal-⇨ kodiċijiet tan-netwerk u l- ⇦linjigwida msemmija f'din id-Direttiva jew fi⌦ l-Kapitolu VII tar- ⌫[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] ~~r-Regolament (KE) Nru 714/2009.~~

2. L-Aġenzija għandha tagħti l-opinjoni tagħha lill-awtorità regolatorja li tkun talbitha jew lill-Kummissjoni, rispettivament, u lill-awtorità regolatorja li tkun ħadet id-deċiżjoni kkonċernata fi żmien tliet xhur mid-data ta' riċeviment tat-talba.

3. Fejn l-awtorità regolatorja li tkun ħadet deċiżjoni ma tikkonformax mal-opinjoni tal-Aġenzija fi żmien erba' xhur mid-data ta' riċezzjoni tal-opinjoni, l-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan.

4. Kwalunkwe awtorità regolatorja tista' tinforma lill-Kummissjoni fejn tqis li deċiżjoni relevanti għall-kummerċ transkonfinali meħuda minn awtorità regolatorja oħra ma tikkonformax mal-⇨ kodiċijiet tan-netwerk u l- ⇦linjigwida msemmija f'din id-Direttiva jew fi⌦ l-Kapitolu VII tar- ⌫[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost mill-COM(2016)861/2] ~~r-Regolament (KE) Nru 714/2009~~ fi żmien xahrejn mid-data ta' dik id-deċiżjoni.

5. Fejn l-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet infurmata mill-Aġenzija taħt il-Paragrafu 3 jew minn awtorità regolatorja taħt il-Paragrafu 4, u fuq l-inizjattiva tagħha stess fi żmien tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni, issib li d-deċizjoni ta' awtorità regolatorja tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mal-⇨ kodiċijiet tan-netwerk u l- ⇦linjigwida msemmija f'din id-Direttiva jew fi⌦ l-Kapitolu VII tar- ⌫[riformulazzjoni tar-Regolament 714/2009 kif propost minn COM(2016)861/2] ~~r-Regolament (KE) Nru 714/2009.~~, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li teżamina l-każ b'mod ulterjuri. F'każ bħal dan, għandha tistieden lill-awtorità regolatorja u lill-parteċipanti fil-proċedimenti quddiem l-awtorità regolatorja biex iressqu l-osservazzjonijiet.

6. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li teżamina l-każ aktar, hija għandha, fi żmien mhux aktar minn erba' xhur mid-data tat-tali deċiżjoni, toħroġ deċiżjoni finali:

(iiiiiiii) li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja; jew

(jjjjjjjj) li tesiġi li l-awtorità regolatorja kkonċernata tirtira d-deċiżjoni tagħha jekk tqis minħabba li ma kienx hemm konformità mal-⇨ kodiċijiet tan-netwerk u mal- ⇦ l~~L~~injigwida.

7. Fejn l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni biex teżamina l-każ aktar deċiżjoni finali fil-limitu ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 rispettivament, għandu jitqies li ma qajmitx oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja.

8. L-awtorità regolatorja għandha tkkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira d-deċiżjoni tagħha f'perjodu ta' xahrejn u għandha tinforma lill-Kummissjoni kif meħtieġ.

9. Il-Kummissjoni ~~tista'~~ ⌦ għandha s-setgħa ⌫ tadotta ⇨ atti delegati skont l-Artikolu 67 biex jitfasslu ⇦ l~~L~~injigwida li jistabbilixxu id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ~~Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 46(2).~~

Artikolu 64 ~~40~~

Żamma ta' records

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriżi jżommu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali inklużi l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-awtoritajiet

nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni, għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, għal mill-anqas ħames snin, id-dejta relevanti fir-rigward tat-tranżazzjonijiet kollha fil-kuntratti tal-provvista tal-elettriku u d-derivattivi elettriċi ma' klijenti bl-ingrossa u operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni.

2. Id-dejta għandha tinkludi dettalji dwar karatteristiċi finanzjarji, bħal tul ta' żmien, regoli dwar il-forniment u l-għeluq tat-tranżazzjonijiet relevanti, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni u l-prezzijiet tat-tranżazzjoni, u l-mezzi għall-identifikazzjoni tal-klijent bl-ingrossa kkonċernat, kif ukoll dettalji speċifiċi dwar il-pożizzjonijiet kollha miftuħin fil-kuntratti tal-provvista tal-elettriku u tad-derivattivi tal-elettriku.

3. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli lill-parteċipanti fis-suq l-elementi ta' din l-informazzjoni, sakemm ma tiġix rilaxxata xi informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva dwar atturi individwali fis-suq jew dwar tranżazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

~~4. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta Linji gwida li jiddefinixxu l-metodu u l-arranġamenti għaż-żamma tar-reġistri kif ukoll il-forma u l-kontenut tad-dejta li għandha tinżamm. Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissuplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 46(2).~~

~~5.~~ ~~Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fid-derivattivi tal-elettriku ta' impriżi ta' provvista bi klijenti bl-ingrossa u operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni, dan l-Artikolu għandu japplika biss ġaladarba l-Kummissjoni tkun adottat il-linjigwida msemmija fil-Paragrafu 4.~~ 4. ~~6.~~ Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx joħolqu obbligi addizzjonali vis-à-vis l-awtoritajiet imsemmija fil-Paragrafu 1 għall-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE.

5. ~~7.~~ Fil-każ li l-awtoritajiet imsemmija fil-Paragrafu 1 jeħtieġu aċċess għad-dejta miżmuma mill-entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2004/39/KE, l-awtoritajiet responsabbli taħt dik id-Direttiva għandhom jipprovdu dawk l-awtoritajiet bid-dejta meħtieġa.

⬇ 2009/72/KE

~~KAPITOLU X~~

~~SWIEQ TA’ BEJGĦ BL-IMNUT~~

⬇ 2009/72/KE

~~Artikolu 41~~

~~Swieq tal-bejgħ bl-imnut~~

~~Sabiex tiġi ffaċilitata l-emerġenza ta’ swieq ta’ bejgħ bl-imnut li jkunu trasparenti u li jaħdmu tajjeb fil-Komunità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ta’ sistema tat-trażmissjoni, l-operaturi ta’ sistema ta’ distribuzzjoni, l-impriżi ta’ forniment u l-klijenti u jekk meħtieġ parteċipanti oħra tas-suq ikunu definiti fir-rigward ta’ arranġamenti kuntrattwali, ta’ impenji assunti lejn il-konsumaturi, ta’ skambju ta’ dejta u regoli ta’ riżoluzzjoni, ta’ drittijiet ta’ proprjetà fuq dejta u ta’ responsabbiltà għall-metraġġ.~~

~~Dawk ir-regoli għandhom isiru pubbliċi, għandhom jitfasslu bl-għan li jiffaċilitaw l-aċċess tal-konsumaturi u l-fornituri għan-netwerks u għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji jew awtoritajiet nazzjonali relevanti oħrajn.~~

~~Klijenti kbar mhux domestiċi għandu jkollhom id-dritt li jkollhom kuntratti ma’ diversi fornituri fl-istess żmien.~~

⬇ 2009/72/KE

KAPITOLU VIII~~XII~~

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

⬇ 2009/72/KE (adattat)

~~Artikolu 42~~

~~Miżuri ta’ salvagwardja~~

~~Fil-każ li jkun hemm kriżi f’daqqa waħda fis-suq tal-enerġija u fejn is-sigurtà fiżika jew is-sigurtà tal-persuni, tat-tagħmir jew tal-installazzjonijiet jew inkella tal-integrità tas-sistema tkun mhedda, Stat Membru jista’ jieħu temporanjament miżuri meħtieġa ta’ salvagwardja.~~

~~Tali l-miżuri għandhom jikkawżaw l-anqas disturb possibbli lill-funzjonament tas-suq intern u m’għandhomx ikunu usa’ fil-kamp tal-applikazzjoni tagħhom milli hu strettament meħtieġ biex jiġu rimedjati d-diffikultajiet li jkunu nħolqu f’daqqa.~~

L-Istat Membru konċernat għandu mingħajr dewmien jinnotifika dawn il-miżuri lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, li tista' tiddeċiedi li l-Istat Membru in kwistjoni għandu jemenda jew iħassar dawn il-miżuri, sa fejn għandhom effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwaw b'mod avvers il-Kummerċ f'tali mod li ma jaqbilx mal-interess komuni.

Artikolu 6543

Kondizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni

1. Il-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu taħt din id-Direttiva sabiex jiżguraw kondizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni għandhom ikunu kompatibbli mat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 36 ⌫ 30 tiegħu, u l-liġi tal-Komunità ⌦ Unjoni ⌫.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti. Dawn il-miżuri jista' jibda jkollhom effett biss wara n-notifika lil u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha taġixxi fir-rigward tan-notifika msemmija fil-Paragrafu 2 fi żmien xahrejn minn meta tasal in-notifika. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada li tasal l-informazzjoni kollha. Jekk il-Kummissjoni ma taġixxix fi żmien dan il-perjodu ta' xahrejn, il-Kummissjoni għandha titqies li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għall-miżuri notifikati.

Artikolu 66 44

Derogi

1. L-Istati Membri li, wara li d-Direttiva tkun iddaħlet fis-seħħ, jistgħu juru li hemm problemi sostanzjali għall-operazzjoni tas-sistemi iżolati żgħar tagħhom, jistgħu japplikaw lill-Kummissjoni għal deroga mid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitoli IV, V, u VI kif ukoll l-artikoli 4, 6, 7 u 8IV, VI, VII u VIII, kif ukoll il-Kapitolu III, fil-każ ta' sistemi iżolati mikro, sa fejn huma kkonċernati t-tiġdid, il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti, li tista' tingħatalhom mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar dawk l-applikazzjonijiet qabel ma tittieħed xi deċiżjoni, waqt li jkun kunsidrat ir-rispett lejn il-kunfidenzjalità. Dik id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. L-Artikolu 439 ma għandux japplika għal Ċipru, għal-Lussemburgu u/jew għal Malta. Barra minn hekk l-Artikoli 6 u 35 26, 32 u 33 ma għandhomx japplikaw għal Malta.

   Għall-finijiet tal-Artikolu 43 9(1)(b), in-nozzjoni "impriża li taqdi kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew ta' provvista" ma għandhiex tinkludi l-klijenti finali li jaqdu xi waħda mill-funzjonijiet tal-ġenerazzjoni u/jew tal-provvista tal-elettriku, kemm direttament kif ukoll permezz ta' impriżi li għandhom kontroll fuqhom, kemm individwalment jew b'mod konġunt, sakemm il-klijenti finali inkluż l-ishma tagħhom tal-elettriku prodott f'impriżi kontrollati huma, fuq medja annwali, konsumaturi netti tal-elettriku u sakemm il-valur ekonomiku tal-elettriku li jbigħu lil partijiet terzi huwa insinifikanti proporzjonalment għall-operazzjonijiet kummerċjali l-oħra tagħhom.

Artikolu 45
Proċedura ta' reviżjoni

Fil-każ li fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 47(6) Il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li, minħabba l-mod effettiv li bih l-aċċess għan-network ikun sar fi Stat Membru — li jwassal għal aċċess kompletament effettiv, non-diskriminatorju u mingħajr xkiel għan-network — ċerti obbligi imposti minn din id-Direttiva fuq l-impriżi (inklużi dawk rigward is-separazzjoni legali għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni) mhumiex proporzjonati mal-objettiv mixtieq, l-Istat Membru in kwistjoni jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għal eżenzjoni mir-rekwiżit in kwistjoni.

Din it-talba għandha tiġi nnotifikata, mingħajr dewmien, mill-Istat Membru lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni relevanti kollha meħtieġa biex jintwera li l-konklużjoni milħuqa fir-rapport dwar l-aċċess effettiv għan-networks milħuq ser jinżamm.

Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi notifika, il-Kummissjoni għandha tadotta opinjoni rigward it-talba mill-Istat Membru in kwistjoni, u fejn ikun il-każ, tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jemendaw id-dispożizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni tista' tipproponi, fil-proposti biex tkun emendata din id-Direttiva, li teżenta lill-Istat Membru kkonċernat minn rekwiżiti speċifiċi, suġġett għal li dak l-Istat Membru jimplimenta miżuri ugwalment effettivi skont il-każ.

Artikolu 46
Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 47
Rappurtar

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tirrivedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tressaq rapport ta' progress ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-ewwel darba fl-4 ta' Awwissu 2004, u wara dan, fuq bażi annwali. Ir-rapport ta' progress għandu jkopri għall-anqas:

(kkkkkkkkk) l-esperjenza miksuba u l-progress li jkun sar fil-ħolqien ta' suq intern komplut u kompletament operattiv fil-qasam tal-elettriku u l-ostakli li jibqgħu jeżistu f'dan ir-rigward, inklużi aspetti ta' dominanza tas-suq, konċentrazzjoni fis-suq, kondotta predatorja jew li tmur kontra l-kompetizzjoni u l-effett ta' dan f'termini ta' distorsjoni tas-suq;

(lllllllll) il-punt sa liema r-rekwiżiti ta' separazzjoni u tariffikazzjoni li jinsabu f'din id-Direttiva kellhom suċċess biex jiżguraw aċċess ġust u non-diskriminatorju għas-sistema tal-elettriku tal-Komunità u livelli ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kif ukoll il-konsegwenzi ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-klijenti;

(mmmmmmmmm) eżami tal-kwistjonijiet relatati mal-livelli tal-kapaċità tas-sistema u mas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-Komunità, u b'mod partikolari l-bilanċ eżistenti u ppjanat bejn id-domanda u l-provvista, b'kont meħud tal-kapaċità fiżika għall-iskambji bejn iż-żoni;

(nnnnnnnnn) għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-miżuri meħuda fl-Istati Membri biex dawn ikopru d-domanda għolja u biex ilaħħqu man-nuqqasijiet ta' fornitur wieħed jew aktar;

(ooooooooo) l-implimentazzjoni tad-deroga provduta fl-Artikolu 26(4) bil-ħsieb ta' reviżjoni possibbli tal-limitu massimu;

(ppppppppp) valutazzjoni ġenerali tal-progress miksub fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi terzi li jipproduċu u jesportaw jew jitrasportaw l-elettriku, inkluż il-progress fl-integrazzjoni tas-suq, il-konsegwenzi soċjali u ambjentali tal-kummerċ fl-elettriku u l-aċċess għan-networks ta' tali pajjiżi terzi;

(qqqqqqqqq) il-ħtieġa għall-possibbiltà ta' rekwiżiti ta' armonizzazzjoni li ma jkunux marbuta mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva; u

(rrrrrrrrr) il-mod li fih l-Istati Membri jkunu implimentaw fil-prattika r-rekwiżiti fir-rigward tal-ittikkettjar tal-enerġija li jinsabu fl-Artikolu 3(9), u l-mod li bih kwalunkwe Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni tkun ġiet kunsidrata.

Fejn ikun adatt, ir-rapport ta' progress għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet b'mod partikolari rigward l-ambitu u l-modalitajiet tad-dispożizzjonijiet tal-ittikkettjar inkluż l-mod kif issir referenza għas-sorsi ta' referenza eżistenti u l-kontenut ta' dawk is-sorsi, u speċjalment dwar kif l-informazzjoni dwarl-impatt ambjentali għall-anqas dwar l-emissjonijiet ta' CO_2 u l-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi differenti ta' enerġija tista' ssir disponibbli b'mod trasparenti, faċilment aċċessibbli u kumparabbli fil-Komunità kollha, kif il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex dawn jikkontrollaw il-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-fornituri jkunu jistgħu jiġusemplifikati, u liema miżuri jistgħu jintużaw biex jiġu miġġielda l-effetti negattivi li jġibu magħhom id-dominanza u l-konċentrazzjoni fis-suq.

2. Kull sentejn, ir-rapport ta' progress imsemmi fil-Paragrafu 1 għandu jkopri analiżi tal-miżuri differenti meħuda fl-Istati Membri biex jilħqu l-obbligi tas-servizz pubbliku, flimkien mal-eżami tal-effettività ta' dawk il-miżuri u, b'mod partikolari, l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku. Fejn ikun il-każ, dan ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali biex jinkisbu standards għoljin ta' servizz pubbliku, jew miżuri maħsuba biex jiġi pprevenut il-foreclosure tas-suq.

3. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mit-3 ta' Marzu 2013, tippreżenta, bħala parti mir-reviżjoni ġenerali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport speċifiku dettaljat li jiddeskrivi sa fejn ir-rekwiżiti ta' separazzjoni taħt il-Kapitolu V kienu ta' suċċess fl-iżgurar ta' indipendenza sħiħa u effettiva ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, bl-użu ta' separazzjoni effettiva u effiċjenti bħala punt ta' referenza.

4. Għall-fini tal-valutazzjoni tagħha taħt il-Paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tieħu kont b'mod partikolari tal-kriterji li ġejjin: aċċess ġust u mhux diskriminatorju għan-network, regolamentazzjoni effettiva, l-iżvilupp tan-network li tissoddisfa r-rekwiżiti tas-suq, inċentivi mhux imxekkla għall-investiment, l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-interkonnessjoni, kompetizzjoni effettiva fis-swieq tal-enerġija tal-Komunità u s-sigurtà tas-sitwazzjoni ta' provvista fil-Komunità.

5. Fejn ikun il-każ, u partikolarment fil-każ li r-rapport dettaljat imsemmi fil-Paragrafu 3 jiddetermina li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-Paragrafu 4 ma ġewx garantiti fil-prattika, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti lill-Parlament

~~Ewropew u lill-Kunsill biex tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa u effettiva ta' operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni sat-3 ta' Marzi 2014.~~

~~6. Il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Jannar 2006, tgħaddi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport dettaljat li jispjega l-progress fil-ħolqien tas-suq intern fl-elettriku. B'mod partikolari dan ir-rapport għandu jqis:~~

- ~~l-eżistenza ta' aċċess non-diskriminatorju għan-network;~~
- ~~regolamentazzjoni effettiva;~~
- ~~l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' interkonnessjoni u s-sigurtà tas-sitwazzjoni tal-provvista fil-Komunità;~~
- ~~il-punt sa fejn il-benefiċċji sħaħ tal-ftuħ tas-swieq ikunu qed jiżdiedu għall-impriżi ż-żgħar uklijenti domestiċi, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu standards ta' servizz pubbliku u servizz universali;~~
- ~~il-punt sa fejn is-swieq huma fil-prattika miftuħa għal kompetizzjoni effettiva, inklużi aspetti ta' dominanza tas-suq, ta' konċentrazzjoni fis-suq u aġir predatorju jew li jmur kontra l-kompetizzjoni;~~
- ~~il-punt sa fejn il-klijenti attwalment ibiddlu minn fornitur għall-ieħor u jinnegozjaw mill-ġdid it-tariffi;~~
- ~~żviluppi fil-prezzijiet, inklużi prezzijiet tal-provvista, fir-rigward tal-livell tal-ftuħ tas-swieq; u~~
- ~~l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Direttiva sa fejn hija kkonċernata l-indipendenza effettiva ta' operaturi tas-sistema f'impriżi integrati vertikalment u jekk ġewx żviluppati miżuri oħra minbarra l-indipendenza funzjonali u s-separazzjoni tal-kontijiet li għandhom effetti ekwivalenti għal separazzjoni legali.~~

~~Fejn ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'mod partikolari biex jiġu ggarantiti standards għoljin fis-servizz pubbliku.~~

~~Fejn ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'mod partikolari biex tiġi aċċertata l-indipendenza sħiħa u effettiva tal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni qabel l-1 ta' Lulju 2007. Fejn meħtieġ, dawn il-proposti għandhom, konformement mal-liġi tal-kompetizzjoni, jikkonċernaw ukoll miżuri li jindirizzaw kwistjonijiet ta' dominanza fis-suq, konċentrazzjoni fis-suq u aġir predatorju jew anti-kompetittiv.~~

⇩ ġdid

Artikolu 67

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 61 u l-Artikolu 63 tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [OP: please insert the date of entry into force].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 61 u 63 tista' titħassar fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta’ setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 61 u 63 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 68

Il-proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 69

Rappurtar

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tirrevedi l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva u tissottometti rapport ta’ progress ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala anness għar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-[Artikolu 29 tar-Regolament dwar il-Governanza kif propost mill-COM (2016) 549].

➔ 2009/72/KE (adattat)

Artikolu ~~49~~ 70

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ~~ma’ din id-Direttiva sat-3 ta' Marzu 2011~~ ⌦ mal-Artikolu 2, 3, 5, 6(2), 9(2), 10(2), 11 sa 24, 26, 29, 31 sa 34, 36, 38(5), 40 42, 51, 54, 57 sa 59, 61 sa 63 u l-Anness I sa III sa [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ] ⌫ . Għandhom ~~jinfurmaw~~ ⌦ jgħaddu t-test b’dawk id-dispożizzjonijiet ⌫lill-Kummissjoni minnufih~~ dwar dan~~.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn ⌦ [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ, minbarra l-Artikolu 5(3) li għandhom japplikaw mid-[id-data tad-dħul fis-seħħ] ⌫ ~~t-3 ta' Marzu 2011, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 11, li huma għandhom japplikaw mit-3 ta' Marzu 2013~~.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. ⌦ Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li fiha jingħad li referenzi għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttiva fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. ⌫ ~~Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-~~ ⌦ L- ⌫ Istati Membri ⌦ għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza u kif għandha ssir dik id-dikjarazzjoni ⌫.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 71~~48~~

Tħassir

Id-Direttiva ~~2003/54/KE~~ ⌦ 2009/72/KE ⌫ titħassar ⌦ b'effett ⌫ minn ~~3 ta' Marzu 2011~~ ⌦ [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ], ⌫ mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri ~~li jikkonċernaw~~ ⌦ dwar ⌫ ~~l-iskadenzi~~ ⌦ il-limiti taż-żmien ⌫ għat-traspożizzjoni ⌦ fil-liġi nazzjonali ⌫ u ⌦ d-dati tal- ⌫ applikazzjoni tad-~~imsemmija~~ Direttiva ⌦ stipulati fl-Anness IV ⌫.

Ir-riferenzi magħmula għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw konformement mat-tabella tal-korrelazzjoni ⌦ stipulata ⌫fl-Anness ~~II~~ ⌦ V ⌫.

↓ 2009/72/KE (adattat)

Artikolu 72~~50~~

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara ⌦ dak tal- ⌫pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

↓ 2009/72/KE

Artikolu ~~31~~ 73

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*